"Għas-sena tal-kummerċ 2008/2009, il-Kummissjoni tista' testendi l-iskadenza ta' l-applikazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għal massimu ta' 20 jum ta' xogħol, jekk sal-31 ta' Diċembru 2007 jkun hemm indikazzjonijiet affidabbli li l-għan ta' rinunzja tal-kwota bi 3.8 miljun tunnellata skond l-iskema temporanja għar-ristrutturazzjoni ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità kważi se jintlaħaq fis-sena tal-kummerċ 2008/2009. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-estensjoni permezz ta' komunikazzjoni ppubblikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea qabel l-1 ta' Jannar 2008."

Għas-sena tal-kummerċ 2008/2009, il-Kummissjoni tista' testendi l-iskadenza ta' l-applikazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, jekk **fil-31 ta' Jannar 2008** jkun hemm indikazzjonijiet affidabbli li l-għan ta' rinunzja tal-kwota bi 3.8 miljun tunnellata skond l-iskema temporanja għar-ristrutturazzjoni ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità **ma jkunx** intlaħaq fis-sena tal-kummerċ 2008/2009. **Għal dan il-għan, ladarba l-Kummissjoni tkun iffissat għal kull Stat Membru l-perċentwali ta' rinunzja preventiva għas-sena tal-kummerċ 2008/2009, l-intrapriżi jkollhom skadenza tat-30 ta' April 2008 sabiex iressqu applikazzjoni għal rinunzja ta' kwoti supplimentari kif ukoll sabiex jadattaw il-pjan soċjali imwaqqaf għall-impjegati.**

Emenda 16

ARTIKOLU 1, PUNT 2, SUBPARAGRAFU 2A (ġdid)

Artikolu 4, subparagrafu 2 b a) (ġdid) (Regolament (KE) Nru 320/2006)

Fl-Artikolu 4(2), għandu jiddaħħal il-punt li ġej:

"ba) il-konferma li l-produtturi milquta mill-pjan ta' ristrutturazzjoni minħabba r-rinunzja u/jew it-tnaqqis tad-drittijiet tagħhom ta' forniment tal-pitravi huma infurmati mill-pjan ta' ristrutturazzjoni;"

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 17

ARTIKOLU 1, PUNT 3

Artikolu 4a, paragrafu 1 (Regolament (KE) nru 320/2006)

1. Għas-sena tal-kummerċ 2008/2009, kull produttur tal-pitravi jew tal-kannamieli li hemm il-ħsieb li jiġu pproċessati fil-kwota taz-zokkor, jista' jissottometti lill-Istat Membru kkonċernat, applikazzjoni diretta għall-ghajjnuna prevista fl-Artikolu 3(6), akkumpanjata minn impenn li jwaqqaf il-konsenja ta' pitravi jew kannamieli lill-intrapriża li magħha huwa kkonkluda kuntratt ta' konsenja fis-sena tal-kummerċ preċedenti.

1. Għas-sena tal-kummerċ 2008/2009, kull produttur tal-pitravi jew tal-kannamieli li hemm il-ħsieb li jiġu pproċessati fil-kwota taz-zokkor, jista' jissottometti lill-Istat Membru kkonċernat, applikazzjoni diretta għall-ghajjnuna prevista fl-Artikolu 3(6), akkumpanjata minn impenn li jwaqqaf il-konsenja ta' pitravi jew kannamieli lill-intrapriża li magħha huwa kkonkluda kuntratt ta' konsenja fis-sena tal-kummerċ preċedenti.

Emenda 18

ARTIKOLU 1, PUNT 3

Artikolu 4a, paragrafu 3 (Regolament (KE) nru 320/2006)

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi lista ta' applikazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 fl-ordni kronoloġika ta' kif tressqu u għandhom jikkomunikaw din il-lista lill-applikanti u lill-intrapriżi kkonċernati fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data ta' skadenza għas-sottomissjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jistabbilixxi lista ta' applikazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 fl-ordni kronoloġika ta' kif tressqu u għandhom jikkomunikaw **informazzjoni rigward il-kwantitajiet totali li għalihom jagħmlu referenza l-applikazzjonijiet introdotti għall-ghajjnuna** lill-applikanti u lill-intrapriżi kkonċernati fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data ta' skadenza għat-tressiq kif imsemmija fil-paragrafu 2.

Emenda 19

ARTIKOLU 1, PUNT 3

Artikolu 4a, paragrafu 3a (ġdid) (Regolament (KE) nru 320/2006)

3a. B'deroga għall-paragrafu 3, l-Istat Membru kkonċernat jista' jiddeċiedi fuq inizjattiva tiegħu stess li jeżamina l-ewwelnett l-applikazzjonijiet tal-produtturi li għandhom id-dritt ta' forniment ta' kwantità ta' zokkor tal-pitravi ta' inqas minn 250 tunnellata.

Emenda 20

ARTIKOLU 1, PUNT 3

Artikolu 4a, paragrafu 4, subparagrafu 2 (Regolament (KE) nru 320/2006)

Fil-każ fejn il-limitu ta' 10 % jintlaħaq, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirrifjuta totalment jew parzjalment l-applikazzjonijiet li jkun għad baqa'.

Fil-każ fejn l-applikazzjoni ta' produttur tkun se taqbeż il-limitu ta' 10 %, l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jew jirrifjuta dik l-applikazzjoni, jew jaċċettaha għal tunnaellaġġ li ma jaqbiżx il-limitu ta' 10 %.

Emenda 21

ARTIKOLU 1, PUNT 3

Artikolu 4a, paragrafu 5, punti a) u b) (Regolament (KE) nru 320/2006)

(a) għall-produtturi, 10 % ta' l-ammont ta' l-ghajjnuna rilevanti stabbilit fl-Artikolu 3(5)(c) u, **għas-sena tal-kummerċ 2008/2009**, il-pagament addizzjonali msemmi fl-Artikolu 3(7);

(a) għall-produtturi **u l-kuntratturi**, 10 % ta' l-ammont ta' l-ghajjnuna rilevanti stabbilit fl-Artikolu 3(5)(c) u, **għall-produtturi**, għas-sena tal-kummerċ, il-pagament addizzjonali msemmi fl-Artikolu 3(7);

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

(b) għall-intrapriżi, l-ammont ta' għajjnuna rilevanti stabbilit fl-Artikolu 3(5)(c), imnaqqas b'10 % jew b'60 % jekk l-intrapriża kkonċernata ma tirrispettax ir-rekwiżit stipulat fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

(b) għall-intrapriżi, l-ammont ta' għajjnuna rilevanti stabbilit fl-Artikolu 3(5)(c), imnaqqas b'10 % jew b'60 % jekk l-intrapriża kkonċernata ma tirrispettax ir-rekwiżit stipulat fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

Emenda 22

ARTIKOLU 1, PUNT 3

Artikolu 4a, paragrafu 6 (Regolament (KE) nru 320/2006)

6. Il-paragrafi 1 sa 5 m'għandhomx japplikaw fil-każ fejn l-intrapriża tissottometti applikazzjoni għall-għajnuna għar-ristrutturazzjoni skond l-Artikolu 4 li biha tirrinunzja għal kwota li tikkorrispondi ta' l-inqas għall-ammont tal-kwoti li kieku kien jitnaqqas bħala riżultat ta' l-aċċettazzjoni min-naħa ta' l-Istat Membru ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna tal-produtturi.

6. Il-paragrafi 1 sa 5 m'għandhomx japplikaw fil-każ fejn l-intrapriża tissottometti applikazzjoni għall-għajnuna għar-ristrutturazzjoni skond l-Artikolu 4 li biha tirrinunzja għal kwota li tikkorrispondi ta' l-inqas għall-ammont tal-kwoti li kieku kien jitnaqqas bħala riżultat ta' l-aċċettazzjoni min-naħa ta' l-Istat Membru ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna tal-produtturi, **ħlief jekk ikun hemm dispożizzjonijiet kuntrarji fil-qafas tal-Ftehim interprofessionali. F'dan il-każ, il-ftehim interprofessionali għandu jkun fiha parti speċifika li tirregola l-arranġamenti reċiproċi konklużi bejn l-intrapriża u l-produtturi tagħha għal dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjoni dwar liema produtturi għandhom iwaqqfu l-produzzjoni taz-zokkor tal-pitravi jew tal-kannamiela."**

Emenda 23

ARTIKOLU 1, PUNT 3

Artikolu 5, paragrafu 1, subparagrafu 1a (Regolament (KE) nru 320/2006)

"Meta l-Kummissjoni testendi l-iskadenza msemmija fl-Artikolu 4(1), kif previst fit-tielet subparagrafu ta' dak l-Artikolu, l-iskadenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu tiġi estiża awtomatikament bl-istess tul ta' żmien."

"Meta l-Kummissjoni testendi **b'massimu ta' għoxrin jum ta' xogħol l-iskadenza għat-tressiq tat-talba għas-sena kummerċjali 2008/2009** msemmija fl-Artikolu 4(1), it-tielet subparagrafu, l-iskadenza **mogħtija lill-Istati Membri sabiex jiddeċiedu dwar l-użu ta' l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni, bi qbil ma' l-Artikolu 5, paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu,** tiġi estiża awtomatikament bl-istess tul ta' żmien."

Emenda 24

ARTIKOLU 1, PUNT 4A (ġdid)

Artikolu 6, paragrafu 2 (Regolament (KE) nru 320/2006)

(4a) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

2. L-ammont totali ta' għajjnuna disponibbli għal Stat Membru jiġi stabbilit kif ġej:

- EUR 109,50 għal kull tunnellata tal-kwota għaz-zokkor rinunzjata għas-sena tal-kummerċ 2006-2007;
- EUR 109,50 għal kull tunnellata tal-kwota għaz-zokkor rinunzjata għas-sena tal-kummerċ 2007-2008;
- EUR 109,50 għal kull tunnellata tal-kwota għaz-zokkor rinunzjata għas-sena tal-kummerċ 2008-2009;
- EUR 109,50 għal kull tunnellata tal-kwota għaz-zokkor rinunzjata għas-sena tal-kummerċ 2009-2010;

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 25

ARTIKOLU 1, PUNT 5

Artikolu 11, paragrafu 6, subparagrafu 1 (Regolament (KE) nru 320/2006)

Fis-sena tal-kummerċ 2008/2009, l-intrapriżi li kienu soġġetti għall-applikazzjoni tal-perċentwal ta' l-irtirar stipulat fis-16 ta' Marzu 2007 bl-Artikolu 1(1) jew l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 290/2007* u jirrinunzjaw perċentwal tal-kwota tagħhom li jkun ta' l-inqas daqs dan il-perċentwal ta' l-irtirar, għandhom ikunu eżentati minn parti mill-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni li għandu jitħallas għas-sena tal-kummerċ 2007/2008.

Fis-sena tal-kummerċ 2008/2009, l-intrapriżi li kienu soġġetti għall-applikazzjoni tal-perċentwal ta' l-irtirar stipulat fis-16 ta' Marzu 2007 bl-Artikolu 1(1) jew l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 290/2007* u jirrinunzjaw perċentwal tal-kwota tagħhom li jkun ta' l-inqas daqs dan il-perċentwal ta' l-irtirar, għandhom ikunu eżentati minn parti mill-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni li għandu jitħallas għas-sena tal-kummerċ 2007/2008. **Hekk ukoll, fis-sena tal-kummerċ 2008/2009, l-intrapriżi li jkunu soġġetti għall-applikazzjoni tal-perċentwali ta' l-irtirar stipulat mill-Kummissjoni f'Marzu ta' l-2008 u li, permezz tal-bidla fl-applikazzjoni tagħhom għal rinunzja tal-kwota tagħhom, jirrinunzjaw għal tunnel-laġġ supplimentari tal-kwota tagħhom, għandhom ikunu eżentati minn parti mill-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni li għandu jitħallas għas-sena tal-kummerċ 2008/2009.**

Emenda 30

ARTIKOLU 1, PUNT 5

Artikolu 11, paragrafu 6, subparagrafu 2 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 320/2006)

Fis-sena kummerċjali 2008/2009, l-intrapriżi li jirrinunzjaw għal persentaġġ tal-kwota tagħhom li tkun akbar mill-persentaġġ ta' revoka stipulat fis-16 ta' Marzu 2007 bl-Artikolu 1 (1) jew l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 290/2007, għandhom ikunu eżentati mit-taxxa ta' ristrutturazzjoni li għandha titħallas għas-sena kummerċjali 2007/2008 fi proporzjon mal-kwantitajiet supplimentari rinunzjati.

P6_TA(2007)0405

Organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-qasam taz-zokkor *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Settembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 318/2006 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-qasam taz-zokkor (COM(2007)0227 — C6-0177/2007 — 2007/0086(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0227),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0177/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġit (A6-0310/2007),

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 1**ARTIKOLU 1, PUNT 2**

Artikolu 10, paragrafu 2, subparagrafu 2 (Regolament (KE) Nru 318/2006)

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għall-Istati Membri li tnaqqsi-tilhom il-kwota nazzjonali bħala riżultat tar-rinunzji tal-kwota skond l-Artikoli 3 u 4(a)4 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006, il-perċentwal applikabbli għandu jkun stabbilit skond il-kriterji stipulati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. Stati Membri bħal dawn għandhom jaġġustaw, għal kull intrapriża fit-territorju tagħhom li għandha kwota, il-perċentwal derivat mill-applikazzjoni ta' l-Anness VIII fi proporzjon mar-rinunzja individwali tal-kwoti fi ħdan l-iskema tar-ristrutturar għall-intrapriża kkonċernata, b'tali mod li t-tnaqqis totali tal-kwoti fl-Istat Membru li jirriżulta mill-perċentwal imsemmi fit-tieni subparagrafu ma jinbidilx.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għal Istati Membri li tnaqqsi-tilhom il-kwota nazzjonali b'inqas **minn 13.5 %, minħabba r-rinunzja tal-kwota, se jiġi applikat tnaqqis tal-kwota li jibqa' sabiex din tilħaq 86.5 % tal-kwota alllokata fil-bidu tas-sena kummerċjali 2006/2007. Kull tnaqqis ieħor tal-kwoti għandu jsir skond** il-kriterji stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament, **b'kunsiderazzjoni għar-rinunzji tal-kwoti mill-2008/2009.**

Emenda 2**ARTIKOLU 1, PUNT 3b), SUBPARAGRAFU -1 (ġdid)**

Artikolu 11, paragrafu 1, inċiż 2 (Regolament (KE) Nru 318/2006)

F'paragrafu 1, it-tieni inċiż għandu jinbidel bit-test li ġej:

— **sa 10 % għas-sena kummerċjali 2008/2009 u s-snin ta' wara, filwaqt li tkuni rrispettati l-libertà ta' l-intrapriżi li jipparteċipaw f'mekkaniżmi stabbiliti mir-Regolament (KE) nru 320/2006;**

Emenda 3**ARTIKOLU 1, PUNT 5**

Artikolu 19, paragrafu 1, subparagrafu 1 a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 318/2006)

F'każ bħal dan, il-bżonnijiet ta' forniment tradizzjonali tas-settur tar-raffinar taz-zokkor mhux raffinat importat skond l-Artikolu 29, paragrafu 1, tar-Regolament preżenti, tbaxxew bl-istess persentaġġ għas-sena kummerċjali kkonċernata.

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 4

ARTIKOLU 1, PUNT 6

Artikolu 19 a paragrafu 1, subparagrafu 1 (Regolament (KE) nru 318/2006)

1. B'deroga mill-Artikolu 19(2), u skond il-proċedura msem-mija fl-Artikolu 39(2), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffissa l-koeffiċjent imsemmi fl-Artikolu 19(2), għas-snin tal-kummerċ 2007/2008, 2008/2009 u 2009/2010 sa mhux iktar tard mis-16 ta' Marzu tas-sena tal-kummerċ preċedenti filwaqt li tqis ir-riżultat tat-tnaqqis tal-kwota nazzjonali taz-zokkor f'kull Stat Membru kif stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament meta mqabbel mal-verżjoni ta' l-Anness III applikabbli fil-1 ta' Lulju 2006. Għal dawk l-Istati Membri li ma kinux membri tal-Komunità fl-1 ta' Lulju 2006, il-paragun għandu jqis il-verżjoni ta' l-Anness III applikabbli fid-data ta' l-ażerżjoni tagħhom fil-Komunità.

1. B'deroga mill-Artikolu 19(2), u skond il-proċedura msem-mija fl-Artikolu 39(2), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffissa l-koeffiċjent imsemmi fl-Artikolu 19(2):

- għas-**sena** kummerċjali 2007/2008, sa mhux iktar tard mis-16 ta' Marzu tas-sena tal-kummerċ preċedenti,
- **għas-sena kummerċjali 2008/2009, mhux aktar tard mill-4 ta' Frar 2008, u**
- **għas-sena kummerċjali 2009/2010 u sas-sena kummerċjali 2014/2015 mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu tas-sena kummerċjali preċedenti**, filwaqt li tqis ir-riżultat tat-tnaqqis tal-kwota nazzjonali taz-zokkor f'kull Stat Membru kif stipulat fl-Anness III ta' dan ir-Regolament meta mqabbel mal-verżjoni ta' l-Anness III applikabbli fil-1 ta' Lulju 2006. Għal dawk l-Istati Membri li ma kinux membri tal-Komunità fl-1 ta' Lulju 2006, il-paragun għandu jqis il-verżjoni ta' l-Anness III applikabbli fid-data ta' l-ażerżjoni tagħhom fil-Komunità.

Emenda 5

ARTIKOLU 1, PUNT 6

Artikolu 19 a paragrafu 1 subparagrafu 2 a (għdid) (Regolament (KE) nru 318/2006)

Għal raġunijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-persentaġġ tar-rinunzja awtorizzat għas-sena kummerċjali 2009/2010 għandu jitnaqqas bil-persentaġġ korrispondenti għal dawk l-Istati Membri li jiddeċiedu, matul is-sena kummerċjali 2008/2009, li jissospendu b'mod definit il-kwoti tagħhom taz-zokkor bl-istess persentaġġ tat-tnaqqis temporanju kif stabbilit fl-Anness III.

Emenda 6

ANNESS

Anness VIII, paragrafu 2 a (għdid) (regolament (KE) nru 318/2006)

2a. Jekk Stat membru jirrinunzja, matul is-sena kummerċjali 2008/2009, għal persentaġġ tal-kwota li jkun iktar mill-persentaġġ ta' l-irtirar kif stabbilit fis-16 ta' Marzu 2007 fl-Artikolu 1, paragrafu 1, jew fl-Artikolu 1, paragrafu 2, tar-Regolament (KE) nru 290/2007, il-kwota tat-tunnellaġġ korrispondenti għad-differenza bejn il-persentaġġ rinunzjat fl-2008/2009 u l-persentaġġ ta' l-irtirar għandu jitnaqqas b'mod sħiħ mit-tnaqqis finali.

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Fi Stat Membru din id-dispożizzjoni għandha tapplika bl-istess mod għall-benefiċċju ta' intrapriżi li jirrinunċjaw persentaġġ mill-kwota tagħhom li huwa ogħla mill-persentaġġ ta' l-irtirar stabbilit fis-16 ta' Marzu 2007 fl-Artikolu 1, paragrafu 1 jew fl-Artikolu 1, paragrafu 2, tar-Regolament (KE) nru 290/2007 għall-Istat Membru tagħhom.

P6_TA(2007)0406

Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li Tiġġedded fl-Ewropa

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Settembru 2007 dwar Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li Tiġġedded fl-Ewropa (2007/2090 (INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata: Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa (COM(2007)0001),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata: Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li Tiġġedded (COM(2006)0848),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata: Rapport dwar il-progress rigward l-elettriku bl-enerġija li tiġġedded (COM(2006)0849),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata: Rapport dwar il-progress rigward il-bijofjuwils (COM(2006)0845),
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007, dwar l-approvazzjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill Ewropew (2007-2009) — Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ntitolata: Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li Tiġġedded (SEC(2006)1720/2), li jakkumpanja l-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li Tiġġedded,
- wara li kkunsidra l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt (SEC(2006)1719/2), li takkumpanja l-Pjan Direzzjonali għall-Enerġija li Tiġġedded,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ntitolata: Rapport dwar il-progress rigward il-bijofjuwils (SEC(2006)1721/2), li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2006)0845),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar l-istrategġija Ewropea għal enerġija sostenibbli, kompetittiva u sikura — Green paper⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar l-istrategġija għall-bijomassa u l-bijofjuwils⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar l-użu effiċjenti ta' l-enerġija jew li jsir aktar b'inqas — Green Paper⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija fl-Unjoni Ewropea⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Frar 2006 dwar it-tisħin u t-tkessiħ permezz ta' sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Settembru 2005 dwar is-sehem ta' l-enerġija li tiġġedded fl-Unjoni Ewropea u l-proposti għal azzjonijiet konkreti⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fit-tieni qari tat-13 ta' April 2005 bil-għan li tiġi adottata direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0603.

⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0604.

⁽³⁾ ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 273.

⁽⁴⁾ ĠU C 292 E, 1.12.2006, p.112.

⁽⁵⁾ ĠU C 290 E, 29.11.2006, p.115.

⁽⁶⁾ ĠU C 227 E, 21.9.2006, p. 599.

⁽⁷⁾ ĠU C 33 E, 9.2.2006, p.442.

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fit-tieni qari tat-18 ta' Diċembru 2003 bil-għan li tiġi adottata direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-koġenerazzjoni bbażata fuq talba utli fis-suq intern ta' l-enerġija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fit-tieni qari tat-12 ta' Marzu 2003 bil-għan li tiġi adottata direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni ta' l-użu tal-bijofjuwils jew ta' fjuwils oħra li jiġġeddu għat-trasport ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fit-tieni qari ta' l-4 ta' Lulju 2001 bil-għan li tiġi adottata direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni ta' l-elettriku prodott minn sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu fis-suq intern ta' l-elettriku ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali (A6-0287/2007),
- A. billi l-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 adotta mira ġenerali vinkolanti biex l-UE tiġġenera 20 % ta' l-enerġija totali kkonsumata fl-UE minn sorsi li jiġġeddu sa l-2020,
- B. billi dan jirrappreżenta pass kbir 'il quddiem lejn politika Ewropea dwar l-enerġija li tkun sostenibbli u li tgħin biex tiżgura l-provvista ta' l-enerġija kif ukoll enerġija bi prezzijiet aċċessibbli u kompetittivi minn sorsi li jiġġeddu,
- C. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006, dwar l-enerġija sostenibbli, kompetittiva u sigura, il-Parlament Ewropew talab għal miri settorjali vinkolanti ambizzjużi li jimmiraw għal 25 % ta' l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu fis-settur ta' l-enerġija primarja sa l-2020 u ppropona pjan direzzjonali għall-kisba ta' sehem ta' 50 % ta' sorsi li jiġġeddu sa l-2040,
- D. billi s-sorsi li jiġġeddu, fosthom l-enerġija ta' l-ilma (hydropower), storikament kellhom rwol sinifikanti fil-provvista ta' l-elettriku fl-Ewropa,
- E. billi, fil-kuntest tal-limitazzjoni taż-żieda fit-temperaturi medji dinjin għal massimu ta' 2C, l-enerġiji li jiġġeddu, fil-miżuri għall-effiċjenza fl-enerġija u fir-riċerka fl-enerġija, għandha tingħatalhom spinta,
- F. billi d-direttivi biex jippromwovu s-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu fil-qasam ta' l-elettriku rriżultaw fi żviluppi sostenibbli fl-Istati Membri, jew tawhom spinta,
- G. billi d-direttivi eżistenti għall-promozzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu kienu adottati bil-proċedura ta' kodeċizzjoni, spiss fuq il-bażi ta' l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE,
- H. billi l-industriji ta' l-UE fis-settur ta' l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu huma minn ta' quddiem fis-suq globali bis-saħħa ta' l-investiment tagħhom fir-riċerka, u b'hekk jagħtu kontribut importanti għall-ħolqien ta' l-impjiegi u għall-kompetittività ta' l-UE, li huma oġġettivi stabbiliti mill-Istrateġja ta' Liżbona,
- I. billi ma teżisti l-ebda dispożizzjoni legali dwar it-tisħin u t-tkessiħ mis-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu,
- J. billi s-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu huma element importanti f'taħlita sostenibbli ta' l-enerġija, u jikkontribwixxu għal:
- a) inqas dipendenza mill-importazzjoni u diversifikazzjoni tat-taħlita tal-fjuwil,
 - b) inqas CO₂ u emissjonijiet oħra,
 - c) l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi ġodda,
 - d) opportunitajiet ta' impjieg u żvilupp reġjonali,

⁽¹⁾ ĠU C 91 E, 15.4.2004, p.628.⁽²⁾ ĠU C 61 E, 10.3.2004, p. 261.⁽³⁾ ĠU C 65 E, 14.3.2002, p. 113.

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

- K. billi l-iżviluppi fis-swieq tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu jvarjaw ħafna minn Stat Membru għall-ieħor, mhux biss minħabba d-differenzi fil-potenzjal iżda wkoll minħabba kundizzjonijiet ta' qafas politiċi u legali differenti, u f'ċerti każijiet mhux adegwati, kif ukoll f'ħafna każijiet minħabba ostakli amministrattivi żejda għall-implimentazzjoni tal-proġetti,
- L. billi l-kundizzjonijiet ġeoloġiċi, idroloġiċi u klimatiċi jvarjaw ħafna fost l-Istati Membri u billi għalhekk il-potenzjal għall-iżvilupp ta' sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu jvarja ħafna minn Stat Membru għall-ieħor,
- M. billi l-effiċjenza fl-enerġija trid titjeb b'mill-anqas 20 % sa l-2020 u billi dan hu essenzjali biex tintlaħaq b'suċċess il-mira ta' 20 % għas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu,
- N. billi l-promozzjoni tas-suq ta' l-enerġija li tiġġedded tgħin biex jinkisbu l-oġettivi riveduti ta' Liżbona billi żżid l-impjiegi u l-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni ta' l-Istati Membri u ta' l-UE,
- O. billi l-programmi ta' riċerka u teknoloġija ta' l-UE għandhom jintużaw aktar biex ikun inkoraġġit l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jużaw l-enerġija li tiġġedded, kif rifless fil-Programm FP7 u billi, fl-istess waqt, il-vantaġġ teknoloġiku u l-potenzjal ta' l-esportazzjoni eżistenti ta' l-intrapriżi Ewropej għandu jinżamm u jiġi promoss,
- P. billi l-fjuwils tat-trasport huma sors sostanzjali u dejjem jikber ta' emissjonijiet tas-CO₂ kif ukoll huma l-kawża prinċipali tat-tniġġis ta' l-arja fiċ-ċentri urbani,
- Q. billi soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi ta' l-enerġija għandhom jinkisbu permezz ta' l-użu akbar ta' sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, aktar titjib fl-effiċjenza u fl-iffrankar ta' l-enerġija, kif ukoll fl-innovazzjonijiet teknoloġiċi fl-użu ta' sorsi lokali ta' l-enerġija li ma jagħmlux ħsara lill-klima,
- R. billi s-settur tat-tisħin u t-tkessiħ joffri opportunità unika għall-użu mhux biss ta' sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu iżda wkoll tas-sħana żejda li tkun ġeja mill-produzzjoni ta' l-elettriku, mill-industrija u mill-ħruq ta' l-iskart u b'hekk jonqos l-użu tal-fjuwils fossili u jitrażżnu l-emissjonijiet tas-CO₂,
- S. billi huwa indispensabbli kemm li jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' l-Unjoni jkollhom provvista ta' enerġija sikura u ta' kwalità għolja, kif ukoll li jitħares l-ambjent, skond l-obbligi tas-servizz pubbliku u tas-servizz universali,
- T. billi l-implimentazzjoni tal-qafas legali Komunitarju eżistenti għas-settur ta' l-enerġija mhix sodisfaċenti, b'mod partikulari fil-każ tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, u din is-sitwazzjoni ma trawwimx il-fiduċja ta' l-investituri għal żmien fit-tul,
- U. billi l-proċeduri mtawla għall-awtorizzazzjoni tal-proġetti għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija li tiġġedded, tal-linji tat-trażmissjoni u tan-networks ta' distribuzzjoni huma ostakli ewlenin għall-iżvilupp mgħaġġel tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu,
- V. billi n-nuqqas ta' salvagwardji ambjentali u soċjali ċari, speċjalment fil-każ tal-bijofjuwils, jista' jwassal għal effetti negattivi sinifikanti, bħaż-żieda fid-deforestazzjoni tropikali bla ma jkun hemm tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra,
- W. billi l-isforzi biex tiġi affrontata l-bidla fil-klima m'għandhomx jipperikolaw l-isforzi biex jitħarsu l-bijodiversità u l-ekosistemi,
1. Jistieden lill-Kummissjoni biex, sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' l-2007, tressaq proposta għal qafas leġislattiv għall-enerġija li tiġġedded li għandu jkun adottat b'kodeċizzjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE; jenfasizza li l-qafas leġislattiv għandu jżomm il-leġislazzjoni eżistenti fl-oqsma ta' l-enerġija li tiġġedded u tal-bijofjuwils, iżda jrid ikun imsaħħaħ u mtejjeb u akkumpanjat minn leġislazzjoni ambizzjuża dwar iż-żieda tas-sehem ta' l-enerġija li tiġġedded għat-tisħin u t-tkessiħ; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tipproponi approċċ settorjali fil-qafas leġislattiv, li jistipula miri vinkolanti ċari u realistiċi għall-oqsma ta' l-elettriku, tat-trasport u tat-tisħin u t-tkessiħ;

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

2. Ihegġegħ lill-Kummissjoni li fil-proposta li għandha tagħmel għar-reviżjoni tas-Sistema ta' l-Iskambju ta' l-Emissjonijiet (ETS), tiżgura li jkun hemm internalizzazzjoni aħjar ta' l-ispiża esterna tal-produzzjoni ta' l-enerġija permezz ta' l-irkant tal-kreditu ta' l-ETS, sabiex jinħolqu l-istess kundizzjonijiet għas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu u biex jiġi żgurat prezz ġust għall-karbonju;

3. Jemmen li s-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu huma abbondanti fil-pjaneta tagħna u li l-isfida hija li l-enerġija tinsilet minnhom; jirrakkomanda li d-dħul iġġenerat mill-irkant ta' l-ETS u minn fondi oħra ta' riċerka għandu jintuża għal riċerka f'sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, fosthom sorsi promettenti u ta' sfida, bħall-enerġija mill-ożmożi, l-enerġija mill-marea, l-enerġija mill-mewġ, l-enerġija kkonċentrata mill-qawwa tax-xemx, l-enerġija mir-riħ faltitudni għolja, l-enerġija ġġenerata minn movimenti rotanti ('laddermills') u l-enerġija ġġenerata mill-alka;

Spinta lis-Sorsi ta' l-Enerġija li jiġġeddu

4. Jenfasizza l-importanza li jinħolqu u jkunu implimentati Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġiji li Jiġġeddu (RAPs) fil-livelli Komunitarji u nazzjonali, u jisħaq li dawn għandhom iservu biex tassew tinholq Politika Komuni Ewropea dwar l-Enerġija;

5. Jistieden biex fil-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġiji li Jiġġeddu jidħlu miri settorjali sabiex ikunu inkoraġġiti l-investiment, l-innovazzjoni u r-riċerka fis-setturi kollha; jinnota li, fejn l-iżvilupp teknoloġiku jew kwistjonijiet ta' effiċjenza f'termini ta' spejjeż jirrikjedu li jkunu aġġustati l-miri settorjali reali, dan jista' jsir waqt ir-reviżjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni fuq bażi regolari waqt li jitqies il-bżonn ta' stabbiltà fil-qafas ta' l-investiment;

6. Jistieden biex issir l-evalwazzjoni strateġika ta' l-impatt ambjentali tal-Pjanijiet ta' Azzjoni u tikkunsidra li dawn il-pjanijiet għandhom jindirizzaw b'mod speċifiku l-ħtieġa biex tirrikonċilja l-produzzjoni ta' l-enerġija li tiġġedded ma' kwistjonijiet ambjentali oħra (l-immaniġġjar tal-foresti b'mod sostenibbli, il-bijodiversità, il-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-ħamrija, l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, u l-bqija);

7. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jilhq u ftehim mill-aktr fis dwar l-assenjazzjoni tal-mira ta' 20 % għas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, waqt li jikkunsidraw l-analiżi settorjali u dik dwar l-effiċjenza f'termini ta' spejjeż tal-potenzjal ta' kull pajjiż, b'mod li jiġi żgurat li jkun hemm impenn attiv minnaħa ta' l-Istati Membri kollha; jemmen li, minkejja li xi Stati Membri għadhom lura fil-kontributi tagħhom għall-miżuri attwali ta' l-UE fil-qasam tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, l-Istati Membri kollha għandhom iwettqu l-impenji tagħhom biex jiżdied sehemhom għas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, skond il-potenzjal tagħhom u l-kontributi li diġà taw;

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposta leġislattiva futura dwar is-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu jkun fiha miżuri b'saħħithom għall-promozzjoni ta' l-enerġija elettriċa li tiġġedded, bil-għan li jiżdied is-sehem tagħha fl-UE mil-livell attwali għal mill-inqas id-doppju ta' dan l-ammont sa l-2020;

9. Jiddispijaċi li l-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-UE għad m'humix qegħdin juru biżżejjed interess biex jisfruttaw u jużaw is-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu;

10. Jikkunsidra li kull Stat Membru għandu jkun hies li jagħżel dawk is-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu l-aktar xierqa, skond id-differenzi fil-potenzjal għall-iżvilupp ta' ċerti sorsi li jiġġeddu u li jiddependu mill-kundizzjonijiet ġeoloġiċi, idroloġiċi u klimatiċi fl-Istati Membri; jinsisti, madankollu, li l-mira ta' 20 % ta' l-enerġija minn sorsi li jiġġeddu tgħodd għall-kontribut mis-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, u mhux minn sorsi oħra b'livell baxx ta' karbonju;

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' suq li jiffavorixxi s-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu minħabba l-mod kif jippromwovi b'mod attiv il-produzzjoni deċentralizzata u l-użu ta' dan it-tip ta' enerġija;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu eżempji ta' effiċjenza fl-enerġija fil-Pjanijiet kollha ta' Azzjoni, waqt li jirrikonoxxu li l-effiċjenza fl-enerġija mhijiex xi sors ta' l-enerġija li tiġġedded;

13. Ifakkar li l-enerġija li tiġġedded u l-effiċjenza fl-enerġija huma fost l-aħjar mezzi biex iħarsu lill-konsumatur u lill-industrija mill-effett doppju taż-żieda fl-importazzjoni ta' l-enerġija u ż-żieda fin-nefqa fuq il-fjuwil; jinsisti li l-iżvilupp ta' Politika Ewropea Komuni dwar l-Enerġija m'għandux joħloq firdiet soċjali ġodda u li l-prezzijiet ta' l-enerġija għandhom ikunu trasparenti u kompetittivi biex tintlaħaq il-mira tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu;

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

14. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-Komunità marbuta ma' l-enerġija li tiġ-
ġedded u mal-Pjanijiet ta' Azzjoni tkun tinkludi kriterji u dispożizzjonijiet li jevitaw kunflitti bejn l-użi
differenti tal-bijomassa;
15. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li jkollha l-mezzi u r-riżorsi meħtieġa biex tevalwa l-Pjanijiet ta'
Azzjoni u biex timmonitorja l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, waqt li tikkunsidra b'mod xieraq il-prin-
ċipju tas-sussidjarjetà; jirrakkomanda li l-qafas leġiżlattiv li jmiss għas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu għandu
jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa espliċita u l-mezzi meħtieġa biex tirrifjuta jew taċċetta kull Pjan ta' Azzjoni
parzjalment jew kollu kemm hu; jemmen li l-Kummissjoni trid tiżgura li l-miri individwali fil-qafas leġiżlat-
tiv jikkorrispondu għal mira miftiehma u vinkolanti ta' l-UE;
16. Jitlob biex il-Pjanijiet ta' Azzjoni jinkludu miri partikolari u, għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex
fil-proposta tagħha tinkludi objettiv ċar għal nofs it-terminu dwar il-proporzjon ta' l-enerġija li trid tiġi minn
sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu biex ma jkunx hemm dewmien fl-Istati Membri u biex isiru reviżjonijiet tal-
Pjanijiet ta' Azzjoni kull tliet snin sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-proposta, sabiex il-Kummissjoni tkun
tista' tieħu azzjoni qabel l-2020 jekk xi Stat Membru ma jkunx qiegħed iwettaq l-obbligi tiegħu; jenfasisza
li l-Istati Membri li ma jonorawx l-impenji tagħhom ikollhom ibatu l-konsegwenzi;
17. Jiddeplora l-fatt li l-objettiv ta' l-UE għal kontribut ta' 12 % ta' enerġija li tiġġedded fit-taħlita ta' l-
enerġija ta' l-UE sa l-2010 aktarx li mhux se jintlaħaq;
18. Jinnota li l-metodoloġija attwali ta' l-istatistika tal-Kummissjoni ma tagħtix siwi biżżejjed lill-kontribut
ta' l-enerġija tar-riħ u tax-xemx għall-produzzjoni ta' l-elettriku u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex
tibbaża l-kalkoli tagħha fuq il-konsum aħħari ta' l-enerġija u biex tiżviluppa metodoloġija ta' l-istatistika li
ma tgħawwix il-kompetizzjoni bejn it-teknoloġiji differenti ta' l-enerġija;

Is-Suq Intern u l-infrastruttura tan-network

19. Jiddispjaċih li l-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 ma talabx b'mod b'saħħtu biżżejjed
għat-tlestija tas-suq intern ta' l-enerġija; jemmen li huwa indispensabbli li s-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu
jiġu integrati malajr fis-suq intern ta' l-enerġija; jemmen li jinħtieġ li jiġi żgurat li jkun hemm l-istess kundiz-
zjonijiet fl-Istati Membri kollha sabiex tassew jiġi żviluppat suq intern għall-enerġija;
20. Isib li l-aċċess trasparenti, ġust u prijoritarju għan-networks huwa kundizzjoni ewlenija u importanti
għall-integrazzjoni u l-iżvilupp b'suċċess tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku minn sorsi li jiġġeddu u li l-aċċess
għan-networks u l-proċeduri ta' l-ippjanar għandhom isiru aktar sempliċi u armonizzati, billi jitqies l-iżvi-
lupp tat-teknoloġiji li jiġġeddu u l-fluss intermittenti ta' l-enerġija biex in-networks nazzjonali ma jiġux
destabilizzati;
21. Jitlob biex kull Stat Membru jkabbar l-isforzi tiegħu biex jonqsu l-piżijiet amministrattivi u biex
jitħaffu l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, fosthom il-possibiltà li jinħoloq one-stop shop li jħaffef l-awtoriz-
zazzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu; jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għat-
teħhija tat-tfixkil amministrattiv, fosthom id-dħul ta' proċeduri simplifikati;
22. Jitlob biex isir investiment fl-infrastruttura ta' networks addizzjonali, flessibbli u intelliġenti kif ukoll
fl-immaniġġjar ta' networks sabiex jitjieb l-operat tas-sistema, tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista, jonqsu l-
ispejjeż għall-konsumatur u jitjieb l-aċċess għas-sorsi ta' l-enerġija li tiġġedded u l-ġenerazzjoni tagħhom;
jiġbed l-attenzjoni li hemm il-ħtieġa li jitħaffu l-proċeduri ta' approvazzjoni u li l-proċeduri legali jsiru
aktar sempliċi;
23. Jitlob biex isiru aktar sforzi għall-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' l-ippjanar fl-Ewropa, ta' siti dwar is-
sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu u ta' konnessjonijiet adattati bejn in-networks;
24. Jemmen li l-promozzjoni ta' sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu teħtieġ iktar koperazzjoni bejn l-operaturi
tas-sistema ta' trażmissjoni (TSOs) nazzjonali dwar l-ippjanar tan-networks u l-kwistjonijiet ta' kummerċ
transkonfinali sabiex ikunu integrati tajjeb is-sorsi ta' l-enerġija li jvarjaw;

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

25. Jenfasizza l-potenzjal enormi ta' l-iżvilupp ta' l-enerġija tar-riħ offshore u l-kontribut ewlieni li din tista' tagħti għall-indipendenza ta' l-Ewropa mill-importazzjoni ta' l-enerġija u għall-ħarsien tal-klima, filwaqt li tiġbed l-attenzjoni li għad iridu jsiru sforzi kbar sabiex dan il-potenzjal jiġi żviluppat bis-sħiħ; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal pjan ta' azzjoni dwar l-enerġija tar-riħ minn fuq il-baħar, li jkun fih strateġija Ewropea effiċjenti għat-teknoloġija użata minn fuq il-baħar li tippromwovi interkonnessjonijiet aktar qawwija;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għas-suq ta' l-enerġija li tiġġedded, li għandu jinkludi t-tneħħija ta' sussidji perversi u l-użu proattiv ta' l-appalt pubbliku fl-UE biex jgħin ħalli jonqsu l-ispejjeż kemm ta' teknoloġiji li huma effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija kif ukoll ta' dawk li jużaw l-enerġija li tiġġedded;

27. Jemmen li sistema armonizzata ta' appoġġ, effettiva u effiċjenti, li tieħu mill-aqwa Prattiki fl-Istati Membri għandha tkun l-għan għal żmien fit-tul fl-Ewropa sabiex jiġi żgurat li jkun hemm l-iktar użu effiċjenti tat-teknoloġiji ta' l-enerġija li tiġġedded; jemmen li skemi ta' appoġġ nazzjonali madankollu jkun meħtieġa biex iżommu l-fiduċja ta' l-investituri, minħabba li ħafna Stati Membri mhux ħliet issa li bdew jinvestu bil-kbir fl-enerġija li tiġġedded u minħabba li s-suq intern ta' l-enerġija għad mhux komplet; jiġbed l-attenzjoni li l-għan tal-politiki eżistenti għall-appoġġ tas-sorsi ta' l-enerġija li tiġġeddu hu li jiżguraw li dawn jiksbu vijabilità għal żmien fit-tul u jikkompetu fis-suq intern ta' l-enerġija;

28. Ifakkar li l-iżguraw ta' taħlita wiesgħa ta' enerġija anki fi ħdan l-enerġija li tiġġedded tista' twassal għal użu aħjar tal-potenzjal tar-riżorsi lokali ta' l-enerġija, u tagħti kontribut għat-tiġdid, għall-kompetittività u għas-sigurtà tal-provvista fl-Ewropa billi tiżgura li t-teknoloġiji b'potenzjal għal żmien fit-tul ma jitwarrbux mis-suq qabel il-waqt;

29. Jiddispjaċi dwar is-sejbiet ta' ċerti studji li jissuġġerixxu li l-politiki ta' l-UE dwar is-sorsi ta' l-enerġija li tiġġeddu u l-għieda kontra l-bidla fil-klima ftit li xejn huma riflessi fl-abbozzi tal-pjanijiet għan-nefqa mill-Fondi Strutturali u l-Fondi ta' Koeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa linji gwida li jiżguraw appoġġ sistematiku għat-teknoloġiji tas-sorsi ta' l-enerġija li tiġġeddu, kif ukoll għall-effiċjenza fl-enerġija f'kull Stat Membru, u jhegġegħ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali sabiex jieħdu vantaġġ sħiħ mill-possibiltà li japplikaw l-istrumenti finanzjarji ta' l-UE għall-iżvilupp u t-tkabbir ta' proġetti dwar l-enerġija li tiġġedded;

30. Ifaħħar lil dawk l-Istati Membri li mmodifikaw, daħħlu jew qegħdin idaħħlu skemi ta' appoġġ jew li fasslu objettivi għall-enerġija marittima; jirrikonoxxi s-sehem importanti ħafna li taw pajjiżi li pprovdew qafas stabbli għall-investiment fi proġetti ta' l-enerġija marittima billi naqqsu l-ispiża ta' din it-teknoloġija u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha konċernati biex jagħmlu l-istess;

31. Jinnota l-ispiża li ngħatat sabiex it-teknoloġija ta' l-enerġija tax-xemx tiġi konċentrata fl-Ewropa permezz ta' skemi ta' appoġġ għas-suq magħżula b'mod xieraq u permezz tal-finanzjament Ewropew għar-riċerka, u jistenna b'mod partikulari li l-Istati Membri tan-nofs inhar jinkoraġġixxu l-iżvilupp teknoloġiku u jnaqqsu l-ispiża fuq il-konċentrazzjoni ta' l-enerġija tax-xemx;

32. Jitlob għal reviżjoni ta' leġislazzjoni Komunitarja eżistenti li xxekkel l-iżvilupp tal-prijoritajiet tal-politika ta' l-enerġija ta' l-UE, fosthom l-iżvilupp ġejjieni ta' proġetti kbar għall-enerġija tal-marea;

33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li s-sorsi ta' l-enerġija li tiġġeddu jit-qiegħdu fuq quddiem sew fl-isforzi kontinwi li għandhom isiru biex il-programmi ta' l-UE għar-riċerka u għall-iżvilupp tat-teknoloġiji jintużaw kemm jista' jkun; ihegġegħ lill-Istati Membri biex jaqblu dwar strateġija biex jiżied il-baġit għar-riċerka dwar l-enerġija; jissuġġerixxi li dan l-objettiv jiġi segwit waqt ir-reviżjoni tal-baġit ta' l-2007-2013;

34. Jilqa' b'sodisfazzjon l-appoġġ tal-Bank Ewropew għall-Investiment għas-sorsi ta' l-enerġija li tiġġeddu fil-għamla ta' self preferenzjali, u jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw dan it-tip ta' finanzjament u jinkoraġġu fis-settur pubbliku u f'dak privat fejn hemm interess li jiġu dedikati fondi għall-iżvilupp ta' sorsi ta' l-enerġija li tiġġeddu;

35. Ihegġegħ lill-awtoritajiet reġjonali, lill-awtoritajiet lokali u lill-NGOs biex japprofittaw ruħhom mir-riżorsi finanzjarji ta' l-FP7, tal-Fondi Strutturali u tas-CIP/IEE (Intelligent Energy Europe) sabiex jistimulaw ir-riċerka, jippromwovu t-teknoloġiji ta' l-enerġija li tiġġedded, l-użu tal-bijofjuwils u l-iżvilupp ta' modi ġodda għat-trasport u l-ħażna ta' l-enerġija mfassla bil-ħsieb li jnaqqsu t-telf ta' l-enerġija; barra minn hekk, jagħti l-appoġġ tiegħu għall-inizjattiva EURENEW għal dispożizzjonijiet fit-trattati dwar l-enerġija li tiġġedded;

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

36. Jiġbed l-attenzjoni li aktar riċerka u żvilupp huma meħtieġa fil-ħażna ta' l-enerġija prodotta minn sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, skond l-eżempju tat-teknoloġija ta' l-idroġenu; jenfasizza li, għal dan il-għan, id-dispozzjonijiet amministrattivi u l-proċedura ta' approvazzjoni jinħtieġ li jkunu simplifikati u li jin-għelbu l-ostakli attwali;

Tisħin u Tkessiħ

37. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li kull proposta għal direttiva ta' qafas dwar is-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu jkun fiha miżuri b'saħħithom għall-promozzjoni tat-tisħin u t-kessih li jiġġeddu bil-għan li jiżdied is-sehem tagħhom fl-UE mil-livell attwali ta' madwar 10 % għal mill-inqas id-doppju ta' dan l-ammont sa l-2020; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tipproponi soluzzjonijiet ġodda li bihom it-teknoloġiji kollha rilevanti jiksbu grad għoli ta' penetrazzjoni fis-swieq, bħall-promozzjoni ta' studji sistematiki dwar soluzzjonijiet ġodda jew dwar il-provvista permezz ta' networks ta' tisħin għal bini ġdid jew għal tiġdid ta' bini b'erja aktar minn ċertu limitu u tħeġġeġ biex jonqsu l-ostakli amministrattivi u biex isiru kampanji li jkabbru l-għarfien;

38. Ifakkar li t-tisħin u t-kessih distrettwali jista' joffri l-infrastruttura essenzjali sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-enerġiji li jiġġeddu u jfakkar fil-ħtieġa li tiġi stimulata l-integrazzjoni tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu fin-networks attwali tat-tisħin distrettwali, billi l-bijomassa u sorsi oħra ta' enerġija li jiġġeddu jistgħu jintużaw b'mod effiċjenti mas-sħana u ma' l-elettriku flimkien ma' l-użu tat-tisħin żejjed;

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħaffef l-adozzjoni wiesgħa fl-Istati Membri kollha ta' regolamenti bl-aqwa Prattiki u biex isir obligatorju li, għall-inqas għat-tiġdid sostanzjali ta' binjiet eżistenti u għall-bini l-ġdid, parti minima mill-bżonnijiet tat-tisħin issir b'sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu, kif diġà jiġri f'għadd li kull ma jmur qiegħed jikber ta' reġjuni u muniċipalitajiet;

40. Ifakkar li 40 % ta' l-enerġija kollha ta' l-UE tintuża fil-bini u li hemm potenzjal enormi li jitnaqqas dan il-konsum sabiex l-enerġiji li jiġġeddu jkunu jistgħu jkopru l-ħtiġijiet kollha ta' l-enerġija f'dan is-settur; jinnota l-progress li sar fil-kunċett ta' l-enerġija fid-disinn u fil-bijokostruzzjoni tal-bini l-ġdid fejn l-integrazzjoni ta' l-arkitettura solari, ta' l-iżolazzjoni termika u tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu qiegħda twassal għal djar b'enerġija baxxa, b'enerġija passiva u anki b'enerġija żejda (dawk li jipproduċu iktar enerġija f'sena milli jikkonsmaw); jitlob lill-Kummissjoni biex sa l-aħħar ta' l-2007 tiżviluppa programm ta' implimentazzjoni għall-użu mifrux ta' djar u bini b'enerġija passiva u pożittiva netta fl-UE;

41. Jilqa' b'sodisfazzjon il-bidla tal-Parlament għal sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu fil-ħtiġijiet tiegħu ta' l-elettriku u jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-UE biex jagħmlu l-istess;

42. Jinnota li l-istatistika disponibbli dwar il-konsum ta' l-enerġija għat-tisħin u għat-kessih la hi ta' min jorbot fuqha, la hi komparabbli u lanqas hi trasparenti biżżejjed, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw proċeduri ħalli l-istatistika f'dawn is-setturi titjieb;

43. Jikkunsidra li l-bojlers eżistenti joffru potenzjal tajjeb biex is-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu jibdwu jidħlu bil-mod; jistieden lill-Kummissjoni sabiex, qabel tressaq il-proposti tagħha, tevalwa l-għażliet differenti, bħat-taħlita tal-bijofjuwil jew l-enerġija solari termika;

It-trasport u l-bijofjuwils

44. Jitlob li tiġi żviluppata politika għat-trasport li tkun komprensiva kif ukoll ambjentalment, soċjalment u ekonomikament sostenibbli u li hija konformi mal-miri tal-politiki Komunitarji għall-ambjent, għall-klima u għall-kompetizzjoni, kif ukoll l-oġettivi soċjali u reġjonali, li fihom il-bijofjuwils prodotti b'mod sostenibbli jista' jkollhomirwol, u wkoll permezz tat-tibdil fl-istil tal-ħajja, it-tnaqqis tat-traffiku u miżuri strutturali bħall-ippjanar urban u reġjonali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ifasssu miri ambizzjużi għall-użu ta' sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu fit-trasport pubbliku; jitlob għall-prinċipju tas-separazzjoni bejn it-ktabbir fit-trasport u t-ktabbir fl-ekonomija u għal impenn iktar qawwi għal modi aktar indaf ta' trasport, għall-immaniġġjar tad-domanda u għat-titjib gradwali fl-istandards ta' l-effiċjenza tal-fjuwil fis-settur tat-trasport;

It-Tlieta, 25 ta' Settembru 2007

45. Jilqa' b'sodifazzjon il-proposta tal-Kummissjoni għall-promozzjoni tal-bijofjuwils u ta' sorsi ta' l-enerġija oħra li jiġġeddu għat-trasport permezz ta' l-impożizzjoni ta' mira vinkolanti ta' 10 %, sakemm ikun ippruvat li dawn il-fjuwils jiġu prodotti b'mod sostenibbli; jinnota l-importanza li l-bijofjuwils tat-tieni u tat-tielet ġenerazzjoni jsiru aktar disponibbli b'mod kummerċjali u jitlob biex jitħaffef il-progress teknoloġiku f'dan il-qasam; jenfasizza li l-użu sostenibbli tal-bijofjuwils inaqas id-dipendenza miż-żejt u l-emissjonijiet tas-CO₂ fil-qasam tat-trasport; madankollu, hu tal-fehma li għandna nippruvaw naslu għal bilanċ ġust bejn il-produzzjoni ta' l-ikel u dik ta' l-enerġija;

46. Jemmen li l-użu ta' karożżi li jaħdmu bl-idroġenu u bl-elettriku se jkollu sehem importanti fil-futur u li l-karożżi ibridi huma pass temporanju lejn il-mobilità bl-elettriku; jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi l-karożżi ibridi li jaħdmu bl-elettriku fil-Pjan Strateġiku ta' l-UE dwar it-Teknoloġija ta' l-Enerġija; jitlob lill-Istati Membri biex jappoġġjaw ix-xiri ta' karożżi b'emissjonijiet baxxi ta' CO₂ permezz ta' inċentivi fiskali;

47. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi miżuri li jippromwovu fjuwils alternattivi li jgħinu biex jonqsu l-emissjonijiet mis-settur tat-trasport, skond il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-fjuwils alternattivi li ġie preżentat fl-2001, u biex teżamina l-possibbiltà li jippromwovu fjuwils sintetiċi li jistgħu jgħinu fid-diversifikazzjoni tal-provvista ta' l-enerġija, fit-titjib tal-kwalità ta' l-arja u fit-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO₂;

48. Jenfasizza li l-produzzjoni ta' karożżi li jkunu iktar effiċjenti f'termini ta' fjuwil tibqa' l-aħjar triq biex jonqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum taż-żejt għal kull karożza, u huwa mħasseb li l-messaġġ li l-Komunità tibgħat lill-industrija tal-karożżi għandu jkun iffukat inqas fuq it-talba għall-bijofjuwils u iktar fuq it-talba għal vetturi iktar effiċjenti f'termini ta' fjuwil; jilqa' b'sodisfazzjon, madankollu, il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Fjuwil, biex tipprova tnaqqas l-effett tal-bidla fuq il-klima tal-fjuwils tat-trasport mill-produzzjoni sa l-utilizzazzjoni, biex titjeb il-kwalità ta' l-arja, biex jitmexxew it-taħlitiet tal-bjoetanol u l-petrol u biex tippermetti livelli ogħla ta' taħlit, sakemm ikun hemm salvagwardji b'saħħithom li jiżguraw li dawn il-fjuwils jiġu prodotti b'mod sostenibbli;

49. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa sistema obbligatorja u komprensiva ta' ċertifikazzjoni li tkun tapplika kemm għall-bijofjuwils prodotti fl-UE kif ukoll għal dawk importati; jemmen li l-kriterji taċ-ċertifikazzjoni għandhom jifasslu biex jiżguraw li l-produzzjoni tal-bijofjuwils, li jieħdu post il-fjuwils konvenzjonali, tiffiranka ħafna mill-gassijiet bl-effett ta' serra fiċ-ċiklu kollu kemm hu, u ma toħloqx, b'mod dirett jew indirett, xi telf fil-biodiversità jew fir-riżorsi ta' l-ilma, jew tnaqqis fil-ħażna tal-karbonju permezz tat-tibdil fl-użu ta' l-art, jew xi problemi soċjali bħal prezzijiet ogħla ta' l-ikel u ċ-ċaqliq tan-nies;

PPE-DE: Sommer**UEN:** Bossi, Camre, Didžiokas, Foltyn-Kubicka, Gobbo, Janowski, Piotrowski, Podkański, Rogalski, Rutowicz, Tomaszewska, Vaidere, Zile**Verts/ALE:** Onesta**Kontra: 584****ALDE:** Alvaro, Andrejevs, Andria, Attwooll, Baeva, Bărbulețiu, Beaupuy, Birutis, Bowles, Budreikaitė, Busk, Bușoi, Cappato, Carlshamre, Cavada, Chatzimarkakis, Ciornei, Cocilovo, Costa, Davies, Degutis, Deprez, Dičkutė, Duff, Ek, Ferrari, Fourtou, Gentvilas, Geremek, Griesbeck, Guardans Cambó, Hall, Harkin, Hellvig, Hennis-Plasschaert, Hyusmenova, in 't Veld, Jensen, Kacin, Karim, Kazak, Koch-Mehrin, Kułakowski, Lambsdorff, Laperrouze, Lax, Lehideux, Losco, Ludford, Lynne, Maaten, Manders, Matsakis, Mohácsi, Morillon, Morjün, Mulder, Newton Dunn, Neyts-Uyttebroeck, Nicholson of Winterbourne, Ortuondo Larrea, Oviir, Panayotov, Pannella, Pohjamo, Polfer, Prodi, Raeva, Resetarits, Ries, Riis-Jørgensen, Savi, Sbarbati, Schmidt Olle, Schuth, Starkevičiūtė, Sterckx, Szent-Iványi, Takkula, Toma, Vălean, Van Hecke, Veraldi, Virrankoski, Wallis, Watson**GUE/NGL:** Agnoletto, Aita, Brie, Catania, Figueiredo, Flasarová, Guerreiro, Guidoni, Henin, Holm, Kaufmann, Liotard, McDonald, Manolakou, Markov, Maštálka, Meijer, Morgantini, Musacchio, Pafilis, Papadimoulis, Pflüger, Portas, Ransdorf, Remek, Rizzo, Seppänen, Søndergaard, Stroj, Svensson, Triantaphyllides, Uca, Wurtz, Zimmer**IND/DEM:** Belder, Blokland, Bonde, Booth, Goudin, Lundgren, Sinnott, Whittaker**NI:** Battilocchio, Belohorská, Bobošíková, Martin Hans-Peter, Rivera**PPE-DE:** Albertini, Anastase, Andrikenė, Antoniozzi, Audy, Ayuso, Barsi-Pataky, Bauer, Beazley, Becsey, Belet, Berend, Böge, Bonsignore, Braghetto, Brejc, Brepöls, Březina, Brok, Brunetta, Burke, Busutil, Buzek, Cabrnich, Carollo, Casa, Casini, Caspary, Castiglione, del Castillo Vera, Cederschiöld, Chmielewski, Coelho, Daul, De Blasio, Dehaene, Demetriou, Descamps, Deß, Díaz de Mera García Consuegra, Dombrovskis, Doorn, Doyle, Duchoň, Duka-Zólyomi, Ebner, Ehler, Esteves, Fajmon, Ferber, Fernández Martín, Fjellner, Florenz, Fontaine, Fraga Estévez, Freitas, Friedrich, Gahler, Gál, Gaľa, Ganç, García-Margallo y Marfil, Gargani, Garriga Polledo, Gaubert, Gauzès, Gawronski, Gewalt, Gklavakis, Glattfelder, Goepel, Gomolka, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gutiérrez-Cortines, Gyürk, Handzik, Hennicot-Schoepges, Herranz García, Herrero-Tejedor, Hieronymi, Higgins, Hökmark, Hoppenstedt, Hudacký, Hybášková, Iacob-Ridzi, Itälä, Jałowiecki, Jarzembowski, Jeleva, Jordan Cizelj, Kaczmarek, Karas, Kauppi, Kelam, Kelemen, Klamt, Klač, Klich, Koch, Konrad, Kónya-Hamar, Korhola, Kratsa-Tsagaropoulou, Kudrycka, Kušis, Lamassoure, Landsbergis, De Lange, Langen, Langendries, Lauk, Lechner, Lehne, Lewandowski, Liese, Lulling, Mann Thomas, Mantovani, Marinescu, Martens, Mathieu, Mato Adrover, Matsis, Mauro, Mavrommatis, Mayor Oreja, Méndez de Vigo, Mikolášik, Millán Mon, Mitchell, Mladenov, Morin, Musotto, Nassauer, Niebler, van Nistelrooij, Novak, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Őry, Ouzký, Pack, Panayotopoulos-Cassiotou, Papastamkos, Patriciello, Petre, Pieper, Píks, Pinheiro, Pirker, Pleštinská, Podestà, Posdorf, Posselt, Protasiewicz, Queiró, Quisthoudt-Rowohl, Rack, Radwan, Roithová, Rudi Ubeda, Rübig, Saifi, Salafranca Sánchez-Neyra, Sartori, Saryusz-Wolski, Schierhuber, Schmitt, Schnellhardt, Schöpf, Schöder, Schwab, Seiber, Seeberg, Siekierski, Silva Peneda, Škottová, Spautz, Šťastný, Stauner, Stavreva, Strejček, Stubb, Sudre, Surján, Szabó, Szájer, Tajani, Thyssen, Toubon, Trakatellis, Ulmer, Urutchev, Vakalis, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Veneto, Ventre, Vernola, Vlasto, Weber Manfred, Weisgerber, Wieland, Wijkman, von Wogau, Wohlin, Wortmann-Kool, Záborská, Zahradil, Zaleski, Zatloukal, Zdravkova, Zieleniec, Zvěřina, Zwiefka**PSE:** Andersson, Arif, Arnaoutakis, Athanasiu, Attard-Montalto, Badia i Cutchet, Barón Crespo, Berès, Berlinguer, Bösch, Bono, Borrell Fontelles, Bourzai, Bozkurt, Bulfon, Bullmann, Van den Burg, Calabuig Rull, Capoulas Santos, Carlotti, Carnero González, Casaca, Cercas, Chiesa, Christensen, Corbett, Corbey, Corda, Correia, Cottigny, Crețu Corina, Crețu Gabriela, De Keyser, De Rossa, Désir, De Vits, Dîncu, Dobolyi, Douay, Dührkop Dührkop, Dumitrescu, El Khadraoui, Estrela, Ettl, Färm, Falbr, Fava, Fazakas, Fernandes, Ferreira Anne, Ferreira Elisa, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gierak, Gill, Glante, Goebbels, Gomes, Grabowska, Grech, Gröner, Groote, Gruber, Gurmai, Guy-Quint, Hänsch, Hamon, Harangozó, Hasse Ferreira, Haug, Hedh, Herczog, Hughes, Hutchinson, Iotova, Jacobs, Jöns, Jørgensen, Kindermann, Kósáné Kovács, Koterec, Krehl, Kreissl-Dörfler, Kuhne, Lambrinidis, Lavarra, Le Foll, Lefrançois, Lehtinen, Leichtfried, Leinen, Liberadzki, Lienemann, Lyubcheva, McAvan, Madeira, Mañka, Mann Erika, Martin David, Martínez Martínez, Masip Hidalgo, Matsouka, Medina Ortega, Menéndez del Valle, Miguélez Ramos, Mihalache, Mikko, Moreno Sánchez, Muscat, Myller, Napolitano, Navarro, Neris, Obiols i Germà, Occhetto, Öger, Paasilinna, Pahor, Paleckis, Panzeri, Paparizov, Patrie,

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

Piecyk, Pinior, Pittella, Podgorean, Poignant, Prets, Pribetich, Rapkay, Rasmussen, Riera Madurell, Rocard, Rothe, Rouček, Roure, Sacconi, Sakalas, Saks, Salinas García, Sánchez Presedo, dos Santos, Sârbu, Savary, Schaldemose, Schapira, Scheele, Schulz, Segelström, Severin, Simpson, Siwiec, Sornosa Martínez, Stihler, Stockmann, Swoboda, Szejna, Tabajdi, Tarand, Thomsen, Țicău, Trautmann, Van Lancker, Vaugrenard, Vergnaud, Walter, Weber Henri, Weiler, Wiersma, Willmott, Yáñez-Barnuevo García, Zani

UEN: Angelilli, Aylward, Berlato, Borghezio, Crowley, Czarnecki Ryszard, Foglietta, Grabowski, Kristovskis, Kuc, Libicki, Maldeikis, Masiel, Muscardini, Ó Neachtain, Poli Bortone, Ryan, Speroni, Szymański, Tatarella

Verts/ALE: Aubert, Bennahmias, Breyer, Buitenweg, Cohn-Bendit, Cramer, Evans Jill, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein, Harms, Hassi, Horáček, Hudghton, Isler Béguin, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Romeva i Rueda, Rühle, Schlyter, Schmidt Frithjof, Schroedter, Smith, Staes, Trüpel, Turmes, Voggenhuber, Ždanoka

Astensjonijiet: 37

IND/DEM: Clark, Coûteaux, Farage, Knapman, Louis, Titford, Wise, Železný

NI: Allister, Helmer, Kilroy-Silk, Kozlík

PPE-DE: Ashworth, Atkins, Bowis, Bushill-Matthews, Callanan, Chichester, Deva, Dover, Elles, Evans Jonathan, Hannan, Harbour, Heaton-Harris, Jackson, Kamall, Nicholson, Parish, Purvis, Stevenson, Sumberg, Tannock, Van Orden

UEN: Krasts, Roszkowski

Verts/ALE: van Buitenen

Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot

Kontra: Gérard Onesta

33. Rapport Moreno Sánchez A6-0323/2007**Riżoluzzjoni****Favur: 418**

ALDE: Alvaro, Attwooll, Baeva, Beaupuy, Birutis, Budreikaitė, Busk, Cappato, Cavada, Chatzimarkakis, Ciornei, Cocilovo, Deprez, Duff, Ek, Ferrari, Gentvilas, Geremek, Griesbeck, Guardans Cambó, Hall, Harkin, Hennis-Plasschaert, Jäätteenmäki, Jensen, Karim, Kazak, Lambsdorff, Laperrouze, Losco, Ludford, Lynne, Maaten, Manders, Mohácsi, Mulder, Newton Dunn, Neyts-Uyttebroeck, Ortuondo Larrea, Oviir, Panayotov, Pohjamo, Polfer, Prodi, Raeva, Resetarits, Ries, Riis-Jørgensen, Savi, Schmidt Olle, Schuth, Starkevičiūtė, Sterckx, Szent-Iványi, Takkula, Van Hecke, Veraldi, Virrankoski, Watson

ITS: Mihăescu, Moisuc, Mussolini, Popeangă

NI: Battilocchio, Belohorská, Bobošíková, Kozlík, Martin Hans-Peter

PPE-DE: Anastase, Audy, Ayuso, Bauer, Beazley, Becsey, Berend, Böge, Bonsignore, Braghetto, Brejc, Brepoels, Brok, Burke, Busuttil, Casini, Castiglione, del Castillo Vera, Chmielewski, Coelho, Daul, De Blasio, Dehaene, Demetriou, Descamps, Deß, Díaz de Mera García Consuegra, Dombrovskis, Doorn, Doyle, Duka-Zólyomi, Ebner, Esteves, Ferber, Fernández Martín, Fjellner, Florenz, Fontaine, Fraga Estévez, Freitas, Friedrich, Gahler, Gál, Gaľa, Ganț, García-Margallo y Marfil, Gargani, Garriga Polledo, Gaubert, Gauzès, Gawronski, Gewalt, Gklavakis, Glattfelder, Goepel, Gomolka, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gutiérrez-Cortines, Gyürk, Handzlik, Hennicot-Schoepges, Hökmark, Hoppenstedt, Iacob-Ridzi, Itälä, Jałowicki, Jarzembowski, Jelewa, Jordan Cizelj, Kaczmarek, Karas, Kelam, Klamt, Klač, Klich, Koch, Konrad, Kónya-Hamar, Korhola, Kratsa-Tsagaropoulou, Kudrycka, Kušis, Lamassoure, De Lange, Langen, Langendries, Lauk, Liese, Lulling, Mann Thomas, Mantovani, Marinescu, Martens, Mato Adrover, Mauro, Mayor Oreja, Mikolášik, Millán Mon, Mladenov, Morin, Musotto, Nassauer, Niebler, van Nistelrooij, Novak, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Ouzký, Pack, Panayotopoulos-Cassiotou, Papastamkos, Petre, Pieper, Píks, Pinheiro, Pirker, Pleštinská, Podestà, Posdorf, Posselt, Protasiewicz, Queiró, Quisthoudt-Rowohl, Rack, Roithová, Rudi Ubeda, Rübig, Salafranca Sánchez-Neyra, Sartori, Saryusz-Wolski,

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

Schierhuber, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Schröder, Schwab, Seeber, Siekierski, Silva Peneda, Škottová, Sommer, Šťastný, Stauner, Stavreva, Strejček, Stubb, Sudre, Szabó, Szájer, Tajani, Thyssen, Toubon, Trakatellis, Ulmer, Urutchev, Vakalis, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Veneto, Vernola, Weber Manfred, Wieland, Wijkman, Wohlin, Wortmann-Kool, Záborská, Zaleski, Zatloukal, Zdravkova, Zieleniec, Zvěřina, Zwiefka

PSE: Andersson, Arif, Attard-Montalto, Badia i Cutchet, Barón Crespo, Bösch, Bono, Bourzai, Bozkurt, Bulfon, Bullmann, Van den Burg, Calabuig Rull, Capoulas Santos, Carlotti, Carnero González, Casaca, Cercas, Chiesa, Christensen, Corbett, Corbey, Correia, Cottigny, De Rossa, Désir, De Vits, Dobolyi, Douay, Dührkop Dührkop, Dumitrescu, El Khadraoui, Estrela, Ettl, Färm, Falbr, Fava, Fazakas, Ferreira Anne, Ferreira Elisa, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gill, Glante, Goebbels, Gomes, Grabowska, Grech, Gröner, Gruber, Guy-Quint, Hänsch, Hamon, Harangozó, Hasse Ferreira, Haug, Hedh, Herczog, Hughes, Hutchinson, Iotova, Jacobs, Jöns, Kindermann, Kósáné Kovács, Koterec, Krehl, Kreissl-Dörfler, Kuhne, Lambrinidis, Le Foll, Lefrançois, Leichtfried, Leinen, McAvan, Madeira, Mañka, Mann Erika, Martin David, Martínez Martínez, Masip Hidalgo, Menéndez del Valle, Miguélez Ramos, Mihalache, Mikko, Moreno Sánchez, Muscat, Myller, Napoletano, Neris, Obiols i Germà, Occhetto, Pahor, Paleckis, Papanizov, Piecyk, Pinior, Pittella, Podgorean, Poignant, Prets, Rapkay, Rasmussen, Riera Madurell, Rocard, Rothe, Rouček, Roure, Sacconi, Sakalas, Sánchez Presedo, dos Santos, Schaldemose, Schapira, Scheele, Schulz, Simpson, Sornosa Martínez, Stihler, Stockmann, Swoboda, Szejna, Thomsen, Trautmann, Van Lancker, Vaugrenard, Vigenin, Walter, Weber Henri, Weiler, Wiersma, Willmott, Yáñez-Barnuevo García

UEN: Angelilli, Aylward, Czarnecki Ryszard, Kristovskis, Kuc, La Russa, Muscardini, Ó Neachtain, Poli Bortone, Ryan, Tatarella

Verts/ALE: Aubert, Auken, Breyer, Buitenweg, Evans Jill, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein, Harms, Hassi, Horáček, Hudghton, Isler Béguin, Kallenbach, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Schmidt Frithjof, Staes, Trüpel, Ždanoka

Kontra: 81

GUE/NGL: Aita, Brie, Catania, Flasarová, Guerreiro, Henin, Holm, Kaufmann, Liotard, McDonald, Manolakou, Maštálka, Meijer, Morgantini, Musacchio, Pafilis, Pflüger, Portas, Ransdorf, Remek, Seppänen, Søndergaard, Stroj, Svensson, Uca, Wurtz, Zimmer

IND/DEM: Blokland, Bonde, Booth, Clark, Coûteaux, Krupa, Tomczak, Whittaker, Wise

ITS: Buruiană-Aprodu, Claeys, Dillen, Lang, Le Pen Jean-Marie, Martinez, Mölzer, Romagnoli, Schenardi, Stănescu, Vanhecke

NI: Helmer

PPE-DE: Albertini, Ashworth, Bowis, Chichester, Deva, Dover, Evans Jonathan, Hannan, Harbour, Heaton-Harris, Jackson, Kamall, Nicholson, Parish, Purvis, Stevenson, Sumburg, Van Orden

PSE: Paasilinna

UEN: Borghezio, Bossi, Camre, Didžiokas, Gobbo, Libicki, Masiel, Piotrowski, Podkański, Rogalski, Rutowicz, Speroni, Tomaszewska

Verts/ALE: Schlyter

Astensjonijiet: 8

PPE-DE: Atkins, Caspary

UEN: Krasts, Vaidere, Zile

Verts/ALE: van Buitenen, Flautre, Turmes

Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot

Favur: Pierre Pribetich, Giovanna Corda, Dan Jørgensen

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

TESTI ADOTTATI

P6_TA(2007)0409

Istitut Ewropew tat-Teknoloġija *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Settembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u għat-Teknoloġija (COM(2006)0604 — C6-0355/2006 — 2006/0197(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0604),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u 157 (3), skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0355/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoniġiet tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjon, il-Kumitat għall-Baġit, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0293/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Iqis li l-kompatibilità tal-proposta tal-Kummissjoni ma' l-ogħla limiti tal-Qafas Finanzjarju Plurijennali (MFF) mhix żgurata;
3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jibda negozjati mal-Parlament kemm dwar l-iffinanzjar ta' l-Istitut Ewropew tat-Teknoloġija (IET), skond il-punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplinarja baġitarja u t-tmexxija finanzjarja solida (IIA) ⁽¹⁾, kif ukoll dwar l-iffinanzjar tal-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni, u juża l-possibilitajiet kollha li toffri l-IIA;
4. Ifakkar li l-pożizzjoni ma tiddeterminax minn qabel ir-riżultat tal-proċedura stipulata fil-Punt 47 ta' l-IIA li tapplika għat-twaqqif ta' l-IET;
5. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

P6_TC1-COD(2006)0197

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-26 ta' Settembru 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u għat-Teknoloġija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 157(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni || ,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) L-Aġenda tat-Tkabir u x-Xogħlijiet ta' Liżbona tenfasizza l-bżonn li jiġu żviluppati l-kondizzjonijiet li huma attraenti għall-investiment fl-għarfien u l-innovazzjoni fl-Ewropa biex jagħtu imbottatura lill-kompetittività, it-tkabir u x-xogħlijiet fl-Unjoni Ewropea.
- (2) L-Istati Membri huma primarjament responsabbli għas-sostenn ta' bażi industrijali, kompetittiva u innovattiva Ewropea qawwija. Madankollu, in-natura u d-daqs ta' l-isfida ta' l-innovazzjoni fl-Unjoni Ewropea jitolbu wkoll li tittieħed azzjoni fil-livell Komunitarju.
- (3) Il-Komunità għandha ttiprovdi apoġġ għat-trawwim ta' l-innovazzjoni, partikolarment permezz tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka || l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni il-Programm ta' Qafas ta' Innovazzjoni u Kompetittività, il-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Fondi Strutturali.
- (4) Hemm bżonn ta' inizjattiva ġdida fil-livell Komunitarju, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Istitut Ewropew **għall-Innovazzjoni u għat-Teknoloġija (l-IET)**" **li titwaqqaf** biex tikkomplimenta l-politiki u l-inizjattivi Komunitarji u nazzjonali eżistenti permezz tat-trawwim ta' l-integrazzjoni tat-triangolu ta' l-għarfien — l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni — madwar l-Unjoni Ewropea **u b'hekk tiffaċilita l-koperazzjoni u l-iskambju, filwaqt li toħloq sinerġiji bejn ċentri ta' eċċellenza u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju(SMEs) b'mod partikulari.**
- (5) Il-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 stieden lill-Kummissjoni tħejji proposta formali għat-twaqqif ta' l-IET biex jiġi ppreżentat fil-ħarifa ta' l-2006.
- (6) L-IET għandu jkollu l-għan li jagħti sehmu għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' innovazzjoni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, billi jinvolvi || l-attivitajiet ta' edukazzjoni, riċerka u innovazzjoni **fi** standards internazzjonali **għolja, bil-għan li jiffaċilita u jsaħħaħ in-networking u l-koperazzjoni u joħloq sinerġiji bejn komunitajiet ta' l-innovazzjoni fl-Ewropa.**
- (7) **Sabiex isaħħaħ b'mod effettiv ir-rabta u l-konnessjonijiet bejn l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni, it-trasferiment ta' dawn it-tliet komponenti għall-kuntest industrijali u l-applikazzjoni tagħ-hom għandhom jingħataw prijorità u jsiru l-punt ewlieni ta' l-azzjonijiet ta' l-IET.**

⁽¹⁾ ĠU C 161, 13.7.2007, p. 28.

⁽²⁾ ĠU C 146, 30.6.2007, p. 27.

⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Settembru 2007.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- (8) Permezz tal-Bord tat-Tmexxija, l-IET għandha tidentifika sfidi strateġiċi fit-tul għall-innovazzjoni fl-Ewropa, partikolarment foqasma trans- u inter-dixxiplinarji inklużi dawk diġà identifikati fil-livell Ewropew **fl-aġendi strateġiċi għar-riċerka tal-pjattaformi teknoloġiċi Ewropej (PTEs) u l-inizjattivi teknoloġiċi konġunti (ITKs) kif ukoll proġetti ta' raggruppament ta' l-inizjattiva intergovernattiva ta' l-EUREKA viċin is-suq**, u għandu jipprovdi proċess ta' għażla trasparenti u bbażat fuq l-eċċellenza għall-Komunitajiet ta' l-Għarfien u l-Innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "KICs") f'dawn l-oqsma. *Sħubija* fil-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET għandha tibbilanċja l-esperjenza mid-dinja tan-negozju u d-dinja akkademika/tar-riċerka.
- (9) **Għandhom jiġu garantiti l-libertà akkademika u l-libertà tal-kummerċ għall-IET u l-KICs tiegħu sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw il-kultura imprenditorjali u innovattiva proprja tagħhom.**
- (10) **Jeħtieġ li jkun hemm fażi pilota, b'numru limitat ta' KICs, sabiex issir evalwazzjoni xierqa ta' l-operat ta' l-IET u tal-KICs u sabiex jiddaħħal it-titjib fejn meħtieġ. Matul din il-fażi pilota, il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħżel KICs foqasma li jgħinu lill-Unjoni Ewropea biex jiffaċċjaw l-isfidi kurrenti u tal-ġejjieni, bħal ma huma l-bidla fil-klima, il-mobilità sostenibbli, l-effiċjenza fil-qasam ta' l-enerġija jew il-ġenerazzjoni li jmiss tat-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni.**
- (11) Sabiex jagħti sehem għall-kompetittività u għat-tisħiħ ta' l-attrazzjoni internazzjonali ta' l-ekonomija Ewropea, **u sabiex il-kapaċità għall-innovazzjoni Ewropea tkun aktar evidenti**, l-IET għandu jkun kapaċi jattira organizzazzjonijiet sħab, riċerkaturi u studenti minn madwar id-dinja kollha u jikkoo-pera ma' organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi **billi jinkoraġġixxi l-mobilità għar-riċerkaturi u għall-istudenti.**
- (12) **Billi l-IET hu maħsub bħala mudell per eċċellenza għall-innovazzjoni Ewropea u għar-riċerka, għandu jkun jinsab qrib ta' ċentri eżistenti ta' eċċellenza Ewropea u ta' reputazzjoni akkademika sabiex jibbenefika bl-aħjar mod mill-infrastruttura eżistenti.**
- (13) **Sabiex ikun aktar attraenti, l-IET, flimkien ma' l-istituzzjonijiet imsieħba, għandu joħloq struttura xierqa li tagħti ċans lill-istudenti u lill-gradwati li jiksbu apprendistat u/jew reklutaġġ f'organizzazzjonijiet imsieħba ewlenin fi ħdan il-KICs.**
- (14) L-IET għandu primarjament jopera permezz ta' sħubijiet strateġiċi fit-tul || fuq bażi inter- u/jew trans-dixxiplinarji ta' interess ekonomiku u soċjetarju għall-Ewropa. Dawn is-sħubijiet għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET u jiġu ddeżinjati bħala KICs. **Filwaqt li huma legalment awtonomi**, ir-relazzjonijiet ta' bejn l-IET u l-KICs għandhom ikunu bbażati fuq ftehimiet kuntrattwali, li jistabbilixxu d-drittijiet u d-dmirijiet tal-KIC's, jiżguraw livell adegwat ta' koordinament u jfasslu l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet u r-riżultati tal-KICs.
- (15) Hemm bżonn li l-edukazzjoni tiġi sostnuta bħala komponent integrali, għalkemm spiss nieqes, ta' strateġija ta' innovazzjoni komprensiva. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li **l-kwalifiki mogħtija mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li huma sħab ta' l-KICs għandhom ikollhom il-marka ta' l-IET. L-IET għandu jippromwovi r-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' l-IET li għandhom il-marka tiegħu ta' eċċellenza mill-Istati Membri u minn barra l-Unjoni Ewropea.** Dawn l-attivitajiet kollha għandhom jitwettqu bla ħsara għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 255, 30.9.2005, p.22. Direttiva kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p.141).

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- (16) L-IET għandu jistabbilixxi linji gwida **ċari u trasparenti** għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali u industrijali, li għandhom **iqisu b'mod xieraq il-kontribuzzjonijiet ta' organizzazzjonijiet imsiehma varji tal-KICs u jrawmu** l-użu tal-proprjetà intellettuali u industrijali taħt kondizzjonijiet adatti, inkluż permezz tal-ħruġ ta' liċenzji u għandhom jipprovdū inċentivi xierqa għall-IET u s-sħab, inklużi l-individwi involuti, il-KICs u organizzazzjonijiet sħab kif ukoll għall-ispin-offs u għall-esplorazzjoni kummerċjali. Fejn attivitajiet huma ffinanzjati taħt il-Programmi ta' Qafas Komunitarji għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku, għandhom japplikaw ir-regoli ta' dawk il-programmi.
- (17) **Sabiex tiġi garantita koperazzjoni strutturata u skambji regolari ta' fehmiet, l-IET għandu jiżgura djalogu regolari bejn il-KICs u s-soċjetà ċivili.**
- (18) **Id-dispożizzjonijiet xierqa li jiggarrantixxu r-responsabilità, l-awtonomija u t-trasparenza ta' l-IET għandhom jiġu adottati fl-Istatuti tiegħu.**
- (19) Sabiex jiġu garantiti l-awtonomija u l-indipendenza fil-ħidma ta' l-IET, l-IET għandu **jkollu personalità ġuridika u** jamministra l-baġit tiegħu stess li d-dħul tiegħu għandu jinkludi kontribuzzjoni mill-Komunità kif ukoll kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u organizzazzjonijiet privati, entitajiet jew istituzzjonijiet nazzjonali jew internazzjonali, dħul iġġenerat mill-attivitajiet jew doti ta' l-IET stess **li jkunu konnessi ma' l-immaniġġjar tal-proprjetà intellettuali u industrijali jew mid-doti tiegħu.** L-IET għandu jipprova jattira kontribut finanzjarju dejjem jiżdied mill-organizzazzjonijiet privati.
- (20) Il-proċedura baġitarja Komunitarja għandha tkun applikabbli sakemm tkun tikkonċerna s-sussidju Komunitarju u kwalunkwe għotja oħra li għandha titħallas mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.
- (21) Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas finanzjarju għall-perjodu 2008 sa l-2013. **Madankollu, min-ħabba l-punt 14** tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda (IIA)⁽¹⁾, **l-ebda att adottat bil-proċedura ta' kodeċiżjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill jew att adottat mill-Kunsill li jinvolvi li jinqabżu l-allokazzjonijiet disponibbli fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew l-allokazzjonijiet disponibbli fil-qafas finanzjarju ma għandhom jiġu implimentati f'termini finanzjarji sakemm il-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea ma jiġix emendat u, jekk ikun hemm hteieġa, sakemm il-qafas finanzjarju ma jiġix rivedut kif xieraq skond il-proċedura rilevanti għal kull wiehied minn dawn il-każi.**
- (22) L-IET huwa entità stabbilita mill-Komunitajiet fit-tifsira ta' l-Artikolu 185(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju") **u l-punt 47 ta' l-IIA** u għandu jadotta r-regolamenti finanzjarji **xierqa** skond dan.
- (23) Il-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET għandu jadotta programm ta' ħidma trijennali li ji sta' jiġi emendat u aġġornat li għandu jiġi eżaminat mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-kumplimentarjetà mal-politiki u l-istrumenti Komunitarji, u rapport annwali, inkluża stqarrija kompluta tal-kontijiet li għandha tintbagħat lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti ta' l-Awdituri.
- (24) Huwa xieraq li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu intitolati jindirizzaw opinjoni dwar il-programm ta' ħidma ta' l-IET u r-rapport annwali, inkluża l-istqarrija tal-kontijiet.

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendata bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p.1).

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- (25) *Billi t-twaqqif ta' l-IET huwa inizjattiva ġdida, u billi huwa diffiċli li wieħed ibassar l-effetti tiegħu, il-Kummissjoni għandha tevalwa, b'mod estensiv u regolari, l-operat u l-effetti ta' l-IET, filwaqt li tqis alternattivi oħra ta' tfassil għall-IET u, fejn meħtieġ, tagħmel proposti biex temenda dan ir-Regolament.*
- (26) *Billi l-proposta għat-twaqqif ta' l-IET tressqet wara l-adozzjoni tal-qafas finanzjarju plurijennali u l-programmi Komunitarji plurijennali fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni, fondi allokat i għal tali programmi tal-Komunità m'għandhomx jintużaw biex jiffinanzjaw l-IET, filwaqt li l-possibiltajiet kollha offruti mill-IIA għandhom jiġu esplorati.*
- (27) *Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentament mill-Istati Membri meta dawn joperaw b'mod individwali, u minħabba raġunijiet tad-daqs u tat-trans-nazzjonalità, jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Qiegħed **b'hekk** jitwaqqaf Istitut Ewropew **ta' l-Innovazzjoni u** tat-Teknoloġija (minn hawn 'il quddiem "l-IET"). **L-IET huwa entità stabbilita fit-tifsira ta' l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u l-punt 47 ta' l-IIA.**

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "Innovazzjoni" tfisser il-proċess u r-riżultati tal-proċess li permezz tagħhom ideat ġodda jkunu ta' tweġiba għad-domanda soċjetarja u ekonomika u jiġġeneraw prodotti, servizzi, jew mudelli **organizzattivi** ta' negozju ġodda li jiġu introdotti b'suċċess f'suq eżistenti jew li jkunu kapaċi joħlqu swieq ġodda.
2. "Komunità ta' Għarfien u Innovazzjoni ('KIC') tfisser **sħubija legalment awtonoma bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet tar-riċerka, kumpaniji u partijiet oħra involuti fil-proċess ta' innovazzjoni f'forma ta' network strateġiku bi pjan komuni għall-innovazzjoni fuq żmien medju sa żmien twil imfassal biex jikseb l-għanijiet ta' l-IET.**
3. "**Stat parteċipant**" tfisser **Stat Membru jew kwalunkwe pajjiż li għandu ftehim mal-Komunità rigward l-IET.**
4. "Istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja" tfisser kwalunkwe tip ta' istituzzjoni li toffri lawrji rikonoxxuti jew kwalifiki rikonoxxuti oħrajn tal-livell terzjarju, irrispettivament mid-denominazzjoni tagħha fil-kuntest nazzjonali.
5. "Organizzazzjoni ta' Riċerka" tfisser kwalunkwe entità ġuridika pubblika jew privata li tagħmel żvilupp teknoloġiku jew ta' riċerka bħala wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħha.
6. "Organizzazzjoni sieħba" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni li hija membru ta' KIC u ti sta' tinkludi b'mod partikolari: **istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja**, organizzazzjonijiet ta' riċerka, kumpaniji pubbliċi jew privati, istituzzjonijiet finanzjarji, awtoritajiet reġjonali u lokali, fundazzjonijiet.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

7. "Sħubija" tfisser grupp ta' organizzazzjonijiet sħab potenzjali li ngħaqdu flimkien biex ikunu kandidat għal KIC.
8. **"Kwalifiki"** tfisser **diplomi, lawriji u ċertifikati oħra mogħtija minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li qed jieħdu sehem fl-iskema meta jintemmu l-attivitajiet ta' l-edukazzjoni għolja.**

Artikolu 3

Għan

L-għan ta' l-IET huwa li **jsaħħaħ il-kompetittività Ewropea u jikkontribwixxu favur it-tkabbir ekonomiku sostenibbli** bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' innovazzjoni ta' l-Istati Membri u l-Komunità. Dan għandu jagħmlu billi **jippromwovi u jikkoordina** l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni **għolja** fl-ogħla **livelli**.

Artikolu 4

Funzjonijiet

1. Sabiex **jilħaq** l-għan **tiegħu**, l-IET għandu:

- (a) **jidentifika l-oqsma ta' prijorità tiegħu** ;
- (b) iqajjem kuxjenza fost organizzazzjonijiet sħab potenzjali **u jippromwovi l-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tiegħu**;
- (c) jagħżel u jinnomina KICs fl-oqsma ta' prijorità ; ifornihom bl-appoġġ xieraq; japplika miżuri xierqa ta' kontroll tal-kwalità; jimmonitorizza kontinwament u jivvaluta perjodikament l-attivitajiet tagħhom; u jiżgura livell xieraq ta' koordinament bejniethom;
- (d) jimmobilizza l-fondi meħtieġa minn sorsi pubbliċi u privati u juża r-riżorsi tiegħu b'konformità ma' dan ir-Regolament. B'mod partikolari huwa se jipprova jiġbor proporzjon **sinifikanti u** dejjem jiżdied mill-baġit tiegħu minn sorsi privati u **minn dħul iġġenerat mill-attivitajiet** tiegħu stess;
- (e) **jinkoraġġixxi** r-rikonoxximent tal-kwalifiki mogħtija minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li huma msieħba fil-KICs u għandhom il-marka ta' l-IET fl-Istati Membri;
- f) **jippromwovi t-tixrid ta' Prattika tajba għall-integrazzjoni ta' l-innovazzjoni, l-edukazzjoni għolja u r-riċerka sabiex tiġi żviluppata kultura komuni ta' innovazzjoni b'livell oġġla ta' trasferiment ta' l-għarfien**;
- g) ifittex li jsir entità ta' klassi globali ta' **eċċellenza fl-innovazzjoni, fl-edukazzjoni għolja u fir-riċerka**;
- h) jiżgura l-kumplimentarjetà u s-sinerġija bejn l-attivitajiet ta' l-IET u programmi oħra tal-Komunità;
- i) **jikkomplementa politiki eżistenti nazzjonali u reġjonali, strumenti u networks fil-qasam ta' l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni għolja fl-Ewropa.**

2. **L-IET għandu jkollu s-setgħa li jwaqqaf** Fundazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Fundazzjoni ta' l-IET") bil-għan speċifiku li tippromwovi u tappoġġja l-attivitajiet ta' l-IET.

Artikolu 5

Il-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni

1. **Il-KICs** għandhom iwettqu b'mod partikolari:
 - a) **attivitajiet ta' innovazzjoni** u investimenti **fuq skala xierqa li joffru valur miżjud Ewropew u li għandhom** id-dimensjonijiet tar-riċerka u **ta' l-edukazzjoni** u li jstimulaw it-tixrid u l-isfruttament tar-riżultati;
 - b) l-iktar riċerka **teknoloġika** avvanzata **u ispirata mill-innovazzjoni** foqasma ta' interess ekonomiku u soċjetarju ewlieni **ispirata mir-riżultati tar-riċerka Ewropea u nazzjonali, bil-għan li tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea fil-livell internazzjonali**;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- c) attivitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ fil-livell ta' masters u ta' dottorat, **kif imsemmi fl-Artikolu 8, f'dix-xiplini li jilħqu l-ħtiġijiet ekonomiċi Ewropej tal-ġejjieni u li jippromwovu** iżvilupp ta' ħilet li għandhom x'jaqsmu ma' l-innovazzjoni u t-titjib ta' ħilet maniġerjali u intraprenditorjali **u l-mobilità tar-riċerkaturi**;
 - d) tixrid ta' l-aħjar prassi **fil-qasam ta'** l-innovazzjoni **b'enfasi fuq** l-iżvilupp ta' kooperazzjoni **■** bejn l-**edukazzjoni għolja, ir-riċerka** u n-negozju.
2. Il-KICs għandhom ikollhom awtonomija ġenerali sostanzjali biex jiddefinixxu l-organizzazzjoni u l-kompożizzjoni interna tagħhom, kif ukoll il-pjan preċiż ta' l-attivitajiet u tal-metodi ta' ħidma tagħhom.
3. Il-KICs għandhom ikunu miftuħin għal organizzazzjonijiet msieħba ġodda, kull fejn dawn jistgħu jżidu valur għas-sħubija.
4. Il-KICs għandhom ikunu legalment indipendenti mill-IET. Ir-relazzjoni bejn l-IET u kull KIC għandha titmexxa minn ftehim kontrattwali.
5. Kull KIC għandha tippreżenta pjan tan-negozju lill-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET għall-approvazzjoni.
6. KIC tista' tinkludi organizzazzjonijiet sħab minn pajjiżi terzi li jistgħu jagħtu kontribut pożittiv għall-għanijiet tagħha.

Artikolu 6

L-għażla ta' KICs

1. Għandha tintgħażel u tissemma' sħubija mill-IET biex issir KIC abbażi ta proċedura kompetittiva, miftuħa u trasparenti. Għandhom jiġu adottati u ppubblikati kriterji dettaljati għall-għażla tal-KICs, ibbażati fuq il-prinċipji tal-kapaċità għall-eċċellenza u għall-innovazzjoni, u esperti esterni u indipendenti għandhom ikunu involuti fil-proċedura ta' l-għażla.
2. Skond il-kriterju ta' l-eċċellenza msemmi fil-paragrafu 1, fl-għażla ta' KIC għandhom jitqiesu dawn il-fatturi b'mod partikulari:
- a) il-kapaċità attwali u potenzjali għall-innovazzjoni fi ħdan is-sħubija kif ukoll l-eċċellenza potenzjali tagħha fl-innovazzjoni, l-edukazzjoni għolja u r-riċerka, u b'mod partikulari l-ħila tagħha biex tinkludi dawn l-elementi fl-attivitajiet tagħha;
 - b) il-kapaċità tas-sħubija li tikseb l-għanijiet stipulati fl-Aġenda ta' l-Innovazzjoni Strateġika, kif stipulat fl-Artikolu 28;
 - c) il-ħila tas-sħubija biex tiżgura iffinanzjar sostenibbli fuq żmien twil, inklużi l-impenji finanzjarji sostanzjali mis-settur privat;
 - d) il-parteċipazzjoni fis-sħubija ta' l-organizzazzjonijiet sħab attivi fir-riċerka, l-edukazzjoni għolja u l-innovazzjoni, inklużi mill-inqas istituzzjoni waħda ta' edukazzjoni għolja u kumpanija privata waħda;
 - e) fejn xieraq, l-eżistenza ta' pjan għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali u industrijali adatt għas-settur ikkonċernat u konsistenti mal-prinċipji u l-linji gwida ta' l-IET għall-ġestjoni tal-proprjetà intellettuali u industrijali;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- f) l-involvement u l-koperazzjoni mas-settur privat, u b'mod partikulari ma' l-SMEs u s-settur finanzjarju;
- g) miżuri biex jappoġġjaw il-ħolqien ta' start-ups u spin-offs;
- h) il-ħila tas-sħubija li tinteraġixxi ma' organizzazzjonijiet u ma' networks oħra barra mill-KIC bil-għan li taqsam il-prattiki tajba u l-eċċellenza.

3. Skond il-kriterju ta' l-eċċellenza msemmi fil-paragrafu 1, kull KIC għandu jkollha mill-inqas tliet organizzazzjonijiet sħab, li jinsabu mill-inqas f'żewġ Stati parteċipanti differenti, u li minnhom kull wiehied ikun indipendenti mill-oħrajn, fl-ambitu ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' intrapriżi, ċentri ta' riċerka u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja fl-azzjonijiet tas-Seba' Programm ta' Qafas u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) ⁽¹⁾.

4. KIC tista' tinkludi organizzazzjonijiet sħab li ma jkunux stabbiliti fi Stat parteċipant, sakemm dan ikun approvat mill-Bord tat-Tmexxija ta' l-IET.

Artikolu 7

Il-fażi pilota

1. Mhux aktar tard minn ... ⁽²⁾, l-IET għandu jagħżel u jaħtar żewġ jew tliet KICs skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6.
2. L-IET jista' jagħżel aktar KICs wara l-adozzjoni ta' l-ewwel Aġenda Strateġika ta' l-Innovazzjoni tiegħu, b'konformità ma' l-Artikolu 28.

Artikolu 8

Kwalifiki

1. Il-ftehim bejn l-IET u l-KICs għandu jistipula li, fid-dixxiplini u l-oqsma fejn jitwettqu l-attivitajiet ta' edukazzjoni għolja, riċerka u innovazzjoni permezz tal-KICs, il-lawrji u d-diplomi mogħtija permezz tal-KICs, **il-kwalifiki mogħtija mill-KICs għandu jkollhom il-marka** ta' l-IET.
2. L-IET għandu jħeġġeġ **l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni għolja** li huma sħab f'KIC, biex jagħtu **kwalifiki** u diplomi konġunti li jirriflettu n-natura integrata tal-KICs. Madankollu, dawn jistgħu jkunu wkoll **kwalifiki** mogħtija minn istituzzjoni waħda **ta' l-edukazzjoni għolja** kif ukoll **kwalifiki** doppji u multipli.
3. L-Istati Membri **għandhom** jikkooperaw fir-rikonoxximent **tal-kwalifiki mogħtija minn istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni għolja** fi ħdan il-KICs u li għandhom **il-marka** ta' l-IET, bla preġudizzju għad-Direttiva 2005/36/KE.
4. Sħab fi ħdan KIC għandhom jikkontribwixxu favur politika għall-edukazzjoni u t-taħriġ fid-dixxiplini u l-oqsma koperti fl-istrateġiji tal-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 9

Il-mobilità tar-riċerkaturi u ta' l-istudenti

1. Permezz ta' l-attivitajiet tiegħu, l-IET għandu jgħin fil-promozzjoni tal-mobilità fi ħdan iż-Żona Ewropea ta' l-Edukazzjoni Għolja skond il-ftehimiet milħuqa fil-Proċess ta' Bologna.
2. It-trasferibilità ta' l-għotjiet mogħtija għall-attivitajiet tal-KICs, b'mod partiulari lir-riċerkaturi u lill-istudenti, għandha tkun garantita.

⁽¹⁾ ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

Artikolu 10

L-Indipendenza ta' l-IET u l-konsistenza ma' azzjoni Komunitarja, ta' l-Istati Membri jew intergovernattiva

1. L-IET għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu indipendentement mill-awtoritajiet nazzjonali u l-persjonijiet esterni. ■
2. L-attivitajiet ta' l-IET **u tal-KICs** għandha tkun konsistenti ma' azzjoni **u strumenti** oħra fil-livell Komunitarju, b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni **għolja**.
3. L-IET għandu jqis sew ukoll il-politiki u l-inizjattivi fil-livelli **reġjonali**, nazzjonali u intergovernattivi **sabiex jagħmel użu mill-aħjar prattika, kunċetti ppruvati u riżorsi eżistenti**.

Artikolu 11

L-entitajiet ta' l-IET

1. L-entitajiet ta' l-IET għandhom ikunu:
 - (a) Bord tat-Tmexxija magħmul minn membri ta' livell għoli b'esperjenza **fl-innovazzjoni**, fin-negozju, ir-riċerka u fl-edukazzjoni **għolja**; hu għandu jkun responsabbli għall-gwida u l-valutazzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-IET **għall-għażla, in-nomina u l-evalwazzjoni tal-KICs**, u għad-deċiżjonijiet strateġiċi l-oħrajn kollha;
 - (b) Kumitat Eżekuttiv li għandu jissorvelja t-tmexxija ta' l-IET u jieħu d-deċiżjonijiet li jkunu meħtieġa bejn il-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija;
 - (c) Direttur li għandu jkun responsabbli għall-Bord tat-Tmexxija għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja ta' l-IET u li għandu jkun ir-rappreżentant legali ta' l-IET;
 - (d) **Fejn xieraq, unità ta' verifika interna li għandha tagħti** pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur għall-istrutturi ta' ġestjoni u kontroll finanzjarji u amministrattivi fi ħdan l-IET, dwar l-organizzazzjoni tal-links finanzjarji mal-KICs, u dwar kwalunkwe suġġett ieħor mitlub mill-Bord tat-Tmexxija.
2. Il-Kummissjoni ti sta' taħtar osservaturi biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija u l-Kumitat Eżekuttiv ■.

Artikolu 12

Il-Kompożizzjoni tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul kemm minn membri maħtura li jipprovdu bilanċ bejn daww b'esperjenza fin-negozju, daww b'esperjenza akkademika u daww b'esperjenza fir-riċerka (minn hawn 'il quddiem imsejħa: "il-membri maħtura") u membri eletti minn u minn fost l-istaff amministrattiv, tekniku, akkademiku, tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni, u l-istudenti u l-kandidati għal dottorati, ta' l-IET u l-KICs (minn hawn 'il quddiem "il-membri rappreżentattivi").
2. Għandu jkun hemm 21 membru maħtur fil-Bord tat-Tmexxija. Dawn għandu jkollhom mandat ta' sitt snin li ma jiġġeddidx, ħlief kif dispost fil-paragrafu 4. Dawn għandhom jinħatru mill-Kummissjoni skond proċedura trasparenti li għandha tinkludi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-proċess ta' l-għażla.
3. Meta taħtar lill-membri tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni għandha tqis il-bilanċ bejn l-esperjenza akkademika, fir-riċerka u fin-negozju kif ukoll il-bilanċ bejn is-sessi u għandha tqis l-ambjenti ta' innovazzjoni, riċerka u edukazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea.
4. Terz tal-membri maħtura għandhom jinbidlu kull sentejn. Membri li ż-żmien tal-mandat tagħhom jiskadi wara t-tieni u r-ra ba' sena wara l-ħatra inizjali tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jittellgħu bix-xorti.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

5. Għandu jkun hemm erba' membri rappreżentanti tal-Bord tat-Tmexxija. Dawn għandu jkollhom mandat ta' tliet snin, li jiġġedded darba. Il-mandat tagħhom jieqaf jekk jitleq mill-IET jew minn KIC u għandhom jiġu sositwiti bl-istess proċedura għall-bqija tal-mandat tal-membri li ser jitleq.

6. Il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għall-elezzjoni u s-sostituzzjoni tal-"membri rappreżentanti" għandhom jiġu approvati mill-Bord tat-Tmexxija fuq bażi ta' proposta mid-Direttur qabel ma tibda l-operat tagħha l-ewwel KIC. Dan il-mekkaniżmu għandu jiżgura rappreżentanza xierqa tad-diversità u għandu jqis l-evoluzzjoni ta' l-IET u l-KICs.

7. F'każ li membru tal-Bord tat-Tmexxija ma jkunx jista' jtemm il-mandat tiegħu, għandu jinħatar jew jiġi elett membru sostitut bl-istess proċedura tal-membri li ser jitleq għall-bqija tal-mandat tiegħu.

Artikolu 13

Ir-Responsabilitajiet tal-Bord tat-Tmexxija

1. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jaġixxu b'mod totalment indipendenti, fl-interess ta' l-IET, iħarsu l-miri u l-missjonijiet, l-identità u l-koerenza tiegħu.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu, b'mod partikolari:

- a) jiddefinixxi l-oqsma fejn għandhom jiġu stabbiliti l-KICs;
- b) japprova l-istrateġija ta' l-IET kif stipulata fil-programm tiegħu ta' ħidma trijennali li ji sta' jiġi emendat u aġġornat;
- c) japprova l-baġit ta' l-IET, il-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ tiegħu u r-rapport annwali ta' l-attivitajiet fuq bażi ta' proposta mid-Direttur;
- d) jadotta proċeduri ta' l-għażla tal-KICs li jkunu rigorużi, trasparenti u faċli biex tużahom; dawn il-proċeduri għandhom jinkludu valutazzjoni esterna minn espert u għandhom ikopru r-relazzjonijiet bejn l-IET u l-KICs;
- e) jagħżel u jinnomina sħubija bħala KIC jew jirtira n-nomina jekk ikun hemm bżonn;
- f) jiżgura evalwazzjoni kontinwa ta' l-attivitajiet tal-KICs fuq il-bażi ta' kriterji ċari stabbiliti minn qabel;
- g) jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu u daww tal-Kumitat Eżekuttiv;
- h) għandu jiddefinixxi, bi qbil mal-Kummissjoni, l-onorarji xierqa għall-membri tiegħu u għall-membri tal-Kumitat Eżekuttiv; dawn l-onorarji għandhom jittaqabblu ma' ħlasijiet simili fl-Istati Membri;
- i) jadotta proċedura għall-għażla tal-membri tal-Kumitat Eżekuttiv, il-membri ta' l-Unità tal-Verifika Interna u, fejn xieraq, tad-Direttur;
- j) jaħtar, u jekk ikun meħtieġ ikeċċi, lid-Direttur, jaħtar lill-uffiċjal tal-kontijiet ta' l-IET, u lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv u fejn xieraq, tal-membri ta' l-Unità tal-Verifika;
- k) jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur;
- l) jistabbilixxi fejn xieraq gruppi konsultattivi li ji sta' jkollhom perjodu definit;
- m) jippromwovi lill-IET globalment, ħalli jagħmlu aktar attraenti u jsir "attur internazzjonali" għall-eċċellenza fl-innovazzjoni, ir-riċerka u l-edukazzjoni għolja;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- n) *jadotta kodiċi ta' mġiba dwar il-kunflitti ta' interess;*
- o) *jiddefinixxi l-prinċipji u l-linji gwida għall-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u industrijali;*
- p) *japprova l-ftehim dwar il-proprjetà intellettuali u industrijali konklużi bejn l-organizzazzjonijiet sħab fil-KICs;*
- q) *jiddeċiedi jekk jistabbilixxi unità ta' verifika interna b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju Strutturali qafas għall-entitajiet imsemmjin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁽¹⁾.*

3. Il-Bord tat-Tmexxija ji sta' jiddelega funzjonijiet speċifiċi lill-Kumitat Eżekuttiv.

4. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jagħżel iċ-Chairperson tiegħu minn fost il-membri maħtura permezz ta' elezzjoni. Il-mandat taċ-Chairperson għandu jkun għal perjodu ta' tliet snin, li jiġġedded darba.

Artikolu 14

Kif jiffunzjona l-Bord tat-Tmexxija

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu ġeneralment jadotta d-deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi tal-membri kollha tiegħu.

Madankollu, deċiżjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 132 (a), (b), (c), (d), (e) u (j) u u l-Artikolu 13(4) jirrikjedu maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tiegħu.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiltaqa' f'sessjoni ordinarja mill-inqas tliet darbiet fis-sena, u f'sessjoni straordinarja meta jitlaqqa' miċ-Chairperson tiegħu jew fuq talba ta' mill-inqas terz tal-membri tiegħu.

3. Għall-perijodu ta' tranżizzjoni, il-Bord tat-Tmexxija għandu jkun magħmul esklussivament minn membri maħtura sakemm ikunu jistgħu jsiru l-elezzjonijiet għall-membri rappreżentattivi, wara li titwaqqaf l-ewwel KIC.

Artikolu 15

Il-Kumitat Eżekuttiv

1. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun magħmul minn ħames persuni fosthom iċ-Chairperson tal-Bord tat-Tmexxija li jippresjedi wkoll il-Kumitat Eżekuttiv.

L-er ba' membri li mhumiex iċ-Chairperson għandhom jintgħażlu mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri maħtura tiegħu.

2. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' fuq bażi regolari meta jitlaqqa' miċ-Chairperson tiegħu jew fuq talba tad-Direttur.

3. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri kollha tiegħu.

4. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu:

- a) *jħejji l-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija;*
- b) *jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm rikorrenti trijennali ta' ħidma;*

⁽¹⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72. Rettifika fil-ĠU L 2, 7.1.2003, p. 39.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- c) jissorvelja l-proċedura ta' l-għażla għall-KICs;
- d) jieħu kwalunkwe deċiżjonijiet delegati lil mill-Bord tat-Tmexxija.

Artikolu 16

Id-Direttur

1. Id-Direttur għandu jkun persuna ta' kompetenza u reputazzjoni għolja fl-oqsma li fihom jopera l-IET. Huwa għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija għal mandat ta' erba' snin. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi dan il-mandat darba b'erba' snin meta jqis li l-interessi ta' l-IET jinqdew l-aħjar jekk isir hekk.

2. Id-Direttur għandu jkun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum ta' l-IET u għandu jkun ir-rappreżentant legali tiegħu. Huwa responsabbli quddiem il-Bord tat-Tmexxija u lil jrid jirrapporta fuq bażi kostanti dwar il-progress ta' l-attivitajiet ta' l-IET.

3. Id-Direttur għandu b'mod partikolari:

- a) jappoġġja lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kumitat Eżekuttiv fil-ħidma tagħhom u jipprovdihom b'segretarjat għal-laqgħat tagħhom;
- b) iħejji l-abbozz ta' l-istrateġija u l-baġit ta' l-IET biex jitressaq quddiem il-Bord tat-Tmexxija permezz tal-Kumitat Eżekuttiv;
- c) jamministra l-proċedura ta' l-għażla għall-KICs; u jiżgura li d-diversi stadji ta' dak il-proċess jitwettqu b'mod trasparenti u oġġettiv;
- d) jorganizza u jimmaniġġja l-attivitajiet ta' l-IET;
- e) jiżgura l-implimentazzjoni ta' proċeduri effettivi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jikkonċernaw ir-rendiment ta' l-IET b'konformità ma' l-Artikolu 29;
- f) ikun responsabbli għal kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji, fosthom l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-IET, għal dan, id-Direttur għandu jqis il-parir mogħti mill-unità tal-verifika interna;
- g) ikun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha dwar l-istaff;
- h) iħejji l-abbozz tal-programm rikorrenti trijennali ta' ħidma u r-rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' l-IET u jippreżentahom lill-Bord tat-Tmexxija;
- i) jippreżenta l-abbozz tal-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ ta' l-IET lill-funzjoni tal-verifika interna, u wara lill-Bord tat-Tmexxija, permezz tal-Kumitat Eżekuttiv;
- j) jiżgura li jitwettqu l-obbligi ta' l-IET fir-rigward tal-kuntratti u l-ftehimiet li huwa jilħaq;
- k) jipprovdi lill-Kumitat Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija bit-tagħrif kollu meħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.

Artikolu 17

L-Istaff ta' l-IET

1. L-istaff ta' l-IET għandu jkun magħmul minn ħaddiema impjegati direttament mill-IET b'kuntratti b'terminu fiss. Il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej għandhom japplikaw għad-Direttur u għall-Istaff ta' l-IET.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

2. L-esperti jistgħu jkunu ssekondati għal żmien limitat lill-IET mill-Istati Membri jew minn ħaddieħor li jimpjegahom.

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta dispożizzjonijiet li jippermettu lill-esperti sekondati mill-Istati Membri jew lil ħaddieħor li jimpjegahom biex jaħdmu ma' l-IET u jiddefinixxi d-drittijiet u r-responsabilitajiet tagħhom.

3. L-IET għandu jeżerċita, fir-rigward ta' l-istaff tiegħu, is-setgħat mgħoddija lill-awtorità awtorizzata biex tikkonkludi kuntratti mal-membri ta' l-istaff.

4. Membru ta' l-istaff jista' jinħtieġ ipatti għal kwalunkwe ħsara, kollha kemm hi jew parti minnha, imġarrba mill-IET, bħala riżultat ta' mgħiba ħażina serja min-naħa tiegħu waqt jew marbuta mal-qadi ta' dmirijietu/ħa.

Artikolu 18

Prinċipji li jiggrawidaw l-organizzazzjoni u l-immaniġġjar tal-KICs

1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta qafas ta' gwida li fuqu għandu jibbaża l-kondizzjonijiet u t-termini tal-ftehimiet mal-KICs u l-finanzjament, monitoraġġ u valutazzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom. Dan għandu jiġi ppubblikat qabel ma jinbeda l-proċess ta' l-għażla tal-KICs.

2. Il-Bord tat-Tmexxija għandu b'mod partikolari jipprovdi gwida dwar:

- a) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-KICs u l-parteċipazzjoni ta' l-IET fit-tmexxija tagħhom;
- b) l-integrazzjoni tad-dimensjoni tan-negozju f'attivitajiet ta' riċerka u edukazzjoni, inkluż l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet edukattivi u sforzi għar-riċerka u l-iżvilupp; il-mobilità ta' l-istaff u l-istudenti/ir-riċerkaturi bejn in-negozju u s-setturi akkademiċi/tar-riċerka; il-forniment ta' kontenut edukattiv li jqis kwistjonijiet marbuta man-negozju, l-immaniġġjar u l-innovazzjoni; il-qsim bejn is-sħab tar-riżultati u d-dħul finanzjarju li jirriżulta mill-koperazzjoni bejn is-sħab; it-tixrid ta' riżultati u ta' prattiki tajba ma' organizzazzjonijiet mhux sħab inklużi l-SMEs;
- c) kif ikun żgurat li l-kurrikula u l-prattiki interni jrawmu mod ta' ħsieb intraprenditorjali u innovattiv.

3. Fi ħdan it-termini tal-ftehim tagħhom ma' l-IET, il-KICs għandu jkollhom awtonomija sostanzjali biex jiddefinixxu l-organizzazzjoni interna kif ukoll l-aġenda preċiża tagħhom u l-metodi ta' ħidma.

Artikolu 19

Prinċipji għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-KICs

L-IET għandu jorganizza monitoraġġ kontinwu u evalwazzjonijiet perjodiċi indipendenti ta' l-eżiti u r-riżultati ta' kull KIC. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq prattika amministrattiva tajba u parametri orjentati lejn ir-riżultati u jevitaw aspetti formali u proċedurali li mhumieks meħtieġa.

Artikolu 20

Il-perjodu, il-Kontinwazzjoni u t-Tmiem ta' KIC

1. KIC għandha normalment ddum minn 7 sa 15-il sena, skond ir-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet perjodiċi u l-ispeċifikitajiet ta' oqsma partikolari.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

2. Il-Bord tat-Tmexxija jista' eċċezzjonalment jiddeċiedi li jestendi l-operat ta' KIC lil hinn mill-perjodu inizjali stabbilit jekk dan ikun l-iktar mod adattat biex jintlaħaq l-għan ta' l-IET.

3. Fil-każ li valutazzjonijiet ta' KIC juru riżultati mhux adegwati, il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu l-miżuri xierqa fosthom tnaqqis, modifika jew irtirar ta' l-appoġġ finanzjarjulill-KIC jew it-tmiem tal-ftehim mal-KIC.

Artikolu 21

Stralċ ta' l-IET

F'każ ta' stralċ ta' l-IET, il-likwidazzjoni tiegħu għandha sseħħ taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni b'konformità mal-liġi applikabbli. Il-ftehimiet mal-KICs u l-att li jistabbilixxi l-Fundazzjoni ta' l-IET għandhom ifasslu d-dispożizzjonijiet xierqa għal sitwazzjoni bħal din.

Artikolu 22

Il-Ġestjoni tal-Proprietà Intellettuali u Industrijali

1. L-IET għandu **jadotta** l-linji gwida immaniġġjar **tad-drittijiet** tal-proprjetà intellettuali u industrijali, **ibbażati, inter alia, fuq il-prinċipji stipulati fil-Kapitlu II tat-Taqsima 2 tar-Regolament (KE) Nru 1906/2006.**

2. **Fuq il-bażi ta' dawn il-linji gwida, l-organizzazzjonijiet sħab ta' kull KIC għandhom jilħqu ftehim bejniethom fuq l-immaniġġjar u l-użu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u industrijali, li għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija.**

Artikolu 23

L-Istatus Ġuridiku

1. L-IET għandu jkollu personalità ġuridika. F'kull wieħed mill-Istati Membri, għandu jeżerċita l-aktar kapaċitajiet ġuridiċi wiesgħa possibbli, mogħtija lill-persuni ġuridiċi mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. B'mod partikolari, huwa ji sta' jakkwista jew jiddisponi minn assi tanġibbli jew intanġibbli u jieħu sehem fi proċeduri ġudizzjarji.

2. Il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandu japplika għall-IET.

Artikolu 24

Ir-Responsabilità

1. L-IET għandu jkun unikament responsabbli għar-rispett ta' l-obbligazzjonijiet tiegħu.

2. Ir-responsabilità kuntrattwali ta' l-IET għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet kuntrattwali rilevanti u bil-liġi applikabbli għall-kuntratt meqjus.

Kuntratti li l-IET ikun daħal għalihom għandhom jistipulaw li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha l-ġurisdizzjoni.

3. F'każ ta' responsabilità mhux kuntrattwali, l-IET għandu, b'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet ta' l-Istati Membri, jagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara kkaġunata minnu jew mill-impjegati tiegħu waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha ġurisdizzjoni fi kwalunkwe tilwima marbuta ma' kumpens għal din il-ħsara.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

4. Kwalunkwe ħlas *magħmul* mill-IET biex ikopri r-responsabilità msemija fil-paragrafi 2 u 3 u l-ispejjeż imġarrba b'rabta ma' dan għandhom jitqiesu bħala nfiq ta' l-IET u għandhom ikunu koperti mir-riżorsi ta' l-IET.

Artikolu 25

It-Trasparenza u l-Aċċess għad-Dokumenti

1. L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, **inklużi daww tal-KICs**, jitwettqu b'livell għoli ta' trasparenza. **B'mod partikulari, l-IET għandu jwaqqaf sit elettroniku aċċessibbli, bla ħlas u b'bosta lingwi biex jagħti informazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu u tal-KICs individwali.**

2. L-IET għandu jippubblika **u jittirażmetti lill-awtorità baġitarja:**

- a) ir-regoli ta' proċedura tiegħu
 - b) il-programm ta' ħidma trijennali li ji sta' jiġi emendat u aġġornat kif ukoll ir-rapport annwali ta' l-attivitajiet.
3. Bla ħsara għall-paragrafi 4 u 5, **la l-IET u lanqas il-KICs, m'għandhom jikxfu** ma' partijiet terzi tagħrif kunfidenzjali li **jkunu rċiew** u li jkun intalab trattament kunfidenzjali għalih u fejn dan ikun ġustifikat.
4. Il-membri ta' l-entitajiet ta' l-IET għandhom ikunu suġġetti għar-rekwiżit ta' kunfidenzjalità msemmi fl-Artikolu 287 tat-Trattat.

It-tagħrif miġbur mill-IET b'konformità mar-Regolament preżenti għandu jkun suġġett għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet Komunitarji u entitajiet u dwar il-moviment liberu ta' tali data ⁽¹⁾.

5. Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għall-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ⁽²⁾ għandu japplika għad-dokumenti miżmuma mill-IET. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta arranġamenti prattiċi għall-applikazzjoni ta' l-imsemmi regolament mhux iżjed minn sitt xhur wara li jkun twaqqaf l-IET.

Artikolu 26

Ir-Riżorsi

1. L-IET u l-KICs għandhom ikunu **ffinanzjati** permezz ta':
- a) kontribuzzjonijiet **minn organizzazzjonijiet kummerċjali jew privati oħra, preferibbilment minn kumpaniji li jkunu organizzazzjonijiet sħab fil-KICs;**
 - b) **kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, kif stipulat fl-Artikolu 30, kif ukoll minn fondi li ma ntefqux li jekk ma jintużawx hekk jiġu mogħtija lura lill-Istati Membri; fejn ikunu qed jintużaw Fondi Strutturali, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-Istat Membru jew mill-awtoritajiet lokali, reġjonali u manijerjali konċernati;**
 - c) kontribuzzjonijiet minn **Stati parteċipanti, pajjiżi terzi jew awtoritajiet pubbliċi tagħhom;**
 - d) wirt, donazzjonijiet u kontribuzzjonijiet minn individwi, istituzzjonijiet, fundazzjonijiet jew kwalunkwe entità nazzjonali oħra;

⁽¹⁾ ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- e) dħul iġġenerat mill-attivitajiet **tiegħu stess, fosthom id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u industrijali** jew ||doti kapitali ta' l-IET stess, inklużi dawk immexxija mill-Fundazzjoni ta' l-IET ||;
- f) **kontribuzzjonijiet minn || entitajiet jew istituzzjonijiet internazzjonali;**
- g) **self u kontribuzzjonijiet mill-Bank Ewropew għall-Investment.**

Dawn jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji.

2. **F'każ li KIC jew l-organizzazzjonijiet sħab tagħha japplikaw direttament għall-ghajjnuna mill-programmi tal-Komunità (inkluża l-Faċilità tal-Qsim tar-Riskju), il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-applikazzjonijiet ma jiġu bl-ebda mod privileġġjati fuq applikazzjonijiet oħra.** Ghajjnuna bħal din m'għandhiex tingħata għall-attivitajiet li diġà huma ffinanzjati mill-baġit Komunitarju.

3. **Ma jistax isir kontribut mis-Seba'Programm ta' Qafas tal-Komunità għar-Riċerka, l-Iżvilupp tat-Teknoloġija u l-Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni, il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni jew mill-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja għall-ispejjeż tat-twaqqif u/jew ta' l-amministrazzjoni marbuta direttament ma' l-IET jew mal-KICs.**

Artikolu 27

Programmazzjoni u Responsabilità

1. L-IET għandu jadotta:

- a) **programm ta' ħidma trijennali li ji sta' jiġi emendat u aġġornat li fih stqarrija tal-prijoritajiet ewlenin tiegħu u l-inizjattivi pplanati inkluża stima ta' bżonnijiet u sorsi finanzjarji; il-programm ta' ħidma għandu jkun b'konformità mar-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli.**
- b) **rapport annwali sat-30 ta' Ġunju kull sena. Ir-rapport għandu jfassal pjan għall-attivitajiet immexxija mill-IET matul is-sena **kalendarja** ta' qabel u jeżamina r-riżultati fir-rigward ta' l-għanijiet u l-iskeda stabbiliti, ir-riskji marbuta ma' l-attivitajiet imwettqa, l-użu tar-riżorsi u l-operat ġenerali ta' l-IET.**

2. **L-IET għandu jippreżenta l-programm ta' ħidma trijennali li ji sta' jiġi emendat u aġġornat u r-rapport annwali għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni, || lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni għall-informazzjoni.**

||

3. **Il-preżentazzjoni tal-kontijiet ta' l-IET għandha tkun konformi mar-regoli ġenerali stipulati fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.**

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

Artikolu 28

Aġenda Strateġika ta' l-Innovazzjoni

1. *Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011 u kull seba' snin minn wara din id-data, l-IET għandha theggi Aġenda Strateġika ta' l-Innovazzjoni għal matul seba' snin (minn hawn 'il quddiem "SIA") u tippreżentaha lill-Kummissjoni.*
2. *L-SIA għandha tenfasizza l-oqsma strateġiċi fuq żmien twil ta' l-IET fl-oqsma ta' interess ewlieni ekonomiku u soċjetali li jistgħu jiġġeneraw l-akbar valur miżjud permezz ta' l-innovazzjoni fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea. Strateġija aktar konkreta u dettaljata għandha titħejja fil-programmi ta' ħidma trijen-nali kif definit fl-Artikolu 14, b'mod li tagħti ċans lill-IET li jirrispondi għal żviluppi interni u esterni fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, ta' l-innovazzjoni u oqsma rilevanti oħra.*
3. *L-SIA għandha tqis ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-IET u tal-KICs kif stipulat fl-Artikolu 29.*
4. *L-SIA għandha tinkludi stima tal-ħtiġijiet finanzjarji u tar-riżorsi għall-iżvilupp fuq medda ta' żmien twil u għall-iffinanzjar ta' l-IET.*
5. *Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandhom jadottaw l-SIA b'kon-formità ma' l-Artikolu 251 tat-Trattat.*

Artikolu 29

Valutazzjoni ta' l-IET

1. *L-IET għandu jiżgura li l-attivitajiet tiegħu, inklużi dawk immexxija permezz ta' KICs, huma suġġetti għal monitoraġġ kontinwu u valutazzjoni perijodika indipendenti, biex jiġi żgurat kemm l-ogħla kwalità ta' riżultat u l-iżjed użu effiċjenti tar-riżorsi. **Ta' kull sena l-IET għandu jgħaddi lill-awtorità baġitarja kull tagħrif rilevanti għall-eżitu tal-proċeduri ta' evalwazzjoni.***
2. *Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 u kull seba' snin minn wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tippubblika valutazzjoni ta' l-IET. Din għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni esterna indipendenti, u għandha teżamina kif l-IET jaqdi l-missjonijiet tiegħu. Hija għandha tkopri l-attivitajiet kollha ta' l-IET u l-KICs u għandha teżamina **l-impatt**, l-effettività, is-sostenibilità, l-effiċjenza u r-rilevanza ta' l-attivitajiet imwettqa u r-relazzjoni tagħhom mal-politiki Komunitarji. Hija għandha tqis il-fehmiet tal-partijiet interessati, kemm flivell Ewropew kif ukoll flivell nazzjonali.*
3. ***Il-Kummissjoni se tgħaddi r-riżultati ta' l-evalwazzjoni, flimkien ma' kwalunkwe proposti għall-emenda ta' dan ir-Regolament, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.***
4. *Il-Bord tat-Tmexxija għandu jqis is-sejbiet tal-valutazzjonijiet fil-programmi u l-operazzjonijiet ta' l-IET.*

Artikolu 30

Impenji Baġitarji

Il-pakkett finanzjarju indikattiv **ta' l-iffinanzjar Komunitarju** għall-implimentazzjoni tar-Regolament matul il-perjodu ta' sitt snin mill-1 ta' Jannar 2008 huwa ta' EUR 308 700 000, **suġġett għall-ftehim taż-żewġ partijiet ta' l-awtorità baġitarja skond l-IIA, b'mod partikolari il-parti C u l-punt 47 tagħha.** L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

Artikolu 31

Thejjiġa u Adozzjoni tal-baġit annwali

1. In-nefqa ta' l-IET għandha tinkludi l-ispejjeż operazzjonali, infrastrutturali, u ta' l-istaff. **L-ispiża amministrattiva għandha tinżamm f'livell minimu.**
2. Is-sena finanzjarja għandha tikkorrispondi mas-sena kalendarja.
3. Id-Direttur għandu jfassal stimi tad-dħul u l-infiq ta' l-IET għas-sena finanzjarja ta' wara u għandu jgħaddihom lill-Bord tat-Tmexxija.
4. Għandu jkun hemm bilanċ bejn id-dħul u l-infiq.
5. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta l-abbozz ta' l-istima flimkien mal-programm rikorrenti trijennali ta' **ħidma u abbozz ta' organigramma**, u jgħaddihom lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu.
6. **Il-Kummissjoni għandha tagħti l-istima lill-awtorità baġitarja flimkien ma' l-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.**
7. Abbażi ta' l-istima, il-Kummissjoni għandha ddaħħal l-istimi li hija tqis neċessarji għall-**organigramma u għall-**ammont tas-sussidju li jrid jitħallas mill-baġit ġenerali, fl-abbozz preliminari tal-baġit ġenerali, **li hija għandha tressaq quddiem iż-żewġ partijiet ta' l-awtorità baġitarja skond l-Artikolu 272 tat-Trattat.**
8. L-awtorità baġitarja għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet għas-sussidju lill-IET. **L-awtorità baġitarja għandha tadotta l-organigramma.**
9. Il-Bord tat-Tmexxija jadotta l-baġit ta' l-IET, li għandu jsir finali wara l-aħħar adozzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Fejn xieraq, huwa għandu jiġi aġġustat skond dan ta' l-aħħar.
10. **Il-Bord tat-Tmexxija għandu, malajr kemm jista' jkun, jinnotifika lill-żewġ partijiet ta' l-awtorità baġitarja bl-intenzjoni tiegħu li jimplimenta kwalunkwe proġett li jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinifikanti għall-iffinanzjar tal-baġit ta' l-IET, b'mod partikulari kwalunkwe baġits li jikkonċernaw proprjetà bħalma huma l-kiri jew ix-xiri ta' bini. Huwa għandu javża l-Kummissjoni b'dan.**
11. Kwalunkwe modifika lill-baġit ta' l-IET għandha **tkun suġġetta għall-approvazzjoni ta' l-awtorità baġitarja.**

Artikolu 32

L-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit

1. **Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-IET għandhom jiġu adottati mill-Bord tat-Tmexxija wara konsultazzjoni mall-Kummissjoni. Dawn ma jistgħux jitbiegħdu mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.**
2. Id-Direttur għandu jimplimenta l-baġit ta' l-IET.
3. Il-kontijiet ta' l-IET għandhom jiġu kkonsolidati mal-kontijiet tal-Kummissjoni.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

4. L-IET għandu jkun suġġett għall-istess regoli ta' kontroll baġitarju bħal aġenziji oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

5. Il-Qorti ta' l-Awdituri għandha teżerċita l-iskrutinju tagħha b'konformità mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

6. Fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena n + 2, jagħti l-approvazzjoni tiegħu għas-sena n, lid-Direttur fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-IET ■.

Artikolu 33

Il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Bil-ħsieb li jiġġielew il-frodi, il-korruzzjoni u atti illegali oħra, ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxja mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ⁽¹⁾ għandu japplika għall-IET fl-intier tiegħu.

2. L-IET għandu jaderixxi għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi ⁽²⁾. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jifformalizza din l-ađeżjoni u jadotta l-miżuri neċessarji biex jgħin lill-OLAF iwettaq l-investigazzjonijiet interni.

3. Id-deċiżjonijiet adottati u l-kuntratti konklużi mill-IET kollha, għandhom jistipulaw espliċitament li l-OLAF u l-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post tad-dokumenti tal-kuntratturi u sottokuntratturi kollha li rċevew fondi Komunitarji inklużi fl-istabbilimenti tal-benefiċjarji finali.

4. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-Fundazzjoni ta' l-IET.

Artikolu 34

Il-klawsola ta' reviżjoni

Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010 u kull seba' snin wara, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar l-operat ta' l-IET. **Ir-rapport għandu jinkludi evalwazzjoni tal-valur miżjud ta' l-IET, il-kumplimentarjetà tiegħu ma' strumenti eżistenti nazzjonali u tal-Komunità fl-appoġġ ta' l-innovazzjoni, tar-riċerka u ta' l-edukazzjoni aktar għolja, u l-kisba ta' l-għanijiet tiegħu kif stipulati fl-Artikolu 3. Fuq il-bażi ta' dan ir-rapport il-Kummissjoni għandha tagħmel kwalunkwe proposti xierqa għall-emenda ta' dan ir-Regolament.**

Ir-rapporti tal-Kummissjoni għandhom iqisu r-rapporti annwali mill-Bord tat-Tmexxija stipulati fl-Artikolu 27 u l-valutazzjonijiet esterni stipulati fl-Artikolu 29.

■

⁽¹⁾ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

Artikolu 35

Dħul fis-Seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-*għoxrin* jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ||,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

P6_TA(2007)0410

Dritt għall-vot u għall-kandidatura f'elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għal ċittadini ta' l-Unjoni li huma residenti fi Stat Membru barrani *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Settembru 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar ċerti arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għal-ċittadini ta' l-Unjoni residenti fi Stat Membru li ma twieldux fih.
(COM(2006)0791 — C6-0066/2007 — 2006/0277(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0791),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni (COM(2006)0790) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2004/2003 ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi flivell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom, ⁽³⁾
- wara li kkunsidra l-Artikolu 39 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 19(2) tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0066/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0267/2007),

⁽¹⁾ Elezzjonijiet Ewropej 2004, Rapport tal-Kummissjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea fl-Istat Membru ta' residenza (Direttiva 93/109/KE) u dwar l-arranġamenti elettorali (Deċiżjoni 76/787/KEE) kif emendata permezz ta' Deċiżjoni 2002/772/KE, Euratom).

⁽²⁾ ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5.

⁽³⁾ ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsewwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 1

PREMESSA 1

(1) Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għall-elezzjonijiet ta' l-2004 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE li jistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għall-ċittadini ta' l-Unjoni residenti fi Stat Membru fejn ma twieldux wera l-ħtieġa li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

(1) Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għall-elezzjonijiet ta' l-2004 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE li jistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew għall-ċittadini ta' l-Unjoni residenti fi Stat Membru fejn ma twieldux wera l-ħtieġa li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva. ***Id-ċittadinanza ta' l-Unjoni tiggarantixxi l-istess drittijiet għal-ċittadini kollha ta' l-UE, kemm jekk twieldu jew jgħixu fl-Unjoni nfisha kif ukoll f'pajjiż terz. L-istituzzjonijiet Komunitarji għandhom għalhekk ifittxu li jiżguraw li ċittadini ta' l-Unjoni residenti fi Stat Membru ieħor ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fil-każ ta' elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.***

Emenda 2

PREMESSA 1 A (ġdida)

(1a) Il-mobilità dejjem ikbar tan-nies minn naħa għall-oħra tal-fruntieri interni ta' l-Unjoni ssaħħaħ il-ħtieġa li jkun pprovduti drittijiet demokratiċi kompletament mobbli fil-każ ta' elezzjonijiet kemm għall-Parlament Ewropew kif ukoll dawk muniċipali, kif ukoll il-ħtieġa li jkun żgurat li ċittadini ma jitilfux id-drittijiet demokratiċi tagħhom għaliex jgħixu fi Stat Membru li mhux dak ta' l-orijini tagħhom.

Emenda 3

PREMESSA 2 A (ġdida)

(2a) Din il-projbizzjoni ta' l-aħħar tmur lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex ikun żgurat li ma jkunx hemm diskriminazzjoni kontra ċittadini ta' l-Unjoni għal raġunijiet ta' nazzjonalità meta dawn jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jhorgu bħala kandidati. L-Istati Membri għandu jkollhom id-diskrezzjoni li jiddeċiedu jekk għandhomx jippermettu kandidaturi fiktur minn Stat wieħed fl-istess elezzjoni, u l-partiti politiċi għandhom jitħallew jiddeċiedu jekk iridux jinkoraġġixxu kandidaturi multipli.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 4

PREMESSA 2 B (ġdida)

(2b) L-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali ⁽¹⁾ jipprovdi li, fejn il-liġi primarja tkun siekta, il-liġi elettorali għandha tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet nazzjonali; barra minn hekk, il-liġi primarja tipprojbixxi espressament l-ivvutar multiplu, iżda tibqa' siekta dwar il-kwistjoni tal-kandidatura multipla.

⁽¹⁾ ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5. Att kif emendat l-aħħar permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom (ĠU L 283, 21.10.2002, p. 1.).

Emenda 5

PREMESSA 3 A (ġdida)

(3a) Ir-rikonoxximent obbligatorju, mill-Istat Membru ta' residenza, ta' skwalifika rigward id-dritt li wieħed joħroġ bħala kandidat hija kundizzjoni addizzjonali ta' l-eżerċitar ta' dak id-dritt, li mhix koperta la mill-kliem u l-anqas mill-ispirtu ta' l-Artikolu 19(2) tat-Trattat KE. L-Istat Membru ta' residenza għandu jkun intitolat li jistabbilixxi jekk individwu kienx ikun imċaħħad mid-dritt li joħroġ għall-elezzjoni skond il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat fl-istess ċirkustanzi u bl-istess mod, u jiddeċiedi għal dak li għandu x'jaqsam miegħu jekk għandux jirrikonoxxi l-iskwalifika applikabbli fl-istat ta' oriġini.

Emenda 6

PREMESSA 3B (ġdida)

(3b) Il-Kunsill m'għandux imur lil hinn mill-intenzjoni msemmija fid-dispożizzjonijiet tal-liġi primarja, u l-arranġamenti dettaljati stipulati fid-Direttiva 93/109/KE skond it-termini ta' l-Artikolu 19(2) tat-Trattat KE u għandhom ikunu limitati għal dak li hu strettament neċessarju biex jinġhata effett liż-żewġ drittijiet intenzjonati — jiġifieri, id-dritt li wieħed jivvota u joħroġ għall-elezzjoni fi Stat li mhux tiegħu, u m'għandux jintroduċi kundizzjonijiet għall-eżerċitar ta' daww id-drittijiet ħlief jew flimkien ma' daww li hemm dispożizzjoni għalihom fil-liġi ta' l-Istat ta' residenza.

Emenda 7

PREMESSA 5

(5) Il-ħtieġa li l-kandidati jissottomettu din iċ-ċertifikazzjoni għandha għalhekk titneħħa u minflok jkun hemm referenza dwar dan fid-dikjarazzjoni formali li l-kandidati għandhom jippreżentaw.

(5) Il-ħtieġa li l-kandidati jissottomettu din iċ-ċertifikazzjoni għandha għalhekk titneħħa u minflok jkun hemm referenza **fakultattiva** dwar dan fid-dikjarazzjoni formali li l-kandidati għandhom jippreżentaw.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 8

PREMESSA 6

(6) L-Istati Membri ospitanti għandu jkollhom l-obbligu li jinnotifikaw lill-Istat Membru ta' oriġini b'din id-dikjarazzjoni biex jiġi assigurat li l-kandidat Komunitarju ma ġiex fil-fatt imċaħħad minn dan id-dritt fl-Istat Membru ta' oriġini. *imħassra*

Emenda 9

PREMESSA 9

(9) Għandu għalhekk jitneħħa l-iskambju ta' informazzjoni, filwaqt li jinżamm l-obbligu li ssir dikjarazzjoni li permezz tagħha l-elettur **jew il-kandidat** jintrabat li jeżerċita d-dritt tiegħu tal-vot **jew tal-kandidatura** biss fl-Istat Membru ta' residenza;

(9) Għandu għalhekk jitneħħa l-iskambju ta' informazzjoni, filwaqt li jinżamm l-obbligu li ssir dikjarazzjoni li permezz tagħha l-elettur jintrabat li jeżerċita d-dritt tiegħu tal-vot biss fl-Istat Membru ta' residenza.

Emenda 10

PREMESSA 10

(10) Barra minn hekk, **biex jiġi evitat il-vot jew il-kandidatura doppja u li jiġi eżerċitat id-dritt tal-vot jew tal-kandidatura minkejja li persuna ġiet imċaħhada minn dawn id-drittijiet**, l-Istati Membri ospitanti għandhom jieħdu miżuri biex jassiguraw li **l-ksur ta' l-obbligi** elenkati fid-Direttiva jkun suġġetti għall-**pieni** xierqa.

(10) Barra minn hekk, l-Istati Membri ospitanti għandhom jieħdu miżuri biex jassiguraw li **ineżatezzi fid-dikjarazzjonijiet formali minn ċittadini ta' l-Unjoni u** elenkati fid-Direttiva **jkunu** suġġetti għal **sanzjonijiet** xierqa.

Emenda 11

PREMESSA 10 A (ġdida)

(10a) L-Istati Membri għandhom dmir, skond l-Artikolu 12 tad-Direttiva 93/109/KE, li jinfurmaw liċ-ċittadini ta' l-Unjoni bid-dritt tagħhom li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom fi żmien xieraq qabel kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew; l-Istati Membri għandhom ikunu appoġġjati mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni, u mill-partiti politiċi kemm fil-livell Ewropew u kemm nazzjonali, fl-għażla ta' l-aħjar Prattika f'dak ir-rigward, sabiex itejbu l-livell ta' parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 12

PREMESSA 11

(11) Fir-rapport jeħtieġ li theggi fl-applikazzjoni tad-Direttiva emendata għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2009, il-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri, għandha tibbaża l-analiżi tagħha b'mod partikolari fuq ir-riżultati tal-kontrolli u spezzjonijiet li jsiru mill-Istati Membri wara l-elezzjonijiet biex tiġi kkalkulata l-frekwenza tal-votazzjoni doppja **u tal-kandidaturi** doppji eventwali;

(11) Fir-rapport jeħtieġ li theggi fl-applikazzjoni tad-Direttiva emendata għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2009, il-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri, għandha tibbaża l-analiżi tagħha b'mod partikolari fuq ir-riżultati tal-kontrolli u spezzjonijiet li jsiru mill-Istati Membri wara l-elezzjonijiet biex tiġi kkalkulata l-frekwenza tal-votazzjoni *multipla* eventwali;

Emenda 13

PREMESSA 12

(12) Kontroll ta' rutina tal-voti kollha **u tal-kandidaturi kollha** jkun sproporzjonat mal-problemi identifikati u jqanqal problemi ta' fattibbiltà minħabba li fl-Istati Membri m'hemmx metodi *eltroniċi* uniformi biex tiġi reġistrata u maħżuna d-data dwar il-parteċipazzjoni effettiva **u l-kandidaturi preżentati**; jeħtieġ għalhekk li l-Istati Membri jagħmlu kontrolli speċifiċi dwar is-sitwazzjonijiet fejn hemm probabbiltà akbar ta' votazzjoni doppja **jew kandidaturi doppji**;

(12) Kontroll ta' rutina tal-voti kollha jkun sproporzjonat mal-problemi identifikati u jqanqal problemi ta' fattibbiltà minħabba li fl-Istati Membri m'hemmx metodi *elettroniċi* uniformi biex tiġi reġistrata u maħżuna d-data dwar il-parteċipazzjoni effettiva; jeħtieġ għalhekk li l-Istati Membri jagħmlu kontrolli speċifiċi dwar is-sitwazzjonijiet fejn hemm probabbiltà akbar ta' votazzjoni *multipla*;

Emenda 14

ARTIKOLU 1, PUNT 1 A (*ġdid*)
Artikolu 3 (Direttiva 93/109/KE)

(1a) L-Artikolu 3 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

Artikolu 3

Kwalunkwe persuna li fid-data tar-riferenza:

- (a) tkun ċittadina ta' l-Unjoni skond it-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat;
- (b) mhix ċittadina ta' l-Istat Membru ta' residenza, iżda tissodisfa l-istess kundizzjonijiet, rigward id-dritt tal-vot u li toħroġ bħala kandidata, li dak l-Istat jimponi bil-liġi fuq iċ-ċittadini tiegħu stess,

għandu jkollha d-dritt tal-vot u li toħroġ bħala kandidata fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza, sakemm ma tkunx prekluzja mill-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet mill-Istat Membru ta' residenza skond l-Artikoli 6 u 7.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Fejn, sabiex joħorġu bħala kandidati, iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' residenza jridu jkunu ilhom ċittadini għal ċertu perjodu minimu, iċ-ċittadini ta' l-Unjoni għandhom ikunu meqjusa li ssodisfaw dik il-kundizzjoni meta jkunu ċittadini ta' Stat Membru għall-istess perjodu.

Emenda 15

ARTIKOLU 1, PUNT 1 B (ġdid)
Artikolu 4, paragrafu 2, (Direttiva 93/109/KE)

(1a) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-votanti tal-Komunità jistgħu joħorġu bħala kandidati f'aktar minn Stat Membru wieħed fl-istess elezzjoni, sakemm il-liġi ta' l-Istat Membru ta' residenza ma teskludix dik il-possibiltà fir-rigward ta' iċ-ċittadini tiegħu, u sakemm il-votant tal-Komunità jissodisfa l-kundizzjoni jiet tad-dritt li jhroġ bħala kandidat kif previst fil-liġi ta' l-Istat Membru l-ieħor ikkonċernat.”

Emenda 16

ARTIKOLU 1, PUNT 2, PUNT (-A) (ġdid)
Artikolu 6, paragrafu 1, (Direttiva 93/109/KE)

(-a) il-paragrafu 1 għandu jkun sostitwit minn dan li ġej:

“1. L-Istat Membru ta' residenza jista' jiddisponi li ċittadini ta' l-Unjoni li, permezz ta' deċiżjoni tal-liġi kriminali jew ċivili individwali, kienu m'caħhda mid-dritt li joħorġu bħala kandidati skond il-liġi ta' l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, għandhom ikunu preklużi milli jeżerċitaw dak id-dritt fl-Istat Membru ta' residenza f'elezzjoni jiet għall-Parlament Ewropew jekk kienu jkunu m'caħhda minn dak id-dritt skond il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat għall-istess reat u bl-istess mod.”

Emenda 17

ARTIKOLU 1, PUNT 2, PUNT (A)
Artikolu 6, paragrafu 2, (Direttiva 93/109/KE)

2. L-Istat Membru tar-residenza ji sta' jagħmel stħarriġ jekk iċ-ċittadini ta' l-Unjoni li wrew ix-xewqa li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-kandidatura f'dan l-Istat Membru tneħħilhomx dan id-dritt fl-Istat Membru ta' oriġini minħabba xi deċiżjoni individwali tal-liġi ċivili jew tal-liġi kriminali.

2. (Ma taffettwax il-verżjoni Maltija)

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 18

ARTIKOLU 1, PUNT 2, PUNT (B)
Artikolu 6, paragrafu 3, (Direttiva 93/109/KE)

3. Għall-għanijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru tar-residenza **għandu** jgħarraf lill-Istat Membru ta' oriġini bid-dikjarazzjoni pprovduta fl-Artikolu 10(1). Għal dan il-għan, l-Istat Membru taċ-ċittadinanza għandu jgħaddi t-tagħrif meħtieġ li normalment ikollu fil-ħin u l-mod xieraq; din l-informazzjoni trid tinkludi biss dettalji li huma strettament neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu u jistgħu jintużaw biss għal dan il-għan. **Jekk l-informazzjoni pprovduta twassal biex il-kontenut tad-dikjarazzjoni ma jkunx validu, l-Istat Membru ta' residenza għandu jieħu l-passi neċessarji biex iżomm il-persuna kkonċernata milli toħroġ bħala kandidat.**

3. Għall-għanijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru tar-residenza **jista'** jgħarraf lill-Istat Membru ta' oriġini bid-dikjarazzjoni pprovduta fl-Artikolu 10(1). Għal dan il-għan, l-Istat Membru taċ-ċittadinanza għandu jgħaddi t-tagħrif meħtieġ li normalment ikollu fil-ħin u l-mod xieraq; din l-informazzjoni trid tinkludi biss dettalji li huma strettament neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu u jistgħu jintużaw biss għal dan il-għan.

Emenda 19

ARTIKOLU 1, PUNT 2 A (ġdid)
Artikolu 7 (Direttiva 93/109/KE)(2a) *Artikolu 7 għandu jkun sostitwit b'dan li ġej:*

Artikolu 7

1. L-Istat Membru ta' residenza jista' jiddisponi li ċittadini ta' l-Unjoni li, permezz ta' deċiżjoni tal-liġi kriminali jew ċivili individwali, kienu m'cahhda mid-dritt tagħhom li jivvutaw skond il-liġi ta' l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, għandhom ikunu preklużi milli jeżerċitaw dak id-dritt fl-Istat Membru ta' residenza f'elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew jekk kienu jkunu m'cahhda minn dak id-dritt skond il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat għall-istess reat u bl-istess mod.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru tar-residenza għandu jgħarraf lill-Istat Membru ta' oriġini bid-dikjarazzjoni pprovduta fl-Artikolu 9(2). Għal dan il-għan, l-Istat Membru taċ-ċittadinanza għandu jgħaddi t-tagħrif it-tagħrif rilevanti li huwa normalment disponibbli fil-ħin u l-mod xieraq; din l-informazzjoni tista' tinkludi biss dettalji li huma strettament neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu u jistgħu jintużaw biss għal dan il-għan.

3. L-Istat Membru ta' oriġini ji sta' wkoll, fil-ħin xieraq u b'mod opportun, jgħaddi lill-Istat Membru ta' residenza kull informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 20

ARTIKOLU 1, PUNT 3, PUNT (-A) (*ġdid*)

Artikolu 10, paragrafu 1, punt (b) (Direttiva 93/109/KE)

(-a) punt (b) tal-paragrafu 1 għandu jkun sostitwit minn dan li ġej:

“(b) fejn applikabbli, li hu jew hi se jgħorġu bħala kandidat għall-elezzjoni għall-Parlament Ewropew fi Stat Membru ieħor, u”

Emenda 21

ARTIKOLU 1, PUNT 3, PUNT (A)

Artikolu 10, paragrafu 1, punt (d) (Direttiva 93/109/KE)

(d) li ma ġiex imċaħħad mid-dritt li jgħorġ bħala kandidat fl-Istat Membru ta' oriġini.

Emenda 22

ARTIKOLU 1, PUNT 3, PUNT (C)

Artikolu 10, paragrafu 3, (Direttiva 93/109/KE)

(c) il-paragrafu 3 jsir paragrafu 2.

(c) il-paragrafu 3 jsir paragrafu 2 **u huwa emendat kif ġej:**

“L-Istat Membru ta' residenza jista' jesiġi miċ-ċittadini tal-Komunità, li huma intitolati li jgħorġu bħala kandidati, biex jipproduċu dokument ta' identità validu. Jista' jesiġi wkoll li jindikaw id-data li minnha huma ilhom ċittadini ta' Stat Membru u jekk kinux imċaħhada mid-dritt li jgħorġu bħala kandidati fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom.”

Emenda 23

ARTIKOLU 1, PUNT 4

Artikolu 13, paragrafu 1, (Direttiva 93/109/KE)

1. L-Istat Membru ta' residenza għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jassigura li ineżatezzi **bħal dawn** fid-dikjarazzjonijiet formali pprovduti fl-Artikolu 9(2) u 10(1) **bi ksur ta' l-obbligi imposti b'din id-Direttiva**, huma suġġetti għall-pieni effettivi, proporzjonali u dissważivi.

1. L-Istat Membru ta' residenza għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jassigura li ineżatezzi fid-dikjarazzjonijiet formali pprovduti fl-Artikolu 9(2) u 10(1) **ikunu** suġġetti għall-pieni effettivi, proporzjonali u dissważivi.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

P6_TA(2007)0411

Art Imwarrba għas-sena 2008 *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Settembru 2007 dwar il-proposta b'deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa fir-rigward ta' l-art imwarrba, għall-2008 (COM(2007)0523 — C6-0302/2007 — 2007/0194(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni u tal-Kunsill (COM(2007)0523),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-KE, skond liema huwa ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0302/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 134 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tiegħu f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat tal-KE;
3. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-intenzjoni li jemenda b'mod sostanzjali l-proposta tal-Kummissjoni;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jinforma lill-Kunsill u l-Kummissjoni bil-pożizzjoni tal-Parlament.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 7

Premessa 3

(3) Jeħtieġ għalhekk li għall-2008 l-art imwarrba titħalla tintuża għall-finijiet agrikoli.

(3) Jeħtieġ għalhekk li għall-2008 **u l-2009**, l-art imwarrba titħalla tintuża għall-finijiet agrikoli.

Emenda 10

Premessa 3 a (ġdida)

(3a) Is-sistema li l-art titwarrab għandha effetti pożittivi fuq il-kwalità tal-ħamrija u fuq il-bijodiversità. Għalhekk jeħtieġ li jiġu eżaminati l-konsegwenzi f'każ li din is-sistema tiġi abbandunata u l-mezzi kif dawn l-effetti pożittivi jistgħu jinżammu,

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 9

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 54(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, **fl-2008**, il-bdiewa mhux ser ikunu obbligati, biex ikunu intitolati għall-ammont stipulat għad-drittijiet ta' l-art imwarrba, li jwarrbu mill-produzzjoni, art li hija eliġibbli għal dawk id-drittijiet.

B'deroga mill-Artikolu 54(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, **għall-2008 u fl-2009**, il-bdiewa mhux ser ikunu obbligati, biex ikunu intitolati għall-ammont stipulat għad-drittijiet ta' l-art imwarrba, li jwarrbu mill-produzzjoni art li hija eliġibbli għal dawk id-drittijiet.

Emenda 11

Artikolu 1 a (ġdid)

Artikolu 1 a

Sabiex tħejji l-ġejjieni tal-politika agrikola komuni, il-Kummissjoni għandha teżamina l-impatt tat-tneħħija tas-sistema li l-art titwarrab.

P6_TA(2007)0412

Ġugarelli perikolużi manifatturati fiċ-Ċina

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Settembru 2007 dwar is-sikurezza tal-prodotti u b'mod partikolari tal-ġugarelli

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE tat-3 ta' Mejju, 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward is-sigurtà tal-ġugarelli ⁽¹⁾ (id-Direttiva dwar il-ġugarelli),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-kumitati xjentifiċi tal-Kummissjoni u d-diversi studji mwettqa mill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni tas-sikurezza tal-ġugarelli,
- wara li kkunsidra l-ftehimiet internazzjonali eżistenti ma' pajjiżi terzi fil-qasam tas-sikurezza tal-prodotti, speċjalment dik tal-ġugarelli,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, f'Awissu u Settembru 2007, sensiela ta' ġbir lura volontarju u ta' volum kbir ta' ġugarelli li mhu-miex sikuri u li huma ta' ħsara għas-saħħa, ħolqu tħassib pubbliku fl-UE,
- B. billi, dan il-ġbir lura ħoloq kuxjenza dwar il-problema li minkejja l-istandardizzazzjoni tal-prodotti u sistema ta' sorveljanza tas-suq madwar l-UE, fl-UE għadhom qed jiġu mmanifatturati, importati u kum-merċjalizzati prodotti li mhu-miex sikuri,

⁽¹⁾ ĠU L 187, 16.7.1988, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- C. billi r-responsabilità għal livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur hija prijorità politika u soċjali, u hija f'id il-leġislatur li jrid jiżgura s-sikurezza tal-prodott fil-katina sħiħa ta' l-operaturi ekonomiċi (fornituri, manifatturi, importaturi),
- D. billi dan il-ġbir lura volontarju, sa ċertu punt, huwa dovut għal ġrieħi, u sa ċertu punt minħabba l-monitoraġġ ta' l-impriżi kkonċernati iżda mhux minħabba sorveljanza tas-suq effettiva; billi hemm tħassib serju li mhux il-manifatturi u l-importaturi kollha jaġixxu b'konformità mar-regoli;
- E. billi fl-2006 48 % tal-prodotti li ġew identifikati b'hal mhux sikuri oriġinaw miċ-Ċina, 21 % mill-UE-25 u 17 % kienu ta' oriġini mhix identifikata; billi 24 % tal-prodotti kollha li ġew identifikati li mhumx sikuri huma ġugarelli tat-tfal, billi persentaġġ għoli ħafna tal-ġugarelli kkummerċjalizzati fl-UE jiġu miċ-Ċina;
- F. billi l-ġbir lura ta' ġugarelli mhux sikuri huwa ġġustifikat għall-aħħar, iżda huwa biss mezz ta' l-aħħar rikors li ma jipprovdi ħarsien effettiv tal-konsumatur, peress li apparti l-fatt li spiss iseħħ tard wisq, ir-rata ta' ġbir lura ta' ġugarelli hija baxxa ħafna, li tfisser li l-biċċa l-kbira ferm tal-ġugarelli mhux sikuri normalment jibqgħu għand il-konsumaturi,
- G. billi s-supervizzjoni tas-swieq u tad-dħul fl-UE u l-projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti difettużi huma r-responsabilità ta' l-Istati Membri,
- H. billi l-Kummissjoni ressqet proposta għal deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas komuni għall-promozzjoni tal-prodotti (COM(2007)0053) u proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tas-suq fir-rigward tal-promozzjoni tal-prodotti (COM(2007)0037),

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-azzjoni leġislattiva u amministrattiva meħtieġa kollha sabiex jiżguraw li l-prodotti li jaslu għand il-konsumatur li huma kkummerċjalizzati fl-UE mhux biss jissodisfaw b'mod sħiħ l-istandards eżistenti ta' l-UE iżda wkoll ma jqiegħdux f'riskju s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi;

Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ġugarelli

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta r-reviżjoni ppjanata tad-Direttiva dwar il-Ġugarelli sa l-aħħar ta' l-2007, filwaqt li tassikura li id-direttiva riveduta ikun fiha rekwiżiti effiċjenti u effettivi għas-sikurezza tal-prodotti; billi s-saħħa pubblika u l-protezzjoni tal-konsumatur għandhom irwol importanti fid-Direttiva dwar il-Ġugarelli, huwa tal-fehma li hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet ħafna iżjed ċari biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-prodotti u biex, fil-konsumaturi, titnissel fiduċja li dawn ikunu jistgħu jintużaw b'mod sikur;

3. Jitlob lill-Kummissjoni fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ġugarelli biex issegwi approċċ li fih, miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi tar-rekwiżiti ewlenin jiġu adottati fil-komitoloġija permezz tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, u b'hekk il-Parlament jingħata ċertu livell ta' kontroll fuq l-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet għas-sikurezza tal-ġugarelli;

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ġugarelli, tipproponi projbizzjonijiet mingħajr kundizzjoni ta' ċerti sustanzi kimiċi ta' ħsara, b'halma huma s-sustanzi kollha li huma karċinoġeniċi, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni fil-kategoriji 1, 2 jew 3, u ta' sustanzi oħra tossiċi ta' kontenut għoli simili, b'halma huma s-sustanzi li jfixxlu s-sistema endokrinali, is-sensitizzaturi u l-fwejjaħ;

5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex ittejjeb il-miżuri ta' infurzar tad-Direttiva dwar il-Ġugarelli, inklużi billi jiġu provduti sanzjonijiet effettivi f'każ ta' nuqqas ta' konformità;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

Kontroll tal-marka CE u ta' marki oħra

6. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-marka CE tkun garanzija ta' konformità mal-leġiżlazzjoni teknika ta' l-UE, u jenfasizza li l-marka CE, minħabba n-natura awto-regolatorja tagħha, qatt ma kienet intenzjonata sabiex tkun marka ta' sikurezza ta' l-UE;

7. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-valur miżjud li jkun hemm b'riżultat tal-ħolqien ta' Tikketta Ewropea għas-Sikurezza tal-Konsumatur, li tikkumplimenta l-marka CE, li għandha tintuża mill-operaturi ekonomiċi kollha, li tgħin lill-konsumatur sabiex jagħmel għażla infurmata bejn prodotti differenti;

8. Jenfasizza li din it-Tikketta Ewropea għas-Sikurezza tal-Konsumatur għandha tkun volontarja u, meta tiġi adottata minn manifattur, għandha tiegħu post it-tikketti nazzjonali kollha ta' sikurezza;

9. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tintervjeni bis-saħħa kollha, flimkien ma' l-Istati Membri, sabiex tiddefendi d-drittijiet tal-konsumaturi kull fejn hemm evidenza ta' imġiba qarrieqa u/jew ta' marki ta' l-orijini qarrieqa jew li jiżgwidaw minn manifatturi jew importaturi barranin;

10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jistabbilixxu kredibilità b'saħħitha għall-marka CE leġislattivi permezz ta' l-adozzjoni minn kmieni tal-proposti leġislattivi għal kontroll iżjed b'saħħtu u għal sorveljanza aktar b'saħħitha tas-suq, sostnuti minn sorveljanza xierqa tad-dwana u mekkaniżmi ta' infurzar;

11. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkjarifika r-responsabilità tal-produtturi u ta' l-importaturi fil-każ ta' użu ħażin tal-marka CE; iqis li għandhom jiġu stabbiliti sanzjonijiet xierqa għall-użu ħażin; jitlob li l-użu ħażin ta' marki volontarji oħra jsiru wkoll suġġetti għal sanzjonijiet;

Is-Sistema RAPEX

12. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżid l-effettività tas-Sistema Komunitarja tat-Tagħrif Imħaffef (sistema RAPEX) sabiex tiżgura li l-Istati Membri ikunu jistgħu jidentifikaw l-ogħla numru possibbli ta' prodotti li mhumix sikuri sabiex jiġu żgurati l-irtirar u l-ġbir lura tagħhom mis-suq;

13. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex fis-sistema tar-RAPEX tinkludi l-monitoraġġ u r-rappurtar sabiex ikun jista' jsir kejl ta' l-effettività tal-ġbir lura ta' prodotti;

It-traċċabilità ta' prodotti u miżuri kontra l-iffalsifikar

14. Iqis li l-konsumaturi huma intitolati li jkunu jafu l-orijini tal-prodotti impurtati fl-UE u li l-awtoritajiet tas-sorveljanza għandu jkollhom l-informazzjoni xierqa biex biha jittraċċaw is-sors tal-prodotti;

15. Jistieden lill-Kunsill sabiex taqbel mingħajr dewmien mal-proposta attwali tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar l-indikazzjoni tal-pajjiż ta' orijini ta' ċerti prodotti impurtati minn pajjiżi terzi (COM(2005)0661);

16. Jinnota t-theddida dejjem tikber għas-sikurezza tal-konsumatur ikkawżata minn prodotti foloz u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex iżidu l-iskambju ta' informazzjoni u l-koperazzjoni transkonfinali sabiex jikkontrollaw u jeqirdu l-importazzjoni ta' prodotti foloz;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

Projbizzjoni ta' importazzjonijiet ta' prodotti perikolużi għall-konsumaturi

17. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkjarifika l-proċedura għall-projbizzjoni ta' importazzjonijiet, skond kull każ individwali, meta l-istandards ta' sikurezza ma jintlaħqux fuq bażi regolari;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża l-poteri tagħha biex tipprojbixxi mis-suq prodotti għall-konsumaturi jekk jinstab li l-prodotti kkonċernati ma jkunux sikuri;

Koperazzjoni maċ-Ċina u ma' pajjiżi terzi oħra

19. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-koperazzjoni ma' l-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi li huma esportaturi ewlenin ta' prodotti għall-konsumaturi fl-UE, u b'mod partikolari ma' l-Amministrazzjoni Ġenerali Ċiniża tas-Sorveljanza tal-Kwalità, ta' l-Ispezzjoni u tal-Kwarantina (AQSIQ), b'mod partikolari billi tingħata għajnuna teknika sabiex jiġu implimentati regoli tas-saħħa u tas-sikurezza u biex titjieb il-koperazzjoni doganali;

20. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi assistenza teknika lill-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi sabiex dawn jiżguraw l-implimentazzjoni tar-regoli ta' saħħa u ta' sikurezza fil-katina kollha tal-produzzjoni, kif ukoll sabiex jitjiebu l-ispezzjonijiet u l-koperazzjoni doganali;

21. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkjarifika l-politika attwali tagħha għall-kummerċ li b'mod ġenerali tkopri l-prodotti li jistgħu jkunu perikolużi, b'mod partikolari l-ġugarelli u t-tessuti, u sabiex il-Kummissjoni tiċċara kif qed taħseb li tiżgura konsistenza bejn l-applikazzjoni ristrettiva tar-regoli attwali u l-bżonn kostriġenti li tiggarantixxi d-dritt taċ-ċittadini Ewropej li jkollhom prodotti sikuri;

22. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkludi standards komuni ta' saħħa u sikurezza fin-negozjati tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-Ftehimiet ta' Sħubija u Koperazzjoni u tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħfies u sabiex tistabbilixxi mekkaniżmi li jiżguraw li dawn l-istandards jitħarsu;

23. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jikkoperaw b'mod attiv ma' l-imsieħba kummerċjali kollha fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq u s-sikurezza tal-prodotti; jistieden lill-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku (TEC) sabiex jinkludi dawn il-kwistjonijiet fil-lista ta' materji għad-diskussjoni;

L-irwol ta' l-Istati Membri

24. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw infurzar strett tal-liġijiet dwar is-sikurezza tal-prodotti, b'mod partikolari tal-liġi dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, u sabiex iżidu l-isforzi biex titjieb is-sorveljanza tas-suq u speċjalment l-ispezzjonijiet nazzjonali;

25. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jagħmlu disponibbli biżżejjed riżorsi sabiex ikunu jistgħu jwettqu kontrolli komprensivi u effettivi; jistieden lill-Istati Membri sabiex isegwu b'mod attiv l-indikazzjonijiet kollha dwar prodotti difettużi inkluż l-ittestjar ta' prodotti suxxettibbli għall-konsumatur;

26. Jistieden lill-Istati Membri sabiex, b'konformità mal-liġi Komunitarja, jagħmlu użu sħiħ mill-mezzi kollha legali possibbli li huma disponibbli għalihom li jiżguraw li jkun evitat li ġugarelli li ma jilħqux l-istandards u ġugarelli li mhumiex sikuri, ma jitpoġġewx fis-suq jew inkella jitneħħew mis-suq jew jinġabru lura mill-manifatturi;

27. Jitlob lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

P6_TA(2007)0413

Lejn politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Settembru 2007 dwar "Lejn politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija" (2007/2000(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-'green paper' tal-Kummissjoni intitolata "Strategġija Ewropea għall-enerġija sostenibbli, kompetittiva u sikura — Green Paper" (COM(2006)0105),
- wara li kkunsidra l-ewwel laqgħa tan-Network ta' l-UE tal-Korrispondenti tas-Sigurta ta' l-Enerġija (NESCO) li saret fl-10 ta' Mejju 2007 fi Brussell,
- wara li kkunsidra d-dokument konġunt mill-Kummissjoni u mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli tal-Kunsill (SG/HR) bit-titolu "Politika Esterna li taqdi l-interessi ta' l-Ewropa fir-rigward ta' l-enerġija", ippreżentat lill-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2006 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni min-naħa tal-Komunità Ewropea tat-Trattat tal-Komunità dwar l-Enerġija ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija fl-Unjoni Ewropea ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija: — kif nagħmlu aktar b'anqas — Green Paper ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Ottubru 2006 intitolata "Relazzjonijiet esterni ta' l-enerġija — minn prinċipji għal azzjoni" (COM(2006)0590),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar strategġija Ewropea għas-sostenibilità, kompetittività u enerġija sikura — Green Paper ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-16 ta' Novembru 2006 dwar l-Istrategġija tal-Baħar Baltiku għad-Dimensjoni tat-Tramuntana ⁽⁵⁾, b'mod partikulari il-Parti II tagħha,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Marzu 2006 dwar l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tal-Green Paper dwar Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa, u tal-15 u s-16 ta' Ġunju 2006 dwar id-dokument konġunt mill-Kummissjoni u mill-SG/HR dwar l-aspetti esterni tas-sigurtà fl-enerġija,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-21 u 22 ta' Ġunju 2007 dwar il-mandat tal-Konferenza Intergovernamentali sabiex tfassal Trattat ta' Riforma li jemenda t-Trattati eżistenti,
- wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa fejn il-kompetenza fis-settur ta' l-enerġija hija maqsuma flimkien ma' l-Istati Membri,

⁽¹⁾ ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 340.

⁽²⁾ ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 112.

⁽³⁾ ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 273.

⁽⁴⁾ Testi Adottati, P6_TA(2006)0603.

⁽⁵⁾ ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 330.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew u lill-Parlament Ewropew intitolata “Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa” COM(2007)0001,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata “Dwar it-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinatt” (COM(2006)0726),
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8-9 ta' Marzu 2007, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill Ewropew (2007-2009) għall-Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa (EPE),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata “Sinerġija fil-Baħar l-Iswed — Inizjattiva Ġdida ta' Koperazzjoni Reġjonali” (COM(2007)0160),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat dwar l-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat dwar l-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0312/2007),
- A. billi s-sigurtà fl-enerġija trid titqies bħala komponent essenzjali tas-sigurtà ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll bħala element ewlieni għall-kisba ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa, li għalihom, madankollu, għad m'hemmx bażi fit-Trattati,
- B. billi, minħabba d-dipendenza attwali u li qed tiżdied tal-provvista ta' l-enerġija fuq pajjiżi l-biċċa l-kbira instabbli u mhux demokratiċi, l-isforzi biex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista fuq livell esklussivament nazzjonali rriżultaw li ma kinux biżżejjed u ma jggarantixxux l-interessi fuq tul taż-żmien ta' l-Istati kollha ta' l-UE; billi l-politika esterna ta' l-UE dwar l-enerġija hija marbuta mill-qrib mal-politika interna tagħha dwar l-enerġija u hemm ħtieġa li tinħoloq politika komuni dwar l-enerġija fir-rigward tar-regolamentazzjoni tas-suq intern kif ukoll dwar aspetti esterni li jikkunsidraw l-interessi politiċi u ekonomiċi ta' l-Istati Membri kollha,
- C. billi l-vulnerabilità u d-dipendenza għolja fil-preżent mill-enerġija ta' l-UE fuq pajjiżi b'reġimi awtoritarji jdgħajfu ħafna l-iżvilupp ta' politika barranija u ta' sigurtà komuni li tkun kredibbli, effettiva u konsistenti fir-rigward, b'mod partikulari, tar-rispett lejn, u l-appoġġ u l-promozzjoni ta', valuri li fuqhom hija msejsa l-UE,
- D. billi l-prinċipji ta' l-UE dwar is-suq intern ta' l-enerġija jistgħu jservu bħala bażi għal politiki kostruttivi ma' msieħba esterni għall-enerġija ta' l-UE, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi partikulari tal-pajjiżi terzi kkonċernati, b'mod speċjali bil-ħsieb li jiġi appoġġjat l-iżvilupp sostenibbli ta' l-enerġija, inkluż l-iżvilupp ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u s-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu,
- E. billi s-sigurtà tal-provvista bi prezzijiet li jintlaħqu u li huma prevedibbli trid tiġi ggarantita fuq livell ta' l-UE permezz ta' koperazzjoni politika b'saħħha kif ukoll permezz tat-tlestija sħiħa tas-suq intern ta' l-enerġija permezz ta' passi ulterjuri lejn il-liberalizzazzjoni ta' l-enerġija,
- F. billi l-enerġija ma għandhiex tintuża bħala għodda biex issir pressjoni politika fuq pajjiżi ta' transitu jew riċevituri,
- G. billi s-settur tal-gass attwalment huwa vulnerabbli ħafna għat-theddidiet esterni; billi forom ġodda ta' koperazzjoni aktar mill-qrib qed jiġu żviluppati fil-mument bejn il-pajjiżi li jesportaw il-gass, li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà Ewropea ta' l-enerġija,

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- H. billi politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija, bbażata fuq is-solidarjetà u d-diversifikazzjoni u fuq il-promozzjoni tas-sostenibilità, toħloq sinerġiji li jiżguraw is-sigurtà tal-provvista għall-Unjoni Ewropea u żżid is-saħħa, il-kapaċità għal azzjoni fil-politika barranija, u l-kredibilità ta' l-UE bħala esponent globali,
- I. billi għandha tiġi żgurata provvista ta' l-enerġija sostenibbli, affidabbli u li wieħed jista' jiflaħ għaliha; billi l-prezzijiet internazzjonali taż-żejt u tal-gass huma volatili ħafna, u għalhekk huwa fl-interess taċ-ċittadin ta' l-UE li jkun hemm politika barranija koerenti ta' l-UE għall-enerġija,
- J. billi l-koperazzjoni mill-qrib fil-qasam tal-provvista ta' l-enerġija tikkostitwixxi waħda mill-aktar miżuri effettivi u indispensabbli għall-bini ta' kunfidenza fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ġirien,
- K. billi bażi għas-solidarjeta fil-qasam tal-politika ta' l-enerġija tista' sservi ta' preċedent għal solidarjeta futura f'oqsma oħra u b'hekk tgħin issaħħaħ l-irwol ta' l-UE fir-relazzjonijiet esterni tagħha,
- L. billi evalwazzjoni affidabbli dwar riskju għas-sigurtà ta' l-enerġija għandha tiġi stabbilita bħala parti mill-politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija, u billi f'dan ir-rigward, in-network li ġiet imwaqqfa riċentament ta' korrispondenti tas-sigurtà ta' l-enerġija għandu jkollu sehem deċiżiv fejn għandhom jiġu mħejjija wkoll il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ neċessarji għal sistema ta' twissijabikrija,
- M. billi għandhom jirdupjaw l-isforzi konġunti fil-qasam tar-riċerka dwar l-enerġiji li jiġġeddu u l-effiċjenza ta' l-enerġija, kif ukoll l-użu ta' dawn, kemm fi ħdan l-UE kif ukoll fil-koperazzjoni ma' msieħba esterni u pajjiżi terzi,
1. Jappella għall-iżvilupp ta' politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija li tkun ta' kontribut sinifikanti għall-garanzija tas-sigurtà fl-enerġija għall-UE kollha, filwaqt li fl-istess ħin tipprova tikseb l-oġettiv ta' sostenibilità fuq il-livell internazzjonali, u b'hekk tipprovdi liċ-ċittadini ta' l-UE valur miżjud sostanzjali għall-isforzi magħmula fuq livell nazzjonali;
2. Jikkunsidra li l-politika dwar l-enerġija trid tkun parti integrata u prominenti tal-politika barranija komuni, u li l-politika ta' l-enerġija għandha titqies f'kull kuntest tal-politika barranija;
3. Jenfasizza li, filwaqt li l-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt sovrani li jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom dwar it-taħlita ta' l-enerġija u sabiex jużaw ir-riżorsi ta' l-enerġija tagħhom u jiddeċiedu dwar l-istrutturi tal-provvista, hemm hteġa li jkunu elaborati dispożizzjonijiet konkreti, li jkunu inklużi fit-Trattati, li jwasslu għall-ħolqien ta' politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija, li tkopri s-sigurtà tal-provvista, tat-trasitu u ta' l-investiment relatat mas-sigurtà ta' l-enerġija, u l-promozzjoni ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija u t-tfaddil ta' l-enerġija kif ukoll sorsi ta' enerġija rinnovabbli u nadifa, b'mod partikulari fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi li l-konsum ta' l-enerġija tagħhom qed jikber b'rata mghaġġa;
4. Jappella għal bażi ta' Trattat xieraq għall-enerġija u għas-sigurtà ta' l-enerġija;
5. Jenfasizza li politika barranija komprensiva Ewropea dwar l-enerġija trid tikkontribwixxi lejn il-promozzjoni u l-implimentazzjoni tal-valuri u ta' l-interessi ta' l-Unjoni Ewropea u l-għanijiet ewlenin tal-politika barranija tagħha, l-aktar il-ħarsien tal-paċi u l-importanza primarja tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt; jirrikonoxxi li d-dipendenza ta' l-UE fuq l-enerġija importata jista' jkollha effetti sinifikanti fuq l-indipendenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha f'oqsma oħra tal-politika;
6. Jikkunsidra bħala ta' importanza kbira li l-UE tkompli tmexxi l-ġlieda dinjija kontra l-bidla fil-klima, li, fost riskji oħra, tista' twassal għal movimenti migratorji sostanzjali u għal theddidiet lis-sigurtà, u li tissodisfa l-miri tal-Protokoll ta' Kyoto tal-Konvenzjoni Qafas dwar il-Bidla fil-Klima tal-UN; f'dan il-kuntest, jappoġġja

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

bis-sħiħ l-isforzi li għaddejnin bħalissa biex jinbena qafas multilaterali għal wara l-2012 biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra; jikkunsidra li jinhtiegħ li l-isforzi ta' l-UE għall-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija nodfa u li jiġġeddu u ta' teknoloġiji għall-iffrankar ta' l-enerġija, inkluż il-qbid u l-ħażna tal-karbonju, jiġu integrati fir-relazzjonijiet esterni kollha;

7. Jilqa' b'sodisfazzjoni il-ħolqien tan-NESCO; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jikkonsolidaw l-attività tan-NESCO bil-ħsieb li jiġu żviluppati bis-sħiħ il-kapaċitajiet operazzjonali tiegħu u biex dan jintuża bħala sistema ta' twissija bikrija fil-każ ta' theddidiet għas-sigurtà, kif ukoll bħala sistema ta' skambju ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-enerġija;

8. Jappoġġja l-istrategġija gradwali fil-mixja lejn politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija;

9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex iwaqqfu, sa l-aħħar ta' l-2007, pjan direzzjonali preċiż li jwassal għat-tfassil ta' din il-politika, li tindika l-oġġettivi, miri u passi li jridu jittieħdu, fuq żmien qasir, medju u twil, flimkien ma' kalendarju speċifiku għall-implimentazzjoni tagħhom;

10. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissottometti rapport ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni ta' l-oġġettivi msemmija hawn fuq, sabiex jippermettu lill-Parlament Ewropew ikun involut mill-qrib fis-sorveljanza tal-politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija;

11. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprepara rapporti annwali dwar l-osservanza tar-regoli li jirregolaw is-suq intern fis-settur ta' l-enerġija, l-aktar fir-rigward tat-trasparenza u l-konformità mal-liġi tal-kompetizzjoni ta' l-UE, minn kumpaniji ta' pajjiżi terzi, l-aktar fornituri ewlenin, flimkien mas-sussidjarji kollha tagħhom; jilqa' l-istedina estiża mill-Kunsill Ewropew tat-8-9 ta' Marzu 2007 lill-Kummissjoni biex tevalwa l-impatt ta' kumpaniji ta' l-enerġija integrati vertikament — li ġejjin minn pajjiżi terzi — fuq is-suq intern, u dwar kif għandu jiġi implimentat il-prinċipju tar-riċiprocità;

12. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tieħu miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' investiment mhux ikkontrollat minn kumpanniji barranin ta' l-istat fis-settur ta' l-enerġija ta' l-UE, b'mod partikulari fin-networks tat-trasmissjoni tal-gass u ta' l-elettriku;

13. Jitlob li jkun hemm koperazzjoni aktar mill-viċin bejn il-Presidenza tal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-SG/HR, sabiex ikunu jistgħu jtkellmu u jaġixxu flimkien b'vuċi waħda dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw politika barranija komuni dwar l-enerġija; jikkunsidra li jinhtiegħ li jissaħħa l-irwol tal-Kummissjoni u tal-Parlament fid-definizzjoni ta' politika barranija komuni Ewropea dwar l-enerġija fir-reviżjoni tat-Trattati li se ssir; jipproponi li, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Riforma l-ġdid, u bl-approvazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, jinħatar Uffiċjal Għoli għall-Politika Barranija dwar l-Enerġija, li, filwat li jkollu "żewġ irwoli", ikun jaġixxi taħt l-awtorità ta' l-Uffiċjal Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, maħluq reċentement u msaħħa, ta' Viċi-President tal-Kummissjoni, u b'hekk ikun marbut kemm mal-Kunsill kif ukoll mal-Kummissjoni, u li jkun responsabbli sabiex jikkoordina l-politiki kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika barranija komuni Ewropea dwar l-enerġija, u b'hekk jikkontribwixxi għall-kapaċità ta' l-UE li tħares l-interessi tagħha tas-sigurtà ta' l-enerġija fin-negozjati ma' l-imsieħba esterni ta' l-UE;

14. Jinsab konvint li t-Trattat dwar il-Karta ta' l-Enerġija (ECT) għandu jkun il-qofol tal-politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija peress li huwa l-istrument l-aktar sinifikanti tal-komunità internazzjonali għall-promozzjoni tal-koperazzjoni fis-settur ta' l-enerġija, jipprovdi bażi għal trattament ġust u ekwu, jiżgura s-sigurtà ta' l-investimenti u jggarantixxi dritt għal kumpens f'każ ta' esproprijazzjoni u/jew nazzjonalizzazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex b'qawwa jitolbu l-applikazzjoni ta' l-ECT, u biex jinkludu s-sustanza tal-Protokoll dwar it-Transitu fit-trattati u l-ftehim kollu ma' l-imsieħba tiegħu fis-settur ta' l-enerġija;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

15. Ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex ikomplu bl-isforzi li jippromwovu fil-pajjiżi ġirien ta' l-UE, u b'koperazzjoni ma' pajjiżi terzi, l-estensjoni tal-prinċipji u r-regoli tas-suq intern; għalhekk ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra li testendi, fejn xieraq, l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija li hija magħmula mill-UE u l-pajjiżi tax-Xlokk ta' l-Ewropa, lejn pajjiżi terzi oħra, u toħloq swieq reġjonali ta' l-enerġija ġodda fuq dak il-mudell, bħalma hija l-komunità Ewro-Mediterranja dwar l-enerġija, sabiex tiżgura li jkun hemm sigurtà tal-provvista;

Prinċipji u rakkomandazzjonijiet fundamentali għall-azzjoni fi ħdan politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija

A. Diversifikazzjoni

16. Huwa ta' l-opinjoni li, meta titqies id-dipendenza dejjem tikber ta' l-UE fuq numru limitat ta' sorsi ta' enerġija, fornituri u rotot ta' trasport, huwa importanti ħafna li jiġu appoġġjati l-inizjattivi ta' prijorità maħsuba għad-diversifikazzjoni tagħhom, kemm ġeografikament kif ukoll billi jiġu żviluppatti alternattivi sostenibbli; jemma li għandha tingħata prijorita speċjali lil sorsi ta' l-enerġija li huma sikuri f'sens ambjentali, u li jiġġeddu; jikkunsidra li s-sigurtà tal-provvista bi prezzijiet li jintlaħqu u li huma prevedibbli għandha tkun għan prinċipali għall-UE;

17. Jappoġġja l-prijoritizzazzjoni tal-proġetti kollha ta' diversifikazzjoni ta' l-enerġija mwettqa mal-pajjiżi ġirien — speċjalment dawk immirati sabiex joħlqu kollegamenti ġodda ta' trasport li jiddiversifikaw kemm il-fornituri kif ukoll ir-rotot, bħalma huwa l-kurituri ta' l-enerġija ta' l-UE bejn il-Baħar Kaspju u l-Baħar l-Iswed — l-aktar il-bini tas-sistema ta' pajpijiet Nabucco, l-infrastruttura tal-gass naturali likwefatt (LNG), l-inter-konnessjoni tal-grids ta' l-elettriku u t-tlestija taċ-ċrieki ta' l-infrastruttura ta' l-elettriku u tal-gass Ewro-Mediterranja kif ukoll it-tweqqi ta' proġetti ġodda ta' infrastruttura taż-żejt ta' interess Ewropew bħalma huma l-proġetti Odessa-Gdańsk u Constanta-Trieste li għandhom ikunu inklużi fil-lista ta' proġetti ta' prijorità għolja ta' interess Ewropew;

18. Jilqa' b'sodisfazzjon in-nomina ta' koordinaturi għall-proġetti prijoritarji ta' interess Ewropew, kif iddefinit mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tal-Presidenza ta' Marzu 2007, b'mod partikulari għall-proġett Nabucco u għall-Power-Link bejn il-Ġermanja, il-Polonja u l-Litwanja;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex isegwu politiki attivi fuq l-ogħla livell politiku sabiex jippermettu lill-Komunita tiddiversifika s-sorsi ta' gass naturali tagħha; jistenna li kull koperazzjoni bejn il-pajjiżi esportaturi taż-żejt tkun tirrispetta is-suq miftuħ, trasparenti u kompetittiv; jikkunsidra li l-inizjattiva sabiex tinholq verżjoni tal-gass ta' l-OPEC tmur kontra dan il-għan;

20. Jinnota li huwa importanti li wieħed imur 'l hinn mid-dikjarazzjonijiet u li jsiru sejħiet għal offerti għal proġetti prijoritarji konkreti, u jappella sabiex hekk kif jinħatar l-Uffiċjal Għoli għall-Politika Barranija dwar l-Enerġija, ikun responsabbli wkoll għall-koordinament ta' l-impenji għall-iżvilupp ta' l-infrastrutturi ta' l-enerġija esterni, bħalma huma il-proġetti Nabucco u Odessa-Gdańsk; sadanittant, jistieden lill-Kummissjoni, lill-Presidenza u lill-SG/HR sabiex isaħħu l-impenji li jiżviluppaw infrastrutturi ta' l-enerġija esterni, flimkien mal-koordinaturi Ewropej;

21. Jikkunsidra li t-tweqqi tal-proġetti ta' diversifikazzjoni ta' l-enerġija għandu jkun wieħed mill-prijoritet tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP), u jappella għal appoġġ imsaħħa għat-titjib fil-klima ta' investiment u fil-qafas regolatorju, bbażat fuq il-prinċipji ta' l-ECT, fis-setturi ta' l-enerġija tal-pajjiżi produttori u dawk ta' transitu;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

22. Jappella għar-rikonoxximent tad-diversità tas-sitwazzjonijiet li diversi Stati Membri jsibu ruħhom fihom fir-rigward tat-taħlita ta' enerġiji, tad-dipendenza fuq l-importazzjoni u ta' l-infrastruttura, u jappoġġja l-isforzi kollha mmirati sabiex jingħelbu d-dipendenzi attwali ta' l-Istati Membri fuq fornituri dominanti, fuq limitazzjonijiet fl-infrastruttura, fuq sorsi ta' l-enerġija li jużaw il-karbonju b'mod intensiv, u fuq l-importazzjonijiet ta' l-enerġija minn pajjiżi li jiksru sistematikament il-kliem u l-ispiritu tal-Karta tan-NU;

23. Jappoġġja l-isforzi kollha mmirati biex jistabbilixxu sorsi ġodda għall-iffinanzjar tal-proġetti importanti kollha, inkluż self speċjali mill-Bank Ewropew ta' l-Investment (EIB), kif ukoll l-assenjazzjoni ta' linji baġitarji speċjali fil-baġit ta' l-UE għal dan il-għan, sakemm ma jdgħajfux is-sigurtà ta' kwalunkwe Stat Membru;

24. Jappella għat-titjib fil-koperazzjoni ma' l-EIB u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD), bil-għan li strumenti finanzjarji jintużaw bħala sostenn għal proġetti prijoritarji;

25. Jikkunsidra li d-dipendenza potenzjali fuq l-importazzjoni tal-bijofjuwils bħala ta' tħassib daqs id-dipendenza fuq il-provvisti esterni taż-żejt u tal-gass; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa, flimkien ma' l-imsieħba ta' l-UE, skema ta' ċertifikazzjoni dinjija li tista' tiżgura s-sostenibilità tal-produzzjoni u l-użu tal-bijofjuwils li ma jheddux lill-bijodiversità, flimkien ma' standards għall-fażijiet tat-tkabbir u pproċessar kif ukoll għall-bilanċ ġenerali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-gassijiet b'effett ta' serra;

26. Fil-kuntest ta' l-inċentivi għall-użu tal-bijofjuwils jew tal-bijomassa fl-UE, iqis ferm essenzjali għall-UE li tassigura li dan l-użu ma jheddidx is-sigurtà globali ta' l-ikel, jew iwassal għal aktar pressjoni fuq il-foresti naturali, għall-espansjoni tal-monokulturi jew ta' pjantaġġuni ta' speċijiet eżotiċi, jew li jaggrava l-bidla fil-klima permezz tad-deforestazzjoni tropikali;

B. Għaqda fid-difiża ta' l-interessi ta' l-UE

27. Jikkunsidra li l-Unjoni bilfors trid tiżviluppa strateġija u qafas fit-tul li jwasslu għall-ħolqien ta' politika barranija komuni dwar l-enerġija, sabiex tiġi adottata pożizzjoni b'saħħitha fid-djalogu ma' pajjiżi fornituri ewlenin u biex titkabbar il-kapaċità li nitkellmu b'vuċi waħda fid-diskussjonijiet li jseħħu fuq il-livelli ta' l-UE, ta' l-Istati Membri u ta' l-industrija, u dan jipprovi pjattaforma għal solidarjeta f'oqsma oħra tal-politika u għat-tisħiħ ta' l-irwol estern ta' l-Unjoni;

28. Jistieden, għall-ġejjieni qarib, lill-Istati Membri sabiex iżommu lil xulxin u lill-Kummissjoni infurmati, u fuq kollox li jikkonsultaw lil xulxin u lill-Kummissjoni, bid-deċiżjonijiet strateġiċi li jikkonċernaw ftehim bilaterali ewlenin ma' pajjiżi terzi dwar proġetti ta' enerġija, li jistgħu jolqtu l-interessi ta' Stati Membri oħra u ta' l-UE b'mod ġenerali kif għandu jsir fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha ta' interess komuni tal-politika barranija; u, fejn jintlaħaq ftehim bilaterali li jmur kontra l-interessi ta' Stati Membri oħra u l-UE b'mod ġenerali, jistieden lill-Istati Membri u, fejn ikun xieraq, lill-Kummissjoni biex jaħdmu flimkien biex jassu għal ftehim li jiżgura n-newtralizzazzjoni ta' kwalunkwe effetti negattivi, b'mod partikulari rigward l-impatt ambjentali, b'konformita mal-prinċipju tas-solidarjeta;

29. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jiżguraw li jitwettagħ studju sħiħ ta' l-impatt ambjentali qabel ma jsiru deċiżjonijiet dwar investimenti kbar ta' infrastruttura; b'mod partikulari, ihegħġghom sabiex jikkunsidraw t-treddida għall-ekosistemi u għall-ħajja umana rrappreżentata mis-sistema ta' pajprijiet ta' l-Ewropa tat-Tramuntana/Nord Stream li hija ppjanata, minħabba l-eżistenza ta' depożiti ta' munizzjon u armamenti mormija f'qiegħ il-baħar fuq ir-rotta tal-linja ta' pajprijiet ippjanati fil-qiegħ tal-Baħar Baltiku; jiġbed l-attenzjoni li kieku kellu jseħħ xi diżastru ekoloġiku, ir-responsabilità finanzjarja taq' fuq il-partijiet involuti;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

30. fuq żmien medju, jistieden sabiex il-Kummissjoni tingħata kompetenza istituzzjonali sabiex tinnegozja ftehim ta' qafas ta' l-UE ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-provvista ta' l-enerġija;

C. Solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' kriżi

31. Jikkunsidra li s-solidarjetà u s-sigurtà fl-enerġija huma meħtieġa sabiex is-suq intern jaħdem mingħajr tfixkil, inkluż l-aċċess ekwu għall-enerġija għall-operaturi ekonomiċi kollha, jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex joħlqu mekkaniżmu ta' solidarjetà bi qbil ma' l-ispirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri li għalih hemm referenza fit-Trattat ta' Riforma l-ġdid, kif miftiehem fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2007, li jippermetti lill-UE li taġixxi b'effiċjenza, b'ħeffa u b'mod koerenti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kkawżati minn twaqqif fil-provvista, ħsara f'infrastruttura importanti jew kwalunkwe event ieħor;

32. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja d-dħul, fil-ftehim ta' kummerċ, ta' assoċjazzjoni, ta' sħubija u ta' koperazzjoni mal-pajjiżi produttori u ta' transitu, ta' l-hekk imsejħa "kawsola tas-sigurtà ta' l-enerġija", li tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta u b'mod ċar tistipula miżuri li jkunu jridu jittieħdu f'każ ta' waqfien fil-provvista, jew kwalunkwe bidla unilaterali fil-pattijiet tal-kuntratt jew fil-pattijiet tal-provvista, min-naħa ta' wieħed mill-imsieħba;

33. Jappoġġja l-ħolqien ta' mekkaniżmu effiċjenti li jinkludi n-NESCO, li bih wieħed jirreaġixxi f'każ ta' waqfien fil-provvista, inklużi miżuri li jagħmlu użu effettiv minn sistemi ta' twissija u li jibnu infrastruttura kkollegata ta' l-UE ta' kriżi fl-enerġija, speċjalment għall-gas u għall-elettriku, li tkun tista' tintuża sabiex tgħin lill-Istati Membri fil-bżonn filwaqt li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi ġeoloġiċi u ġeografiċi ta' dawk l-Istati Membri, b'mod partikulari fir-rigward ta' kapaciċitajiet ta' ħażna u l-grubija tagħhom għal sorsi ta' provvista ta' enerġija;

D. Isaħħaħ il-koperazzjoni ma' pajjiżi produttori, ta' transitu u konsumaturi, ewlenin

34. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri sabiex ikomplu jfittxu djalogu mill-qrib u b'mod attiv bejn l-UE u l-pajjiżi kollha produttori, ta' transitu u konsumaturi, u b'mod partikulari, biex isaħħu r-relazzjonijiet fis-settur ta' l-enerġija ma' l-Alġerija, l-Eġittu u l-pajjiżi produttori l-oħra produttori fir-reġjun tal-Maxriq/tal-Maghreb; jinkuraġġixxi l-dawn il-pajjiżi sabiex iwettqu l-impenji internazzjonali tagħhom u sabiex jikkonformaw mal-liġi internazzjonali;

35. Jappoġġja l-passi kollha bil-għan li jkunu promossi t-trasparenza, l-istat tad-dritt, u t-tmexxija mtejbja fis-settur ta' l-enerġija permezz ta' sħubijiet ta' enerġija ma' pajjiżi terzi, bil-għan li jinħolqu kundizzjonijiet legali stabbli li jkunu miftuħa, trasparenti, non-diskriminatorji u ta' ġid għaż-żewġ naħat, għall-aċċess għall-assi l-fuq fil-katina tal-produzzjoni u għall-investiment fl-enerġija u fil-kummerċ, li jkunu bbażati fuq il-prinċipju tar-reċiproċità u kompetizzjoni ġusta u trasparenti, li jiżguraw li d-dħul mill-kummerċ ta' l-enerġija ma jintużax b'mod ħażin u ma jiġix imdawwar biex jiffinanzja t-terroriżmu;

36. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti sħubijiet ta' riċerka u ta' żvilupp ma' pajjiżi konsumaturi ewlenin u ta' transitu barra mill-UE, sabiex tiġi milqugħa l-isfida tat-tisħin globali u jiġu żviluppati sorsi ta' enerġija alternattivi u li jiġġeddu; jenfasizza li l-koperazzjoni mtejbja dwar l-enerġija ma' dawn il-pajjiżi terzi, inklużi l-Istati Uniti, triq titwettagħ b'attenzjoni partikulari għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' effiċjenza ta' l-enerġija u l-promozzjoni tal-ġenerazzjoni kkombinata ta' sħana u elettriku mill-produzzjoni u l-użu sostenibbli u li tiġġedded ta' bijomassa;

37. Jistieden lill-UE biex tibni djalogu ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar kwistjonijiet ta' enerġija sabiex titkabbar id-diċentralizzazzjoni ta' enerġiji li jiġġeddu, l-aċċessibilità u s-sostenibilità ta' l-enerġija, kif ukoll l-infrastruttura ta' l-enerġija ta' interess komuni;

38. Jenfasizza, b'mod partikulari, l-importanza ta' djalogu msaħħaħ dwar l-enerġija ma' l-Istati Uniti u msieħba ewlenin oħra ta' l-enerġija li għandhom l-istess valuri ta' l-UE; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Komunità sabiex jimmiraw li jistabbilixxu Sħubija ta' Sigurtà fl-Enerġija ma' l-Istati Uniti;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

39. Jappella għall-involvement attiv ta' pajjiżi Ewropej li mhumiex Stati Membri ta' l-UE — bħalma hija n-Norveġja, it-tielet l-akbar esportatur taż-żejt fid-dinja — fil-politika barranija ta' l-UE dwar l-enerġija;

40. Jappella għal politika ta' l-enerġija koerenti fl-oqsma kollha tal-politika barranija Ewropea, bħalma huma d-Dimensjoni tat-Tramuntana, is-Sinerġija fil-Baħar l-Iswed u s-Sħubija Ewro-Mediterranja;

41. Jappoġġja l-inizjattivi tal-Kummissjoni sabiex tiżviluppa djalogu aktar mill-qrib dwar l-enerġija mal-pajjiżi tar-reġjuni tan-nofsinar tal-Kawkasu, tal-Kaspju u taċ-Ċentru ta' l-Asja, kif ukoll ir-reġjun tal-Mediterran u l-Lvant Nofsani; jilqa' b'sodisfazzjon il-pass ta' l-UE lejn strateġija ta' 'djalogu kritiku u kostruttiv' fejn jidħlu l-pajjiżi tar-reġjun, li tibbilanċja l-interess ta' l-UE fid-diversifikazzjoni tal-provvisti taż-żejt u tal-gass tagħha u l-oġettiv tagħha li jinkisbu riformi politiċi f'dawk il-pajjiżi;

42. Jappella għall-iżvilupp tal-mekkaniżmi eżistenti, u l-ħolqien ta' oħrajn ġodda, fi ħdan l-ENP u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed li jwasslu għat-tisħiħ tal-koperazzjoni mal-pajjiżi ta' transitu — l-Ukraina, il-Belarus, il-Moldova, il-pajjiżi tan-nofsinar tal-Kawkasu, tal-Maxriq u tal-Maghreb — sabiex ikun hemm trasparenza akbar fit-tħaddim tas-swieq u jkun hemm stabbiltà fil-provvista u fit-transitu;

43. Jenfasizza l-importanza tat-Turkija bħala ċentru ta' transitu għad-diversifikazzjoni ta' provvisti tal-gass lejn l-UE; jistenna li t-Turkija tikkooopera bis-sħiħ ma' l-UE biex jiġi faċilitat it-transitu;

44. Iħeġġeġ lit-Turkija biex tidħol, bħala membru sħiħ, fil-Komunita Ewropea ta' l-Enerġija, li bħalissa testendi sal-pajjiżi Ewropej tax-Xlokk u li tipprovdi qafas regolatorju strutturat biex tiġi mkabbra l-koperazzjoni reġjonali ta' l-enerġija li b'hekk ittejjeb is-sigurtà ta' l-enerġija u ssaħħaħ l-investment; jappoġġja l-applikazzjoni ta' l-Ukraina, in-Norveġja u l-Moldova għas-sħubija mal-Komunita Ewropea ta' l-Enerġija;

45. Jistieden lill-Kummissjoni, apparti n-NESCO, sabiex tiżviluppa għodod u mekkaniżmi li jippermettulha li tikkooopera aħjar mal-ġirien tagħha fl-evalwazzjoni u fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni fiż-żoni ta' transitu, u b'hekk tiżdied il-kapaċità ta' l-UE li ma tħallix li jseħħu sitwazzjonijiet ta' kriżi u tirreaġixxi b'mod aktar effettiv u b'ħeffa f'każ li xi kriżi kellha sseħħ;

46. Jenfasizza l-importanza tas-sħubija fil-qasam ta' l-enerġija ta' l-UE mar-Russja, filwaqt li jirrimarka li r-Russja għadha kważi totalment dipendenti fuq is-suq ta' l-UE u fuq il-konsumaturi individwali kbar tagħha, fl-esportazzjoni tagħha ta' l-enerġija; iħeġġeġ lill-UE sabiex tenfasizza l-aspetti ta' interdependenza reċiproka fid-djalogu dwar l-enerġija ta' bejn l-UE u r-Russja; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-isħubija dwar l-enerġija bejn l-UE u r-Russja tista' biss tkun ibbażata fuq il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni u tat-trattament ġust u fuq kundizzjonijiet ekwi ta' aċċess;

47. Jenfasizza li r-Russja diġà hija marbuta bil-ECT skond l-Artikolu 45 tagħha⁽¹⁾; huwa konvint li, flimkien mal-ħtieġa għar-Russja li tirratifika l-Karta Ewropea dwar l-Enerġija, l-UE għandha tinneogzja dokument ta' qafas formali dwar ir-relazzjonijiet ta' l-enerġija mar-Russja fil-kuntest ta' Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni futura; jikkunsidra li s-sempliċi traspożizzjoni tal-prinċipji ta' l-ECT fil-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni futur hija irrelevanti filwaqt li jirrikonoxxi l-valur miżjud tad-dispożizzjonijiet li jikkjarifikaw jew jissupplimentaw l-obbligi inklużi fl-ECT, l-aktar dawk li jinsabu fil-Protokoll ta' Transitu;

48. Jenfasizza li r-ratifika ta' l-ECT tkun turija viżibbli u tanġibbli ta' l-impenn tar-Russja għal provvista affidabbli ta' l-enerġija u għal koperazzjoni ta' l-enerġija bbażata fuq prinċipji u valuri komuni;

⁽¹⁾ L-Artikolu 45(1) ta' l-ECT jipprovdi għal Stati li ffirmaw iżda ma rratifikawx l-ECT sabiex ikunu marbuta li japplikawha fil-perjodu ta' bejn il-firma u r-ratifika, sakemm ma jkunux għażlu 'opt-out' skond l-Artikolu 45.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

49. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jużaw l-influwenza tagħhom sabiex jikkonvinċu lir-Russja biex timpenja ruħha favur swieq tal-produzzjoni u l-provvista ta' l-enerġija li jkunu miftuħa, ġusti u trasparenti; jikkunsidra li r-ratiffa mir-Russja ta' l-ECT u tal-Protokoll dwar Transitu tagħha jkun ta' influwenza pożittiva fuq l-appoġġ ta' l-Unjoni Ewropea għall-adeżjoni tar-Russja ma' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO);

50. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-inefficijenza ġenerali tas-sistema ta' l-enerġija Russa, f'termini ta' esplorazzjoni u trasport kif ukoll mil-lat ta' użu industrijali u domestiku, li jista' jkollha implikazzjonijiet severi fuq l-obbligi ta' provvista tar-Russja; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza din il-kwistjoni fil-koperazzjoni teknika tagħha mar-Russja;

51. Jenfasizza li l-prinċipju ta' l-iżvilupp ta' teknoloġiji b'kuxjenza ambjentali u effiċjenti fl-enerġija għandu jagħmel parti mill-ftehima ġdida bejn l-UE u r-Russja; jenfasizza l-importanza li tiżdied il-koperazzjoni bejn l-UE u r-Russja fejn jidħlu kwistjonijiet ambjentali fi ħdan il-qafas tad-Dimensjoni tat-Tramuntana, l-aktar fejn jidħol ir-reġjun ta' l-Artiku;

52. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fi ħdan id-djalogu mal-fornituri ewlenin ta' l-idro-karbonju lejn l-UE, titlob trattament ugwali tal-kumpaniji Ewropej, ibbażati esklussivament fuq kriterji ekonomiċi u mingħajr l-ebda interferenza minn fatturi politiċi fl-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet ta' l-akkwist;

53. 53 Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprepara rapport dwar il-klawsoli ta' destinazzjoni li jikkonċernaw il-provvisti tal-gass, li mhux qed iħallu l-esportazzjoni mill-ġdid tal-gass fis-suq intern, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex twettaq it-tneħħija ta' kwalunkwe klawsoli bħal dawn f'kuntratti għal gass naturali miftiehma fis-suq ta' l-UE, peress li dawn huma pprojbiti mil-liġi tal-KE;

54. Jappella għat-tisħiħ tad-djalogu maċ-Ċina, ma' l-Indja, mal-Brażil u ma' pajjiżi oħra emerġenti u li qed jiżviluppaw, sabiex jinbena suq dinji ta' l-enerġija li jkun stabbli u prevedibbli li jkun ibbażat fuq regoli ġusti u trasparenti u jkun ukoll immirat lejn sforz unit fil-ġlieda kontra t-tisħin globali u ż-żamma ta' żvilupp sostenibbli;

55. Jappella għal relazzjoni msaħħa fis-settur ta' l-enerġija mal-Lvant Nofsani u mat-Tramuntana ta' l-Afrika; jenfasizza l-importanza fil-ġejjieni tas-Sħubija dwar l-Enerġija bejn l-UE u l-Afrika, li t-tnedija tagħha hija maħsuba li sseħħ waqt il-Laqgħa Għolja tas-7-8 ta' Diċembru 2007 f'Liżbona bejn l-UE u l-Afrika, bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin fl-Istrateġija Konġunta bejn l-UE u l-Afrika; jikkunsidra li l-isħubija fl-enerġija għandha tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-djalogu bejn l-Afrika u l-UE dwar l-aċċess għall-enerġija u s-sigurtà ta' l-enerġija, għat-tkabbir ta' l-investiment fl-infrastruttura ta' l-enerġija u fl-enerġiji li jiġġeddu u fl-efficijenza ta' l-enerġija, għaż-żjeda fl-użu — orjentat lejn l-iżvilupp — tad-dħul miż-żejt u mill-gass, għall-promozzjoni tat-trasparenza u għall-inklużjoni tal-bidla fil-klima fil-koperazzjoni għall-enerġija u l-iżvilupp;

56. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi kompetizzjoni ġusta fuq livell internazzjonali billi tieħu azzjoni fi ħdan id-WTO b'appoġġ għal regoli speċifiċi dwar it-trasparenza tas-suq ta' l-enerġija u, b'mod partikulari, dwar miżuri li jgħawġu l-kummerċ;

57. Jirrakkomanda li, fid-WTO, il-Kummissjoni tevalwa l-possibiltà li tinnegozja ftehim plurilaterali għal swieq speċifiċi ta' l-enerġija, bħalma huma l-bijofjuwils, u tirrapporta lura lill-Parlament malajr kemm jista' jkun;

58. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jiġġieldu b'saħħa u b'mod deċiżiv kull tendenzi oligopolistiċi bħalma huwa r-riskju li jinħoloq xi kartel dwar il-gass;

59. Ihegġegħ lil dawk l-Istati Membri li huma membri tal-G8 u lill-Kummissjoni biex jużaw dan il-forum biex jippromwovu l-interessi ta' l-UE dwar l-enerġija, inkluż fil-format tal-G8+5 li jiġbor flimkien produttori ewlenin u konsumaturi;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

60. Jenfasizza l-importanza tal-proposta ta' l-UE għal Pjan ta' Azzjoni ta' Gleneagles bħala appoġġ għall-iżvilupp ta' teknoloġiji nodfa f'sura ta' Forum Dinji għid għall-koperazzjoni sistematika u l-iskambju ta' l-aħjar prattiki fost l-istati, ir-reġjuni, l-ibliet kbar ħafna u entitajiet pubbliċi oħra li għandhom livelli ferm għolja ta' konsum ta' enerġija;
61. Jappoġġja l-miżuri kollha bil-għan li jissaħħu l-inizjattivi tekniċi multilaterali, bħalma hi l-Global Gas Flaring Reduction Partnership (sħubija bil-għan li jitnaqqas il-ħruq tal-gass naturali fl-arja waqt l-estrazzjoni), l-Inizjattiva għat-Trasparenza fl-Industrija ta' l-Estrazzjoni, il-Grupp ta' Ħidma ta' Azzjoni Finanzjarja, l'Equator Principles' tal-Korporazzjoni Internazzjonali tal-Finanzi(IFC), u l-Inogate;
62. Jenfasizza li politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija mhijiex fiha nnifisha suffiċenti, u li għandha tiġi żviluppata politika Ewropea komuni ta' l-enerġija li għandha tinkludi politika Ewropea komuni dwar ir-riċerka u t-teknoloġiji li jikkonċernaw l-enerġija;
63. Jistieden lill-Kunsill sabiex joħloq strateġija biex jiproteġi l-infrastruttura importanti ta' l-enerġija fl-UE, u fil-Viċinat immedjati ta' l-UE, kontra theddidiet terroristiċi;
64. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposti għal riforma regolatorja, ibbażati fuq l-aħjar prattiki identifikati f'kull Stat Membru, u b'mod partikulari s-separazzjoni sħiħa tas-sjeda fil-produzzjoni ta' l-enerġija u t-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' l-enerġija, is-superviżjoni regolatorja nazzjonali indipendenti u aktar b'saħħitha u l-koordinazzjoni aħjar tal-ħidma tar-regolaturi fuq livell ta' l-UE, bil-ħsieb li jithegġegħ l-iżvilupp ta' sorsi ġodda u li jiġġeddu ta' l-enerġija u ta' qafas ċar għat-tisħiħ ta' l-investiment fl-infrastrutturi ta' trasmissjoni;
65. Jenfasizza li l-ħolqien ta' networks interoperabbli ta' l-enerġija, permezz ta' network trans-Ewropew ta' l-enerġija li jkun ikkoordinat tajjeb, jikkontribwixxi għall-kompetittività fis-swieq ta' l-elettriku u tal-gass, isaħħaħ is-sigurtà tal-provvista u jmxxi 'l quddiem il-ħarsien ta' l-ambjent, kif ukoll isaħħaħ il-pożizzjoni ta' l-UE meta mqabbla ma' pajjiżi ta' provvista jew ta' transitu;
66. Jenfasizza li t-tniġġis mill-esplotazzjoni tar-riżorsi ta' l-enerġija, b'mod partikulari ż-żejt, jistgħu mhux biss jikkawżaw ħsara ambjentali serja u rriversibbli, iżda wkoll joħolqu riski serji ta' sigurtà b'mod reġjonali u globali, bħal pereżempju fil-Lvant Nofsani; jappella għal miżuri ġodda ta' salvagwardja u investiment f'aktar sigurtà u effiċenza fl-esplotazzjoni tar-riżorsi ta' l-enerġija;
67. Jappella għal dibattitu pubbliku biex iqajjem kuxjenza dwar politika barranija Ewropea komuni dwar l-enerġija fost iċ-ċittadini ta' l-UE u jenfasizza l-aspetti pożittivi ta' din il-politika, permezz ta' kampanja ta' informazzjoni pubblika;
68. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0414

Programm ta' Azzjoni fuq il-Migrazzjoni Legali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Settembru 2007 dwar il-programm ta' azzjoni fuq il-migrazzjoni legali (2006/2251(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Politika għall-Immigrazzjoni Legali (COM(2005)0669 (minn hawn 'il quddiem "programm ta' azzjoni"),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet ta' azzjoni fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi (COM(2006)0402),

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni tat-13 ta' Frar 2007 bl-isem "il-Pjan ta' Politika fuq il-migrazzjoni legali, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, il-ġejjieni tan-network Ewropew tal-migrazzjoni" ⁽¹⁾
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004 u l-Programm ta' The Hague inkluż magħhom ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bl-isem "L-Approċċ Globali dwar il-Migrazzjoni sena wara: Lejn politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni" (COM(2006)0735),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2005 dwar ir-rabtiet bejn il-migrazzjoni legali u illegali u l-integrazzjoni tal-migranti ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Green Paper dwar strateġija ta' l-UE għat-treġġja tal-migrazzjoni ekonomika (COM(2004)0811) u r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar dan is-suġġett ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Regġuni bit-titolu "Aġenda Komuni għall-Integrazzjoni — Qafas għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi fl-Unjoni Ewropea" (COM(2005)0389), u r-risoluzzjoni tal-Parlament tas-6 ta' Lulju 2006 dwar strateġiji u mezzi għall-integrazzjoni ta' immigranti fl-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżultat tal-konferenza ministerjali UE-Afrika dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp, li saret f'Rabat fl-10 u l-11 ta' Lulju 2006,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta Afrika-UE dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp, adottata fil-konferenza ministerjali UE-Afrika li saret fi Tripli fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006,
- wara li kkunsidra l-istrateġija globali hekk kif affermata mill-ġdid fil-konklużjonijiet tal-Presidenza wara l-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2006,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE dwar il-migrazzjoni ta' ħaddiema kwalifikati u l-effett tagħha fuq l-iżvilupp nazzjonali, li ġie adottat fit-28 ta' Ġunju 2007;
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bl-isem ta' "L-applikazzjoni ta' Strateġija Globali għall-Migrazzjoni għar-Regġuni tal-Lvant u x-Xlokk ta' l-Ewropa li huma Ġirien ta' l-Unjoni Ewropea" (COM(2007)0247),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-migrazzjoni ċirkolari u l-partenarjati ta' mobbiltà bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi (COM(2007)0248),

⁽¹⁾ ĠU C 146, 30.6.2007, p. 1.

⁽²⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, Anness I, punt III.

⁽³⁾ ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 535.

⁽⁴⁾ ĠU C 272 E, 9.11.2006, p. 442.

⁽⁵⁾ ĠU C 303 E, 13.12.2006, p.845.

⁽⁶⁾ ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ttipprovdi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (COM(2007)0249),
 - wara li kkunsidra t-Trattat ta' Amsterdam (li jagħti lill-Komunità poteri u responsabilitajiet fis-setturi ta' l-immigrazzjoni u ta' l-ażil) u l-Artikolu 63 tat-Trattat tal-KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0322/2007),
- A. billi skond il-Eurostat, in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fis-27 Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea huwa ta' madwar 18.5 miljun ruħ (filwaqt li kważi 9 miljun ċittadin ta' l-Unjoni joqgħod fi Stat Membru li mhuwiex tiegħu),
- B. billi l-migrazzjoni huwa fenomenu internazzjonali li fih huma involuti wkoll iċ-ċittadini ta' l-UE bħala migranti huma stess,
- C. billi, skond kemm it-trattati eżistenti kif ukoll skond l-abbozz tat-trattat il-ġdid, l-Istati Membri huma responsabbli de jure u de facto għall-iffissar tan-numru ta' migranti ekonomiċi li jitħallew jidħlu fl-UE għal skopijiet ta' impjieg,
- D. billi strateġija komprensiva u koerenti għall-immigrazzjoni hija neċessarja fil-livell Ewropew, minħabba li bidla fil-politika ta' l-immigrazzjoni fi Stat Membru tinfluwenza l-fluss ta' immigrazzjoni u l-iżviluppi fi Stati Membri oħra,
- E. billi r-realtà tax-xjuħija u t-tibdil demografiku jeħtieġu konsiderazzjoni mill-ġdid tal-politiki ta' l-immigrazzjoni minħabba li s-sitwazzjonijiet attwali u tal-gejjeni tas-swieq tax-xogħol ta' l-UE jistgħu jiġu deskritti bħala li għandhom bżonn ta' immigrazzjoni legali mmexxija sew (skond il-Eurostat il-popolazzjoni f'età tax-xogħol fi ħdan il-popolazzjoni kollha għandha tonqos b'iktar minn 50 miljun sa l-2050),
- F. billi l-mandat ta' l-IGC kif iddefinit mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2007 jipprevedi l-estensjoni tal-proċedura tal-Komunità għall-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-immigrazzjoni legali, u b'hekk tiġi eliminata d-disparità u titjeb l-effettività tat-teħid tad-deċizzjonijiet,
- G. billi hemm bżonn ta' definizzjoni ta' l-immigranti li tkun aktar komprensiva u inklużiva, li tinkludi d-definizzjoni ta' l-istatus tal-persuni li m'humiex refuġjati imma li ma jistgħux jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom, sabiex tirrifletti l-iżviluppi tal-flussi migratorji,
- H. billi l-programm ta' azzjoni fil-parti dwar il-migrazzjoni legali bl-isem "Tkabbir ta' l-Għarfien u l-Informazzjoni" tafferma li għandhom isiru aktar studji dwar il-permessi għal dawk li qed ifittxu x-xogħol,
- I. billi hu importanti li wieħed jagħraf li ż-żieda fil-fluss tal-migrazzjoni għandha titqies bħala fenomenu globali li għandu għadd ta' raġunijiet u effetti,
- J. billi f'dan il-qasam, il-koperazzjoni min-naħa ta' l-UE u ta' l-Istati Membri tagħha mal-pajjiżi terzi ta' l-oriġini u tat-tranżitu hija essenzjali,

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- K. billi l-kontrolli dwar l-immigrazzjoni legali kull ma jmur qed isiru dejjem aktar iebsa; billi għadd ta' pajjiżi introduċew skemi differenti ta' immigrazzjoni legali bbażati fuq kwoti jew punti; billi huwa ħażin li wieħed jagħti x'jifhem li l-immigrazzjoni m'hix ikkontrollata;
- L. billi l-possibilitajiet ristrettivi żżejjed biex wieħed jidħol legalment fl-Unjoni Ewropea jinkoraġixxu b'mod indirett l-immigrazzjoni irregolari u l-ftuħ ta' mezzi għall-immigrazzjoni legali jikkontribwixxi għall-għieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' persuni,
- M. billi wieħed għandu jfakkar li l-prinċipju ta' preferenza Komunitarja japplika fil-qasam tal-migrazzjoni ekonomika u billi miżuri tranżitorji japplikaw għall-moviment ħieles taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri l-ġodda,
- N. billi l-għieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' persuni hi daqstant inseparabbli minn politiki għad-dħul ta' immigranti ekonomiċi daqs kemm hi minn miżuri dwar l-integrazzjoni,
- O. billi l-immigrazzjoni legali għandha tkun akkumpanjata minn politika effikaċi għall-integrazzjoni; billi l-integrazzjoni tikkostitwixxi proċess minn żewġ naħat li jikkonċerna kemm lill-immigranti minn pajjiżi terzi kif ukoll lill-popolazzjoni ta' l-Ewropa, billi l-opportunità għall-individwi li jgħixu mas-sieħeb/sieħba u mat-tfal għandu jkun iffakilitat,
- P. billi l-immigrazzjoni, fi ftit egħxieren ta' snin, saret tema ċentrali tad-dibattitu pubbliku fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi — tema delikata ferm mil-lat politiku li faċilment tista' tiġi sfruttata għal skopijiet demaġoġiċi u populistici;
- Q. billi l-politiċi u l-persuni fil-media għandhom jagħrfu l-importanza li jintuża lingwaġġ korrett dwar din il-kwistjoni,
- R. billi kemm ir-raġunijiet ta' l-immigrazzjoni kif ukoll il-konsegwenzi pożittivi tagħha għandhom ikunu aktar preżenti fid-dibattitu pubbliku dwar il-kwistjoni,
- S. billi meta jitqies l-irwol ta' l-immigrazzjoni fl-iżvilupp ekonomiku, fit-tkabbir u b'hekk fl-impjieġ fl-Ewropa, ikun utli li r-rappreżentanti tat-trade unions, ta' min iħaddem u tas-soċjetà ċivili jimpenjaw ruħhom iktar fid-dibattitu pubbliku dwar dawn il-kwistjonijiet,
- T. billi l-persuni responsabbli għall-politika ekonomika u soċjali għandhom ukoll jinformaw lill-pubbliku ġenerali dwar l-irwol ta' l-immigrazzjoni legali fit-tkabbir u fl-impjieġ;

Strateġija ġenerali

1. Jilqa' r-rispons tal-Kummissjoni għat-talba tal-Kunsill Ewropew għal pjan ta' politika dwar il-migrazzjoni legali li jinkludi proċeduri tad-dħul li jistgħu jirrispondu fil-pront għat-talbiet li ta' spiss ivarjaw fis-suq tax-xogħol;
2. Jappoġġja l-istrateġija adottata fil-pjan ta' azzjoni sabiex jingħelbu l-ostakli fi ħdan il-Kunsill dwar il-proposta ta' Direttiva tal-Kunsill ta' l-2001 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieġ b'paga jew ta' l-eżerċizzju ta' attività ekonomika indipendenti (COM(2001)0386);

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

3. Jilqa' l-inizjattiva msemija qabel dwar "L-Applikazzjoni ta' Strateġija Globali Għall-Migrazzjoni għar-Reġjuni tal-Lvant u x-Xlokk ta' l-Ewropa li huma Ġirien ta' l-Unjoni Ewropea"; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li jkunu allokati biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-implimentazzjoni xierqa ta' l-istrateġija komprensiva dwar il-migrazzjoni; jisħaq dwar il-ħtieġa li jissaħħu d-dialogu reġjonali u l-koperazzjoni dwar il-migrazzjoni legali u jilqa' l-idea li jitwaqqfu pjattaformi ta' koperazzjoni reġjonali għall-migrazzjoni, li jgħibu flimkien l-entitajiet rilevanti kollha min-naħa ta' l-UE u fir-reġjun konċernat;
4. Isostni li l-immigrazzjoni illegali ma' tistax tkun miġġielda sakemm ma jitwaqqfux mezzi u modi ta' immigrazzjoni legali fl-istess ħin, peress li ż-żewġ fenomeni huma marbuta flimkien mill-viċin;
5. Iqis li l-għbir ta' data statistika konsistenti u ta' min joqgħod fuqha relatata mal-fenomeni tal-migrazzjoni huwa essenzjali; jistenna li r-Regolament (KE) Nru 862/2007 ikun implimentat b'mod mgħaġġel u effettiv mill-Istati Membri kollha; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissottometti — b'koperazzjoni ma' l-Istati Membri — evalwazzjoni tan-numru ta' nies li jistgħu jkunu milquta mill-erba' direttivi speċifiċi; jistenna li n-Network Ewropew għall-Migrazzjoni (EMN) jagħti kontribut sostanzjali u malajr f'dan il-qasam (f'assoċjazzjoni mal-Eurostat); jispera li tingħata attenzjoni partikulari lin-nisa meta jitqies li jirrappreżentaw nofs il-migranti;
6. Jilqa' l-implikazzjonijiet istituzzjonali ta' l-abbozz tat-Trattat ta' Riforma, kif stabbilit mill-mandat ta' l-IGC, li jestendi l-vot b'maġġoranza kwalifikata u poteri ta' kodeċiżjoni għall-koperazzjoni tal-pulizija u tal-ġudikatura fuq kwistjonijiet kriminali kif ukoll dwar l-estensjoni ta' kompetenzi rigward politiki ta' l-ażil u ta' l-immigrazzjoni ta' l-Unjoni; jilqa' b'mod partikulari l-estensjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja biex tkopri l-migrazzjoni legali u jqis li huwa raġonevoli li l-Istati Membri jkomplu jżommu d-dritt sovrani biex jiddeterminaw l-ammont ta' migranti bi skop ta' xogħol li jistgħu jaċċettaw fit-territorji tagħhom;
7. Jistieden lill-formazzjonijiet varji tal-Kunsill b'responsabilità f'dan il-qasam (il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, l-Impjiegi, il-Politika Soċjali, il-Ħarsien tas-Saħħa u tal-Konsumatur) sabiex iżidu l-isforzi tagħhom ħalli jikkoordinaw id-diskussjonijiet dwar il-Programm ta' Azzjoni;
8. Jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza għall-kategoriji magħżula ta' immigranti ekonomiċi, inkluż ħaddiema mhux kwalifikati jew bi ftit kwalifiki;
9. Jitlob lill-Kummissjoni biex tbassar il-ħtiġijiet ta' forza tax-xogħol addizzjonali fid-diversi Stati Membri, fuq medda qasira u fuq medda medja ta' żmien; jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu stima statistika lill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' tipprepara tbassir adegwat dwar il-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol fl-UE; jenfasizza li dawn l-estimi għandhom iqisu wkoll il-migranti mhux ekonomiċi, ir-refuġjati u l-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni sussidjarja, kif ukoll il-persuni li jibbenefikaw minn għaqda familjari;
10. Iqis li għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni tal-minuri li jistgħu jsibu rwieħhom żvantaġġati minħabba ċ-ċaqliq tal-ġenituri tagħhom u għandhom jitressqu proposti biex itaffu dawn l-effetti negattivi;
11. Iqis li trid tiġi adottata definizzjoni ċara għal kull kategorija ta' migrant ekonomiku kkonċernata mid-direttivi li qed jitħejjew; jistieden lill-Istati Membri sabiex jikkoordinaw bejniethom u sabiex ipartu l-aħjar prattiki permezz tal-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni fl-oqsma ta' l-ażil u ta' l-immigrazzjoni kif maħsub fid-Deċiżjoni 2006/688/KE tal-5 ta' Ottubru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' informazzjoni reċiproka dwar il-miżuri ta' l-Istati Membri fl-oqsma ta' l-ażil u ta' l-immigrazzjoni⁽¹⁾;

(¹) ĠU L 283, 14.10.2006, p. 40.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

12. Jemmen li għandhom jitneħħew malajr kemm ji sta' jkun l-ostakoli interni tranżitorji għall-moviment ħieles tal-ħaddiema mill-Istati Membri l-ġodda;
13. Jappoġġja t-twaqqif ta' Portal ta' l-UE għall-Immigrazzjoni; f'dan il-kuntest, jilqa' t-tkabbir tas-servizzi tal-EURES biex jappoġġjaw it-tmexxija tal-migrazzjoni ekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

Proposta għal direttiva ta' qafas ġenerali

14. Iqis li huwa indispensabbli li jkun hemm Direttiva mfassla biex tiggarantixxi qafas komuni ta' drittijiet liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi impjegati legalment fi Stat Membru, flimkien mal-ħtieġa li jitwettqu numru ta' obbligi u jinsisti li proposta għal direttiva ta' qafas bħal din tkun imressqa qabel l-erba' proposti għal direttivi speċifiċi maħsuba mill-programm ta' azzjoni;
15. Ifakkar dwar il-ħtieġa li jkun evitati standards doppji tad-drittijiet bejn il-kategoriji differenti ta' ħaddiema u li jitħarsu b'mod partikulari d-drittijiet ta' ħaddiema staġjonali u ta' apprendisti li jiġu mħallsa, li huma iktar soġġetti għal riskji ta' abbużi;
16. Japprova l-idea ta' applikazzjoni waħda għal permess konġunt ta' residenza u xogħol;
17. Iqis ukoll li direttiva għandu jkollha proposti li jippermettu lill-migranti jbiddu l-istatus tagħhom jew l-impjieg waqt li jibqgħu fl-UE;
18. Jaqbel li rikonossiment reċiproku ta' diplomi u kwalifiki oħra hu neċessarju biex jiġi evitat telf f'termini ta' valorizzazzjoni ta' dħul u ta' kompetenzi għall-immigrant kif ukoll għall-pajjiżi ta' residenza u ta' l-oriġini;
19. Iqis li għandhom jiġi meqjusa miżuri sabiex tkun investigata l-possibiltà li l-immigranti jittrasferixxu d-drittijiet għall-pensjoni tagħhom u tad-drittijiet soċjali akkumulati tagħhom marbuta ma' l-impjieg tagħhom, li għalihom huma kellhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet, f'każ li wieħed imur definittivament lura f'pajjiżu;
20. Jistaqsi dwar ir-referenza msemmija fil-pjan ta' azzjoni dwar il-ġbir ta' data bijometrika l-"aktar avvanzata"; iqis li l-ħarsien tad-data personali għandu jkun rispettata f'kull każ, b'mod partikulari l-prinċipju tal-proporzjonalità u l-iskop ta' limitazzjoni;
21. Jappoġġja r-ratifika tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema migranti kollha u tal-membri familjari tagħhom min-naħa ta' l-Istati Membri kollha;

Migrazzjoni ċirkolari, migrazzjoni ta' ritorn u sħubijiet għall-mobilità

22. Jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq dwar il-migrazzjoni ċirkolari u l-ishu-bijiet għall-mobilità bejn l-UE u l-pajjiżi terzi; jaqbel li għandhom jiġu evitati l-effetti ħżiena tat-"telf ta' l-imħuħ" (brain drain), billi minflok titrawwem l-idea ta' "ċirkulazzjoni ta' l-imħuħ" (brain circulation);
23. Barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni biex tispjega r-rabta bejn ċirkularità u integrazzjoni; jirri-marka li skond il-Kummissjoni "l-immigrazzjoni li suppost hija ċirkolari malajr tista' ssir permanenti u b'hekk, ma tilħaqx l-għan maħsub";
24. Barra minn hekk, jenfasizza l-importanza ta' l-istabbiliment ta' relazzjonijiet stabbli u ta' impjieg leġittimu bejn l-intrapriżi u l-ħaddiema biex tittejjeb il-produttività u l-kompetittività ta' l-UE; jistieden għal-hekk lill-Kummissjoni biex tqis l-effetti li jista' jkollha f'dan ir-rigward l-immigrazzjoni ċirkolari;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

25. Jappoġġja l-idea ta' viżi għal żmien twil u ta' dħul multiplu kif ukoll il-possibiltà li tingħata prijorità lill-immigranti ta' qabel li jixtiequ permess ġdid ta' residenza bil-għan ta' impjeg temporanju ulterjuri;

26. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilitajiet kollha mressqa kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u sabiex tagħmel studju komprensiv dwar il-possibiltà ta' implimentazzjoni ta' sistema ta' blue-card u ta' viża għal dawk li qed ifittxu x-xogħol;

27. Juri l-interess tiegħu għall-proġett taċ-Ċentru ta' Informazzjoni u ta' Ġestjoni tal-Migrazzjoni li qed jiġi pplanat f'Mali; jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-kumitati rilevanti tiegħu b'informazzjoni dettaljata minn qabel dwar il-bażi legali u d-dispożizzjonijiet baġitarji għall-proġett u aġġornamenti regolari dwar dan u dwar inizjattivi simili maħsuba minn pajjiż terz ieħor; jappoġġja l-idea li jkun applikat l-istess approċċ fir-reġjun ġar tal-Lvant;

Proposta għal Direttiva relatata mal-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza tal-ħaddiema bi kwalifiki għolja

28. Jappoġġja kwalunkwe miżura mfassla sabiex l-UE ssir iktar attraenti għall-iktar ħaddiema kwalifikati, sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol ta' l-UE ħalli jiżguraw il-prosperità ta' l-Ewropa kif ukoll biex jimxu mal-miri ta' Liżbona; għal dan l-għan, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex:

— jesploraw modi li jagħtu id-dritt għall-moviment ħieles fl-UE;

— jesploraw modi li jippermettulhom li jibqgħu fl-UE għal perjodu limitat wara tmiem il-kuntratt taġ-ghom jew wara li huma jiġu mkeċċija mix-xogħol għax ikunu żejda, sabiex ikunu jistgħu jfittxu impjeg;

29. Jappoġġja, għalhekk, kwalunkwe miżura ta' simplifikazzjoni mfassla biex tiffaċilita d-dħul ta' dawn il-ħaddiema, filwaqt li d-definizzjoni ta' ħtiġijiet u kwoti speċifiċi għall-migranti ekonomiċi jitħallew fil-kompetenza ta' l-Istat Membru;

30. Iqis li meta jkunu qed jiġu definiti l-miżuri Ewropej għall-immigrazzjoni legali huwa importanti li jitqiesu r-riskji ta' "telf ta' l-imħuħ"; jirreferi għar-rapport imsemmi qabel ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE dwar il-migrazzjoni ta' ħaddiema kwalifikati u l-effett ta' din fuq l-iżvilupp nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni — flimkien mal-pajjiżi ta' l-orġini — biex iwettqu studji statistiċi bil-ħsieb li jiġu identifikati l-oqsma ta' kompetenzi li fihom hemm riskju ċar ta' telf ta' l-imħuħ;

31. Jappoġġja l-ħolqien ta' permess tax-xogħol maħruġ mill-UE (dik li tissejjaħ blue-card) li jiffaċilita l-moviment liberu ta' l-"imħuħ" fl-Ewropa u t-trasferiment tal-persunal fi ħdan il-kumpaniji multinazzjonali;

Proposta għal Direttiva relatata mal-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza tal-ħaddiema staġjonali

32. Jirrimarka li l-ħaddiema staġjonali minn pajjiżi terzi jikkontribwixxu b'mod essenzjali f'setturi bħall-agrikultura, il-konstruzzjoni u t-turiżmu; jenfasizza l-importanza dejjem tikber ta' l-impjeg irregolari f'dawn is-setturi f'bosta Stati Membri u għalhekk iqis li l-iskema proposta hija essenzjali; f'dan is-sens, jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ttiprovdi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (COM(2007)0249);

33. Jenfasizza fl-istess ħin l-importanza kruċjali li għandhom il-flessibilità u r-rapidità fil-proċeduri ta' reklutaġġ fil-każ tax-xogħol staġjonali; jenfasizza l-importanza ta' esperjenzi lokali, b'attenzjoni partikolari għas-settur agrikolu; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa li dan jiġi kkunsidrat;

34. Iqis li l-ħaddiema staġjonali li jirrispettaw ir-regoli eżistenti għal dan it-tip ta' migrazzjoni għandhom jibbenefikaw minn aċċess prijoritarju għal forom oħra ta' immigrazzjoni legali;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

Proposta għal direttiva dwar il-proċeduri li jirregolaw id-dħul, il-waqfa u r-residenza temporanja ta' persuni trasferiti fi ħdan l-intrapriżi tagħhom

35. Japprova l-idea tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-qafas legali sabiex tkun megħjuna l-mobilità fl-Ewropa; ifakkar li s-sitwazzjoni tal-persuni kkonċernati hija regolata fi ħdan il-Ftehim Ġenerali dwar il-kummerċ fis-servizzi (GATS);

Proposta għal direttiva dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza għal apprendisti bi ħlas

36. Iqis li teħtieġ definizzjoni ċara tal-kategorija ta' l-apprendisti bi ħlas (limiti dwar l-età, kompetenzi lingwistiċi, perjodu massimu ta' apprendistat, il-possibiltà li jinbidel l-istatut għal xi għamla oħra ta' permess ta' residenza, eċċ) u li jiġu maħluqa kontrolli sabiex ikun evitat li jsir abbuż ta' l-istatut;

37. Jipproponi li jingħata permess ta' residenza lil apprendisti bi ħlas, validu għal bejn 6 u 12-il xahar; jappoġġja l-iżvilupp ta' programmi ta' sħubija ma' l-universitajiet ta' pajjiżi terzi;

Integrazzjoni

38. Ifakkar fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2005 u tas-6 ta' Lulju 2006 imsemmija hawn fuq;

39. Jilqa' bi pjaċir il-laqgħa informali li saret f'Potsdam fl-10 u l-11 ta' Mejju 2007 mill-Ministri responsabbli għall-integrazzjoni; ifakkar li l-politika għall-immigrazzjoni ta' l-UE għandha tkun ibbażata fuq strateġija globali li tirrikonċilja l-esiġenzi tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri u l-politiki tad-dħul u ta' l-integrazzjoni; iqis li għandu jtfassal sommarju ta' drittijiet u dmirijiet ta' ħaddiema migranti sabiex ikun eħfef għal dawn il-ħaddiema li jieħdu sehem fil-ħajja ekonomika, soċjali u politika, sabiex tintlaħaq l-integrazzjoni; jara li l-iskejjel huma forum essenzjali għad-djalogu interkulturali u għall-integrazzjoni;

40. Itenni li ċ-ċelebrazzjoni ta' l-2008 bħala s-sena tad-djalogu interkulturali għandha tikkontribwixxi biex titjieb l-integrazzjoni ta' l-immigranti fis-soċjetajiet u l-viċinati ospitanti, u għall-ftehim reċiproku, biex b'hekk jitnaqqsu l-kriżijiet ta' sfiducia, ta' razziżmu u ta' ksenofobija; ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex jip-promwovi x-xogħol ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili favur il-koeżistenza interkulturali u r-rispett reċiproku, u għall-edukazzjoni fis-servizz tal-paċi u tan-nuqqas ta' vjolenza; ifakkar li l-politikanti fil-livelli kollha għandhom ikunu konxji tar-responsabilità tagħhom fl-użu ta' lingwaġġ korrett f'din il-kwistjoni;

41. Jistieden lill-Istati Membri sabiex japplikaw id-Direttiva 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt ta' l-għaqda tal-familji⁽¹⁾; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħtu status legali lin-nisa migranti li jaslu minħabba raġunijiet ta' rijunifikazzjoni tal-familja li tkun indipendenti minn dak ta' żwieġhom;

Komunikazzjoni

42. Jisħaq fuq ir-responsabbiltà partikulari li għandha l-media (b'mod partikulari dik tas-servizzi pubbliċi Ewropej tar-radju u t-televiżjoni) fix-xandir ta' xbieha eżatta ta' l-immigrazzjoni, u biex jingħelbu l-isterjotipi;

43. Iqis li huwa essenzjali li persuni interessati jiġu infurmati — kemm jista' jkun qabel ma jitolqu — dwar it-termini u l-kundizzjonijiet u l-opportunitajiet għall-immigrazzjoni legali fl-Unjoni; din l-informazzjoni għandha tiġi mxandra kemm jista' jkun fil-pajjiżi terzi minn organi pubbliċi (jew permezz ta' ambaxxati ta' l-Istati Membri jew inkella konsulati, jew mid-delegazzjoni tal-Kummissjoni li jkun hemm fil-pajjiż); b'dan il-ħsieb, jitlob li jinħoloq mingħajr dewmien portal Ewropew fuq l-internet dwar l-immigrazzjoni;

⁽¹⁾ ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

44. Jappoġġja l-proġetti mfassla biex jifasslu korsijiet ta' taħriġ u lingwistiċi fil-pajjiż ta' l-orijini sabiex jgħinu l-immigranti jiżviluppaw kompetenzi u jippreparaw rwieħhom aħjar skond il-ħtiġijiet tax-xogħol fl-UE;

Il-koperazzjoni mal-pajjiżi ta' orijini

45. Ifakkar fil-ħtieġa li jkun hemm politika ta' żvilupp konġunt; jappoġġja l-għan li jsiru ftehimiet ma' pajjiżi terzi sabiex ikun jista' jkun hemm amministrazzjoni effiċjenti kemm ta' l-immigrazzjoni legali, kif ukoll ta' l-immigrazzjoni illegali; iqis, madankollu, li ftehimiet bħal dawn għandhom ikunu b'konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem; rigward dan jistqarr li għandu r-riżervi tiegħu dwar il-finanzjament ta' proġetti f'pajjiżi li ma jirrispettawx dawn id-drittijiet;

46. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jespjoraw modi li bihom ikun iffaċilitat il-movement ħieles tal-migranti bejn il-pajjiż fejn jgħixu u pajjiżhom;

47. Ifakkar li l-fondi li l-immigranti jittrasferixxu lejn il-pajjiżi ta' orijini tagħhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-pajjiżi kkonċernati; iqis li, filwaqt li jkun żgurat livell adegwat ta' kontroll u sigurtà ta' din it-tranżazzjoni, li l-ispejjeż tat-trasferiment ta' fondi lejn il-pajjiżi ta' orijini għandhom jitnaqqsu sabiex jin-għata kontribut għall-iżvilupp; jenfasizza li għalkemm għandu jsir kull sforz sabiex it-trasferiment ta' flus mibgħuta jkun imħaffef u inqas għali, dawn jibqgħu fondi privati li jibbenefikaw qabel kollox lill-familji li jirċevuhom u m'għandhomx jidhru bħala sostitut għall-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp;

48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jipparteċipaw f'dibattitu annwali mal-Parlament dwar il-politika għall-immigrazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni biex f'okkażjonijiet bħal dawn tippreżenta evalwazzjoni komprensiva tas-sitwazzjoni ta' l-immigrazzjoni fl-Ewropa;

49. Jistieden lill-kumitat rilevanti biex jidħol fi djalogu mill-qrib ma' kunitati simili fil-parlamenti naz-zjonali ta' l-Istati Membri li huma responsabbli għal kwistjonijiet dwar l-immigrazzjoni u biex ikompli bil-koperazzjoni mal-Kummissjoni għall-migranti, ir-refuġjati u l-popolazzjoni ta' l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa;

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Kunsill ta' l-Ewropa, lill-Kummissarjat Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati u lill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.

P6_TA(2007)0415

Il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Settembru 2007 dwar il-prijoritajiet tal-politika fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (2006/2250(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-prijoritajiet ta' azzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (COM(2006)0402),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-pjan tal-politika dwar il-migrazzjoni legali (COM(2005)0669), u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-26 ta' Settembru 2007⁽¹⁾ dwar dan is-suġġett,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0414.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-13 ta' Frar 2007 dwar il-“Programm ta' azzjoni relatat mal-migrazzjoni legali, il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali, ġejjieni tan-network Ewropew tal-migrazzjoni”⁽¹⁾
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004 u l-Programm ta' l-Aja inkluż fihom⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bit-titolu “L-Approċċ Globali dwar il-Migrazzjoni sena wara: Lejn politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni” (COM(2006)0735),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005 dwar 'Strateġija Globali għall-Migrazzjoni: azzjonijiet ta' prijetà li jiffokaw fuq l-Afrika u l-Mediterran', kif imtenni mill-ġdid fil-konklużjonijiet tal-Presidenza wara l-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2006,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2007 u l-mandat tal-Konferenza Intergovernattiva fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2005 dwar ir-rabtiet bejn il-migrazzjoni legali u illegali u l-integrazzjoni tal-migranti⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2006 dwar il-politika komuni għall-immigrazzjoni⁽⁴⁾, li fiha ddispijati li “seba snin wara l-adozzjoni tal-programm ta' Tampere, l-Unjoni Ewropea għad m'għandhiex politika koerenti fil-qasam ta' l-immigrazzjoni”,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar ir-refuġjati mill-Iraq⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/688/KE tal-5 ta' Ottubru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' informazzjoni reċiproka dwar il-miżuri ta' l-Istati Membri fl-oqsma ta' l-ażil u ta' l-immigrazzjoni⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 rigward l-istatistiċi tal-Komunità dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżultat tal-konferenza ministerjali UE-Afrika dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp, li saret f'Rabat fl-10 u l-11 ta' Lulju 2006,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta Afrika-UE dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp, adottata matul il-konferenza ministerjali UE-Afrika li saret fi Tripli fit-22 u t-23 ta' Novembru 2006,
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni kontra t-traffikar tal-bnedmin adottat mill-Kunsill fl-1 u t-2 ta' Diċembru 2005,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2006⁽⁸⁾ li jitlob għal strateġija ġdida ta' l-UE għall-ġlieda kontra l-ittraffikar tal-bnedmin,

⁽¹⁾ ĠU C 146, 30.6.2007, p. 1.

⁽²⁾ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, Anness I, punt III.

⁽³⁾ ĠU C 124 E, 25.5.2006, p.535.

⁽⁴⁾ 4 ĠU C 306 E, 15.12.2006, p.394.

⁽⁵⁾ *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0056.

⁽⁶⁾ ĠU L 283, 14.10.2006, p.40.

⁽⁷⁾ ĠU L 199, 31.7.2007, p.23.

⁽⁸⁾ ĠU C 314E, 21.12.2006, p.355.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bl-isem ta' "L-applikazzjoni ta' Strateġija Globali għall-Migrazzjoni għar-Reġjuni tal-Lvant u x-Xlokk ta' l-Ewropa li huma Ġirien ta' l-Unjoni Ewropea" (COM(2007)0247),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-migrazzjoni ċirkolari u l-partenarjati ta' mobbiltà bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi (COM(2007)0248),
 - wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ttipprovdi sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (COM(2007)0249),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għal ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra t-Trattat ta' Amsterdam, li jagħti lill-Komunità poteri u responsabilitajiet fis-setturi ta' l-immigrazzjoni u ta' l-ażil, u l-Artikolu 63 tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp (A6-0323/2007),
- A. billi l-migrazzjoni hija fenomenu globali li qed jiżdied u, għalhekk, jaffettwa wkoll lill-Unjoni Ewropea,
- B. billi n-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom residenza illegali fl-Unjoni Ewropea jvarja bejn 4.5 miljun u 8 miljun ruħ; billi huwa importanti li tittejjeb il-kwalità u l-koerenza ta' l-informazzjoni statistika disponibbli,
- C. billi d-dimensjoni tal-fenomenu tal-migrazzjoni tmur lil hinn mill-kapaċità ta' l-Istati Membri li jiġġestixxu tali migrazzjoni separatament, u li għalhekk jeħtieġ li jkun hemm approċċ globali u koerenti għall-immigrazzjoni fil-livell Ewropew; billi n-nuqqas ta' reazzjoni adegwata għall-wasla ta' immigranti irregolari fil-fruntieri ta' l-Unjoni Ewropea jenfasizza fl-istess ħin il-ftit solidarjetà bejn l-Istati Membri u n-nuqqas ta' koordinazzjoni tal-politiki minkejja d-dikjarazzjonijiet li għamlu u l-impenji li hađu l-Istati Membri;
- D. billi politika komuni għall-immigrazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea teħtieġ ir-rispett tal-prinċipji sussegwenti bejn l-Istati Membri: solidarjetà, responsabbiltà maqsuma, fiduċja reċiproka u trasparenza,
- E. billi l-politika għall-immigrazzjoni għandha tkun globali u għandha għalhekk tiegħu kont ta' bosta aspetti, b'mod partikulari: il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u l-ittraffikar tal-bniedmin, il-bżonn li jitjiebu u jiġu koordinati l-mezzi għall-immigrazzjoni legali, il-kawża għall-emigrazzjoni minn pajjiżi terzi (fatturi li jimbottaw bħas-sottożvilupp, il-faqar, il-gwerer, ir-reġimi dittatorjali, l-istituzzjonijiet ta' l-Istat li ma jaħdmux, il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u tal-katastrofi ambjentali, eċċ.), il-fatturi li jattiraw lejn l-Unjoni (fatturi li jiġbdu bħal-livell ta' għixien, id-demokrazija, il-paċi, il-possibiltajiet ta' impjieg, anki illegali, eċċ.); il-ħtiġiet demografiċi u ekonomiċi ta' l-Istati Membri; il-koerenza ta' l-azzjonijiet fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew; il-kwistjonijiet ta' integrazzjoni u ta' taħlit ta' kulturi; ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, u b'mod partikulari tad-dritt għall-ażil u li immigranti ma jintbagħtux lura; il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija,

(¹) ĠU L 199, 31.7.2007, p.30.

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

- F. billi l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin tikkostitwixxi prijorità għall-Unjoni, partikularment sabiex jitnaqqas it-traffikar ta' l-aktar gruppi vulnerabbli bħan-nisa u t-tfal, kif ukoll sabiex jiżżarmaw in-networks u l-mafji li jibbenefikaw minn dan it-traffikar,
- G. billi ħafna nies f'sitwazzjoni irregolari jidħlu fl-Unjoni Ewropea b'mod legali, iżda mbagħad jonsqu milli jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul tagħhom;
- H. billi l-immigrazzjoni illegali u legali huma marbuta mill-qrib ma' xulxin u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali hija vitali biex titwaqqaf politika ta' l-immigrazzjoni legali,
- I. billi jekk jiżdiedu l-possibiltajiet għall-immigrazzjoni legali jonqos in-numru ta' nies li jidħlu illegalment,;
- J. billi n-nuqqas ta' ħeġġa ta' xi gvernijiet biex jirrikonoxxu l-grad tal-bżonn ta' ħaddiema migranti, tista' tpoġġi lil min iħaddem f'sitwazzjoni diffiċli meta dan ikun qed jipprova jaqdi l-bżonnijiet tan-negozju tiegħu skond ir-rekwiżiti legali li jikkonċernaw id-dokumentazzjoni,
- K. billi l-kooperazzjoni ta' l-Unjoni u ta' l-Istati Membri mal-pajjiżi terzi ta' l-orijini u tat-tranżitu hija ta' importanza fundamentali, u billi għandha tiġi stabbilita politika effettiva u Prattika ta' ko-żvilupp bl-għan li tindirizza minn stadju bikri f'pajjiżi terzi l-kawżi bażiċi ta' l-immigrazzjoni,
- L. billi kemm il-kawżi għall-immigrazzjoni kif ukoll l-aspetti pożittivi tagħha (partikularment l-impatt tagħha fuq l-ekonomija u d-demografija kif ukoll għat-tisħiħ kulturali tas-soċjetajiet tagħna) kważi qatt ma jissemmew fid-dibattitu pubbliku, filwaqt li tali dibattitu jiffoka fuq id-diffikultajiet u l-problemi li din tista' tikkawża,
- M. billi fi ftit għexieren ta' snin l-immigrazzjoni saret kwistjoni ċentrali tad-dibattitu pubbliku madwar l-Unjoni Ewropea, kwistjoni li hija sensitiva ħafna politikament li tista' faċilment tiġi sfruttata għal skopijiet demaġoġiċi u populistici; billi l-politiċi u r-rappreżentanti tal-media għandhom ikunu konxji ta' l-importanza li jintuża diskors korrett dwar din il-kwistjoni,

Approċċ ġenerali

1. Jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni, li se jkollu rwol essenzjali fl-istimulazzjoni ta' azzjoni iktar koerenti u effettiva mill-Istati Membri;
2. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva msemmija hawn fuq dwar 'L-applikazzjoni ta' Strateġija Globali għall-Migrazzjoni għar-Regġuni tal-Lvant u x-Xlokk ta' l-Ewropa li huma Ġirien ta' l-Unjoni Ewropea'; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li jkunu allokati riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti għall-implimentazzjoni xierqa ta' l-approċċ komprensiv għall-migrazzjoni;
3. Jilqa' b'sodisfazzjon l-implikazzjonijiet istituzzjonali ta' l-abbozz ta' Trattat ta' Riforma, kif stipulat mill-mandat tal-konferenza Intergovernattiva, b'mod partikulari l-estensjoni tal-votazzjoni b'kodeċizzjoni u b'maġġoranza kwalifikata, il-kjarifiki dwar il-kompetenzi ta' l-UE dwar il-viżi u l-kontrolli fil-fruntieri, l-estensjoni tal-kompetenzi ta' l-UE fir-rigward ta' l-ażil kif ukoll l-estensjoni tal-kompetenzi ta' l-UE fir-rigward ta' l-immigrazzjoni legali u illegali;
4. Iqis li huwa fundamentali li tinġabar u tiġi armonizzata d-data statistika dwar il-migrazzjoni; jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni flimkien mal-Eurostat sabiex isibu rimedju għan-nuqqas ta' data koerenti u ta' min wieħed joqgħod fuqha, b'koordinazzjoni man-Network Ewropew tal-Migrazzjoni (EMN) u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-OECD; jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 imsemmi hawn fuq; jitlob lill-Istati Membri kollha biex jipproduċu statistiki li jkunu konsistenti mad-definizzjonijiet armonizzati u biex jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-interpretazzjoni ta' l-istatistiċi magħmula;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

5. Jemmen li l-immigrazzjoni tikkostitwixxi sfida fil-livell Ewropew u fil-livell globali u teħtieġ azzjoni fuq l-istess livell; iqis li hija l-Unjoni kollha kemm hi li għandu jkollha l-mezzi sabiex tapprofitta mill-opportunità tripla — ekonomika, demografika u soċjali — li tista' tirrappreżenta l-immigrazzjoni għas-soċjetajiet tagħna;
6. Iqis li mhux xieraq li tittieħed azzjoni mgħagħla għall-immaniġġjar tal-flussi migratorji, minħabba li l-fluss ta' immigranti issa ilu għaddej għal xi snin, li għaldaqstant jeħtieġ approċċ fuq medda medja u twila ta' żmien;
7. Iqis li, bħala parti mill-politika għall-immigrazzjoni tagħha, l-Unjoni għandha twettaq azzjonijiet koerenti kemm fl-intern kif ukoll fl-estern tal-fruntieri tagħha (id-dimensjoni doppja, interna u esterna);
8. Jenfasizza li l-kunflitti fid-dinja kollha b'dimensjoni internazzjonali jqajmu flussi ta' migranti;
9. Jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-impatt tal-bidla fil-klima fuq il-flussi ta' migrazzjoni, b'koordinazzjoni man-Nazzjonijiet Uniti;
10. Jisħaq li r-responsabilità tat-trasportaturi u l-awtoritajiet tal-pajjiżi ta' oriġini, kif ukoll it-tisħiħ tal-qafas legali għall-għieda kontra ċ-ċrieki ta' l-ittraffikar, li jiġġieldu kontra l-impjeg illegali u l-ittraffikar tal-persuni, u li jesponu l-korruzzjoni amministrattiva, tagħmel parti essenzjali mill-għieda kontra l-immigrazzjoni illegali, li għandha wkoll bżonn li tkun ibbażata fuq livell avanzat ta' kooperazzjoni tal-pulizija u ġustizzja;
11. Jenfasizza l-importanza tal-koperazzjoni fl-iżvilupp sabiex issir azzjoni dwar ir-raġunijiet tal-flussi ta' migrazzjoni; li huwa strument kumplementari u mhux alternattiv għall-politiki ta' l-Unjoni dwar l-integrazzjoni u l-migrazzjoni;
12. Ifakkar li l-ġirien Mediterranji ta' l-UE flimkien mal-ġirien tal-Lvant b'mod partikulari jirċievu l-maġġoranza ta' immigranti li oriġinarjament ikunu fi triqthom lejn l-Ewropa, iqis li huwa kruċjali li jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' daww l-immigranti ikunu rispettati, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lid-drittijiet ta' persuni minorenni mhux akkumpanjati; jisħaq dwar il-ħtieġa għall-UE li ssaħħa il-koperazzjoni tagħha mal-pajjiżi msieħba kollha tal-Mediterran fir-rigward ta' l-immaniġġjar tal-flussi migratorji, u li tipprovdilhom appoġġ sabiex jiġġieldu l-immigrazzjoni illegali; isemmi l-importanza li jissaħħu r-rabtiet bejn il-pajjiżi ta' oriġini tat-Tramuntana ta' l-Afrika, ta' l-Afrika tas-subsahara u l-pajjiżi ta' l-Asja;
13. Jisħaq li l-immigranti f'sitwazzjoni irregolari m'għandhomx jitqiesu bħala delinkwenti; ifakkar li ħafna minnhom jirriskjaw ħajjithom sabiex jiġu jfittxu l-libertà jew il-flus biex jgħixu fl-Ewropa; iqis li hija r-responsabilità tal-politikanti li jimplementaw politika koerenti u effettiva fil-għieda kontra l-immigrazzjoni illegali, filwaqt li jitqiesu s-salvagwardji u d-drittijiet fundamentali ta' l-individwu, u li jfakkar li ċ-ċittadini li l-immigrazzjoni legali tikkontribwixxi għall-appoġġ tat-tkabbir ekonomiku u ta' l-istrutturi demografiki ta' l-Ewropa;
14. Jenfasizza li kwalunkwe miżura għall-għieda kontra l-immigrazzjoni illegali u għall-kontroll tal-fruntieri esterni għandha ssir fir-rispett tal-garanziji u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, skond id-dispożizzjonijiet fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea għas-salvagwardja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR), partikularment f'dak li għandu x'jaqşam mad-dritt għall-ażil u d-dritt li wieħed ma jiġix imkeċċi lura mill-fruntieri;
15. Jenfasizza li l-ġestjoni ta' ċ-ċentri ta' akkoljenza temporanji għall-immigranti f'sitwazzjoni illegali li jeżistu ġewwa u barra l-Unjoni għandhom ikunu konformi mal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali li għalihom l-aħjar prattika dwar, b'mod partikulari, l-akkomodazzjoni, l-għoti ta' edukazzjoni u l-aċċess għall-kura tas-saħħa, il-mezzi finanzjarji u l-istat tad-dritt, għandhom jiġu skambjati bejn il-livelli u l-organizzazzjonijiet kollha involuti bħall-awtoritajiet lokali u nazzjonali, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-NGOs;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

16. Hu nkwetat dwar il-kundizzjonijiet inumani li hemm f'diversi ċentri ta' detenzjoni għall-migranti u għal dawk li jfittxu ažiż li żar il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu;
17. Itenni l-oppożizzjoni qawwija tiegħu għall-idea li jitwaqqfu ċentri ta' akkoljenza u żamma għall-immigranti klandestini jew għal dawk li jkunu qed ifittxu l-ažiż barra l-fruntieri ta' l-Unjoni u fir-reġjuni ta' l-orijini ta' l-immigranti;
18. Jieħu nota tar-reviżjoni li għamlet il-Kummissjoni għar-Regolament (KE) Nru 343/2003 ('Dublin II'); ifakkar il-ħtieġa għal revizzjoni ta' dan ir-Regolament, u li din ir-reviżjoni għandha wkoll tindirizza l-prinċipji bażiċi tar-regolament, jiġifieri, li l-Istat Membru responsabbli mill-ipproċessar ta' applikazzjoni għall-ažiż ikun il-pajjiż ta' l-ewwel dħul, peress li dan ipoġġi piż disproporzjonat u mhux sostenibbli fuq xi Stati Membri;
19. Jenfasizza li għandhom jittieħdu prekawzzjonijiet speċifiċi rigward in-nisa u t-tfal, u b'mod partikulari l-minorenni li ma jkunux akkumpanjati; persuni bi problemi serji tas-saħħa u persuni b'diżabilità, li jeħtieġu għajjnuna u miżuri ta' protezzjoni xierqa, partikularment f'każ ta' miżuri għar-ritorn lura f'pajjiżhom;
20. Jistieden lill-Istati Membri sabiex fil-politiki rispettivi tagħhom dwar il-migrazzjoni jinkludu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa ta' l-immigranti billi jipprovdu kura preventiva u trattament mediku;
21. Jitlob li jkun hemm koperazzjoni msaħħa bejn kollettivitajiet reġjonali u lokali, u bejn imsieħba soċjali għall-iskambju ta' l-aħjar prattika fir-rigward ta' l-akkomodazzjoni, l-iskejjel u l-aċċess għall-kura tas-saħħa;
22. Jenfasizza l-bżonn li tingħata iktar attenzjoni għal-lingwa użata biex tiddiskrivi l-immigrazzjoni illegali, sabiex jittejjbu l-perċezzjonijiet fis-soċjetà; jemmen li għandu jsir sforz fl-edukazzjoni u fl-informazzjoni offruti mill-media sabiex jitwasslu valuri bażiċi ta' l-Unjoni bħalma huma t-tolleranza, is-solidarjetà, ir-rispett reċiproku u l-bżonn li jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni u l-ksenofobija;

Prijoritajiet tal-Kummissjoni*Koperazzjoni ma' pajjiżi terzi*

23. Iqis li n-natura pluridimensjonali ta' l-immigrazzjoni teħtieġ li jkun hemm kollaborazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi terzi kkonċernati kollha; li l-konferenzi ministerjali ta' Rabat u ta' Tripli fl-2006 u l-Forum Dinji tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Migrazzjoni li sar fi Brussell f'Lulju 2007 (li fihom kien rappreżentat il-Parlament Ewropew) kienu jimmarkaw il-bidu ta' dan id-djalogu neċessarju bejn il-pajjiżi ta' orijini u ta' tranżitu u l-Istati Ewropej li fihom imorru l-emigranti; li dan id-djalogu għandu jippermetti li jinbnew il-bażijiet ta' sħubija reali bbażata fuq il-ko-żvilupp; jemmen li, f'dak li jikkonċerna l-immigrazzjoni illegali, għandu jiġi implementat jew imtejjeb it-tħaddim tal-ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid;
24. Jinnota, bħala eżempju ta' prattika tajba, il-fatt li ċerti Stati Membri ffirmaw ftehimiet ta' koperazzjoni dwar il-migrazzjoni ma' diversi pajjiżi Afrikani, filwaqt li identifikkaw rabta bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex iżidu l-koperazzjoni u jkomplu jiżviluppaw programmi ta' din ix-xorta;
25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex ikompli jaħdmu fuq l-iżvilupp tal-Programmi Reġjonali ta' Protezzjoni b'koperazzjoni ma' pajjiżi ta' orijini u ta' tranżitu, u sabiex jinfurmaw lill-Parlament bl-esperjenza miksuba mill-proġetti pilota implimentati s'issa; jilqa' b'sodisfazzjon it-tneġġija ta' programmi ta' l-UE dwar il-Migrazzjoni u l-iżvilupp fl-Afrika b'ammont inizjali ta' EUR 40 miljun, bil-għan li jinħolqu impiegi ġodda fl-Afrika, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi aktar informazzjoni dwar modalitajiet prattiċi;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

japplawdi, f'dan il-kuntest, l-iffirmar tal-ftehim ta' koperazzjoni mal-Mali mill-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' Spanja u Franza, bil-għan li jinfetaħ l-ewwel Ċentru ta' Informazzjoni u Mmaniġġjar tal-Migrazzjoni, li għandu jonholoq permezz ta' fondi minn dak il-Programm;

26. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-miżuri xierqa kollha għall-espansjoni tas-sorsi ta' tagħrif li huma disponibbli f'pajjiżi ta' l-orijini dwar il-possibilitajiet kif ukoll il-kundizzjonijiet relatati mal-migrazzjoni legali lejn l-UE;

27. Jitlob lill-UE, lill-gvernijiet ta' l-ACP u lill-gvernijiet ta' pajjiżi oħra ta' orijini biex jimplementaw u japplikaw politiki bil-għan li jiġi massimizzat l-impatt pożittiv ta' l-għoti lura tal-fondi billi jiżguraw li dawn jgħaddu minn sistemi uffiċjali ta' trasferiment, li b'hekk jagħmluhom ikbar, iktar malajr, irħas u indirizzati aħjar; hu tal-fehma li hu importanti li l-immigranti jiġu involuti fl-iżvilupp tal-pajjiż ta' orijini tagħhom;

28. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tesplora l-mezzi kif tista' tappoġġa u tiżviluppa b'mod adegwat ir-rikors għall-mikro-kredit;

29. Jitlob lill-Unjoni sabiex tmexxi politika esterna koerenti, li b'mod partikulari tiżgura l-kompatibilità u l-konverġenza ta' l-oġettivi tal-politika kummerċjali komuni u ta' dawk tal-politika għall-iżvilupp; għandu jitqies 'Pjan ta' Żvilupp għall-Afrika' ta' l-UE, fejn l-appoġġ finanzjarju u l-ftehimiet kummerċjali jkunu marbuta mad-demokrazija, ma' l-iżvilupp tad-drittijiet tal-bniedem u mal-migrazzjoni b'tali mod li joffru alternattiva lin-nies milli jħallu il-pajjiż ta' orijini tagħhom;

30. Jitlob li kwistjonijiet relatati ma' l-immigrazzjoni illegali jkollhom prijetà fir-relazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea ma' pajjiżi terzi, b'mod speċjali il-pajjiżi ta' orijini u/jew tranżitu ta' immigranti klandestini;

31. Jitlob lill-Kummissjoni biex tissottometti rapport annwali dwar l-istat ta' l-affarijiet lill-Parlament dwar il-fondi użati għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u dwar il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, l-implimentazzjoni tagħha mill-Istati Membri u l-leġiżlazzjoni li qed tiġi preparata;

32. Ifakkar li għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-implementazzjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Cotonou, kemm f'dak li jikkonċerna l-ammissjoni mill-ġdid kif ukoll it-tisħiħ tal-proċeduri ta' djalogu previsti mill-Ftehim; jisħaq fuq il-bżonn li jiġi appoġġat il-bini tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi ta' l-orijini u tat-tranżitu għall-immaniġġjar ta' l-immigrazzjoni, bl-għan li jissaħħu l-istituzzjonijiet u l-mezzi disponibbli għall-kontroll tiegħu (amministrazzjoni pubblika u qafas legali, it-taħriġ, il-gruppi ta' allarm tal-fruntiera, korpi ta' sigurtà ta' kontra l-ittraffikar, eċċ.); ifakkar li kull Stat ta' l-ACP hu meħtieġ li jilqa' lura u jerġa' jdaħħal liċ-ċittadini tiegħu li jkunu preżenti b'mod illegali fit-territorju ta' Stat Membru, fuq talba ta' dan ta' l-aħħar; ifakkar li l-pajjiżi ta' orijini u ta' tranżitu għandhom jassumu r-responsabilitajiet tagħhom u għandhom iwettqu l-obbligi tagħhom biex jikkontrollaw l-immigrazzjoni illegali, u li huma meħtieġa kampanji ta' informazzjoni dwar ir-riskji involuti, dwar il-politiki ta' l-Istati Membri ta' l-UE mar-ritorn, u l-ftehimiet eżistenti dwar l-immigrazzjoni legali u l-oportunitajiet li joffru;

33. Hu tal-fehma li l-għoti ta' għajnuna mitluba mill-Unjoni Ewropea minn pajjiżi terzi bl-għan li jikkumbattu networks ta' kontrabandisti ta' klandestini li jkunu attivi fit-territorju tagħhom għandha ssir kontinġenti fuq il-kollaborazzjoni ta' dawk il-pajjiżi u l-isforzi li jagħmlu f'dan il-qasam;

Sigurtà u ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni

34. Jenfasizza l-importanza tal-kontroll tal-fruntieri fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali; jafferma mill-ġdid li l-kontroll tal-fruntieri għandu jsir kemm fi spirtu ta' qsim tar-responsabilitajiet u ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri kif ukoll f'kundizzjonijiet ta' akkoljenza diċenti għall-migranti u fir-rispett sħiħ tad-dritt għall-ażil u għall-ħarsien internazzjonali, inkluż il-prinċipju tan-non-refoulement;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

35. Jemmen li l-FRONTEx għandu jkollha r-riżorsi neċessarji sabiex twettaq l-azzjonijiet tagħha, kif jenfasizza l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 (il-ġestjoni ta' tagħmir tekniku); jiddispijja bil-kbir dwar il-fatt li l-Istati Membri ma rnexxilhomx jonoraw l-impenji tagħhom li jipprovdu appoġġ loġistiku u uman għall-operazzjonijiet tagħha; iqis li r-Rekord Ċentralizzat ta' Tagħmir Tekniku Disponibbli (CRATE) jew l-hekk imsejħa "toolbox" tista' tagħmel sens biss jekk l-Istati Membri jirrispettaw l-wegħdiet tagħhom fir-rigward tat-tagħmir tekniku; jinkoraġġixxi lill-FRONTEx biex tikkonkludi ftehimiet ta' ħidma mal-pajjiżi tal-Politika ta' Viċinat Ewropew u ma' pajjiżi terzi oħra;

36. Jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament imsemmi hawn fuq mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu għal ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri u bbażat fuq il-prinċipju ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri; jinnota li l-inizjattiva leġislattiva RABIT għall-ewwel darba għamlet obbligatorja s-solidarjetà fil-qasam ta' l-immigrazzjoni, iktar milli sempliċiment kwistjoni ta' għażla; jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposta ġdida leġislattiva sabiex, bl-istess mod, il-prinċipju ta' solidarjetà jsir obbligatorju fir-rigward tal-wegħdiet li jsiru mill-Istati Membri għall-CRATE; ifakkar li kull Stat Membru għandu jiżgura l-preżenza ta' riżerva ta' persunal kwalifikat u, għalhekk, jitlob lill-Istati Membri biex jippermettu l-ħolqien ta' timijiet Ewropej ta' intervent rapidu fil-fruntieri;

37. Jitlob lill-Istati Membri biex iwaqqfu għassa permanenti konġunta għall-monitoraġġ, li tkun topera matul is-sena kollha u tkun ikkoordinata mill-FRONTEx, fiż-żoni kollha ta' riskju kbir u b'mod speċjali fil-fruntieri marittimi;

38. Jitlob lill-Kunsill biex jieħu azzjoni għat-twaqqif b'ħeffa tan-network Ewropew ta' l-għassa u għall-implimentazzjoni tas-sistema Ewropea ta' monitoraġġ għall-fruntieri tal-baħar tan-Nofsinhar;

39. Jemmen li għandhom jittehdhu passi sabiex fil-mandat tal-FRONTEx u tal-forzi ta' intervenzjoni rapida fil-fruntieri marittimi ta' l-UE jiġu inkorporati operazzjonijiet ta' salvataġġ ta' immigranti u dawk li jfittxu l-ażil li jkun f'sitwazzjoni ta' emerġenza fejn ikun hemm riskju għall-ħajja tagħhom;

40. Ifakkar lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi kollha biex jirrispettaw il-liġi internazzjonali u l-obbligi internazzjonali li jfittxu u jsalvaw persuni fuq il-baħar; iqis li l-Istati Membri huma responsabbli b'mod konġunt biex isalvaw il-ħajjiet fuq il-baħar; jieħu nota tal-proposta magħmula minn Malta fil-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni għal ftehim bejn l-Istati Membri ta' l-UE li biha l-immigranti illegali, li jiġu salvati fuq il-baħar minn bastimenti rreġistrati fl-UE fiż-żona ta' tfittxija u salvataġġ ta' stat li mhux parti mill-UE li jkun qed jirrifjuta li jassumi r-responsabilitajiet tiegħu, għandhom jinqasmu bejn l-Istati Membri ta' l-UE fuq bażi strettament proporzjonata u skond sistema miftiehma minn qabel;

41. Iqis li, fid-dawl tal-fluss migratorju mill-kontinent Afrikan lejn l-Ewropa, l-Istati Membri tan-Nofsinhar fil-fruntieri esterni ta' l-Unjoni, b'mod partikulari Stati Membri iżgħar, bħal Malta u Ċipru, bħalissa għandhom fuq spallejhom piż disproporzjonat li jitlob għat-tisħiħ ta' miżuri għall-immaniġġjar konġunt tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni;

42. Jitlob lill-Kummissjoni biex, fil-qafas ta' l-ENP, iżżid miżuri konkreti mmirati li jipprovdu appoġġ tekniku u finanzjarju lill-pajjiżi ġirien f'dak li jikkonċerna is-sigurtà tal-fruntieri tagħhom ma' l-UE kif ukoll il-fruntieri l-oħra tagħhom;

43. Jirrakkomanda l-użu tat-teknoloġija fil-kontrolli tal-fruntieri, rikors sistematiku għall-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi, u l-implimentazzjoni futura ta' sistema għar-reġistrazzjoni awtomatizzata tal-wasliet u tat-tluq;

Sigurtà tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar u tad-dokumenti ta' l-identità

44. Jenfasizza l-bżonn li tiġi promossa l-kwistjoni tad-dokumenti ta' l-identità sikuri fil-pajjiżi ta' l-ořigini sabiex tiġi faċilitata l-identifikazzjoni ta' immigranti illegali li jidħlu fit-territorju ta' l-Unjoni;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

45. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehma bejn il-Parlament u l-Kunsill dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi, li se tiffaċilita l-implimentazzjoni effettiva tal-politika Komunitarja dwar il-viżi u għandha tgħin biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali;

46. Ifakkar li l-iżvilupp ta' mezzi bijometriċi sabiex tissaħħaħ is-sigurtà u l-awtentiċità tad-dokumenti, li hi essenzjali fil-ġlieda kontra l-frodi, l-immigrazzjoni illegali u l-ittraffikar tal-persuni, tagħmel il-qsim tal-fruntieri eħfef għal vjaġġaturi bona fide u li għandu jsir fir-rispett tal-protezzjoni tad-data, bi qbil mad-Direttiva 95/46/KE għall-attivitajiet relatati ma' l-ewwel pilastru; għal dawk koperti mit-tielet pilastru, jistenna ta' ssir l-adozzjoni ta' deċiżjoni qafas speċifika, u f'dan il-kuntest jappoġġa l-azzjoni tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill;

47. Jafferma mill-ġdid li mingħajr protezzjoni adegwata tad-data personali, ma tistax titqies l-introduzzjoni ta' sistema awtomatizzata ta' kontrolli fuq persuni li jidħlu jew joħorġu mit-territorju ta' l-Unjoni; hu tal-fehma li sistema bħal din tiffaċilita l-verifika ta' l-istatus ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea u ttejjeb il-ħila ta' l-Istati Membri li jikkontrollaw jekk ċittadin minn pajjiż terz damx iktar mill-perjodu ta' residenza awtorizzat tiegħu;

Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin

48. Huwa konvint li għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u lil dawk vittmi ta' dan it-traffikar, b'mod partikulari lill-persuni vulnerabbli, lin-nisa u lill-minorenni, billi l-ġlieda kontra l-persuni responsabbli għal dan it-traffikar tkun prijorità ta' l-Unjoni; jilqa' b'sodisfazzjon il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni fil-kwistjoni, u jisħaq li dan il-pjan għandu jqis il-bżonn li wieħed jikkoo-pera mal-pajjiżi ta' oriġinu u ta' tranżitu;

49. Isemmi li l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikulari t-traffikar tan-nisa u t-tfal, hija prijorità għall-UE, u toħloq il-ħtieġa li jkunu allokati riżorsi finanzjarji adegwati għal din l-attività;

50. Ifakkar li wasal iż-żmien li jiġu stabbiliti miri ċari u konkreti, pereżempju l-mira li n-numru ta' vittmi ta' l-ittraffikar tal-persuni jitnaqqas bin-nofs fl-għaxar snin li ġejjin; iqis, madanakollu, li l-mira prinċipali għandha ovvjament tkun li tiġi eliminata kompletament din il-forma ta' kriminalità mill-iktar fis possibbli;

51. Jirrikonoxxi li bosta nisa li huma vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jgħixu fl-Unjoni bħala klandestini u li l-maġġoranza tagħhom m'għandhomx aċċess għal protezzjoni legali jew soċjali; jistieden lill-Istati Membri biex iqisu s-sitwazzjoni ta' dawn in-nies u, b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, itejbu s-sitwazzjoni tagħhom jew jgħinjom biex jirritornaw id-dar;

52. Jisħaq li dawn l-azzjonijiet għandhom jevitaw li l-vittmi ta' l-ittraffikar tal-bnedmin ikunu fil-mira, jew li ssir ħsara lill-interessi tagħhom;

53. Ifakkar li l-immigrazzjoni illegali tinvolvi t-trasferiment ta' ammonti kbar ta' flus f'idejn il-mafji li jikkontrollaw iċ-ċrieki ta' l-ittraffikar tal-bnedmin u jippromwovu l-korruzzjoni, il-frodi u l-isfruttar ta' had-diema immigranti, u li dan hu ostaklu fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali;

54. Jesprimi tħassib kbir dwar il-livell ta' organizzazzjoni tan-networks kriminali responsabbli għall-qsim bid-dgħajjes mill-Afrika lejn l-Ewropa, u dwar in-nuqqas ta' ħila ta' l-Ewropa li twaqqafhom; id-dgħajjes li jaqsmu lejn l-Ewropa huma ta' l-istess daqs, spiss mimlija bi tletin ruħ, ta' l-istess kulur, jaħdmu bl-istess magna u provduti b'ikel, xorb u provvisti oħra li huma ta' l-istess għamla u ditta, kollha fatturi li juru biċ-ċar kif s'issa l-kriminalità wriet ruħha iktar effettiva mill-azzjoni konġunta Ewropea; hu konvint li dan in-network kriminali hu responsabbli mill-mewt ta' mijiet ta' persuni li jitilfu ħajjithom fuq il-baħar; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jirdoppjaw l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-ittraffikar tal-bnedmin;

L-Erbgħa, 26 ta' Settembru 2007

55. Isejjaħ lill-istituzzjonijiet, l-Istati Membri u lill-Europol sabiex jagħmlu hilitom ħalli sseħħ l-implimentazzjoni tal-programm ta' azzjoni fuq medda medja ta' żmien għall-ġlieda kontra l-iskjavitù tal-bnedmin billi jiffukaw fuq it-traffikanti, il-persuni li jgħaddu l-immigranti illegali u l-mafia;

56. 56 Iqis id-Direttiva 2004/81/KE tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar permessi ta' residenza maħruġa lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu vittmi ta' traffikar tal-bnedmin jew li kienu suġġetti ta' azzjoni sabiex tkun faċilitata l-immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti⁽¹⁾, il-Pjan ta' l-UE dwar l-aħjar prattiki, standards u proċeduri fil-ġlieda kontra u fil-prevenzjoni tat-traffikar fil-bnedmin⁽²⁾ adottata f'Diċembru 2005, u jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni konġunta Afrika-UE dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp fuq imsemmija;

57. 57 Ifakkar fil-kontribut importanti mogħti mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Ittraffikar tal-Bnedmin, imwaqqaf fl-2003 mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-monitoraġġ u tar-rakkomandazzjonijiet tal-politika u jistenna li dan jitkompla;

Il-kwistjoni tar-regolarizzazzjoni

58. Ifakkar li bosta Stati Membri wettqu jew qalu li għandhom l-intenzjoni li jwettqu regularizzazzjonijiet u li dawn id-deċiżjonijiet, skond l-istat tad-dritt attwali, jaqgħu taħt id-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri imma spiss huma sinjal ta' nuqqas ta' miżuri adegwati eżistenti sabiex jitrattaw fenomenu li jagħmel parti mis-soċjetajiet f'ħafna Stati Membri u jemma li r-regolarizzazzjoni f'salt ta' klandestini għandha tkun azzjoni li ssir darba biss peress li miżura ta' dan it-tip ma ssolvix il-problema reali proprja fil-bażi;

- wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet ta' l-awtur u tad-drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tat-18 ta' April 2007 mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar id-drittijiet ta' l-awtur, il-konservazzjoni b'mezz diġitali, ix-xogħlijiet bla attribuzzjoni ta' awtur u dwar xogħlijiet li m'għadhomx jinsabu stampati,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem L-informazzjoni xjentifika fl-era diġitali: aċċess, diffużjoni u konservazzjoni (COM(2007)0056),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0296/2007),
- A. billi l-kultura hija element ta' ġabra, skambju u qsim li jikkontribwixxi biex iqarrab lill-Unjoni Ewropea lejn iċ-ċittadini tagħha u tgħin fit-tisħiħ ta' l-identità tabilħaqq Ewropea, u fl-espressjoni tagħha,
- B. billi jeħtieġ li tiġi garantita l-promozzjoni, il-ħarsien u d-diffużjoni kemm jista' jkun wesgħin tar-rikkezzi u tad-diversità tal-patrimonju kulturali Ewropew,
- C. billi l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet kulturali, b'mod partikulari l-libreriji, għandhom, kemm fil-livell reġjunali kif ukoll f'dak lokali, l-irwol deċiżiv f'dan il-qasam,
- D. billi jeħtieġ li jiġi meħud kont ta' l-iżvilupp rapidu tat-teknoloġiji ġodda u l-evoluzzjoni tal-prattiki kulturali li joħorġu minnhom,
- E. billi l-internet għal għadd kbir ta' ċittadini, speċjalment dawk żagħżagħ, filfatt sar wieħed mill-mezzi prinċipali ta' aċċess għall-għarfien u għall-għerf,

⁽¹⁾ ĠU L 236, 31.8.2006, p. 28.

⁽²⁾ ĠU C 297, 7.12.2006, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- F. billi f'dan l-ambjent diġitali huwa ta' importanza primarja li jiġi garantit aċċess għal kulħadd għall-patrimonju kulturali Ewropew, u li tiġi żgurata l-konservazzjoni tiegħu għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni u b'hekk tinholq il-memorja kollettiva tagħna,
- G. billi d-diġitalizzazzjoni fuq skala kbira u l-aċċessibilità *on line* tal-patrimonju kulturali Ewropew huma l-mezzi prinċipali biex dan jirnexxi,
- H. billi l-patrimonju kulturali Ewropew jirrifletti d-diversità ta' l-Ewropa u li għalhekk l-aċċess għal dan il-patrimonju għandu jkun multilingwali,
- I. billi jeħtieġ li jiġu implimentati politiki konsistenti rigward id-diġitalizzazzjoni u l-konservazzjoni ta' xogħlijiet diġitali sabiex jiġi evitat it-telf irrimedjabbli ta' kontenut kulturali, b'rispett sħiħ tad-drittijiet ta' l-awtur u tad-drittijiet relatati,
- J. billi, ilhinn mill-kwalitajiet kulturali intrinżiċi kulturali tagħha, id-diġitalizzazzjoni tal-patrimonju kulturali Ewropew hija ta' benefiċċju wkoll għal setturi oħrajn ta' attività, b'mod partikulari l-edukazzjoni, ix-xjenza, ir-riċerka, it-turiżmu u l-media,
- K. billi d-diġitalizzazzjoni tal-kontenut kulturali fuq skala kbira m'għandhiex l-iskop li tieħu post jew tikkompeti ma' kontenut kulturali tradizzjonali, imma li tipproduċi b'mod parallel ma' dan kontenut diġitali affidabbli u ta' kwalità,
- L. billi t-teknoloġija tad-diġitalizzazzjoni hija wkoll għodda qawwija għall-persuni b'diżabilità u tippermetti li l-kontenut jiġi adattat għall-ħtiġijiet tagħhom,
- M. billi madankollu sal-lum għadha ġiet diġitalizzata biss parti tasew ċekjkna tal-patrimonju kulturali Ewropej u billi l-Istati Membri f'dan il-qasam mexjin b'pass differenti ħafna bejniethom,
- N. billi l-finanzjamenti pubbliċi allokat għad-diġitalizzazzjoni massiva mhumix biżżejjed biex ilaħħqu ma' proġett ta' din l-iskala,
- O. billi l-inizjattivi għad-diġitalizzazzjoni għadhom frammentarji ħafna u billi l-biċċa kbira ta' l-esperjenza miksuba fil-livell komunitarju għadha mhix magħrufa u mhix faċli li tiġi aċċessjata b'mod dirett jew multilingwali mix-xogħlijiet kollha li jiffurmaw l-patrimonju kulturali Ewropew,
- P. billi jeħtieġ li tiġi implimentata għodda "għall-kulħadd" li tiggarantixxi l-aċċess universali u immedjat għall-patrimonju kulturali Ewropew bla xkiel ta' moviment, u li tħaffef id-diġitalizzazzjoni,
- Q. billi f'dan ir-rigward jaqbel li jsir rikors għal inizjattivi Ewropej diġà eżistenti biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-bidu tal-librerija diġitali Ewropea, bħalma hi t-TEL (il-Librerija Ewropea) li diġà toffri aċċess għal kollezzjonijiet ta' libreriji nazzjonali Ewropej u li tippermetti li ssir riċerka permezz ta' riżorsi diġitali jew bibjografici fi 23 mill-47 librerija nazzjonali, il-proġett TEL-ME-MOR li jgħin fl-integrazzjoni ta' l-għaxar libreriji nazzjonali ta' l-Istati Membri ġodda, il-proġett EDL li għandu l-iskop li jintegra disa' libreriji ġodda oħra fi ħdan il-UE/AELE, kif ukoll il-proġett Europeana, li jiġbor fih il-libreriji nazzjonali ta' Franza, l-Ungerija u l-Portugall,

Il-Librerija diġitali Ewropea, xempju ta' l-Ewropa maqħquda fid-diversità tagħha

1. Jirrakkomanda li titwaqqaf, ffażijiet differenti, librerija diġitali Ewropea permezz ta' punt ta' aċċess uniku, dirett u multilingwali għall-patrimonju kulturali Ewropew;
2. Jenfasizza li biex jintlaħaq l-iskop eventwali ta' implimentazzjoni ta' strument li jkopri l-kategoriji kollha tal-materjal kulturali, bħall-kontenut awdjoviżwali, il-librerija diġitali Ewropea għall-bidu għandha tikkonċentra fuq il-potenzjal li joffri materjal teswtali u li mhux kopert mid-drittijiet ta' awtur;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

3. Għal dan il-għan jistieden lil-libreriji kollha Ewropej biex iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-librerija diġitali Ewropea x-xogħlijiet mhux koperti mid-drittijiet ta' awtur li diġà għandhom taħt forma diġitali,
4. Jistieden lill-universitajiet Ewropej u lill-istituzzjonijiet oħrajn ta' tagħlim sekondarju u terzjarju sabiex jippermettu aċċess għat-teżijiet ta' dottorat u għal xogħlijiet xjentifiċi oħrajn li jolqtu temi u suġġetti relatati mal-patrimonju kulturali Ewropew u dan b'kundizzjonijiet li għad iridu jiġu stabbiliti u b'rispett sħiħ tad-drittijiet ta' l-awturi,
5. Jistieden lill-istituzzjonijiet oħrajn Ewropej, inklużi daww reġjunali u lokali, biex jipparteċipaw f'dan il-proġett sabiex dan ikun rappreżentattiv tar-rikkezza u d-diversità tal-kultura Ewropea; barra minn hekk, ihegġegħ lill-mużewijiet biex jiddiġitalizzaw l-arkivji tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu integrati f'dan il-proġett;
6. Jenfasizza minbarra hekk li l-librerija diġitali Ewropea m'għandhiex biss l-iskop li xxerred il-kontenut, imma wkoll il-koordinazzjoni ta' l-aċċess għax-xogħlijiet diġitali;
7. Ihegġegħ l-għażla u l-użu ta' standards komuni, ibbażati fuq forom eżistenti u diġà adottati, sabiex tiġi żgurata l-interoperabilità tal-kontenut, li hija neċessarja biex il-librerija diġitali Ewropea topera tajjeb, billi jiġu adottati gradwalment lingwi ta' metadata stabbiliti (Dublin Core, eċċ.);
8. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex ikomplu bl-isforzi tagħhom u biex iħaffu aktar id-diġitalizzazzjoni tal-kontenut kulturali sabiex jinkiseb ammont biżżejjed ta' kontenut;
9. Ihegġegħ għal dan il-għan lill-Istati Membri biex ifasslu, b'koordinazzjoni ma' l-istituzzjonijiet kulturali, pjanijiet għad-diġitalizzazzjoni fil-livell nazzjonali u f'dak reġjunali sabiex tiġi stabbilita mappa Ewropea ta' l-attivitajiet kollha ta' diġitalizzazzjoni, hekk li jkun hemm sinerġija bejniethom, waqt li tingħata attenzjoni li ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' xogħol u ta' spejjeż mid-diversi istituzzjonijiet pubbliċi u privati biex jiddiġitalizzaw il-fondi tagħhom, u jikkunsidra li huwa essenzjali li jsir inventarju skond it-tip ta' istituzzjonijiet u xogħol li diġà sar;
10. Ihegġegħ li jkun hemm koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet kulturali, kif ukoll skambju ta' prattiki tajbin għad-diġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità tax-xogħlijiet, kif ukoll għall-konservazzjoni diġitali tagħhom;
11. Jisħaq barra minn hekk fuq il-punt li l-Librerija Diġitali Ewropea tkun tista' tgħin fir-riċerka fl-oqsma tad-diġitalizzazzjoni, ta' l-interoperabilità u tal-konservazzjoni diġitali, b'mod partikulari permezz ta' ċentri ta' kompetenza mwaqqfa mill-Kummissjoni, peress illi l-librerija diġitali Ewropea ma tistax issir realtà min-għajr komponent ta' riċerka u żvilupp;
12. Jenfasizza li jehtiegħ jingħata appoġġ lill-innovazzjoni u lir-riċerka fil-qasam tal-multilingwiżmu;
13. Ifakkar li jekk il-programmi komunitarji ma jippermettux il-finanzjament tad-diġitalizzazzjoni fiha nfisha, jehtiegħ li jiġu żviluppati modi ġodda ta' finanzjament, inklużi sħubija mas-settur privat, waqt li jiġi evitat kemm jista' jkun possibbli li jkun hemm rati differenti ta' xogħol ta' diġitalizzazzjoni fl-Istati Membri;

Struttura u kontenut tal-librerija diġitali Ewropea — punt ta' aċċess multilingwali komuni għall-patrimonju kulturali Ewropew

14. Ihegġegħ li jiġi stabbilit interface komuni li joffri aċċess għal kontenut li jggarantixxi l-kwalità u l-affidabilità tiegħu u dan permezz ta' software ta' riċerka integrat li jkun għodda ta' tiftix għall-metainformazzjoni u għodda ta' tiftix tat-testi f'dawk id-dokumenti li jkunu diġitalizzati bħala test;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

15. Jenfasizza l-importanza li jinsab interface multilingwali li jippermetti aċċess dirett għall-kontenut imfittex fil-lingwi kollha ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod li minbarra li jiżgura t-tiftix normali skond l-awtur jew it-titolu, jippermetti wkoll tiftix skond is-suġġett jew keyword, li f'dal-kas ir-riżultati jkunu jistgħu jiġbru d-data kollha relatata mil-librerija kollha msieħba u fil-lingwi kollha tal-katalgu;
16. Iħeġġeġ ukoll li jkun hemm disponibbli funzjonalitajiet innovattivi, moderni u adatti għal kull min jużahom;
17. Jenfasizza l-interess li l-librerija diġitali Ewropea tiġi konċepita u organizzata permezz ta' risorsi u kapaċitajiet tekniċi xierqa li jiffaċilitaw il-kreattività, ir-riċerka u l-użu ta' informazzjoni u ma tillimitax ruħha u tkun biss katalog diġitali ta' xogħlijiet Ewropej;
18. Jippreċiża, barra minn hekk, li huwa mixtieq li l-patrimonju kulturali Ewropew ma jkunx limitat għax-xogħlijiet kollettivi ta' l-Unjoni Ewropea nnfisha biss, imma li jiġi kkunsidrat ukoll s-sehem kulturali ta' pajjiżi oħra Ewropej;
19. Jippreċiża wkoll li għalkemm il-biċċa kbira tal-patrimonju kulturali Ewropew huwa magħmul minn xogħlijiet li jaqgħu taħt id-dominju pubbliku, jeżistu kategoriji oħrajn;
20. Ifakkar, rigward dan, li jkun tajjeb li ssir distinzjoni bejn id-dominju pubbliku u xogħlijiet koperti mid-dritt ta' l-awtur, inklużi xogħlijiet bla attribuzzjoni ta' awtur u xogħlijiet li m'għadhomx stampati, u li jiġu previsti mudelli differenti adatti għas-settur ta' azzjoni applikabbli għal kull waħda minn dawn il-kategoriji;
21. Japprova l-ħatra tal-Grupp ta' Esperti ta' l-Livell Għoli diġà msemmi u jappoġġja b'mod partikulari l-proposti tagħhom sabiex isir katalog tax-xogħlijiet bla attribuzzjoni u xogħlijiet li m'għadhomx stampati u sabiex jitfasslu mekkaniżmi biex jgħinu fir-riċerka dwar id-drittijiet ta' awtur ta' dawn ix-xogħlijiet;
22. Jenfasizza li l-proposti mressqa mill-grupp ta' esperti ta' livell għoli fl-ewwel rapport tiegħu jikkonċernaw l-aktar lis-settur tal-kotba stampati u li l-estensjoni għal setturi oħrajn għandha tkun deċiża b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tagħhom;
23. Jinnota li jkun mixtieq li fi stadju ieħor il-librerija diġitali Ewropea tkun tista' tipproponi, jekk ikun possibbli, li flimkien ma' dokumenti ħielsa minn drittijiet ta' awtur, jiġu inklużi dokumenti li għandhom dritt ta' awtur, b'rispett sħiħ tal-liġijiet nazzjonali, komunitarji u internazzjonali rigward propjetà intellettuali;
24. Jenfasizza li kull deċiżjoni dwar dan għandha tittieħed b'kollaborazzjoni ma' dawk kollha konċernati, b'mod partikulari mal-kittieba, mal-pubblikaturi u mal-ħwienet tal-kotba;
25. Jipproponi li fil-librerija diġitali Ewropea min jużaha jkun jista' jsib dokumenti diġitali kemm taħt forma ta' test u kemm taħt forma grafika, ikunu ta' liema natura jkunu, u jkun jista' jikkonsultahom bla xkiel, kemm bħala dokument sħiħ meta jkunu dokumenti mingħajr drittijiet ta' awtur, kemm bħala siltiet qosra jekk ikunu xogħlijiet ristretti u dan bi ftehim ma' min ikollu d-dritt ta' awtur;
26. Jipproponi li tiġi prevista l-possibiltà li wieħed ikun jista' jqalleb virtwalment dokument fost xogħlijiet imħarsa bid-dritt ta' awtur permezz ta' siti speċjalizzati li joffru l-garanziji ta' sikurezza mitluba minn min ikollu d-dritt ta' awtur;
27. Jipproponi li, f'każijiet bħal dawn ta' l-aħħar, il-librerija diġitali Ewropea sservi biss bħala mezz li jwassal l-informazzjoni;
28. Jindika li l-aċċess għal dokument protett fl-integralità tiegħu jkun jista' jsir minn siti apposta bi ftehim ma' minn ikollu d-dritt ta' l-awtur u b'remunerazzjoni xierqa;

Amministrazzjoni u moniteragg

29. Jappella li jitwaqqaf kumitat ta' tmexxija li fi ħdanu l-istituzzjonijiet kulturali jkollhom l-irwol ewlieni li jiffinalizza l-prijoritajiet u l-linji gwida li għandhom jingħataw lil-librerija diġitali Ewropea, hekk li jiżgura l-koordinazzjoni, l-amministrazzjoni u l-moniteragg ta' l-attivitajiet tagħha;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

30. Iħeġġeġ li jkun hemm koordinazzjoni tal-gruppi mwaqqfa mill-Kummissjoni, b'mod partikulari tal-gruppi ta' esperti ta' l-Istati Membri tad-diġitalizzazzjoni u l-konservazzjoni diġitali u ta' l-esperti ta' livell għoli msemmija hawn fuq, sabiex tinkiseb sinerġija tabilħaqq fil-livell Ewropew;
31. Jissuġġerixxi li jinholq organu ta' koordinazzjoni Ewropew ekwivalenti għat-TEL għall-kollezzjonijiet tal-mużewijiet u ta' l-arkivji nazzjonali sabiex jamministra l-elementi diġitali ta' kull għamla li jagħmlu parti mill-patrimonju kulturali Ewropew, hekk li jintegra lil dawn fis-sistema ta' riċerka tal-librerija diġitali Ewropea;
32. Jenfasizza barra minn hekk li b'integrazzjoni konsistenti fis-sistemi edukattivi l-librerija diġitali Ewropea tkun tista' tippermetti li jintlaħqu aħjar iż-żagħżagħ Ewropej u tkun tista' tqarribhom lejn il-patrimonju kulturali u letterarju tagħhom, hekk li tħarriġhom fit-teknoloġiji ġodda filwaqt li tiġġieled kontra l-firda diġitali;
33. Jikkunsidra li huwa indispensabbli li jiġu intensifikati l-iskambji ta' esperjenza u ta' prattiki tajbin ma' l-istituzzjonijiet oħrajn Ewropej, bħalma huma l-European Commission on Preservation Access (ECPA), ma' istituzzjonijiet ta' pajjiżi terzi bħal-Library of Congress Amerikana, ma' assoċjazzjonijiet internazzjonali bħall-International Federation of Library Associations (IFLA), ma' organizzazzjonijiet pubbliki u privati bħall-Online Computer Library Centre, kif ukoll ma' oħrajn, hekk li tipprova kemm jista' jkun li tuża softwer u soluzzjonijiet li diġà ġew ittestjati u mħaddma;
34. Jisħaq favur il-promozzjoni, il-viżibiltà u l-aċċess għal-librerija diġitali permezz ta' komunikazzjoni indirizzata għal-livelli kollha u bil-ħolqien ta' logo li jidentifikaha;
35. Għal dan il-għan jirrakkomanda li parti mir-riżorsi li se jkunu allokati għall-librerija diġitali jiġu destinati għall-promozzjoni tagħha fost l-akbar numru ta' nies possibbli;
36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0417

Effiċjenza u l-ekwità tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ Ewropej

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-effiċjenza u l-ekwità tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ Ewropej (2007/2113(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew bl-isem "L-effiċjenza u l-ekwità fis-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ewropej" (COM(2006)0481),
- wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaq-qif ta' Qafas Ewropew għall-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (COM(2006)0479),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fit-tieni qari fil-25 ta' Ottubru 2006 bil-għan li tiġi adottata deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja⁽¹⁾, u wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament u tal-Kunsill Nru 1720/2006/KE tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja⁽²⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 313E, 20.12.2006, p.187.

⁽²⁾ ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem “Tagħlim għall-adulti: qatt m’hu tard wisq biex titgħalliem” (COM(2006)0614),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fis-26 ta' Settembru 2006 dwar il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ⁽¹⁾ u r-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari tat-13 ta' Ottubru 2005 dwar il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iktar koperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla ⁽³⁾ u wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Nru 2006/143/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar iktar koperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0326/2007),
- A. billi bħala reazzjoni għall-qtugħ fil-baġits pubbliċi, l-isfidi tal-globalizzazzjoni, il-bidla demografika u l-innovazzjoni teknoloġika, qed issir iktar enfażi madwar l-Ewropa biex l-edukazzjoni u t-taħriġ isiru iktar effettivi,
- B. billi d-differenza konsiderevoli fis-suċċess bejn is-sistemi ta' l-edukazzjoni fl-UE, kif muri fir-Rapport Pisa 2003, hija kwistjoni ta' tħassib,
- C. billi dan il-fattur ji sta' jiġi tradott f'żieda fid-differenzi fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Istati Membri u jipperikola li ma jintlaħqux il-miri strateġiċi ta' Liżbona,
- D. billi d-dritt għall-edukazzjoni huwa prinċipju rikonoxxut kemm fuq livell internazzjonali kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,
- E. billi l-bieċa l-kbira tas-sistemi attwali ta' edukazzjoni u taħriġ jirrepetu u jkabbru l-inugwaljanzi eżistenti,
- F. billi l-inġustizzja fl-edukazzjoni u t-taħriġ għandha spejjeż moħbija kbar,
- G. billi l-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ iħalli l-frott fuq perjodu ta' żmien fit-tul u jrid ikun ippjanat fuq bażi ta' żmien fit-tul,
- H. billi f'sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ trid tiġi stabbilita kultura ta' evalwazzjoni sabiex ikun żgurat li l-iżvilupp ta' dawk is-sistemi jkun ji sta' jiġi sorveljat b'mod effettiv fuq bażi ta' żmien fit-tul,
- I. billi l-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ iridu jkunu marbuta ma' politiki relatati ma' l-impjiegi, l-ekonomija u l-integrazzjoni soċjali,

⁽¹⁾ ĠUC306E, 15.12.2006, p.165.

⁽²⁾ ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.

⁽³⁾ ĠU C 233 E, 28.9.2006, p. 100.

⁽⁴⁾ ĠU L 64, 04.03.2006, p. 60.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- J. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom irwol fundamentali fl-iżvilupp ta' identità Ewropea ibbażata fuq l-edukazzjoni interkulturali u l-paċi,
- K. billi n-nisa żgħażaġh għandhom s'issa aktar biċ-ċans li jkunu qiegħda milli l-irġiel żgħażaġh peress li r-rata tal-qgħad fl-2006 fl-UE-27 kienet ta' 18.1 % għan-nisa żgħażaġh, meta mqabbla mar-rata ta' 16.9 % għall-irġiel żgħażaġh; billi n-nisa huma anqas rappreżentati fil-pożizzjonijiet ta' tmexxija, minkejja l-fatt li fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri aktar nisa minn irġiel jilhqqu livell għoli ta' edukazzjoni,

Effiċjenza u ekwità fit-tagħlim tul il-ħajja

1. Japprova l-proċess ta' ppjanar fit-tul fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja, minħabba li l-investment f'dak il-qasam iħalli l-frott fuq perjodu ta' żmien fit-tul;
2. Jirrikonoxxi li l-investment flivell wieħed ta' edukazzjoni mhux biss jagħmilha possibbli li jiġu żviluppati ħiliet u kapaciċajiet f'dak il-livell, huwa jistabbilixxi wkoll il-bażi biex jinkisbu iktar abilitajiet u kwalifiki flivelli oħra ta' edukazzjoni;
3. Jappoġġja l-pjan li jinholq qafas Ewropew għall-kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja li se jiffaċilita r-rikonoxximent ta' kisbiet edukattivi u jippermetti bidliet viżibbli u trasparenti bejn għażliet ta' studju differenti;
4. Jemmen li hemm bżonn ta' kultura ta' evalwazzjoni fis-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ — għalhekk politiki effettivi fit-tul iridu jkunu bbażati fuq kejl affidabbli;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon l-attentat tal-Kummissjoni biex tikkunsidra l-effiċjenza u l-ekwità fl-edukazzjoni meta tfassal qafas ta' indikaturi u punti ta' referenza (benchmarks) għall-monitoraġġ tal-progress biex jinkisbu l-Objettivi ta' Liżbona;
6. Jemmen li sabiex wieħed jipproċedi b'eżami dwar l-effettività/effiċjenza u l-ekwità ta' sistemi ta' edukazzjoni fl-Ewropa, it-terminoloġija, kemm għall-effettività/effiċjenza kif ukoll għall-ekwità, għandha tiġi kkjarifikata; għall-eżami ta' l-ekwità, karatteristiċi individwali bħas-sess, l-orijini etnika jew id-diżabilità (min-barra dik soċjo-ekonomika) għandhom ikunu inklużi;
7. Jirrikonoxxi li l-investment fit-tagħlim tul il-ħajja li għandu l-għan li jtejjeb l-aċċess u l-ekwità jrawwem il-koeżjoni soċjali u jagħmilha possibbli għall-individwi biex isolvu problemi, biex jadattaw, biex jibnu kunfidenza fihom infushom u biex jiffaċċjaw bidliet, li ttejjbilhom l-iżvilupp personali tagħhom b'hekk tkun iktar faċli għalihom biex jittrattaw bidliet oħra f'ħajjithom;
8. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw politiki u materjal ta' tagħlim u taħriġ li jikkunsidraw l-kwistjonijiet tas-sess bħala strument sabiex jelimina l-inugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni u fl-impjieg u biex jiġu eradikati l-isterjotipi dwar is-sess; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jippromwovu impjieg atipiku (pereżempju aktar għalliema rġiel fl-iskejjel primarji u aktar għalliema nisa fix-xjenza) liż-żgħażaġh, inklużi tfal żgħar, qabel l-età meta jittieħdu ċerti deċiżjonijiet fundamentali dwar edukazzjoni u karriera, u b'mod li titnaqqas il-firda okkupazzjonali bbażata fuq is-sess; itenni li data ta' kwalità mtejbja, disaggregata skond is-sess u l-età, hija prerekwiżit għal kwalunkwe politika;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

L-iżgurar ta' l-effiċjenza u l-ekwità fil-qafas tal-politiki ta' edukazzjoni u taħriġ*Edukazzjoni ta' qabel l-iskola: enfażi fuq it-tagħlim lil daww żgħar ħafna*

9. Jemmen li l-effiċjenza u l-ekwità jistgħu jinkisbu individwalment jekk l-investiment u r-riforma jkunu ffukati fuq l-istadji bikrin ta' l-edukazzjoni;

10. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati, mill-fażi ta' qabel l-iskola, miżuri li jinkoraġixxu l-integrazzjoni ta' tfal minn pajjiżi terzi residenti fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea;

11. Jistieden lill-Istati Membri biex jinvestu ħafna iktar fl-edukazzjoni ta' qabel l-iskola — inklużi nursery — minħabba li tali investiment ji sta' jkun mezz effettiv biex tkun stabbilita l-bażi għall-edukazzjoni futura, biex ikun żviluppat l-intellett tat-tfal, biex jiżdied il-livell ġenerali tal-ħiliet u ji sta' jżied b'mod sinifikanti l-ekwità tas-sistema edukattiva;

12. Jemmen madankollu li hi meħtieġa aktar riċerka dwar l-edukazzjoni ta' qabel l-iskola fil-livell ta' l-UE, b'mod partikolari fil-qasam ta' azzjoni bikrija u mmirati biex jidentifikaw il-prattiċi li jħallu l-effetti mistennija;

13. jikkunsidra li l-kwalità ta' l-edukazzjoni ta' qabel l-iskola tiddependi parzjalment fuq għalliema mħarrġa b'mod adegwat, u għalhekk hemm bżonn li tiġi żviluppata strateġija li tiggarantixxi karrieri ta' għalliema li huma kemm orjentati għall-futur u ta' kwalità għolja edukattiva kif ukoll sodisfaċenti.

14. Jirrikonoxxi li mill-istadju ta' qabel l-iskola, id-diversità soċjali tal-klassijiet u ta' l-istabbilimenti għandha tkun żgurata biex ikunu evitati differenzi fil-kurrikula u fl-aspettativi;

15. Jemmen li l-involviment tal-ġenituri permezz ta' programmi edukattivi u ta' informazzjoni (partikolarment fil-każ ta' tfal żvantaġġati) huwa importanti għas-suċċess ta' l-edukazzjoni ta' qabel l-iskola;

16. Huwa favur kull forma ta' edukazzjoni ta' qabel l-iskola u ta' intervent f'età bikrija (meta l-ħiliet ta' konjizzjoni tat-tfal ikunu qed jiżviluppaw) — peress li mill-istadji kollha fil-proċess sħiħ tat-tagħlim tul il-ħajja, dan l-istadju huwa dak li jħalli l-iktar frott;

17. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex iżidu n-numru ta' postijiet sussidjati fl-edukazzjoni ta' qabel l-iskola u b'hekk joffru opportunitajiet aħjar għal tfal taħt l-età ta' l-iskola li m'għandhomx is-sigurtà finanzjara sabiex jibbenefikaw mis-sistema edukattiva;

Edukazzjoni primarja u sekondarja: titjib fil-kwalità ta' l-edukazzjoni primarja għal kulħadd

18. Jenfasizza li l-attenzenza obligatorja fl-iskola u s-sistema ta' taħriġ għandha ttipprovdi edukazzjoni bażika u ħiliet ewlenin; jenfasizza wkoll li l-edukazzjoni u l-ħiliet ewlenin xierqa jikkontribwixxu biex jint-laħqu valuri soċjali u ċiviċi fundamentali, isaħħu l-koeżjoni soċjali u jgħinu biex itejbu l-livelli individwali tal-kwalifiki u l-impjegar;

19. Jinnota wkoll li l-irwol ta' l-iskejjel, b'mod partikolari fl-livell primarju u sekondarju, l-ewwel nett għandu jikkunsidra l-valuri interkulturali u l-edukazzjoni għall-paċi, billi dawn huma l-karatteristiċi ta' iden-tità Ewropea;

20. Jemmen li t-tqassim prematur f'kategoriji għandu effett ħażin fuq l-effiċjenza u l-ekwità fis-sistemi ta' edukazzjoni;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

21. Jemmen li l-aċċess ekwu ta' persuni żvantaġġjati għal edukazzjoni ta' kwalità ji sta' jtejjeb ukoll l-effiċjenza u l-ekwiżità tas-sistemi edukattivi Ewropej;
22. Hu favur, min-naħa l-oħra, il-ħolqien ta' sensiela flessibbli ta' għażliet ta' studju fl-ivell skolastiku sekondarju, li m'għandux jipprekludi għażla ta' rotta differenti fi stadji edukattivi sussegwenti;
23. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jissorveljaw il-karrieri skolastiċi kollha, b'mod partikolari fil-mument ta' l-għażla u ta' l-orjentazzjoni, u sabiex jiżguraw li s-sistemi edukattivi tagħhom jappoġġjaw lill-istudenti billi jimmotivaw l-isforzi tagħhom biex jilħqu l-iżvilupp personali tagħhom;
24. Fid-dawl tal-livelli differenti ta' appoġġ li l-istudenti jistgħu jibbenefikaw minnhom fid-dar, matul il-karriera skolastika tagħhom, u n-natura li xi drabi ma tkunx uguali ta' l-edukazzjoni pprovduta, jappoġġja l-isforzi biex il-ġenituri jiġu involuti fil-proċess edukattiv bil-għan li jitnaqqas b'mod sinifikanti r-riskju ta' esklużjoni soċjali futura;
25. Jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġjaw it-taħriġ inizjali u iktar taħriġ għall-għalliema, biex jagħtu spinta lill-motivazzjoni tagħhom u biex itejbu l-kundizzjonijiet kwalitattivi tal-ħajja ta' l-iskola — billi dawn huma fatturi deċiżivi fil-kisba ta' l-effiċjenza u l-ekwiżità;
26. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippromwovu l-multilingwalizmu f'kull livell fis-sistema edukattiva, b'hekk itejbu l-mobilità tat-tfal, żgħażaġh u adulti fit-territorju Ewropew u b'hekk il-proċess edukattiv fl-UE isir aktar effiċjenti;
27. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex joħlqu għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fost l-għalliema u dawk li jipprovdu l-edukazzjoni sabiex dawn ikuni kapaċi jippromwovu dan il-prinċipju fost il-ġenerazzjoni żgħażuġha;

Edukazzjoni universitarja: żieda fl-investment u iktar aċċess

28. Jirrikonoxxi li l-edukazzjoni universitarja hija aspett ewlieni ta' ekonomija u soċjetà bbażata fuq l-għerf;
29. Jappoġġja l-pjan biex l-universitajiet ikunu modernizzati bil-ħsieb li jkun żgurat li l-edukazzjoni universitarja ssir iktar kompetittiva, tkun disponibbli għal kulħadd fuq bażi ġusta u tibqa' finanzjarjament vijabbli u effettiva;
30. Jistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-effiċjenza u l-ekwiżità billi joħlqu kundizzjonijiet u inċentivi xierqa biex ikun żgurat iktar investment minn sorsi pubbliċi u privati;
31. Jirrikonoxxi li l-provvediment ta' edukazzjoni universitarja bla ħlas mhux bilfors se jggarantixxi ekwiżità; Jistieden f'dan ir-rigward li jsiru aktar studju dwar l-assunzjoni li l-miżati tat-tagħlim m'humix kwistjoni iżolata iżda huma parti minn għaqda ta' fatturi konnessi ma' inċentivi finanzjarji li, flimkien ma' appoġġ finanzjarju li jakkumpanjawhom, inaqqsu l-inġustizzja fl-aċċess għall-edukazzjoni universitarja fil-każ ta' gruppi żvantaġġjati;
32. Jisħaq li l-universitajiet iridu jfasslu politiki komprensivi ta' informazzjoni u dħul, sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu għal ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi li jiżviluppaw malajr;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali: żieda fil-kwalità u l-valur

33. Jikkunsidra li, meta wieħed jaraha fid-dawl ta' popolazzjoni li qed tixjiħ, il-problema ta' qgħad għoli permanenti fost iż-żgħażaġh qed issir dejjem iktar serja;
34. Minħabba l-problema ta' popolazzjoni li qed tixjiħ, jappoġġja l-provvediment ta' edukazzjoni għall-adulti sabiex ikun iktar faċli għan-nies biex jadattaw għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u għal dawk b'ħiliet baxxi biex jiġu involuti fl-edukazzjoni;
35. Jisħaq li ż-żgħażaġh bil-livelli l-iktar baxxi ta' kisbiet edukattivi għandhom diffikultà kbira biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u huma l-iktar vulnerabbli fil-każ ta' tnaqqis fl-ekonomija, għandhom riskju ikbar ta' qgħad u x'aktarx jispiċċaw jagħmlu xogħol li jirrikjedi inqas senġha jew xogħol każwali;
36. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jippromwovi l-aċċess għall-edukazzjoni u għat-taħriġ ta' nisa żgħażaġh, speċjalment dawk minn reġjuni imbiegħda u gruppi vulnerabbli bħalma huma nisa migranti, nisa minn minoritajiet etniċi, nisa b'diżabilità u nisa bi ftit kwalifiki; jistieden lill-Istati Membri sabiex jidentifikaw u jagħmlu skambju ta' l-aqwa Prattiki fil-qasam u jħeġġeġ lill-intrapriżi privati u pubbliċi sabiex jikkontribwixxu b'mod aktar attiv għall-ġħoti ta' taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol, billi jneħħu kull ostakolu marbut ma' l-età, u billi jappoġġjaw il-liv għal taħriġ għal dawk żvantaġġati;
37. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-aċċess għal skemi ta' taħriġ iffinanzjati mis-settur pubbliku għal nisa qiegħda u għal dawk li ma rnexxewx fis-sistema edukattiva obbligatorja;
38. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw politiki li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol għaż-żgħażaġh, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali għan-nisa żgħażaġh, li għandhom tendenza li jiltaqqu ma' aktar diffikultajiet; jenfasizza li l-kwalità oġhla ta' edukazzjoni u taħriġ u l-investimenti waqt iż-żgħożija, u l-aċċess aħjar għalihom, għandhom implikazzjoni għas-suq tax-xogħol fl-istadji suċċessivi tal-ħajja; jinnota li għandu jiġi implimentat mekkaniżmu ta' evalwazzjoni li jistma l-effiċjenza u l-impatt ta' l-ispiża tal-gvern għall-edukazzjoni fuq il-qgħad fost iż-żgħażaġh, l-aktar fost in-nisa żgħażaġh;
39. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw programmi universitarji ta' eċċellenza peress illi bil-formiment ta' nies speċjalizzati bi kwalifiki għolja f'oqsma differenti, it-talba fuq is-suq tax-xogħol tintlaqa' b'mod aktar effettiv;
40. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-aċċess ugħali għan-nisa u l-irġiel għal teknoloġiji ġodda għandu jiġi mħeġġeġ fi ħdan l-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex il-qasma diġitali bejn l-irġiel u n-nisa titqarreb;
41. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex ikabbru l-proporzjon tan-nisa fix-xjenza, fl-iġinerija u fit-teknoloġija u jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom f'dawn l-oqsma; jistieden lill-gvernijiet nazzjonali sabiex iżidu n-numru tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u sabiex ikejlu l-progress billi jadottaw miri kwalitattivi u kwantitattivi;
42. Jirrakkomanda aċċess aħjar għall-edukazzjoni terzjarja u l-iżvilupp ta' opportunitajiet li jagħmluha possibbli għal dawk li jkunu temmew it-taħriġ tagħhom biex ikomplu jistudjaw u biex javvanzaw fl-edukazzjoni tagħhom filwaqt li jkunu qed jaħdmu;
43. Jenfasizza li l-programmi ta' taħriġ li jiġu offruti għandhom ikunu flessibbli sabiex titqies id-domanda tas-suq tax-xogħol — b'hekk ikunu mod partikolarment effettiv biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' xogħol għan-nies żvantaġġati; jirrikonoxxi f'dak ir-rigward li l-investment pubbliku għandu jiffoka fuq il-gruppi ta' miri l-iktar żvantaġġati peress li huma jibbenefikaw l-inqas minn taħriġ kontinwu;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

44. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jipproponu l-organizzazzjoni flessibbli ta' l-istudju, bi sħab ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u ta' taħriġ vokazzjonali, sabiex jissodisfaw b'mod aktar effiċjenti l-bżonnijiet ta' żgħażagħ irġiel u nisa li qed jaħdmu jew jieħdu ħsieb responsabilitajiet familjari fl-istess waqt li jistudjaw u biex b'hekk jiġi evitat li dawn jieqfu jistudjaw qabel il-waqt;

45. Jistieden lill-Istati Membri biex jinvolvu istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni, kumpaniji, sħab soċjali u oħrajn u s-settur pubbliku fi sħubija konġunta rigward l-implimentazzjoni ta' programmi effettivi ta' taħriġ;

Azzjoni mill-Unjoni Ewropea

46. Jenfasizza li l-mira fundamentali ta' l-azzjoni ta' l-UE hija li tippromwovi l-konverġenza tas-sistemi edukattivi ta' l-UE lejn livelli għoli ta' suċċess;

47. Jemmen li biex l-azzjoni ta' l-UE tkun immirata aħjar jeħtieġ li jiġi żviluppat proċess, ibbażat fuq rapporti perjodiċi ppreżentati mill-Istati Membri kif ukoll b'verifika indipendenti, sabiex jiġi evalwat ir-rendiment tas-sistemi edukattivi u ta' taħriġ fl-UE, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari sabiex jiġu akkwistati ħiliet bażiċi mill-istudenti u sabiex jintlaħqu l-oġettivi ta' l-ekwità;

48. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippubblika rapporti regolari dwar l-effiċjenza u l-ekwità fis-sistemi edukattivi u ta' taħriġ Ewropew sabiex jiġi sorveljat il-progress lejn livelli ogħla ta' rendiment;

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0418**Moratorju fuq il-piena tal-mewt****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill rigward moratorju għall-piena tal-mewt**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-1 ta' Frar 2007 ⁽¹⁾ u tas-26 ta' April 2007 ⁽²⁾ dwar l-inizjattiva favur moratorju universali għall-piena tal-mewt,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida tat-3 ta' Ġunju 1998 dwar il-politika ta' l-UE lejn pajjiżi terzi fir-rigward tal-piena tal-mewt,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni dwar it-tneħħija tal-piena tal-mewt tad-19 ta' Diċembru 2006 magħmula fl-Assemblea Ġenerali tan-NU mill-Presidenza ta' l-UE, li ġiet iffirmata inizjalment minn 85 pajjiż mill-gruppi ġeografiċi kollha,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni li nqrat mill-Presidenza ta' l-UE fisem l-Unjoni Ewropea waqt ir-raba' sessjoni tal-Kunsill tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-29 ta' Marzu 2007,
- wara li kkunsidra l-appoġġ għall-moratorju espress pubblikament mis-Segretarju Ġenerali tan-NU waqt iż-żjara reċenti tiegħu f'Ruma,

⁽¹⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0018.

⁽²⁾ Testi Adottati, P6_TA(2007)0166.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra t-twaqqif ta' Ġurnata Ewropea kontra l-Piena tal-Mewt fl-10 ta' Ottubru ta' kull sena, appoġġjata wkoll mill-Konferenza tal-Presidenti tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007;
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-appell għal moratorju universali għall-piena tal-mewt jirrappreżenta deċiżjoni politika ċara lejn it-tneħħija tal-piena tal-mewt fil-pajjiżi kollha,
- B. billi r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-1 ta' Frar 2007 u tas-26 ta' April 2007 ħeġġew lill-Presidenza ta' l-UE biex tressaq b'mod urġenti riżoluzzjoni lill-Assemblea Ġenerali tan-NU attwali u biex iżżomm lill-Parlament informat dwar ir-riżultati miksuba; billi sa dan il-punt ma tressqet l-ebda riżoluzzjoni lill-Assemblea Ġenerali tan-NU;
- C. billi d-dikjarazzjoni dwar il-piena tal-mewt, imressqa mill-Unjoni Ewropea fl-Assemblea Ġenerali tan-NU fid-19 ta' Diċembru 2006, issa għabt 95 firma minn pajjiżi mill-gruppi ġeografiċi kollha;
- D. billi l-Presidenza ta' l-UE irċeviet mandat mill-Kunsill sabiex tabbozza u tressaq, f'kooperazzjoni ma' l-Italja, test dwar moratorju internazzjonali dwar il-piena tal-mewt, li għandu jintbagħat lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti,
1. Jerġa' jsostni lill-Presidenza ta' l-UE u lill-Istati Membri li l-kontenut politiku prinċipali tar-riżoluzzjoni għandu jkun l-adozzjoni ta' moratorju dinji bħala pass kruċjali lejn it-tneħħija tal-piena kapitali;
2. Jistieden lill-Presidenza ta' l-UE u lill-Istati Membri biex ifittxu li r-riżoluzzjoni dwar il-moratorju tkun ippreżentata fit-62 Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti taħt l-intestatura 'drittijiet tal-bniedem', sabiex din tiġi adottata qabel l-aħħar ta' l-2007; itenni t-talba tiegħu lill-Presidenza ta' l-UE biex tipperswadi l-ikbar numru ta' pajjiżi possibbli bħala ko-awturi tar-riżoluzzjoni;
3. Jistieden lill-Presidenza ta' l-UE biex tinkuraġġixxi lil dawk il-pajjiżi li għadhom ma ffirmawx u ma rratifikawx it-Tieni Protokoll Mhux Obbligatorju għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi biex jagħmlu dan, u biex tinkuraġġixxi lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma ffirmawx il-Protokoll Nru 13 għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem l-Liberatijiet Fundamentali dwar il-piena kapitali biex jagħmlu dan;
4. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu lill-istituzzjonijiet ta' l-UE u lill-Istati Membri biex mill-2007, flimkien mal-Kunsill ta' l-Ewropa, jiddikjaraw l-10 ta' Ottubru ta' kull sena bħala l-Ġurnata Ewropea kontra l-Piena Kapitali; jiddispiaciħ għan-nuqqas ta' unanimià fil-Kunsill dwar il-kwistjoni u jsejjaħ lill-gvern pollakk futur sabiex jappoġġja bis-sħiħ din l-inizjattiva li tirrifletti l-valuri bażiċi ta' l-Unjoni Ewropea; isejjaħ biex l-istituzzjonijiet kollha u l-Istati Membri ta' l-UE, flimkien mal-Kunsill ta' l-Ewropa, ikomplu jappoġġjaw din l-azzjoni u sabiex jagħtu mandat lill-President tiegħu sabiex jippromwovi din l-inizjattiva;

(¹) ĠU C 364, 18.12.2000, p.1.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

5. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jappoġġjaw it-twaqqif ta' koalizzjonijiet reġjonali favur il-moratorju u t-tneħħija tal-piena kapitali;
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri ta' l-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Presidenza ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri tan-NU.
-

P6_TA(2007)0419

Operazzjoni ta' l-ESDP fiċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentrali Afrikana

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-operazzjoni ta' l-ESDP fiċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentrali Afrikana

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kunflitt fid-Darfur u l-impatt reġjonali usa' tiegħu, b'mod partikulari fuq in-naħa tal-Lvant taċ-Ċad u n-naħa tat-Tramuntana tar-Repubblika Ċentrali Afrikana,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1706(2006) tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU tal-31 ta' Awissu 2006, li saħaq li għandhom ikunu indirizzati aspetti ta' sigurtà reġjonali sabiex tissawwar paċi dejjiema fid-Darfur,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni tat-23 sa l-24 ta' Lulju 2007, li jitolbu "lill-korpi kompetenti tiegħu jkomplu l-ippjanar bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar operazzjoni ta' tqarrib, fil-qafas tal-Politika Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża (ESDP), bħala appoġġ għal preżenza multidimensjonali tan-NU fil-Lvant taċ-Ċad u fil-Grigal tar-Repubblika Ċentrali Afrikana bil-għan li tittejjeb is-sigurtà f'dawk iż-żoni",
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1769(2007) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-31 ta' Lulju 2007 li tistabbilixxi, għal perjodu inizjali ta' 12-il xahar, operazzjoni mħallta bejn l-Unjoni Afrikana u n-Naz-zjonijiet Uuniti (AU/UN) fid-Darfur (UNAMID),
- wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar iċ-Ċad u r-Repubblika Ċentrali Afrikana ta' l-10 ta' Awissu 2007, li jirrakkomanda li għandu jkun hemm preżenza internazzjonali fil-lvant taċ-Ċad u fil-grigal tar-Repubblika Ċentrali Afrikana sabiex tkun imtejba is-sigurtà tar-refuġjati u l-popolazzjonijiet imċaqilqa, sabiex ikun faċilitat il-provvista ta' għajjnuna umanitarja u sabiex jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-ħidma għar-rikostruzzjoni u l-iżvilupp f'dawn iż-żoni,
- wara li kkunsidra l-laqgħa ta' Arusha dwar il-paċi fid-Darfur, li saret mit-3 sas-6 ta' Awissu 2007,
- wara li kkunsidra l-iffirmar f'Ndjamena fit-13 ta' Awissu 2007, fil-preżenza tal-komunità internazzjonali u tal-President taċ-Ċad Idriss Deby Itno, tal-ftehim politika bil-għan tat-tisħiħ tal-proċess demokratiku fiċ-Ċad mill-partiti politiċi kollha taċ-Ċad kemm dawk fis-setgħa u kif ukoll dawk fl-oppożizzjoni,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni presidenzjali tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU tas-27 ta' Awissu 2007 li tikkonferma li l-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU huwa lest li jstabbilixxi missjoni tan-NU fiċ-Ċad u li jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tagħti appoġġ permezz ta' missjoni militari ta' l-ESDP,

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra l-adozzjoni mill-Kunsill fl-10 ta' Settembru 2007 dwar "il-kunċett ta' l-immaniġġjar tal-kriżi" permezz tal-proċedura bil-miktub,
 - wara li kkunsidra is-sejbiet tad-delegazzjoni għad Darfur tal-Kumitat ta' Żvilupp tiegħu, li żaret is-Sudan u ċ-Ċad mit-30 ta' Ġunju sas-6 ta' Lulju 2007,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 dwar is-sitwazzjoni fid-Darfur ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. imħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni umanitarja dejjem tikber fiċ-Ċad fejn, minħabba l-konsegwenzi transkonfinali tal-kunflitt fid-Darfur, madwar 238 000 refuġjat mis-Sudan, 44 600 refuġjat mir-Repubblika Ċentrali Afrikana u 170 000 persuna li kellhom jitolqu minn djarhom f'pajjiżhom stess (IDPs) huma ospitati fi tnaqqis il kamp mal-fruntiera tal-Lvant taċ-Ċad mas-Sudan,
 - B. preokkupat minħabba s-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-lvant taċ-Ċad li marret għall-agħar mill-2006 minħabba għied bejn forzi tas-sigurtà taċ-Ċad u ribelli taċ-Ċad, u l-inkursjonijiet ta' milizji Janjaweed u ta' gruppi armati mis-Sudan, kif ukoll minħabba l-brigantaġġ u l-attakki fuq organizzazzjonijiet umanitarji,
 - C. filwaqt li popolazzjonijiet ta' ċivili fil-grigal tar-Repubblika Ċentrali Afrikana wkoll esperjenzaw attacchi mill-forzi tar-ribelli mis-Sudan,
 - D. filwaqt li għandu jsir kontribut sabiex ir-reġjun, li huwa affettwat mil-kunflitt tad-Darfur, jiġi stabilizzat, bħala parti mill-approċ globali u reġjunali,
 - E. filwaqt li l-istabbilita fuq medda twila ta' żmien fis-Sudan, fiċ-Ċad u fir-Repubblika Ċentrali Afrikana teżiġi rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u tmexxija tajba,
 - F. jilqa' b'sodisfazzjon ir-Riżoluzzjoni 1769(2007) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li tawtorizza forza UA/NU ta' 26 000 suldat fid-Darfur, li tikkontribwixxi għall-paċi fir-reġjun kollu flimkien ma' forza tal-pulizija tan-NU u l-operazzjoni ppjanata ta' l-ESDP fil-parti tal-lvant taċ-Ċad u fit-tramuntana tar-Repubblika Ċentrali Afrikana,
 - G. filwaqt li l-awtoritajiet taċ-Ċad u tar-Repubblika Ċentrali Afrikana taw konferma lis-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-qbil tagħhom li għandu jkun hemm preżenza multi-dimensjonali ta' l-UE,
 - H. jappoġġja l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU Ban Ki-Moon biex tinstab soluzzjoni permezz ta' negozjati għall-kunflitt fid-Darfur billi jithegħew il-kuntatti bejn l-awtoritajiet Sudaniżi u l-gruppi ta' ribelli differenti,
 - I. jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar f'Ndjamena fit-13 ta' Awissu 2007 mill-partiti politiċi kollha taċ-Ċad tal-ftehma bil-għan li jissaħħaħ il-proċess demokratiku fiċ-Ċad,
 - J. jinnota l-isforzi li saru mill-atturi fir-reġjun biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt intern fiċ-Ċad mal-gruppi li ma ffirmawx l-ftehma preċedenti,
 - K. jilqa' b'sodisfazzjon ir-Riżoluzzjoni 1778(2007) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-25 ta' Settembru 2007 li tawtorizza lill-UE sabiex tibgħat forza għaż-żamma tal-paċi b'mandat b'saħħtu fiċ-Ċad u fil-CAR;

(1) Testi Adottati, P6_TA(2007)0342.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

1. Ifakkar li l-ebda missjoni taż-żamma tal-paċi fil-lvant taċ-Ċad u fit-tramuntana tar-Repubblika Ċentrali Afrikana ma jista' jkollha suċċess mingħajr proċess ta' rikonċiljazzjoni politiku;
2. Jitlob lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lin-Nazzjonijiet Uniti sabiex jikkordinaw l-isforzi tagħhom biex jinħolqu l-kundizzjonijiet li bihom il-partijiet differenti fil-kunflitt fir-reġjun usa' tad-Darfur, Ċad tal-Lvant, Repubblika Ċentrali Afrikana tat-Tramuntana jkun jistgħu jsibu soluzzjoni politika li ttemm in-nuqqas ta' sigurtà u d-diżastru naturali fiż-żona, u għaldaqstant ikun iktar faċli li r-refuġjati u l-persuni mċaqalqa minn arthom internament jirritornaw fil-postijiet ta' l-orijini tagħhom;
3. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-tnedija ta' operazzjoni ESDP fil-parti tal-lvant taċ-Ċad u fil-parti tat-Tramuntana tal-CAR, li ser iddum sena, iżda l-approvazzjoni finali tiegħu jagħtiha bil-kundizzjoni li jitwet-taq dan li ġej:
 - a) il-missjoni tal-forza Ewropea (EUFOR) għandha toħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa għal ambjent sikur għax-xogħol tal-forza tal-pulizija tan-NU, għar-ritorn ta' persuni mċaqalqa minn arthom internament, għall-forniment ta' għajnuna umanitarja, għall-moviment ħieles ta' staff umanitarju u għall-issoktar tad-djalogu bejn il-forzi politiċi fir-reġjun,
 - b) huwa estremament importanti li l-EUFOR tidher li hija imparzjali; għalhekk, il-kompożizzjoni tal-EURFOR għandha tkun varjata u l-Istati Membri jeħtieġ li jikkontribwixxu t-truppi kemm ji sta' jkun malajr;
 - c) fl-istess waqt, sabiex jiġi evitat li ssir mira, il-EUFOR għandha tibqa' newtrali fir-rigward tas-sitwazzjoni politika kumplessa fir-reġjun billi tevita li tiġi involuta fi għidiet bejn l-awtoritajiet tal-gvern u gruppi ribelli,
 - d) b'rispett sħiħ mal-prinċipji tal-liġi umanitarja internazzjonali, il-EUFOR m'għandhiex tinvolvi ruħha jew tinterferixxi fil-xogħol mwettqa mill-NGOs preżenti fiċ-Ċad u fil-CAR, sabiex ma tpoġġihomx fil-periklu,
 - e) EUFOR għandha tistabbilixxi koordinazzjoni effettiva mal-UNAMID sabiex tiżgura ż-żona taħt ir-responsabilità tagħha bl-aktar mod effikaċji,
 - f) EUFOR għandha topera bħala forza ta' deterrent, li jfisser li għandu jkollha mandat skond il-Kapitlu VII tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u regoli ċari ta' impenn li jippermettu li tintuża l-użu tal-forza fejn meħtieġ, speċjalment sabiex ikunu mwaqqfa attackki fuq ċivili, kampijiet u villaġġi, ħaddiema umanitarji u uffiċjali tal-pulizija tan-NU, kif ukoll fid-difiża proprja,
 - g) sabiex tiskoraġġixxi lil kull aġressur potenzjali, il-EUFOR għandu jkollha n-numru meħtieġ ta' truppi u għandha tkun mgħammra kif jixraq. Hija għandha tkun f'pużizzjoni li tiżgura r-rotot ta'forniment u twettaq pattulji fuq distanzi twal permezz ta' vetturi armati, elikopetrs (inklużi elikopters tat-trasport u dawk ta' l-attakk) u ajruplani ta'tkixxif;
 - h) EUFOR għandha tiġi kkunsidrata bħala "forza temporanja" b'mandat temporanju; għalhekk qabel ma' l-forza tintbagħat fil-post għandha tiġi ddefinita strateġija ċara ta' tluq li għandha tipprevedi s-sostituzzjoni tal-EURFOR minn operazzjoni suċċessiva (AU, NU jew forza mħallta) sabiex ikun hemm konk-lużjoni b'suċċess tal-mandat tagħha u ritorn f'waqtu tat-truppi kommessi;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

4. Jiddispijaċi li din l-operazzjoni ta' l-ESDP ma tistax titmexxa, għal diversi raġunijiet, miċ-ċentru ġdid ta' l-operazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fi Brussell;
5. Jenfasizza li l-approvazzjoni finali ta' l-operazzjoni ta' l-ESDP tkun suġġetta għal kundizzjoni li hu jinżamm infurmat bis-sħiħ dwar il-fażijiet differenti tal-preparazzjoni ta' l-operazzjoni fir-rigward, inter alia, tal-kunċett ta' mmaniġġjar ta' kriżi, azzjoni konġunta, il-kunċett ta' operazzjonijiet, pjan t'operazzjoni, proċess ta' ġenerazzjoni tal-forzi;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Unjoni Afrikana, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Presidenti, gvernijiet u parlamenti taċ-Ċad, tar-Repubblika Ċentrali Afrikana u tas-Sudan.

P6_TA(2007)0420**Burma****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Settembru 2007 dwar Burma***Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu preċedenti dwar il-Burma, b'mod partikulari dik tas-6 ta' Settembru 2007 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103 (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Alleanza tar-Reliġjużi Buddisti Kollha tal-Burma mexxiet mewġa kbira ta' dimostrazzjonijiet paċifiċi kontra l-ġunta militari ripressiva fil-Burma u talbet il-ħelsien ta' Aung San Suu Kyi u ta' prigionieri politiċi oħra,
- B. billi d-dimostrazzjonijiet komplew jikbru minkejja l-arresti u l-biża' ta' reazzjoni vjolenti mill-forzi tal-gvern,
- C. billi fit-23 ta' Settembru 2007 id-Dalai Lama appella lill-awtoritajiet tal-Burma sabiex jevitaw li jwettqu vjolenza fuq ir-religiżi Buddisti u dimostranti oħra,
- D. billi, fl-20 ta' Settembru 2007, is-sitwazzjoni fil-Burma kienet biss diskussa fil-qosor waqt il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU,
- 1. Japprova l-azzjoni kuraġġuża tar-religiżi tal-Burma u ta' għexieren ta' eluf ta' dimostranti paċifiċi oħra meta kkonfrontaw lir-reġim antidemokratiku u ripressiv tal-Burma u jikkundanna bis-sħiħ ir-reazzjoni brutali ta' l-awtoritajiet tal-Burma;
- 2. Itenni s-sejħa tiegħu għall-ħelsien minnufih u għal-libertà sħiħa ta' moviment u ta' espressjoni għal Aung San Suu Kyi;
- 3. Jesprimi t-tkexxix tiegħu għall-qtil ta' dimostranti paċifiċi, jinsisti li l-Forzi tas-Sigurtà jidħlu lura fil-barracks u jsejjaħ għar-rikonoxximent tal-leġittimità tat-talbiet li qed isirulhom, għal assistenza medika internazzjonali għall-persuni midruba u għar-rilaxx tad- dimostranti arrestati u prigionieri politiċi oħra;
- 4. Jappella għall-waqfien tal-proċess kostituzzjonali illeġittimu attwali, u għas-sostituzzjoni tiegħu minn Konvenzjoni Nazzjonali li tkun rappreżentattiva għall-aħħar u li tinkludi lill-Għaqda Nazzjonali għad-Demokrazija u partiti u gruppi politiċi oħra;

⁽¹⁾ *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0384.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

5. Jitlob liċ-Ċina u r-Russja sabiex jappoġġjaw bis-sħiħ dikjarazzjoni ċara tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li tikkundanna l-użu ta' forza brutali fil-Burma; u jsejjaħ sabiex il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jagħti s-setgħa lis-Segretarju Ġenerali tan-NU biex jieħu azzjoni li tħaffef ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali u t-tranżizzjoni għad-demokrazija fil-Burma, u jsejjaħ sabiex l-Assemblea Ġenerali tan-NU wkoll tieħu azzjoni xierqa;
6. Jistieden lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jiżgura li l-Konsulent Speċjali dwar Burma għas-Segretarju Ġenerali tan-NU, Ibrahim Gambari, jagħmel iż-żjara ipplanata tiegħu f' Burma b'urġenza u li tingħatalu l-libertà tal-moviment u ta' l-aċċess bla xkiel ta' xejn;
7. Jistieden lill-Kunsill ta' l-UE, biex jaħdem mill-qrib b'urġenza ma' l-Istati Uniti, ma' l-Assoċjazzjoni ta' Nazzjonijiet tax-Xlokk ta' l-Asja (ASEAN) u ma' membri oħra tal-komunità internazzjonali sabiex jipprepara sensiela koordinata ta' miżuri oħrajn, inklużi sanzjonijiet ekonomiċi mmirati li jistgħu jittieħdu kontra r-reġim tal-Burma jekk dan jagħtiha għall-vjolenza u ma jirrispondix għat-talba ta' ritorn għad-demokrazija;
8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel il-mezz xieraq disponibbli fil-qafas ta' l-Istrument Finanzjarju għall-Promozzjoni tad-Demokrazija u tad-Drittijiet tal-Bniedem mad-Dinja Kollha sabiex jingħata appoġġ b'mod attiv lill-moviment favur id-demokrazija u lill-NGOs li qegħdin jaħdmu sabiex jerġa' jkun hemm iggvernar tajjeb fil-Burma;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-gvernijiet tal-pajjiżi membri ta' l-ASEAN, lill-Għaqda Nazzjonali għad-Demokrazija (NLD), lill-Kunsill għall-Paċi u l-Iżvilupp ta' l-Istat u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

P6_TA(2007)0421

Obbligi tal-fornituri tas-servizz transkonfinali**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-obbligi tal-fornituri tas-servizz transkonfinali (2006/2049(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 95 u 153 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill dwar ir-Responsabilità tal-Fornituri tas-Servizzi (COM(1990)0482),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar direzzjonijiet ġodda rigward ir-responsabilità tal-fornituri tas-servizzi (COM(1994)0260),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar servizzi fis-suq intern⁽¹⁾ (id-Direttiva dwar is-Servizzi),
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar ir-Revizzjoni ta' l-Acquis tal-Konsumatur (COM (2006)0744),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-istrateġija tal-Politika Ewropea tal-Konsumatur 2007-2013 (COM (2007)0099),

⁽¹⁾ ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sikurezza tas-servizzi għall-konsumaturi (COM(2003)0313),
- wara li kkunsidra l-istudju dwar l-obbligi tal-fornituri tas-servizz transkonfinali ta' Marzu 2007, mitlub mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur tal-Parlament Ewropew,
- wara li kkunsidra r-risposta tal-Kummissjoni tat-12 ta' Jannar 2006 għall-mistoqsija bil-miktub ta' Diana Wallis MEP ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tad-19 ta' Ġunju 2007 imsejsa fuq ir-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Kriżi tal-Kumpanija "Equitable Life Assurance Society" ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0294/2007),
- A. billi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-UE jiddependi ħafna fuq is-settur tas-servizzi, li qed jikber b'mod kostanti u huwa kważi 70 % tal-GDP ta' l-UE,
- B. billi l-fiduċja tal-konsumatur Ewropew fil-konsum transkonfinali huwa baxx, kif jidher mill-fatt li 6 % biss tal-konsumaturi għamlu xirja transkonfinali online fl-2006,
- C. billi l-figuri għall-kummerċ transkonfinali fis-servizzi huwa estremament baxx meta mqabbel mal-figuri għall-kummerċ tal-prodotti.
- D. billi fl-1985 kienet ġiet adottata direttiva dwar ir-responsabilità għal prodotti difettużi ⁽³⁾ u direttiva dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti ⁽⁴⁾ ġiet adottata fl-2001,
- E. billi l-istatus tas-sikurezza tal-konsumatur u l-livell tal-ħarsien tal-konsumatur ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor fir-rigward tal-provvista tas-servizz transkonfinali, filwaqt li fis-settur tal-merkanzija, kemm il-liġi internazzjonali kif ukoll dik Komunitarja jiżguraw ħarsien sodisfaċenti tal-konsumatur,
- F. billi s-tħarriġ reċenti ta' Eurobarometer wera li 33 % tal-konsumaturi jirrapportaw li xi negozji rrifjutaw li jbiegħu jew jagħtu servizzi għaliex il-konsumatur ma kienx residenti fil-pajjiż tan-negozju tagħhom,
- G. billi l-politika tal-konsumatur hija importanti daqs il-politika tal-kompetizzjoni peress li konsumaturi li huma infurmati sew joħlqu pressjoni kompetittiva fuq is-swieq,
- H. billi l-*acquis* attwali ta' l-UE tal-konsumatur hija frammentata: f'konformità ma' l-allokazzjoni tal-kompetenzi fit-Trattati, l-UE stipulat regoli ċari f'ċerti setturi jew servizzi biss, bħalma huma l-kuntratti li jsiru mill-bogħod (distance contracts), prattiki kummerċjali inġusti, kreditu tal-konsumatur, pakketti ta' vaganzi u "timeshares",
- I. billi hemm evidenza li tissuġġerixxi li l-frammentazzjoni attwali tal-qafas leġislativ jista' jtejjef lill-konsumaturi milli jinvolvu ruħhom fi tranżazzjonijiet transkonfinali u li din l-istess frammentazzjoni ti sta' tipprovdi opportunitajiet mhux mixtieqa għal "scams" transkonfinali u għall-qarrieqa,
- J. billi l-Green Paper dwar ir-Revizzjoni ta' l-*Acquis* tal-Konsumatur ma tindirizzax l-obbligi tal-fornituri tas-servizz,

⁽¹⁾ P-4797/05.⁽²⁾ *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0264.⁽³⁾ Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw ir-responsabilità għal prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).⁽⁴⁾ Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4).

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- K. billi la l-konsumatur u lanqas il-fornitur tas-servizz ma jkunu dejjem jistgħu jiddeċiedu b'ċarezza liema reġim legali huwa applikabbli għal kull aspett ta' l-attivitajiet tagħhom, jiġifieri jekk tapplikax il-liġi tal-pajjiż li qed jospita jew dik tal-pajjiż tiegħu, jew jekk japplikax ir-reġim regolatorju tal-pajjiż li qed jospita jew tal-pajjiż tiegħu,
- L. billi, f'xi Stati Membri, l-utenti tas-servizzi mogħtija minn entitajiet privati huma mħarsa aħjar minn utenti ta' servizzi mogħtija minn entitajiet pubbliċi,
- M. billi l-leġiżlazzjoni eżistenti, bħala regola, ma tindirizzax l-obbligi sostantivi min-naħa tal-fornitur tas-servizz, u lanqas tipprowdi rimedji speċifiċi lill-konsumatur, għall-kuntrarju tal-miżuri li ġew adottati fir-rigward tal-moviment ħieles tal-merkanzija,
- N. billi n-nuqqas ta' kwalunkwe struttura legali fuq livell Komunitarju, li tippermetti lill-konsumaturi jieħdu azzjoni kollettiva fuq bażi transkonfinali kontra qarrieqa jew fornituri li jagħtu servizz ħażin, tfisser kemm lakuna fir-reġim regolatorju u aktar importanti ostaklu għall-konsumaturi biex jiksibu rimedju legali effiċjenti f'sens ta' nfiq u kumpens fuq livell transkonfinali,
- O. billi, f'xi Stati Membri, ma hemm l-ebda korp kompetenti li jassisti fir-riżoluzzjoni ta' tilwim barra l-qorti, u l-istrutturi eżistenti fuq livell komunitarju, jiġifieri l-ECC-Net (in-Netwerk ta' Ċentri Ewropej tal-Konsumatur) u l-FIN-NET (Netwerk Transkonfinali għall-Ilmenti Barra Mill-Qorti għas-Servizzi Finanzjarji fiż-Żona Ekonomika Ewropea), it-tnejn mhux magħrufa biżżejjed u għandhom nuqqas ta' riżorsi,

Is-Suq Intern għas-Servizzi

1. Ihegġegħ l-iżvilupp ta' miżuri li jikkompletaw is-suq intern għas-servizzi;
2. Huwa konvint li hemm bżonn ta' sistema aktar uniformi ta' obbligi għall-fornituri tas-servizz hekk kif is-suq fis-servizzi jsir aktar transkonfinali, sabiex jiġi faċilitat aktar l-iżvilupp ta' suq intern għas-servizzi mingħajr xkiel;
3. Huwa konxju li sabiex id-Direttiva tas-Servizzi tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali fl-Istati Membri kollha sat-28 ta' Diċembru 2009, għandu jkollha effett konsiderevoli fuq il-provvista transkonfinali tas-servizzi, iżda jinnota li d-Direttiva ma tindirizzax l-obbligi sostantivi tal-fornituri tas-servizz;
4. Jemmen li kjarifika tas-sistema legali dwar l-obbligi tal-fornituri tas-servizz fl-UE ser iggħib aktar kompetizzjoni u aktar għażla lill-konsumaturi, u fl-istess ħin m'għandhiex toħloq ostakli mhux ġustifikati għall-moviment ħieles tas-servizzi fis-suq intern;
5. Jemmen li l-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki amministrattivi differenti fl-Istati Membri jgħolqu inċertezza u nuqqas ta' trasparenza kemm għall-fornituri tas-servizz kif ukoll għall-konsumaturi u jagħmlu l-użu tar-riżorsi komuni ta' l-UE aktar diffiċli, iżda jipprova wkoll opportunità għall-kompetizzjoni fil-ħarsien tal-konsumatur;
6. Juri dispjaċir li t-taħlita preżenti ta' strumenti leġiżlattivi bejn ir-regoli dwar il-kunflitt fil-liġi u l-istrumenti tas-suq intern u l-falliment li tiġi ddeterminata b'mod ċar l-interazzjoni tagħhom, ifissru li la l-konsumatur u lanqas il-fornitur tas-servizz ma jkunu dejjem kapaċi jiddeterminaw biċ-ċar liema reġim legali japplika għal kull aspett ta' l-attivitajiet tagħhom, dan ifisser, li ma jkunux jafu jekk tapplikax il-liġi tal-pajjiż li qed jospita jew dik tal-pajjiż tagħhom, jew jekk japplikax ir-reġim regolatorju tal-pajjiż li qed jospita jew dak tal-pajjiż tagħhom;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

7. Huwa konvint li meta l-konsumaturi jħossuhom inċerti dwar is-sikurezza u l-kwalità ta' servizz, hemm tendenza li jholqu ostakli mentali għall-fornituri barranin, u b'hekk joqogħdu lura milli jagħmlu użu minn servizzi transkonfinali, u li meta konsumatur ikollu esperjenza negattiva, spiss tirrefletti b'mod iġust fuq il-fornituri barranin kollha;
8. Jinnota li fit-tweqqi tas-servizz, il-konsumaturi m'humix m'ħarsa daqshekk tajjeb mill-Acquis tal-Komunità daqskemm huma l-konsumaturi li jixtru merkanzija;
9. Madankollu, jesprimi t-tħassib tiegħu, sakemm tiġi implimentata fis-sħiħ id-Direttiva tas-Servizzi, dwar strumenti ġodda orizzontali li ta' influwenza kbira, għat-tmiem tas-suq intern għas-servizzi;
10. Huwa konxju li ħafna drabi s-servizzi huma strutturi kumplessi li jinvolvu interazzjoni umana u għażla;
11. Huwa konvint li mhux il-konsumaturi biss, iżda wkoll u b'mod partikolari l-intrapriżi ż-żgħira u ta' daqs medju (SMEs), kemm bħala xerrejja u kemm bħala bejjiegħa ta' servizzi transkonfinali, jistgħu jibbenefikaw minn żieda fiċ-ċertezza legali, mis-sempliċità u mit-tnaqqis ta' l-ispejjeż;
12. Ifakkar li, kif ġie ddikjarat fil-Ftehma Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, is-servizzi transkonfinali huma mogħtija permezz ta' ħafna metodi differenti li għandhom jitqiesu (bħall-bejgħ online, vjaġġar lejn pajjiż ieħor għas-servizz, jew bi żjara tal-fornitur tas-servizz lill-pajjiż tal-konsumatur);
13. Jinnota li hemm ħafna inizjattivi leġislattivi pendenti mmirati biex tkun assigurata ċ-ċertezza legali f'dawk li huma d-drittijiet u b'mod speċjali l-obbligi ta' fornituri tas-servizzi transkonfinali, jiġifieri l-proposta għal regolament dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Ruma I) (COM(2005)0650), ir-Regolament (KE) 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi mhux kuntrattwali (Ruma II) ⁽¹⁾ u l-Green Paper dwar ir-Reviżjoni ta' l-Acquis tal-Konsumatur;
14. Jirrimarka li l-Artikolu 5 tal-proposta Ruma I hija essenzjali sabiex ikun determinat jekk tapplikax il-leġislazzjoni tal-ħarsien tal-konsumatur tal-pajjiż ta' l-oriġini (tal-fornitur tas-servizz) jew tal-klijent (il-konsumatur tas-servizz); jenfasizza li huwa importanti li wieħed jistenna r-risultati ta' din il-proċedura leġislattiva;
15. Huwa konvint li t-twaqqif ta' suq intern għas-servizzi li jkollu l-qafas legali bbażat fuq il-libertajiet fundamentali ta' l-istabbiliment u biex ikunu provduti servizzi, kif stipulat fit-Trattat u kif definit fid-Direttiva tas-Servizzi, jiddependi fuq li l-miżuri rilevanti jkunu ċari kemm mill-perspettiva legali kif ukoll minn dik Prattika;

Fornituri tas-Servizzi Pubbliċi u Privati

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiftakar li, fil-każ ta' obbligi tal-fornituri tas-servizzi, m'għandhiex issir distinzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi pubbliċi u privati, li għandhom it-tnejn ikunu suġġetti għall-applikazzjoni tad-direttivi dwar il-ħarsien tal-konsumatur;
17. Jirrikonoxxi li anke jekk leġislazzjoni eżistenti fl-UE, bħad-Direttiva dwar is-Servizzi u d-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali ⁽²⁾, m'għandhiex dispożizzjonijiet speċifiċi bil-għan li tiġi regolata r-responsabilità transkonfinali tal-fornituri tas-servizz, jista' jkollha effett indirett fuq il-leġislazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam;
18. Jitlob lill-Kummissjoni biex tikkontrolla bir-reqqa t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni orizzontali u settorjali eżistenti u li fil-ġejjieni marbuta mar-responsabilità tal-fornituri tas-servizzi transkonfinali;

⁽¹⁾ ĠU L 199, 31.7.2007, p.40.

⁽²⁾ Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar il-prattiki kummerċjali żleali fis-suq intern (Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22).

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

19. Jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina miżuri, bħall-introduzzjoni ta' l-istandards fuq livell Ewropew, għall-promozzjoni tas-sikurezza tas-servizzi u sabiex jiġu garantiti d-drittijiet tal-konsumaturi fil-qasam tas-servizzi transkonfinali li jipprovdu l-Istati Membri;
20. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa, tiffinanzja u tippromwovi x-xogħol ta' l-ECC-Net u l-FIN-NET u, fl-eventwalità li s-sistemi alternattivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim jibqgħu mhux disponibbli fis-setturi tas-servizzi ewlenin fl-Istati Membri, biex tikkunsidra għall-inqas rakkomandazzjoni dwar dan is-suġġett;
21. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli għaddejja b'kunsiderazzjoni attiva għall-introduzzjoni ta' strument legali fuq livell Komunitarju li jiffaċilita l-azzjoni kollettiva mill-konsumaturi fuq bażi transkonfinali u jippermetti aktar aċċess għar-riparazzjoni legali;
22. Jirrikonoxxi li jeżistu r-reġimi ta' responsabilità tal-fornituri tas-servizz, għalkemm ivarjaw fil-livelli fl-Istati Membri kollha, iżda jemmen li għall-benefiċċju taċ-ċarezza u sabiex tinholq il-fiduċja fil-konsumatur hemm bżonn li jkun hemm xi forma ta' konverġenza, b'mod speċjali f'setturi transkonfinali ewlenin; jemmen ukoll li hemm bżonn ta' aktar koperazzjoni bejn korpi regolatorji nazzjonali u organizzazzjonijiet professjonali fejn ikun xieraq;

Talba għal proposta għal strument orizzontali dwar l-obbligi tal-fornituri tas-servizz

23. Jistieden lill-Kummissjoni biex, filwaqt li tkompli x-xogħol fuq bażi settorjali f'oqsma ewlwnin, tressaq fi żmien 12-il xahar, programm ta' ħidma għal evalwazzjoni xierqa dwar l-impatt ta' leġiżlazzjoni eżistenti u tal-gejijeni fis-suq intern dwar l-obbligi ta' fornituri tas-servizz transkonfinali u l-ħtieġa ta' strument orizzontali wiesa' possibbli biex ikun hemm konformità fir-regoli dwar il-forniment ta' servizzi transkonfinali sabiex ikun hemm livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur;
24. Iqis li evalwazzjoni bħal din għandha teżamina strument wiesa' possibbli li għandu għallinqas jinkludi regoli ġenerali bażiċi li jirrekjedu informazzjoni xierqa dwar prezzar, termini tal-kuntratt u rimedji fil-każ ta' servizzi difettużi jew mhux fil-ħin;
25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi b'mod ċar l-interazzjoni bejn l-istrumenti tal-liġi internazzjonali privata u l-istrumenti tas-suq intern b'intenzjoni li ma jitħalla l-ebda dubju dwar meta tapplika l-leġiżlazzjoni jew ir-regolazzjoni tal-pajjiż li qed jospita jew dawk tal-pajjiż tagħhom u għaldaqstant, sa fejn possibbli, ma jitħallewx lakuni fir-reġim ta' responsabilità applikabbli għall-fornituri tas-servizz;
26. Iqis li l-Kummissjoni għandha tqis l-impatt ta' kwalunkwe inizjattiva dwar l-SMEs;
27. Jistieden lid-Direttorati-Ġenerali kollha tal-Kummissjoni li huma involuti fil-leġiżlazzjoni tas-settur tas-servizzi biex jipparteċipaw fix-xogħol li għaddej fil-Qafas Komuni ta' Referenza bl-intenzjoni li jinkludu sezzjonijiet dwar il-kuntratti tas-servizzi, b'mod speċjali f'dawk l-oqsma fejn diġà qed isseħħ, jew x'aktarx isseħħ, attività transkonfinali, bħal, biss biex nagħtu eżempju, is-servizzi finanzjarji u s-settur tas-saħħa;
28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

P6_TA(2007)0422

Applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza bejn ir-razez

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (2007/2094(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0278/2007),

Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni

- A. billi l-UE hija proġett politiku bbażat fuq valuri komuni bħall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif iddikjarat fl-Artikolu 6 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea (TUE) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u tippromwovi l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-politiki u l-liġijiet tagħha, ukoll fuq il-bażi ta' l-Artikolu 13 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE),
- B. billi huwa importanti li d-dikjarazzjonijiet politiki dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jkunu akkumpanjati mill-iżvilupp progressiv u mill-implimentazzjoni sħiħa u korretta tal-politiki u l-liġijiet, u notevolment tad-direttivi kontra d-diskriminazzjoni u tal-proġetti li jippromwovu l-ugwaljanza, bħas-Sena Ewropea ta' l-Opportunitajiet Indaqgħal Kulħadd,

L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez

- C. billi r-rapport annwali għall-2006 taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tar-Razziżmu u tal-Ksenofobija jikkonferma li d-diskriminazzjoni għadha problema serja fl-Istati Membri,
- D. billi s-tħarriġ riċenti ta' l-Eurobarometer juri li 64 % taċ-ċittadini f'25 Stat Membru mistħarrġa jaħsbu li d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika għadha mifruxa sew,
- E. billi l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità⁽¹⁾ tista' titqies bħala pass importanti biex jogħla l-livell ta' protezzjoni għall-vittmi ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini razzjali jew etnika u biex tagħtihom possibiltajiet aħjar ta' kumpens,

L-oneru tal-prova

- F. billi d-dispożizzjoni ta' l-oneru tal-prova hija aspett prinċipali tad-Direttiva għax din tikkontribwixxi għall-infurzar effettiv tal-protezzjoni li toffri,
- G. billi l-każistika dwar l-oneru tal-prova turi li għad hemm diverġenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri f'dak li jikkonċerna dak li hu aċċettat bħala evidenza *prima facie* mill-qrati; billi l-Istati Membri għandhom għaldaqstant jitħeġġu biex jaqsmu l-opinjoni tagħhom dwar dan is-suġġett, bil-ħsieb li jaraw jekk hux possibbli li jkun hemm aktar konsistenza bejn il-proċeduri ġudizzjarji,
- H. billi l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza tkun megħjuna jekk ir-regoli dwar l-oneru tal-prova fil-kawżi ċivili u amministrattivi jkunu estiżi għad-dispożizzjonijiet ġudizzjarji kontra l-vittimizazzjoni,

⁽¹⁾ ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

Korpi għall-ugwaljanza

- I. billi kważi l-Istati Membri kollha issa għandhom korpi għall-ugwaljanza jew taw il-funzjonijiet li għandhom jitwettqu minn korpi ta' dan it-tip lil korpi eżistenti,
- J. billi l-Istati Membri kollha għandhom jitħeġġu biex jieħdu l-pass ferm pożittiv li jwessgħu l-kompetenzi tal-korpi għall-ugwaljanza tagħhom sabiex ikopru d-diskriminazzjoni għal raġunijiet differenti minn dawk ta' razza u ta' oriġini etnika,
- K. billi l-korpi għall-ugwaljanza għandu jkollhom ir-riżorsi xierqa f'termini kemm ta' persunal u kemm ta' finanzi,
- L. billi l-korpi għall-ugwaljanza għandhom ikunu kapaċi jiffunzjonaw b'mod indipendenti mill-gvern u għandhom jidhru li qed jiffunzjonaw indipendentament, jiġifieri mhux bħala parti mill-gvern,
- M. billi, minkejja l-eżistenza ta' korpi speċjalizzati kontra d-diskriminazzjoni u favur l-ugwaljanza, f'numru ta' Stati Membri l-għadd ta' ilmenti rreġistrati baqa' baxx,
- N. billi sfortunatament fil-prattika l-korpi għall-ugwaljanza quddiem il-qrati jressqu biss numru żgħir ta' każi, minħabba n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani; billi spiss ikunu l-NGOs li jipprovdu għajna lill-vittmi tad-diskriminazzjoni sal-konkluzzjoni tal-proċedimenti,
- O. billi t-taħriġ ta' uffiċjali pubbliċi dwar l-għanijiet tad-Direttiva hu vitali minħabba r-responsabilità tagħhom għall-implimentazzjoni tagħha,

Kamp ta' applikazzjoni

- P. billi mhux dejjem ikun possibbli li wieħed jiddistingwi bejn diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza jew oriġini etnika jew diskriminazzjoni fuq bażi ta' reliġjon, opinjoni jew nazzjonalità,
- Q. billi m'huwiex dejjem faċli li jiġi determinat jekk diskriminazzjoni tkunx ibbażata fuq is-sess, l-etniċità, ir-razza, il-kundizzjonijiet soċjali, l-orjentazzjoni sesswali jew fatturi oħrajn,

Tixrid ta' informazzjoni u tqajjim ta' kuxjenza

- R. billi l-istħarriġ riċenti ta' l-Eurobarometer jikkonferma li l-kuxjenza dwar l-eżistenza ta' leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fl-UE hi pjuttost baxxa u bħala medja terz biss miċ-ċittadini ta' l-UE jiddikjaraw li jafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom jekk ikunu vittmi ta' diskriminazzjoni jew fastidju,
- S. billi, madankollu, xi Stati Membri hađu varjetà wiesgħa ta' inizjattivi ta' informazzjoni u ta' tqajjim ta' kuxjenza (websites, kampanji, spots televiżivi, avviżi fuq il-gazzetti);
- T. billi xi Stati Membri hađu l-inizjattiva importanti li jinkorporaw fil-liġi nazzjonali tagħhom obbligu fuq min iħaddem biex jinforma lill-ħaddiema tiegħu bil-liġijiet kontra d-diskriminazzjoni,
- U. billi xi korpi speċjalizzati fl-Istati Membri stabbilixxew hotlines li jipprovdu informazzjoni u appoġġ lill-vittmi tad-diskriminazzjoni,
- V. billi hemm ukoll numru ta' Stati Membri li implimentaw attivitajiet pjuttost limitati ta' informazzjoni u tqajjim ta' kuxjenza u f'xi pajjiżi oħra ma għet irrapurtata l-ebda kampanja ta' tqajjim ta' kuxjenza,
- W. billi, speċjalment fil-kuntest tas-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqgħal Kulħadd, kemm l-istituzzjonijiet ta' l-UE u kemm l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforzi sostanzjali biex jinfurmaw liċ-ċittadini bid-drittijiet tagħhom, u billi l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri li nbdew fl-2007 jkomplu fl-2008, is-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali,

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

Ġbir ta' data

- X. billi l-ġbir ta' data huwa essenzjali fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, u d-data statistika mqassma skond l-etniċità tista' tkun essenzjali biex turi d-diskriminazzjoni indiretta, biex tagħti informazzjoni għat-tfassil tal-politika u għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' azzjoni pożittiva, iżda fl-istess ħin tqajjem diversi mistoqsijiet etiċi u legali,
- Y. billi ġbir ta' data bħal dan m'għandux jikser il-privatezza personali billi jiżvela identitajiet ta' individwi jew billi jservi bħala bażi biex isiru profili etniċi jew razzjali,

Kumpens legali

- Z. billi l-proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim m'għandhomx jimpedixxu aċċess għall-qrati,
- AA. billi numru kbir ta' vittmi ta' diskriminazzjoni ma jressqu l-ebda ilment fil-qrati minħabba bosta raġunijiet, li jinkludu l-ispejjeż u l-biża' mir-ritaljazżjonijiet,
- AB. billi l-għanijiet tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jistgħu jinkisbu biss jekk il-miżuri legali jkunu akkumpanjati minn azzjonijiet pożittivi fil-livell ta' l-UE u ta' l-Istati Membri;
- AC. billi l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea għandha d-dmir li tiġbor u tanalizza informazzjoni u data rigward id-drittijiet fundamentali li tkun rilevanti, ta' min joqgħod fuqha u kum-parabbli;
1. Itenni l-importanza tad-Direttiva 2000/43/KE;
 2. Ifakkar li d-Direttiva 2000/43/KE hija standard minimu u għandha, għalhekk, tagħxi bħala l-bażi li fuqha tinbena politika komprensiva kontra d-diskriminazzjoni;
 3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000, li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini razzjali jew etnika (COM(2006)0643), li tipprova tistabbilixxi qafas biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni bbażata fuq orijini razzjali jew etnika sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' l-ugwaljanza quddiem il-liġi, ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali jiġi kkonsolidat fl-Istati Membri, filwaqt li jkun hemm konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u filwaqt li jiġu rispettati t-tradizzjonijiet u l-proċeduri nazzjonali varji; filwaqt li japprezza l-ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tad-Direttiva li tinsab fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, jinnota li kien ikun utli wkoll li kieku nġhata deskrizzjoni dettaljata tal-mod kif id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/43/KE ġew inkorporati fil-liġi nazzjonali, kif speċifikat fid-Direttiva nfisha; barra minn hekk jinnota li l-Kummissjoni impenjat ruħha mhux biss li tiġbor informazzjoni dettaljata, iżda wkoll li tirrapporta dwarha lill-Parlament u lill-Kunsill u li l-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar in-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs għal kullħadd — strateġija ta' qafas⁽¹⁾, talab lill-Kummissjoni biex 'teżamina b'urġenza l-kwalità u l-kontenut tal-liġijiet li jimplimentaw id-direttivi kontra d-diskriminazzjoni';
 4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jittrasponu l-leġislazzjoni Komunitarja kollha li hemm kontra d-diskriminazzjoni ma' l-ewwel opportunità, u biex jużaw l-istrumenti kollha disponibbli, inkluża l-azzjoni pożittiva, sabiex jiżguraw l-ugwaljanza fil-prattika;
 5. Jisħaq li d-Direttiva tmur lil hinn mill-aċċess għall-impjieg, għall-impjieg għal ras dak li jkun u għall-okkupazzjoni, u tapplika wkoll għal oqsma bħall-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa, il-vantaġġi soċjali u l-aċċess għall-beni u għas-servizzi u l-provvista tagħhom sabiex tipproteġi l-iżvilupp ta' soċjetajiet demokratiċi u tolleranti li jippermettu l-parteċipazzjoni ta' kulħadd irrispettivament mill-orijini razzjali jew etnika;

(¹) ĠU C 300 E, 9.12.2006, p.259.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

6. Jinnota b'sodisfazzjon li ħafna Stati Membri ħadu azzjoni sabiex jimplimentaw id-Direttiva, imma hu diżappuntat li f'it biss ittrasponew id-dispożizzjonijiet tagħha kif xieraq u bis-sħiħ;
7. Jirrimarka li, b'mod partikulari, numru ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva, bħad-definizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta u indiretta, tal-fastidju u ta' l-oneru tal-prova ma ġewx trasposti sewwa f'ħafna Stati Membri;
8. Jitlob, b'mod partikulari, għal monitoraġġ strett ta' l-applikazzjoni tar-regola dwar l-inverżjoni parzjali ta' l-oneru tal-prova, li huwa partikularment effettiv fil-każ ta' kwistjonijiet relatati ma' impjiegi;
9. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-Istati Membri eżentaw iktar oqsma ta' attività mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva milli hu mixtieq jew ġustifikabbli;
10. Ifakkar li d-Direttiva ġiet adottata f'Ġunju 2000 u li l-Istati Membri kienu marbuta jimplimentawha qabel Ġunju 2003, u dan tahom żmien biżżejjed biex jadottaw il-miżuri ta' implimentazzjoni meħtieġa; jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta approċċ iżjed proattiv, pereżempju billi toħroġ komunikazzjonijiet interpretattivi u linji gwida ta' implimentazzjoni sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u korretta mill-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli timmoniterja b'viġilanza l-implimentazzjoni korretta tad-Direttiva, biex tippubblika studju ta' evalwazzjoni malajr kemm jista' jkun u biex tibda proċeduri ta' ksur fejn hu neċessarju u mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ qabel it-tmiem tas-sena 2007;
11. Itenni li sanzjonijiet applikabbli għal ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond id-Direttiva 2000/43/KE għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi;
12. Jistieden sabiex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali integrati ħalli tkun indirizzata b'mod effettiv kull forma ta' diskriminazzjoni;
13. Jistieden lill-Istati Membri li qed jimplimentaw jew jintroduċu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jiġġieldu r-rażziżmu u d-diskriminazzjoni sabiex jinkludu komponenti li jkopru l-ġbir, il-verifika u l-monitoraġġ tad-data f'oqsma ta' politika ewlenin bħan-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza, l-inklużjoni soċjali, il-koeżjoni Komunitarja, l-integrazzjoni, is-sess, l-educazzjoni u l-impjiegi;
14. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill pjan ta' azzjoni speċifiku dwar il-mekkaniżmi u l-metodi ta' osservazzjoni u deskrizzjoni ta' l-impatt tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali; jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati modi ta' ġbir ta' data dwar id-diskriminazzjoni b'mod partikulari fir-rigward ta' relazzjonijiet industrijali, b'enfasi fuq xogħol klandestin, mhux iddikjarat, imħallas ħażin u mingħajr assikurazzjoni, b'konformità mal-leġiżlazzjoni għall-ħarsien tad-data, bħala għodda utli biex jiġu identifikati, immonitorjati u reveduti l-politiki u l-proċeduri kontra d-diskriminazzjoni, filwaqt li jiġu rispettati l-mudelli ta' integrazzjoni nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni biex tistipula standards komuni għad-data, sabiex l-informazzjoni trażmessa tkun tista' titqabbel b'mod effettiv; jistieden li tibda tingħata importanza mhux biss lill-eżaminazzjoni tal-kontenut tal-leġiżlazzjoni implimentattiva, iżda wkoll ta' l-effettività tagħha;
15. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex titlob lill-Istati Membri biex, fir-rapporti annwali tagħhom dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE, janalizzaw l-effettività tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni biex ikunu miġġielda tendenzi ta' segregazzjoni sistematika tal-minoranzi u tan-nisa, b'mod partikulari fis-settur ta' l-educazzjoni u fir-rigward ta' l-aċċess għas-suq tax-xogħol, għall-kura tas-saħħa u l-beni u s-servizzi, u sabiex barra minn hekk jinkorporaw perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fir-rapporti bħala mezz biex tittaffa d-diskriminazzjoni multipla li ħafna jħabbtu wiċċhom magħha;
16. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-fatt li l-Parlament jixtieq jirċievi dokument li jelenka l-eżenzjonijiet maħluqa mil-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri, sabiex ikun jista' jsir dibattitu pubbliku dwar dawn l-eżenzjonijiet;
17. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom jagħmlu reviżjonijiet indipendenti dwar l-impatt tal-limiti ta' żmien nazzjonali u l-effettività tal-protezzjoni kontra l-vittimizazzjoni;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

18. Hu mħasseb dwar il-livell baxx ta' kuxjenza dwar leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fost iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jgħollu l-livell ta' kuxjenza;
19. Jikkunsidra li l-komunità Roma, kif ukoll komunitajiet etniċi oħra rikonnoxxuti, jeħtieġu ħarsien soċjali speċjali, b'mod partikulari wara t-tkabir, minħabba li l-problemi ta' sfruttament, diskriminazzjoni u esklużjoni fir-rigward tagħhom saru aktar akuti;
20. Jenfasizza li l-liġijiet huma effettivi biss meta ċ-ċittadini jkunu konxji mid-drittijiet tagħhom u jkollhom aċċess faċli għall-qrati, peress li s-sistema ta' protezzjoni prevista fid-Direttiva tiddependi fuq inizjattiva min-naħa taċ-ċittadini;
21. Ifakkar li l-Artikolu 10 tad-Direttiva jimponi obbligu fuq l-Istati Membri biex ixerrdu informazzjoni lill-pubbliku dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva bil-mezzi kollha xierqa;
22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadottaw sensiela ta' standards minimi skond il-metodu ta' koordinazzjoni miftuħa, sabiex ikun garantit aċċess għal tfal ta' minoranzi etniċi — b'mod partikulari l-bniet — għal edukazzjoni ta' kwalità għolja u kundizzjonijiet indaqs, u biex jadottaw leġiżlazzjoni pożittiva li toħloq l-obbligu li tintemm is-segregazzjoni fl-iskejjel u jistipulaw pjanijiet dettaljati biex jintemm il-provvediment ta' edukazzjoni separata u ta' kwalità aktar baxxa għal subien u bniet minn minoranzi etniċi;
23. Ifakkar lill-Istati Membri fl-obbligu tagħhom li jxerrdu informazzjoni rilevanti liċ-ċittadini u jinkoraġġixxu u jappoġġjaw kampanji li jqajmu kuxjenza dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti u dwar korpi involuti fil-għieda kontra d-diskriminazzjoni;
24. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-persuni kollha minn minoranzi etniċi — b'mod partikulari n-nisa — ikollhom aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa primarji, ta' prevenzjoni u ta' emerġenza, biex jifformulaw u jimplimentaw politiki li jiżguraw li anke l-iktar komunitajiet esklużi jingħataw aċċess sħiħ għas-sistema tal-kura tas-saħħa u biex jorganizzaw korsijiet ta' taħriġ u ta' għarfien għall-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, bil-għan li jinħonoq il-preġudizzju;
25. Iħeġġeġ lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri biex jiżguraw trattament u opportunitajiet ugwali fil-politiki ta' l-impjieġ u ta' l-inklużjoni soċjali, biex jindirizzaw ir-rati għoljin immens ta' qgħad irregjistrati partikolarment fost in-nisa minn minoranzi etniċi, u, b'mod partikulari, biex jindirizzaw l-ostakoli serji li jinħolqu minn diskriminazzjoni diretta fi proċeduri ta' reklutaġġ;
26. Jemmen bis-sħiħ li hu ta' importanza vitali li l-uffiċjali jirċievu taħriġ dwar l-għanijiet u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, fid-dawl tar-responsabilità tagħhom li jimplimentaw id-Direttiva fis-soċjetà kollha u sabiex jitneħħew ir-riskji kollha ta' razziżmu istituzzjonali fil-korpi tal-gvern infushom; jistieden lill-Istati Membri biex jinvestu ftahrig bħal dan u jinkoraġġixxi lilhom u lill-Kummissjoni biex jistabbilixxu programmi Ewropej għal skambji bejn il-korpi varji ta' l-amministrazzjoni nazzjonali;
27. Jistieden lill-Istati Membri biex jiġbru, jikkompilaw u jippubblikaw kull sena statistiki li jkunu komprensivi, preċiżi, ta' min joqgħod fuqhom u li jkunu disaggregati skond is-sess rigward dawn li ġejjin: is-suq tax-xogħol, id-djar, l-edukazzjoni u t-taħriġ, is-saħħa u l-benefiċċji soċjali, l-aċċess pubbliku għall-beni u s-servizzi, is-sistema ġudizzjarja kriminali, u l-parteċipazzjoni ċivika u politika, u biex jiffissaw miri u indikaturi kwantitattivi fil-linji gwida dwar l-impjieġi u l-inklużjoni soċjali li jippermettulhom li jkejlu l-progress li jsir fis-sitwazzjoni tal-migranti u/jew il-minoranzi;
28. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jagħtu riżorsi u poteri xierqa lill-korpi għall-ugwaljanza tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jwettqu l-funzjoni importanti tagħhom b'mod effettiv u biex, fejn korpi għall-ugwaljanza għandhom poteri sostanzjali, huma jeżerċitawhom bis-sħiħ;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

29. Jirrakkomanda li l-Istati Membri joffru riżorsi u jagħtu setgħat lill-dawk NGOs li huma attivi fil-provvediment ta' l-informazzjoni għaċ-ċittadini u li jipprovdu għajjnuna legali fi kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni;
30. Jirrimarka li permezz ta' l-infurmar taċ-ċittadini u l-provvediment ta' għajjnuna legali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi jagħtu sehem mhux proporzjonat biex itaffu l-piż mingħajr ma jingħataw status jew fondi li jikkorrispondu mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri;
31. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni timmoniterja bir-reqqa t-tħaddim indipendenti ta' korpi għall-ugwaljanza, u għal dan l-għan tista' tuża bħala referenza l-Prinċipji marbuta ma' l-Istatus ta' l-Istituzzjonijiet Nazzjonali (il-Prinċipju ta' Pariġi), kif adottati mir-riżoluzzjoni 48/134 ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU ta' l-20 ta' Diċembru 1993, li jinkludu prinċipji dwar l-iffinanzjar xieraq ta' korpi bħal dawn;
32. Ifakkar lill-Kummissjoni fil-pożizzjoni tal-Parlament li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi indipendenti jkollhom ir-riżorsi finanzjarji xierqa għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex għallinqas ikunu jistgħu jggarantixxu li l-ilmenti jiġu trattati bla ħlas fil-każ ta' dawk li ma jkunux f'pożizzjoni li jikkontribwixxu huma stess finanzjarjament, u jitlob lill-Kummissjoni biex tiddiskuti ma' l-Istati Membri kif jista' jintlaħaq dan l-oġettiv;
33. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jużaw l-aħjar prattiki ta' Stati Membri oħra, bħal pereżempju li jippermettu lill-korpi għall-ugwaljanza li jibdeu proċeduri legali f'isem il-vittmi jew li jipparteċipaw fil-proċeduri legali bħala *amicus curiae*;
34. Jirrakkomada li d-data dwar l-ilmenti u r-riżultat tal-proċedimenti relatati fil-qrati, korpi speċjalizzati, korpi jew qrati oħra għandhom jiġu disaggregati skond in-natura tad-diskriminazzjoni, ħaġa li ttejjeb l-evalwazzjoni ta' l-effettività ta' l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, speċjalment f'pajjiżi fejn il-korpi speċjalizzati u/jew il-qrati jittrattaw in-naturali kollha ta' diskriminazzjoni;
35. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jipprovdu lill-korpi għall-ugwaljanza tagħhom bir-riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti biex ikunu jistgħu jwettqu l-irwol importanti tagħhom b'mod effettiv, inkluż il-provvediment ta' għajjnuna xierqa lill-vittmi tad-diskriminazzjoni; jaħseb li dawn il-korpi għandhom jingħataw ukoll il-poteri neċessarji biex jinvestigaw każijiet;
36. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex isaħħu d-djalogu ma' l-NGOs li jiġġieldu kontra kull forma ta' diskriminazzjoni u biex jinvolvuhom mill-qrib f'politiki bl-għan li jippromwovu l-prinċipju tat-trattament ugwali;
37. Jisħaq li l-vittmi tad-diskriminazzjoni għandhom ikunu megħjuna fi proċeduri legali u jfakkar li f'dan ir-rigward l-organizzazzjonijiet statutorji u mhux statutorji jistgħu jkun ta' għajjnuna vera għall-vittmi;
38. Jistieden lill-Istati Membri biex jiġbru u jipprovdu informazzjoni u data rilevanti, li wieħed jista' joqgħod fuqhom u li huma komparabbli lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (L-Aġenzija dwar id-Drittijiet Fundamentali);
39. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw li l-organizzazzjonijiet statutorji u mhux statutorji bħal dawn jingħataw ir-riżorsi xierqa;
40. Jitlob lill-Kummissjoni biex tistudja sew id-diversi kwistjonijiet u parametri legali dwar il-kwistjoni ta' ġbir ta' data u biex tressaq proposti biex ittejjeb il-mod kif ikunu reġistrati l-każi ta' diskriminazzjoni anke biex ikun żgurat li tali ġbir ta' data ma jiksirx il-privatezza personali billi jiżvela identitajiet individwali jew iservi ta' bażi biex isiru profili etniċi jew razzjali għandu jkun hemm dispożizzjoni biex ikunu disponibbli settijiet komparabbli ta' data mill-Istati Membri kollha. Bħalissa, din id-data mhijiex disponibbli għall-Istati Membri kollha u data komparabbli hija kritika sabiex tagħti bażi solida li fuqha ti sta' titfassal il-politika;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

41. Jenfasizza s-sensittività fl-iproċessar tad-data relatata mar-razza u l-etniċità, u jfakkar fl-applikabilità tad-direttivi tal-ħarsien tad-data għal data trattata fl-applikazzjoni tad-Direttiva; jenfasizza li garanziji addizzjonali għandhom ikunu provduti għal data dwar razza u etniċità, peress li din id-data ti sta' tiddawwar u tintuża għal finijiet oħrajn fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern, pereżempju biex isiru profili etniċi; jerġa' jsostni t-talba tiegħu għall-adozzjoni ta' Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-Ħarsien tad-Data, anke sabiex ikun garantit li kwalunkwe interazzjoni ta' data bejn l-ewwel u t-tielet pilastru tkun taħt regoli stretti dwar il-ħarsien tad-data;

42. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jikkunsidraw il-għbir ta' data statistika, bl-użu tas-salvagwardji xierqa dwar il-ħarsien tad-data personali biex jeskludu l-użu ta' profili etniċi, dwar ir-rappreżentazzjoni ta' gruppi etniċi u razzjali f'oqsma differenti tas-soċjetà, inkluż kemm is-settur pubbliku kif ukoll is-settur privat, u biex jiżviluppaw politiki, fuq il-bażi ta' din id-data, li għandhom l-għan li jiżguraw aċċess ugwali għall-impjieg, l-impjieg għal ras dak li jkun, l-okkupazzjoni, l-edukazzjoni, il-ħarsien soċjali u s-sigurtà soċjali, il-benefiċċji soċjali u l-aċċess għal prodotti u l-provvista tagħhom;

43. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel studju li jeżamina liema Stati Membri għandhom dispożizzjonijiet għal azzjoni pożittiva, liema huma t-testijiet li għandhom jiġu sodisfatti, kif dawn id-dispożizzjonijiet kienu applikati fil-prattika minn korpi governattivi u mhux governattivi, u kemm kienu effettivi;

44. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli għall-pubbliku statistika ddettaljata dwar kriminalità razzista u biex jiżviluppaw sħarriġ dwar il-kriminalità u/jew il-vittmi tal-kriminalità li jippermetti l-għbir ta' data kwantitattiva u komparabbli dwar il-vittmi ta' kriminalità razzista;

45. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistħarreġ dwar u tforni data dwar diskriminazzjoni multipla;

46. Jitlob lill-Kummissjoni biex tissorvelja bir-reqqa d-diskriminazzjoni moħbija bbażata fuq "rekwiżiti okkupazzjonali ġenwini u determinanti", fuq l-interazzjoni bejn diskriminazzjoni bbażata fuq l-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni għal raġunijiet reliġjużi fil-qafas tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol (tfassil mill-ġdid)⁽¹⁾ dwar l-impjieg u l-konsegwenzi tagħha rigward razza u etniċità, u sabiex tagħti attenzjoni partikolari lid-diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni;

47. Itenni x-xewqa politika, soċjali u legali li tinqata' l-ġerarkija tal-protezzjoni kontra r-raġunijiet differenti ta' diskriminazzjoni, u f'dan ir-rispett, jilqa' b'sodisfazzjoni l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/43/KE għar-raġunijiet l-oħra kollha ta' diskriminazzjoni, kif inhu stipulat fil-Programm Leġiżlattiv Annwali għall-2008; konsegwentement, jistenna li l-Kummissjoni tibda ħidmiet preparatorji diġà din is-sena sabiex tippreżenta l-proposta tagħha mill-iktar fis possibbli, u f'kull każ qabel tmiem l-2008;

48. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-interess tal-Kummissjoni fil-kwistjoni ta' diskriminazzjoni multipla, inkluża t-tnedija ta' studju dwar dan is-suġġett; jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta kunċett wiesa' ta' diskriminazzjoni multipla li jkun kapaċi jikkunsidra il-possibilità ta' individwi li jkunu f'riskju ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet diversi f'daqqa;

49. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu iktar importanza lill-evidenza ta' diskriminazzjoni; jirrakkomanda li jseguw l-linji gwida relatati ma' l-evidenza ta' diskriminazzjoni mfassla mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, kif ġie propostmill-Aġenzija dwar id-Drittijiet Fundamentali, u li jħarrġu n-nies biex jipproduċu l-evidenza fl-oqsma ewlenin ta' l-impjieg u x-xogħol, l-edukazzjoni, id-djar u l-akkomodazzjoni, is-saħħa, l-aċċess għal prodotti u servizzi, u l-vjolenza razzista;

(¹) ĠU L 204, 26.7.2006, p.23.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

50. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvolvi l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali fil-qafas leġiżlattiv Komunitarju kontra d-diskriminazzjoni b'mod li jkun konformi mar-responsabilitajiet tal-korp, sabiex tkun ti sta' jkollha rwol importanti billi tforni b'mod regolari informazzjoni preċiża u aġġornata ta' rilevanza għall-abbozzar ta' leġiżlazzjoni ulterjuri;

51. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet ta' l-UE biex ikomplu jużaw is-sitwazzjoni ta' minoranzi etniċi, partikolarment tan-nisa u l-minorenni, f'pajjiżi applikanti bħala kriterju bil-għan li jiġi evalwat kemm ikun lest il-pajjiż għal adeżjoni fl-Unjoni Ewropea;

52. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

P6_TA(2007)0423

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea — 2007 (2007/2065(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3(2) u 141 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel — 2007 ("ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza") (COM(2007)0049),
- wara li kkunsidra l-istrategġija qafas Komunitarja dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (2001-2005) (COM(2000)0335) u r-rapporti annwali tal-Kummissjoni għall-2000, 2001, 2002, 2004, 2005 u 2006 (COM(2001)0179, COM(2002)0258, COM(2003)0098, COM(2004)0115, COM(2005)0044 u COM(2006)0071),
- wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi adottat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2006,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta adottata fl-4 ta' Frar 2005 mill-ministri ta' l-Istati Membri ta' l-UE responsabbli għall-politiki dwar ugwaljanza bejn is-sessi,
- wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006-2010 (COM(2006)0092),
- wara li kkunsidra l-opinjoni dwar id-differenza fil-pagi bejn is-sessi adottata mill-Kumitat Konsultattiv dwar Opportunitajiet Indaqgħan-Nisa u l-Irġiel fit-22 ta' Marzu 2007,

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- wara li kkunsidra l-qafas ta' azzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi adottat mill-imsieħba soċjali Ewropej fit-22 ta' Marzu 2005,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali u tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0290/2007),
- A. billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri dan l-aħħar ġeddew l-impenn tagħhom favur l-ugwaljanza bejn is-sessi, permezz tal-Pjan Direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel imsemmi hawn fuq u bil-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
- B. billi hemm dimensjoni ċara ta' ġeneru fl-isfida demografika li qed tiffaċċja lill-Ewropa u l-politiki ta' ugwaljanza bejn is-sessi huma mod fundamentali biex jintlaqgħu dawn l-isfidi,
- C. billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess tfisser, fil-prattika, l-evalwazzjoni ta' kif il-miżuri politiċi, amministrattivi u soċjali jolqtu l-ħajja u l-qagħda tan-nisa kif ukoll ta' l-irġiel u, fejn ikun meħtieġ, it-teħid tar-responsabilità biex jerġgħu jkunu riveduti dawk il-miżuri bil-ħsieb li tingħieb 'il quddiem l-ugwaljanza bejn is-sessi,
- D. billi r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali, il-ħajja tal-familja u l-ħajja privata kemm għan-nisa u kemm għall-irġiel hija essenzjali għall-promozzjoni tad-dħul, dħul mill-ġdid u d-dewmien fit-tul tan-nisa fis-suq tax-xogħol; peress illi r-responsabilità għat-tfal hija responsabilità li tinqasam bejn il-ġenituri irrispettivament mis-sess,
- E. billi s-segregazzjoni fl-edukazzjoni, il-persistenza ta' l-isterjotiar tal-ġeneru fl-għażla ta' l-oqsma ta' studju u d-diskriminazzjoni kontra l-bniet u t-tfaliet fl-edukazzjoni għadhom diffużi u għandhom konsegwenzi ħżiena għall-pożizzjoni komparattiva tan-nisa f'ċerti setturi tas-suq tax-xogħol, partikolarment dawk relatati ma' teknoloġija avvanzata, xjenza, riċerka u inġinerija,
- F. billi fil-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2006 l-Kunsill irrikonoxxa mill-ġdid li politiki dwar ugwaljanza bejn is-sessi huma strumenti essenzjali għat-tkabbir ekonomiku,
- G. billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess hija speċifikata bħala rekwiżit ewlieni fl-Aġenda ta' Liżbona, u billi l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess għadha mhix żviluppata biżżejjed u tkun sikwit nieqsa mill-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-impjieg u l-inklużjoni soċjali,
- H. billi r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza jenfasizza r-risultat pożittiv għar-rati ta' impjieg tan-nisa billi sitt miljun impjieg mit-tmien miljunmahluqa fl-UE mill-2000 'l hawn, ittieħdu minn nisa, iżda fl-istess ħin jgħid li hemm varjazzjonijiet sinifikanti fir-rati ta' impjieg ta' gruppi differenti ta' età kif ukoll bejn l-oqsma tax-xogħol, bl-impjieg tan-nisa jiżdied l-iktar f'dawk l-oqsma fejn in-nisa kienu diġà f'magħġoranza; waqt li hu ta' dispjaċir li l-parti l-kbira ta' l-impjieg ġodda għan-nisa huma impjegi parzjali u ħafna minnhom huma impjegi perikolużi u mhux żguri b' pagi baxxi li jiżdiedu bil-mod,
- I. billi r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ewropa għall-2006 juri li 32.3 % tan-nisa li għandhom impjieg fl-UE għandhom impjieg parzjali a paragun ta' 7.4 % biss ta' l-irġiel,

⁽¹⁾ ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- J. billi mir-rapport preċedenti ma kien hemm l-ebda żvilupp sostanzjali rigward id-differenza fil-pagi bejn is-sessi (li hija ta' medja ta' 15 % fl-UE u għadha tilħaq it-30 % fxi pajjiżi Ewropej), u dan juri biċ-ċar li ma kienx hemm progress veru fl-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqgħal xogħol ta' valur indaqgħal, prinċipju li għe introdott tletin sena ilu mid-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE ta' l-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqgħal irġiel u għan-nisa ⁽¹⁾; billi d-distribuzzjoni tal-għid bejn l-irġiel u n-nisa fl-UE ukoll mhix indaqgħal,
- K. billi s-tħarriġ ta' l-Ewrobarometru fl-2003 wera li l-fatturi ewlenin li jżommu lill-missirijiet milli jieħdu aktar responsabilitajiet domestiċi u tal-familja mhumiex biss ta' natura finanzjarja iżda jikkonċernaw ukoll il-biża ta' konsegwenzi negattivi fl-iżvilupp tal-karriera jekk jagħmlu dan,
- L. billi l-qgħad fit-tul huwa proporzjonalment ogħla fost in-nisa u billi r-responsabilita' għal tfal ta' 5 snin u iżgħar hija marbuta mar-rata aktar għolja ta' qgħad meta kkumparata ma' dik ta' nisa li m'għandhomx tfal,
- M. billi aċċess xieraq għas-servizzi għal kura tat-tfal, ta' l-anzjani u ta' persuni dipendenti oħra huwa essenzjali sabiex jista' jkun hemm il-parteċipazzjoni sħiħa u uguali ta' l-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol,
- N. billi l-Istati Membri li adottaw politiki ta' rikonċiljazzjoni kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel għandhom rati ogħla ta' twelid, perċentwali ogħla ta' nisa fis-suq tax-xogħol u rati ta' impjieg ogħla,
- O. billi l-imsieħba soċjali għandhom irwol importanti fid-definizzjoni ta' azzjonijiet favur l-ugwaljanza bejn is-sessi fuq livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali, settorjali u korporattiv, u billi politiki ta' konċiljazzjoni ta' suċċess jeħtieġu sħubija bejn min iħaddem, it-trejdjunjins, l-impjegati u l-awtoritajiet pubbliċi,
- P. billi l-aħjar Prattiki juru li azzjonijiet ta' rikonċiljazzjoni fuq livell mikroekonomiku jirriżultaw fanqas tibdil u assenteizmutal-persunal, impenn u produttività ogħla, u jattiraw ħaddiema effiċjenti u mmo-tivati,
- Q. billi l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistipula d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni ⁽²⁾ jipprovdi li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess għandha tingħieb 'il quddiem waqt l-istadji varji ta' l-implimentazzjoni ta' daww il-fondi,
1. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tintensifika l-azzjonijiet tagħha li jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
2. Jilqa' b'sodisfazzjon l-attenzjoni tar-rapport tal-Kummissjoni għal kwistjonijiet ta' impjieg bħalma hija d-differenza fil-pagi bejn is-sessi, il-konċiljazzjoni u d-Direttivi dwar it-trattament indaqgħal, peress li l-indipendenza ekonomika għan-nisa hija waħda mill-prijoritajiet tal-Pjan Direzzjonali għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
3. Jilqa' l-kultura ta' l-ugwaljanza fl-UE, inkluż il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għall-Ugwaljanza u l-Patt tal-Kunsill għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u jitlob l-implimentazzjoni tagħha fil-prattika permezz ta' miżuri konkreti u ta' l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji;
4. Jenfasizza li jinħtieġu aktar sforzi u aktar miżuri biex jingħelbu l-mudelli antikwati ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' mġiba, b'mod partikolari fis-settur amministrattiv, sabiex titjeb l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess fl-oqsma kollha tal-politika;

⁽¹⁾ ĠU L 45, 19.2.1975, p. 19.

⁽²⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p.25.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

5. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess fil-livell ta' l-UE qiegħda titmexxa bħala strateġija doppja li tfttex li tiżgura, minn naħa, l-ugwaljanza għall-irġiel u n-nisa fl-oqsma kollha tal-politika u tat-teħid ta' deċiżjonijiet u, min-naħa l-oħra, miżuri mmirati biex irażżnu d-diskriminazzjoni kontra n-nisa;
6. Jistieden lill-Kummissjoni biex, flimkien ma' l-approċċ għall-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess, tipproponi sensiela ta' miżuri speċifiċi, fosthom kampanji li jqajmu kuxjenza, l-iskambju ta' l-aħjar prattiki, djalogi maċ-ċittadini kif ukoll inizjattivi ta' sħubija bejn il-pubbliku u l-privat;
7. Jirrikonoxxi l-potenzjal tal-politika ta' koeżjoni soċjali għall-promozzjoni ta' l-ugwaljanza;
8. Jinsisti dwar il-hteġa li jkun hemm rabta ċara u permanenti bejn ir-rapporti annwali dwar l-ugwaljanza u l-prijoritajiet definiti fil-Pjan Direzzjonali sabiex ikun implimentat ċiklu effiċjenti ta' ppjanar, monitoraġġ u evalwazzjoni ta' politiki ta' ugwaljanza bejn is-sessi; jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni sabiex taħdem favur it-twettiq ta' dan iċ-ċiklu;
9. Ifakkar fit-talba li għamel fir-riżoluzzjoni tat-2 ta' Frar 2006 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ li talbet li l-Kummissjoni tissorvelja l-konformità mill-Istati Membri ma' l-acquis communautaire fil-qasam ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-politiki kollha, partikolarment politiki ta' impjieġ iżda wkoll dawk li għandhom x'jaqsmu ma' l-aċċess għall-prodotti u s-servizzi, u l-forniment tagħhom; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni sabiex twettaq studju dwar kif l-Istati Membri jimplimentaw il-leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-ugwaljanza u sabiex jieħdu azzjoni adegwata fil-każ li ma jkunx hemm traspożizzjoni jew meta jkun hemm ksur;
10. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali sabiex jevalwaw l-effettività tal-politiki u l-osservanza tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza, b'mod partikulari fir-rigward ta' drittijiet statutorjali u skemi ta' pensjoni u sigurtà soċjali;
11. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jipproponu miżuri speċifiċi biex jiġġieldu l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel ikkawżati minn tendenzi ta' waqfien mix-xogħol li jirriżultaw b'mod partikulari mil-liv għall-maternità jew liv biex wieħed jieħdu ħsieb persuni dipendenti u biex inaqqsu l-effetti negattivi tagħhom fuq karrieri, pagi u drittijiet ta' pensjoni u biex jaħdmu biex il-pagi u l-pensjonijiet ma jkunux ikkondizzjonati mill-ġeneru; jistieden lill-Kummissjoni biex issib mezzi xierqa għall-għieda kontra s-segregazzjoni skond il-ġeneru tas-suq tax-xogħol u biex tiffaċilita d-dħul tan-nisa f'oqsma mhux tradizzjonali;
12. Jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq -analiżi u integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess sabiex tistabbilixxi l-impatt tar-riformi tal-pensjonijiet fuq il-ħajja tan-nisa fl-UE bl-għan li tindividwalizza d-drittijiet għall-pensjoni u s-sigurtà soċjali kif ukoll is-sistemi tat-taxxa;
13. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proċedura konsultattiva ma' l-imsieħba soċjali mnedija mill-Kummissjoni sabiex ittejjeb kemm l-oqfsa leġislattivi u dawk mhux leġislattivi għar-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali, il-ħajja tal-familja u l-ħajja privata; jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni sabiex mingħajr dewmien tniedi t-tieni fażi tal-konsultazzjoni;
14. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiġbor informazzjoni u tiddissemina eżempji ta' l-aħjar prattiki fir-rigward tal-politiki dwar l-ambjent tax-xogħol li jippermettu bilanċ effettiv bejn il-ħajja u x-xogħol u li jinkludu miżuri li jrawmu aktar involviment mill-irġiel fil-ħajja tal-familja; jistieden lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu kemm jevitaw, u kemm jieħdu azzjoni dwar il-fastidju sesswali u morali fil-post tax-xogħol; jinsisti li n-nisa għandhom ikunu appoġġjati fil-karrieri professjonali tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri serji sabiex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn is-sessi u biex jippromwovu kemm il-liv parentali għall-irġiel kif ukoll il-liv għall-paternità;

(1) ĠU C 288 E, 25.11.2006, p 73.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

15. Jinnota li r-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol, il-ħajja privata u dik tal-familja hija kwistjoni importanti u waħda mill-elementi ewlenin sabiex jiżdied l-impjeg u jitnaqqas il-piż tat-tixji demografiku; jirrimarka li l-politiki kollha f'dan il-qasam iridu jkunu bbażati fuq il-prinċipju ta' l-għażla personali hiela u jridu jkunu adattati għall-istadji varji tal-ħajja;
16. Jiddispijaċi li l-Kummissjoni naqset li tikkonsulta lill-imsieħba soċjali meta fasslet il-Green Paper dwar il-modernizzazzjoni tal-liġi dwar ix-xogħol (COM(2006)0708);
17. Jinnota li l-globalizzazzjoni kienet forza pożittiva, li ppermettiet lin-nisa madwar id-dinja kollha li jilhq u l-potenzjal tagħhom, l-aktar permezz ta' l-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa; jinnota, iżda li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ ħolqot tendenzi kontradittorji u simultanji, li minn naħa effettivament jip-promwovu l-formalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tax-xogħol f'numru ta' oqsma, u, min-naħa l-oħra, espandew l-ekonomija informali b'tipi ġodda ta' xogħol u dħul għan-nisa, bħax-xogħol mid-dar, is-subkuntrattazzjoni u l-mikro-intrapriżi;
18. Jinnota li wieħed mill-effetti ta' globalizzazzjoni aktar mifruxa huwa l-femminizzazzjoni tal-faqar u li għandha ssir riċerka bir-reqqa sabiex ikun magħruf l-impatt totali tal-globalizzazzjoni fuq il-kapaċità tan-nisa li jaqilgħu l-għixien;
19. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali futuri kollha, pereżempju dawk fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Kummerċ (WTO), ikunu wkoll miflija bir-reqqa mill-perspettiva ta' kwistjonijiet tal-ġeneru;
20. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiffoka speċifikament fuq l-ostakli li jżommu lin-nisa milli jkollhom aċċess għall-ogħla impjegi, sabiex tevalwa d-dimensjoni strutturali ta' dan il-fenomen; jilqa', għalhekk, miżuri li jgħinu lin-nisa biex jidħlu fis-suq tax-xogħol fuq bażi ugwali ma' l-irġiel u li jippromwovu l-intraprenditorija femminili u jnsisti fuq l-importanza li jkunu eliminati l-preġudizzji u d-diskriminazzjoni eżistenti bejn is-sessi rigward il-kompetittività? u l-impjegabilità? tan-nisa, speċjalment f'impjegi ta' livell għoli;
21. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun indirizzat id-defiċit demokratiku kbir marbut man-nuqqas ta' rappreżentazzjoni tan-nisa fit-tehd ta' deċiżjonijiet politiċi u jstieden lill-Istati Membri biex jinvestigaw il-fatturi li jxekklu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika u fil-gradi għolja tat-tmexxija u l-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha u li jittieħdu miżuri biex ikunu miġġielda sitwazzjonijiet bħal dawn;
22. Jappella sabiex tingħata attenzjoni speċifika għas-sitwazzjoni tan-nisa li jappartjenu għal minoranzi etniċi u ta' immigranti nisa, peress li l-marġinalizzazzjoni tagħhom hija msaħħa mid-diskriminazzjoni multipla kemm minn barra l-komunitajiet tagħhom, kif ukoll fi hđanhom; jirrakomanda l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali integrati sabiex tittieħed azzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni multipla, speċjalment fejn korpi differenti jitrattaw kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni fi Stat Membru partikulari;
23. Jenfasizza l-importanza li jkun żgurat li immigranti li jidħlu fl-UE jkunu konxji mill-valuri u mil-liġijiet u konvenzjonijiet soċjali eżistenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-soċjeta' tal-pajjiżi ospitanti sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni li jirriżultaw minn nuqqas ta' kuxjenza kulturali;
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jintensifikaw l-iskambju ta' l-aħjar prattiki dwar in-non-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol sabiex jippromwovu d-dinamika bejn l-ugwaljanza u l-effiċjenza fir-rigward ta' speċifitajiet nazzjonali;
25. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw oġettivi speċifiċi għall-ugwaljanza bejn is-sessi u miri fil-kuntest ta' l-Istrateġija għall-Inklużjoni Soċjali sabiex jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkludja sensiela ta' azzjonijiet b'appoġġ għal familji mhux tradizzjonali u familji b'ġenitur wieħed, u azzjonijiet speċifiċi ta' politika b'appoġġ għal gruppi ta' nisa li għandhom riskju għoli ta' faqar u esklużjoni soċjali bħall-migranti, ir-rifuġjati, nisa minn minoranzi etniċi, nisa avvanzati fl-età u nisa b'diżabilità;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

26. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkopera ma' l-Istati Membri fil-għbir ta'data rilevanti u fl-infurzar ta' miżuri li jistgħu jevitaw it-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament sesswali u xogħol sfurzat;
27. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiffoka fuq strumenti u mekkaniżmi maħsuba biex jevitaw l-isfruttament sesswali ta' ħaddiema migranti, inkluż ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem ta' migranti irregolari minflok ma tibbaża fuq ir-repressjoni;
28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jimmutwalizzaw l-ispejjeż tal-benefiċċji tal-maternità u tal-liv parentali sabiex jiżguraw li n-nisa ma jibqgħux jirrappreżentaw sors ta' xogħol li jinvolvi aktar spejjeż mill-irġiel;
29. Jistieden lill-Istati Membri biex jiġġieldu, flimkien ma' l-imsieħba soċjali, id-diskriminazzjoni kontra n-nisa tqal fis-suq tax-xogħol u biex jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw livell għoli ta' ħarsien għall-ommijiet; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel evalwazzjoni iktar dettaljata tal-konformità mal-liġi Komunitarja f'dan il-qasam u biex tiddetermina jekk hemmx bżonn li din tkun riveduta;
30. Huwa mħasseb li, minkejja l-progress kollu li sar, in-nisa, l-aktar in-nisa xjuħ u l-ommijiet waħidhom, għadhom fir-riskju ta' l-esklużjoni u tal-faqar;
31. Jistieden lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali biex jaħdmu biex ikun possibbli li n-nisa kollha li jfittxu impjieg full-time ikunu offruti impjieg ta' dan it-tip pjuttost milli impjegi parzjali, li sikwit ikunu perikolużi u mhux żguri;
32. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tagħti spinta għida biex jintlaħqu l-oġettivi miftehma fil-Kunsill Ewropew ta' Barċellona ta' l-2002, għall-eliminazzjoni ta' l-ostakli għall-parteċipazzjoni ndaq tan-nisa u ta' l-irġiel fis-suq tax-xogħol u għall-introduzzjoni, sa l-2010, tal-kura tat-tfal għal 90 % tat-tfal bejn l-età ta' 3 snin u l-età obbligatorja sabiex jattendu l-iskola u għal talanqas 33 % tat-tfal taħt it-3 snin, l-aktar permezz ta' l-użu ta' fondi strutturali; jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni biex fl-2008 tressaq, kif previst, komunikazzjoni li tistipula l-passi ulterjuri li jridu jittieħdu fil-livelli kollha sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi; jikkundsidra li l-għan għandu jkun li t-tfal kollha jingħataw id-dritt għall-kura ta' kwalità għolja, li tinkorpora element edukattiv;
33. Jikkundsidra li l-Istati Membri għandhom ir-responsabilità li jiżguraw li kull min għandu bżonn kura ġerjatrika jew kura għal raġunijiet ta' mard jew diżabilità jkollu aċċess għall-kura u trattament ta' kwalità għolja;
34. Jinsisti fuq il-bżonn li jiġu żviluppati politiki li jkun ffukati fuq il-ġlieda kontra l-isterjotipi tas-sessi fl-edukazzjoni minn età żgħira, inkluża l-eliminazzjoni ta' għandhom mill-kurrikuli u l-kotba ta' l-iskola, bit-taħriġ għall-għalliema u l-istudenti sabiex ikunu konxji u bl-inkoraġġiment lit-tfal subien u bniet biex isegwu itinerarji edukattivi mhux tradizzjonali;
35. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi djalogu ma', u tinkoraġġixxi l-media, minħabba l-irwol influwenzali li għandhom fil-qasam ta' responsabilità soċjali, sabiex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u jevitaw li juru xbihat sterjotipati tan-nisa u l-irġiel;
36. Jirrakkomanda l-iżvilupp ta' miżuri pan-Ewropej sabiex tikber il-kuxjenza ta' l-ebda tolleranza għal insulti sessisti u rappreżentazzjonijiet degradanti tan-nisa fil-media u fil-komunikazzjoni kummerċjali;
37. Jirrakkomanda li l-bżonnijiet individwali differenti tal-bniet u s-subien, rigward l-iżvilupp ta' għandhom, għandhom jiġu meqjusa ħafna aktar fl-edukazzjoni, u li waqt li jsir dan, ikunu miġġielda l-isterjotipi;
38. Jikkundsidra li s-suq tax-xogħol f'haġna pajjiżi ta' l-UE ma jirriflettix b'mod adegwat il-medja superjuri ta' livelli fl-edukazzjoni milħuq minn-nisa, u lanqas ma jirrifletti r-rendiment akkademiku aħjar tan-nisa;

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

39. Jirrakomanda li jkun hemm ħidma biex ikun żgurat li l-edukazzjoni skolastika tippromwovi l-għarfien u tistabbilixxi kriterji bis-sens sabiex ikun possibbli li tinkiseb il-libertà, l-awtonomija personali kif ukoll l-ekwità sabiex tinkiseb l-inklużjoni soċjali; jemma ukoll li l-hekk imsejħa kompetenzi ewlenin, bħall-attitudni intraprenditorjali u approċċ xjentifiku u teknoloġiku għandhom ikunu rinforzati, b'mod partikulari fost in-nisa;

40. Jenfasizza l-ħtieġa għall-miżuri ta' taħriġ li għandhom jiġu pprovduti waqt il-liv parentali sabiex wieħed ikun jista' jlaħħaq ma' bidliet fir-rekwiżiti ta' l-impjieġ;

41. Josserva l-importanza ta' statistika kumparabbli xierqa u, f'dan il-kuntest, jiddispjaċih li ċerti kategoriji ta' persuni huma inviżibbli fl-istatistika Ewropea, pereżempju koppji li jaħdmu fl-irziezet tal-familja; li meta jkunu nisa, ġeneralment ikunu reġistrati bħala 'nisa tad-dar'; jistieden lill-Eurostat biex tinkludi din il-kategorija ta' persuni fl-istatistiċi tagħha sabiex ikun hemm iżjed rikonoxximent tax-xogħol li jagħmlu n-nisa;

42. Jisħaq li, fis-settur agrikolu, in-nisa spiss jagħmlu parti sostanzjali mix-xogħol bħala ħaddiema tal-familja; jikkundsidra li kont jista' jiġi meħud ta' dan ix-xogħol fil-politika ta' l-iżvilupp rurali;

43. Jiġbed l-attenzjoni għan-numru kbir (l-aktar nisa) ta' sħab li jaħdmu firziezet tal-familja, li l-istatus legali tagħhom f'ħafna Stati Membri huwa inċert, li jista' jwassal għal problemi speċifiċi finanzjarji u legali rigward l-aċċess għal-liv tal-maternità u tal-mard, akkumulazzjoni tad-drittijiet tal-pensjoni u aċċess għas-sigurtà soċjali, kif ukoll fil-każ ta' divorzju;

44. Jenfasizza l-bżonn li l-istatus legali tan-nisa li jaħdmu fis-settur agrikolu jitjieb, kemm fir-rigward tas-sigurtà soċjali, billi jiġi żgurat li jkollhom aċċess dirett għaliha, u kemm fir-rigward ta' l-irwol tagħhom fl-irziezet, b'enfasi partikolari fuq il-pussess konġunt ta' l-irziezet tal-familja, l-aċċess għal self, u d-drittijiet tagħhom fil-kuntest tal-liġi tas-suċċessjoni;

45. Jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, dwar ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Frar 1997 dwar is-sitwazzjoni ta' l-għajnuna għal dawk miżżewġin lil persuni li jaħdmu għal rashom⁽¹⁾, li fiha talab għal titjib taċ-ċirkustanzi ta' l-għajnuna lin-nisa miżżewġin fl-agrikultura, li għandu jinkiseb permezz tat-tisħiħ tad-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE tal-11 Diċembru 1986 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li huma involuti f'attività, inkluża l-agrikultura, fil-kapaċità tagħhom ta' impjegati għal rashom, u dwar il-ħarsien ta' nisa li jaħdmu għal rashom waqt it-tqala u t-trobbija tat-tfal⁽²⁾, permezz ta' l-introduzzjoni ta' status legali għall-għajnuna tal-miżżewġin li permezz tiegħu, minflok jiġu mċaħħda mir-rikonoxximent ta' ħaddiema, ikunu parti minn sistema ta' servizzi soċjali sabiex jiġu eliġibbli għall-assikurazzjoni fuq mard, invalidità, u aċċidenti u għad-dritt għall-pensjoni ta' l-anzjani;

46. Jiġbed l-attenzjoni għal-livelli għolja ta' faqar u iżolament li jaffettwaw lin-nisa f'ċerti żoni rurali; ifakkar fil-ħtieġa ta' miżuri effettivi li jiggarrantixxu opportunitajiet ugwali għan-nisa, li huwa għan li għandu jkun fiċ-ċentru tal-miżuri kollha previsti mill-politika agrikola komuni (CAP) u minn politiki Komunitarji rilevanti oħrajn;

47. Iqis li huwa vitali li titjieb il-kwalità tal-ħajja tan-nisa li jgħixu f'żoni rurali billi jsirilhom possibbli li jkollhom aċċess aktar faċli għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, għat-tagħlim tul il-ħajja kollha, għall-infrastrutturi l-ġodda tal-midja, għas-servizz lokali pubbliċi effiċjenti u meħtieġa tas-saħħa, u għall-faċilitajiet u l-kumditajiet bażiċi lokali għat-tfal u l-familji, inklużi n-nurseries, il-kindergartens, l-iskejjel, iċ-ċentri ta' l-arti u s-swieq;

⁽¹⁾ ĠU C 85, 17.3.1997, p. 186.

⁽²⁾ ĠU L 359, 19.12.1986, p. 56.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

48. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Fond Soċjali Ewropew jagħti l-appoġġ tiegħu għal miżuri speċifiċi li jtejb u l-aċċess u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol kif ukoll għall-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess; jikkundisdr li l-fondi reġjonali għandu jkollhom entrata fil-baġit (ta' bbaġitjar għall-perspettiva tas-sess) biex jiġu ffinanzjati miżuri li jkunu mfassla biex tinġieb 'il quddiem l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll biex isir stħarriġ li jevalwa l-effett tal-politiki marbuta mal-qagħda tan-nisa;

49. Ifakkar fil-ħtieġa li jkunu inkorporati approċċi ġodda u strumenti innovattivi fl-istrateġiji ta' l-iżvilupp reġjonali u jisħaq fuq il-bżonn li wieħed jaħseb għat-taħriġ fil-metodoloġija dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess kif ukoll għal strumenti li jgħinu biex jittieħdu d-deċiżjonijiet fil-livelli reġjonali u lokali; jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa l-linji ta' gwida tagħha għas-settur amministrattiv dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sess għall-iskopijiet tal-fondi strutturali;

50. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex, bl-għajnuna ta' l-Istitut tal-Ġeneru, fil-ġejjieni, fir-rapporti annwali dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, tinkludi fatti u statistiki minn pajjiżi li se jissiehu u pajjiżi kandidati;

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

CORRIGENDUM

Corrigendum tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottat fl-ewwel qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri kriminali bil-għan li jiżguraw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali

(“Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea” C 74 E ta' l-20 ta' Marzu 2008)

Il-pożizzjoni tal-Parlament għandha tinqara kif ġej:

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2007/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri kriminali bil-għan li jiżguraw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Il-Green Paper dwar il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija fis-Suq Intern ippreżentata mill-Kummissjoni fil-15 ta' Ottubru 1998 tinnotta li l-falsifikazzjoni u l-piraterija saru fenomeni internazzjonali li għandhom riperkussjonijiet importanti fil-livell ekonomiku u soċjali u f'termini ta' protezzjoni tal-konsumatur, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà pubblika. Ġie mfassal pjan ta' azzjoni bħala parti mis-segwitu tal-Green Paper u ġie inkluż fil-Komunikazzjoni dwar l-istess suġġett li l-Kummissjoni indirizzat lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali fit-30 ta' Novembru 2000.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu, il-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-20 u l-21 ta' Marzu 2003, stieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex itejbu l-isfruttament tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali billi jieħdu miżuri kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija.

⁽¹⁾ ĠU C [...], [...], p. [...].

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- (3) Fuq livell internazzjonali, l-Istati Membri kif ukoll il-Komunità, għall-kwistjonijiet ta' kompetenza tagħhom, huma marbutin bil-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali Marbuta mal-Kummerċ (il-Ftehim TRIPS), konkluż fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE⁽¹⁾. Il-Ftehim TRIPS fih, b'mod partikolari, numru ta' dispożizzjonijiet kriminali li jiffurmaw standards komuni applikabbli fuq livell internazzjonali iżda d-differenzi bejn l-Istati Membri għadhom kbar wisq biex il-għieda kontra r-reati tal-proprietà intellettwali tkun effettiva, partikolarment fil-każijiet l-aktar serji. Dan inaqqas il-fiduċja fost il-gruppi ekonomiċi fis-suq intern u jwassal għal tnaqqis ta' investimenti fl-innovazzjoni u l-kreazzjoni.
- (4) Il-Kummissjoni adottat ukoll, f'Novembru 2004, Strateġija għall-Infurzar tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali għall-pajjiżi terzi.
- (5) Id-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali⁽²⁾ tistabbilixxi miżuri, proċeduri u rimedji ta' natura ċivili u amministrattiva. Huma meħtieġa għadd ta' pjeni li huma biżżejjed disważivi, applikabbli fil-Komunità kollha sabiex id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva jkunu kompluti. Hija meħtieġa l-armonizzazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet kriminali sabiex il-falsifikazzjoni u l-piraterija fis-suq intern jiġu miġġielda b'mod effettiv. Il-leġiżlatura Komunitarja hija kompetenti biex tfassal il-miżuri tal-liġi kriminali meħtieġa biex tiggarrantixxi l-effettività sħiħa tar-regoli li tistabbilixxi dwar il-protezzjoni tal-proprietà intellettwali, **kif definit f'din id-Direttiva għajr il-kwistjoni ta' brevetti.**
- (6) Waqt li tkompli tibni fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar rispons tad-Dwana għall-falsifikazzjoni u l-piraterija adottata f'Ottubru 2005, il-Kunsill adotta Riżoluzzjoni fit-13 ta' Marzu 2006, fejn enfasizza li l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona "jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' suq intern li jiffunzjona sew b'miżuri xierqa biex jinkuraġġixxu l-investiment f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien u biex tkun rikonoxxuta t-theddida mit-tkattir serju tal-falsifikazzjoni u l-piraterija għall-ekonomija bbażata fuq l-għarfien ta' l-Unjoni Ewropea u partikolarment għas-saħħa u s-sikurezza (...)"
- (7) **Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2006 dwar il-falsifikazzjoni tal-prodotti mediċinali, il-Parlament Ewropew kien tal-fehma li l-Komunità Ewropea għandha, bl-akbar urġenza, tgħammar lilha nnifisha bil-mezzi neċessarji biex tkun tista' tiġġielda b'mod effettiv l-prattiki illeċiti fil-qasam tal-piraterija u ta' l-falsifikazzjoni tal-mediċini.**
- (8) Għandu jkun armonizzat il-livell tal-pieni għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu wettqu reati ta' dan it-tip. Għandha jiġu armonizzati b'mod partikolari, ir-regoli dwar is-sentenzi ta' priġunerija, il-multi u l-konfiski.
- (9) **Fir-rigward ta' persuni akkużati li kkommettew ir-reati stipulata f'din id-Direttiva, u biex tiġi stabbilita l-intenzjoni tagħhom li jiksru d-dritt tal-proprietà intellettwali msemmi, għandu jitqies kemm l-akkużat, qabel ir-reat, kellu raġuni sostanzjali biex jargumenta li d-dritt tal-proprietà intellettwali in kwistjoni ma kienx validu.**
- (10) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-investigazzjonijiet kriminali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw **il-koperazzjoni tad-detenturi tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali mal-gruppi konġunti ta' l-investigazzjoni skond l-arranġamenti stipulati fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/465/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-gruppi konġunti ta' l-investigazzjoni⁽³⁾. L-involviment tad-detenturi tad-drittijiet tal-proprietà intellettwali konċernati għandu jikkostitwixxi rwol ta' appoġġ li ma jinterferixx man-newtralità ta' l-investigazzjonijiet ta' l-istat.**
- (11) Sabiex l-investigazzjonijiet jew il-proċeduri kriminali dwar ir-reat tal-proprietà intellettwali jiġu ffaċilitati, dawn m'għandhomx jiddependu fuq rapport jew akkuża li jsir mill-vittma tar-reat.

⁽¹⁾ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45. Corrigendum ppubblikata fil-ĠU L 195, 2.6.2004, p.16.

⁽³⁾ ĠU L 162, 20.6.2002, p. 1.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- (12) ***Id-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea għandhom, matul l-investigazzjonijiet u l-proċedura ġudizzjarja, ikunu rispettati bis-sħiħ meta jiġu definiti l-atti u l-pieni kriminali.***
- (13) Din id-Direttiva ma taffettwax is-sistemi ta' responsabbiltà speċifiċi bħal dik stabbilita għall-fornituri tas-servizz ta' l-Internet ***permezz tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 fuq ċerti aspetti legali tas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni, b'mod partikolari dwar il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern⁽¹⁾ u permezz tad-Direttiva ma taffettwax is-sistemi ta' responsabbiltà speċifiċi bħal dik stabbilita fid-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni⁽²⁾.***
- (14) Peress li l-għan ta' din id-Direttiva ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk jintlaħaq aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan.
- (15) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tara li jkun hemm irrispett sħiħ lejn il-proprjetà intellettuali, skond l-Artikolu 17 (2) tal-Karta.
- (16) ***Hu neċessarju li tiġi żgurata protezzjoni adegwata tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fis-settur awdjoviżiv, kif indikat fid-Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 1998 dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu fi, aċċess kondizzjonat⁽³⁾.***

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Objettiv u kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi l-miżuri kriminali meħtieġa biex jiġi żgurat l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, ***kif definit hawn taħt fil-kuntest tal-falsifikazzjoni u l-piraterija.***

Dawn il-miżuri ser japplikaw għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, ***għajr il-brevetti***, stabbiliti fil-leġislazzjoni ***Komunitarja.***

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma japplikawx għad-drittijiet industrijali li jkollhom brevett.

B'mod partikolari, din id-Direttiva ma tapplikax għal ksur tal-liġi dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali relatati ma':

- ***drittijiet tal-privattivi, mudelli utilitarji u drittijiet ta' varjetà ta' pjanti, inklużi d-drittijiet miċ-ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni;***
- ***importazzjoni parallela ta' prodotti oriġinali minn pajjiż terz li tħallew isiru mid-detentur tad-dritt.***

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

a) ***"drittijiet ta' proprjetà intellettuali"*** tfisser wieħed jew aktar mid-drittijiet li ġejjin:

- ***drittijiet ta' l-awtur,***
- ***drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur,***
- ***id-dritt sui generis ta' produttur ta' database,***
- ***drittijiet ta' min joħloq it-topografiji ta' prodott semikonduttur,***

⁽¹⁾ ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 320, 28.11.1998, p. 54.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- *id-drittijiet tal-marka kummerċjali, sakemm il-protezzjoni tal-liġi kriminali estiża għalihom ma tfixkilx ir-regoli tas-suq ħieles u l-attivitajiet ta' riċerka,*
 - *drittijiet dwar disinni,*
 - *l-indikazzjonijiet ġeografiċi,*
 - *l-ismijiet kummerċjali, sakemm dawn ikunu protetti bħala drittijiet esklużivi ta' proprjetà fil-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata,*
 - *u fi kwalunkwe każ id-drittijiet, sakemm ikun sar provvediment għalihom f'livell Komunitarju, rigward prodotti li jaqgħu fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar azzjoni tad-dwana kontra prodotti li huma ssuspettati li jkunu kisru ċerti drittijiet tal-proprjetà intellettuali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra prodotti li jinstabu li kisru dawn id-drittijiet⁽¹⁾, u fi kwalunkwe każ bl-esklużjoni tal-brevetti;*
- b) *“ksur tal-liġi fuq skala kummerċjali” tfisser kull ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettuali magħmul biex jinkiseb vantaġġ kummerċjali; dan jeskludi atti li jsiru minn utenti privati għal skopijiet personali u mhux għall-qlich;*
- c) *“ksur tal-liġi intenzjonat ta' dritt tal-proprjetà intellettuali” tfisser kull ksur tal-liġi magħmul apposta u koxjentement tad-dritt ikkonċernat bi skop li jinkiseb vantaġġ ekonomiku fuq skala kummerċjali;*
- d) *“persuna ġuridika” tfisser kull entità ġuridika li għandha dan l-istatut skond il-liġi nazzjonali applikabbli, bl-eċċezzjoni ta' l-Istati u ta' kull korpi pubbliċi oħra li jaġixxu fl-eżerċizzju tal-prerogattiva tagħhom tas-setgħa pubblika, kif ukoll l-organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali.*

Artikolu 3

Reati

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ksur kollu intenzjonat ta' dritt ta' proprjetà intellettuali fuq skala kummerċjali, kif **ukoll l-għajjnuna** u l-kompliċità **fil-ksur effettiv** għandhom jitqiesu bħala reati kriminali.

Sanzjonijiet kriminali ma għandhomx jiġu applikati f'każi ta' importazzjoni parallela ta' prodotti oriġinali tpoġġew fuq is-suq bi ftehim mad-detentur tad-dritt f'pajjiż barra l-Unjoni Ewropea.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-użu ġust ta' xogħol imħares, inkluż r-riproduzzjoni permezz ta' kopji jew awdjo jew permezz ta' kull mezz ieħor, għall-finijiet ta' kritika, reċensjoni, rapportaġġ għall-aħbarjet, tagħlim (inkluża l-produzzjoni ta' bosta kopji għall-użu fil-klassi), studju jew riċerka, ma jikkostitwix reat kriminali.

Artikolu 4

Natura tal-pieni

1. Għar-reati msemmija fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jipprovdu *għall-pieni* li ġejjin:
 - a) fir-rigward tal-persuni fiżiċi: sentenza ta' kustodja;
 - b) fir-rigward ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi:
 - i) multi **kriminali għal persuni fiżiċi u kriminali jew multi mhux kriminali għal persuni ġuridiċi;**
 - ii) il-konfiska ta' l-oġġetti, l-istrumenti u l-prodotti li ġejjin mir-reati jew ta' oġġetti li l-valur tagħhom jikkorrispondi għal dawn il-prodotti.
2. Għar-reati msemmija fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jipprovdu li dawn il-pieni jkunu wkoll applikabbli fil-każijiet fejn ikun xieraq:
 - a) il-qerda ta' l-oġġetti **inkluż il-materjal jew it-tagħmir użati biex** jiksru d-dritt tal-proprjetà intellettuali;
 - b) l-għeluq totali jew parzjali, definittiv jew temporanju, ta' l-istabbiliment li jkun **intuża biex** jitwettaq ir-reat;

⁽¹⁾ **ĠU L 196, 2.8.2003, p. 7.**

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

- c) il-projbizzjoni permanenti jew temporanja ta' l-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali;
- d) it-tqeghid taht supervizzjoni ġudizzjarja;
- e) l-istralċ ġudizzjarju;
- f) il-projbizzjoni ta' l-aċċess għall-ġhajjnuna u s-sussidji pubbliċi;
- g) il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji;
- h) **ordni li titlob il-ħlas, min-naħa tal-falsifikatur, ta' l-ispejjeż għall-kustodja ta' l-oġġetti kkonfiskati.**

Artikolu 5

Livell tal-pieni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, f'każ li reat issir minn persuni fiżiċi, ir-reati msemmija fl-Artikolu 3 jkunu kkastigati b'sentenza **ta' mill-inqas 4 snin ħabs, meta dawn ir-reati jkunu ta' natura gravi fis-sens ta' l-Artikolu 3 (5) tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-għan tal-money laundering jew il-finanzjament tat-terroriżmu** ⁽¹⁾ **jew li jkunu mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fis-sens tad-Deċiżjoni Kwadru 2007/.../JHA dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew meta dawn ir-reati jkunu ta' riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà.**

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li, f'każ li persuni fiżiċi jew entitajiet ġuridiċi huma responsabbli mir-reati msemmija fl-Artikolu 3 jkunu kkastigati b'peni effettivi, proporzjonati u dissuasivi. Dawn il-pieni jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali:

- a) sa massimu ta' mill-inqas EUR 100 000 għall-każijiet barra **dawk imsemmija fil-Paragrafu 1;**
- b) sa massimu ta' mill-inqas EUR 300 000 għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

3. **L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li reati ripetuti fis-sens ta' l-Artikolu 3 li jitwettqu minn persuni fiżiċi u ġuridiċi fi Stat Membru għajr dak ta' l-oriġini jew ta' domiċilju tagħhom jitqiesu meta jiddeterminaw il-livell tal-piena skond il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.**

Artikolu 6

Setgħat imwessa' ta' konfiska

L-Istati Membri ser jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-konfiska totali jew parzjali ta' l-oġġetti tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kkundannati skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/212/JHA ta' l-24 ta' Frar 2005 **dwar il-konfiska ta' rikavati, mezzi strumentali u propjeta' marbuta mal-kriminalità** ⁽²⁾, meta r-reati jkunu **gravi fis-sens ta' l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2005/60/KE jew li jkunu mwettqa fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fis-sens tad-Deċiżjoni Kwadru 2007/.../JHA** dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew fejn dawn ir-reati jwasslu għal riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-persuni.

Artikolu 7

L-Użu inġust ta' drittijiet

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, permezz ta' miżuri kriminali, ċivili u proċedurali, l-użu ħażin ta' theddid ta' sanzjonijiet kriminali huwa projbit u jsir suġġett għal piena.

L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-użu ħażin tal-proċedura, l-aktar fejn il-miżuri kriminali jintużaw għall-infurzar tar-rekwiżiti tal-liġi ċivili.

⁽¹⁾ ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 68, 15.3.2005, p. 49.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

Artikolu 8

Id-drittijiet tal-konvenuti

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-konvenuti jiġu mħarsa u ggarantiti kif jixraq.

Artikolu 9

Gruppi konġunti ta' investigazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali kkonċernati, jew ir-rappreżentanti tagħhom, u esperti, jitħallew jassistu l-investigazzjonijiet mwettqa minn gruppi konġunti fir-reati msemmija fl-Artikolu 3.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu salvagwardji adegwati biex jiżguraw li assistenza simili ma tikkompromettix id-drittijiet ta' l-akkużat, pereżempju billi taffettwa l-preċiżjoni, l-integrità jew l-imparzjalità tal-provi.

3. L-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tad-data personali, u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-ħarsien ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali data⁽¹⁾ għandhom ikunu rrispettati bis-sħiħ waqt l-investigazzjoni u l-proċeduri ġudizzjarji.

Artikolu 10

Id-dritt li tirċievi informazzjoni mill-awtoritajiet ta' l-infurzar

L-Istati Membri għandhom jistipulaw li, fejn l-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi jaqdbu oġġetti inkriminanti jew jiksbu provi oħra ta' xi reat, l-awtoritajiet għandhom jipproduċu dawn il-provi biex jintużaw fi proċeduri ċivili pendenti jew ikkontempati kontra l-allegat akkużat miġjub mid-detentur tad-dritt quddiem qorti b'ġurisdizzjoni kompetenti fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u, fejn prattikabbli, li dawn l-awtoritajiet jinfurmaw lid-detentur tad-dritt jew lir-rappreżentant tiegħu li għandhom il-pussess ta' dawn l-oġġetti jew provi. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-għoti ta' dawn il-provi lid-detentur tad-dritt ikun suġġett għal aċċess raġonevoli sabiex tiġi żgurata l-integrità tal-provi u sabiex jiġi evitat ħsara lil kwalunkwe proċedura kriminali li tista' ssegwi.

Artikolu 11

Il-bidu tal-proċeduri kriminali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-possibilità li jinb dew investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjoni, tar-reati msemmija fl-Artikolu 3 ma tiddependix fuq rapport jew akkuża li tkun ġejja mill-vittma tar-reat, għall-inqas jekk l-att ikun twettaq fuq it-territorju ta' l-Istat Membru.

Artikolu 12

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex isiru konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill- ...⁽²⁾ Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

⁽¹⁾ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

⁽²⁾ Tmintax-il xhar wara d-data ta' l-adozzjoni.

Il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2007

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandha tiġi meħmuża magħhom referenza bħal din *fil-jum* tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-*proċedura* ta' kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak *tal-pubblikazzjoni tagħha* fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 14

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi, ...

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President
